Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 24 ta' Marzu 2025**
**(OR. en)**

**6984/25**

**SOC 120**
**EMPL 82**
**EDUC 54**
**ECOFIN 272**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025 kif adottat mill-Kunsill (EPSCO) fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Marzu 2025.

## Werrej

MESSAĠĠI EWLENIN ........................................................................................................................4
KAPITOLU 1. ĦARSA ĠENERALI LEJN IX-XEJRIET SOĊJALI U TAS-SUQ TAX-XOGĦOL, IL-PROGRESS FIL-MIRI GĦALL-2030 U SEJBIET ORIZZONTALI EWLENIN DWAR IL-KONVERĠENZA SOĊJALI ....................................................................................................48
1.1 Xejriet ewlenin tas-suq tax-xogħol.................................................................................... 48
1.2 Xejriet soċjali ewlenin........................................................................................................ 54
1.3 Progress fil-miri nazzjonali u tal-UE ewlenin għall-2030............................................. 58
1.4 Is-sejbiet orizzontali ewlenin mill-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż dwar il-konverġenza soċjali 67
KAPITOLU 2. IMPJIEGI U RIFORMI SOĊJALI – PRESTAZZJONI U AZZJONI TAL-ISTATI MEMBRI ..........................................................................................................................................77
2.1 Linja Gwida 5: Nagħtu spinta lid-domanda għall-ħaddiema ......................................... 77
2.1.1 Indikaturi ewlenin ..............................................................................................................78
2.1.2 Miżuri meħuda mill-Istati Membri ....................................................................................99
2.2. Linja Gwida 6 – Insaħħu l-provvista tal-ħaddiema u ntejbu l-aċċess għall-impjiegi, l-akkwiżizzjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi tul il-ħajja .......................................................... 105
2.2.1 Indikaturi ewlenin ............................................................................................................106
2.2.2 Miżuri meħuda mill-Istati Membri ..................................................................................152
2.3 Linja Gwida 7: Insaħħu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali 168
2.3.1 Indikaturi ewlenin ............................................................................................................169
2.3.2 Miżuri meħuda mill-Istati Membri ..................................................................................194
2.4 Linja Gwida 8: Nippromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inrawmu l-inklużjoni soċjali u niġġieldu l-faqar.............................................................................. 204
2.4.1 Indikaturi ewlenin ............................................................................................................205
2.4.2 Miżuri meħuda mill-Istati Membri ..................................................................................255
KAPITOLU 3. ANALIŻI TAL-EWWEL STADJU TAL-PAJJIŻ ......................................268
Il-Belġju................................................................................................................................... 270
Il-Bulgarija .............................................................................................................................. 272
Iċ-Ċekja ................................................................................................................................... 274

Id-Danimarka ........ 276
Il-Ġermanja ........ 278
L-Estonja ........ 280
L-Irlanda ........ 282
Il-Greċja ........ 284
Spanja ........ 286
Franza ........ 288
Il-Kroazja ........ 290
L-Italja ........ 292
Ċipru ........ 294
Il-Latvja ........ 296
Il-Litwanja ........ 298
Il-Lussemburgu ........ 300
L-Ungerija ........ 302
Malta ........ 304
In-Netherlands ........ 306
L-Awstrija ........ 308
Il-Polonja ........ 310
Il-Portugall ........ 312
Ir-Rumanija ........ 314
Is-Slovenja ........ 316
Is-Slovakkja ........ 318
Il-Finlandja ........ 320
L-Iżvezja ........ 322

## MESSAĠĠI EWLENIN

**Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kunsill jimmonitorja s-sitwazzjoni tal-impjiegi fl-Unjoni u l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, f'konformità mal-Artikolu 148 TFUE**. Ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali annwali lejn l-iżviluppi soċjali u tal-impjiegi ewlenin fl-Unjoni u tal-miżuri ta' politika reċenti tal-Istati Membri, f'konformità mal-Linji Gwida għall-Politiki dwar l-Impjiegi tal-Istati Membri[1], u jidentifika l-oqsma ta' prijorità ewlenin relatati għall-azzjoni politika. Il-JER jagħmel enfasi qawwija fuq l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari permezz ta' kaxxi tematiċi relatati ma' prinċipji differenti tal-Pilastru fid-dawl tal-prospettiva soċjoekonomika u tal-aktar inizjattivi ta' politika reċenti. Il-Kapitolu 1 tar-rapport jippreżenta ħarsa ġenerali lejn ix-xejriet soċjali u tal-impjiegi ewlenin u lejn il-progress li sar fir-rigward tal-miri ewlenin tal-UE u dawk nazzjonali għall-2030. Huwa jirrapporta wkoll is-sejbiet orizzontali bbażati fuq l-analiżi tar-riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq. Il-Kapitolu 2 janalizza l-isfidi u r-reazzjonijiet ta' politika fl-Istati Membri għal kull waħda mill-erba' linji gwida dwar l-impjiegi. Il-Kapitolu 3 jipprovdi analiżi għal kull Stat Membru abbażi tal-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF, Social Convergence Framework)[2]. L-analiżi hija f'konformità mal-Artikolu 148 TFUE. Barra minn hekk, l-analiżi tindirizza l-Artikolu 3(3), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2024/1263 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali, li abbażi tiegħu, is-sorveljanza mill-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tal-linji gwida dwar l-impjiegi fis-Semestru Ewropew tinkludi qafas biex jiġu identifikati r-riskji għall-konverġenza soċjali[3].[4]

---

[1] L-aħħar aġġornament tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi ġie adottat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fit-2 ta' Diċembru 2024 (ĠU L 2024/3134, 13.12.2024).

[2] Wara diskussjonijiet fil-Kunsill EPSCO f'Ġunju 2023 dwar Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF) u messaġġi ewlenin mill-EMCO u l-KPS abbażi tal-ħidma mwettqa mill-Grupp ta' Ħidma konġunt iddedikat tal-EMCO-KPS minn Ottubru 2022 sa Mejju 2023.

[3] Barra minn hekk, il-Premessa 8 tal-istess Regolament tiddikjara li "*Bħala parti mill-analiżi integrata tagħha tal-iżviluppi soċjali u tal-impjiegi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni tivvaluta r-riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Istati Membri u timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali abbażi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u tal-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali*".

[4] Ara l-valutazzjoni tal-EMCO-SPC tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali kif implimentat fuq bażi pilota fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2024, ippreżentata lill-Kunsill (EPSCO) fit-2 ta' Diċembru 2024.

L-indirizzar tal-isfidi identifikati fil-JER ser jikkontribwixxi biex tinkiseb konverġenza soċjali 'l fuq, jissaħħaħ l-isforz tal-Unjoni lejn tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti u ser jikkontribwixxi biex jiġi ffaċċat it-t-tibdil demografiku, kif ukoll biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u jiġu implimentati l-Istrateġiji tal-Unjoni ta' Ugwaljanza[5]. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, u wara skambji fil-kumitati konsultattivi rilevanti tal-Kunsill, it-test finali tar-rapport se jiġi adottat mill-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (EPSCO, Employment, Social Policy, Health and Consumer Affairs).

**Ir-rapport jimmonitorja l-progress fir-rigward tal-miri ewlenin tal-UE għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar**, li ntlaqgħu tajjeb mill-mexxejja tal-UE fis-Summit Soċjali ta' Porto u mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2021. L-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira ewlenija tagħha tar-rata tal-impjiegi sal-2030, minkejja t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, filwaqt li huma meħtieġa aktar sforzi sinifikanti biex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-UE dwar il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar:

- Ir-rata tal-impjieg tal-UE laħqet il-75.3 % fl-2023, li hija biss 2.7 pps mill-mira ta' 78 % sal-2030. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għamlu aktar progress fir-rigward tal-miri nazzjonali tagħhom dwar l-impjiegi fl-2023, filwaqt li ħamsa diġà kisbuhom jew qabżuhom.

- Fir-rigward tal-ħiliet, sar biss xi progress limitat fil-parteċipazzjoni tal-adulti fir-rata tal-apprendiment fl-UE, minn 37.4 % fl-2016 għal 39.5 % fl-2022, li għadha 'l bogħod mill-mira ewlenija tal-UE ta' 60 %. Barra minn hekk, il-maġġoranza tal-Istati Membri komplew jaqgħu lura milli jilħqu l-miri nazzjonali tagħhom. Dan jindika l-ħtieġa għal aktar sforzi sostanzjali, f'konformità mal-ambizzjoni li l-Ewropa tibqa' kompetittiva, innovattiva u inklużiva fil-kuntest tat-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u t-tixjiħ tal-popolazzjoni.

[5] L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ġlieda kontra r-Razziżmu 2020-2025, il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni għall-2020-2030, l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ, u l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030.

- L-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali kien madwar 1.6 miljun inqas fl-UE fl-2023 milli fl-2019, minkejja l-kriżi tal-COVID-19, il-kostijiet għoljin tal-enerġija u l-inflazzjoni. Dan għadu 'l bogħod mill-mira ewlenija tal-UE ta' tnaqqas ta' mill-inqas 15-il miljun sal-2030. Fi kważi nofs l-Istati Membri, l-għadd ta' persuni f'riskju żdied, u dan jindika li mexjin fid-direzzjoni opposta meta mqabbel mal-ambizzjonijiet integrati fil-miri nazzjonali. Fid-dawl ta' dan, se jkun meħtieġ li l-isforzi jitħaffu b'mod sinifikanti fil-kumplament tad-deċennju.

**Flimkien mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, l-implimentazzjoni tar-riformi u tal-investimenti fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs, recovery and resilience plans) tal-Istati Membri tappoġġa tkabbir ġust, inklużiv u sostenibbli.** Flimkien mal-appoġġ ipprovdut lill-interventi ta' politika fl-oqsma ta' politika rispettivi mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF, Just Transition Fund) u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI, Technical Support Instrument), il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility) tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi ttejjeb il-kompetittività, ir-reżiljenza, it-tħejjija għall-kriżijiet, il-kapaċità ta' aġġustament, u l-potenzjal ta' tkabbir tal-Istati Membri, u trawwem il-ħolqien tal-impjiegi ta' kwalità għolja permezz ta' riformi u investiment rilevanti. B'dan il-mod, il-Faċilità tikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[6]. Total ta' madwar EUR 162.5 biljun allokati lill-Istati Membri jikkontribwixxu għall-infiq soċjali, li jirrappreżenta madwar 25 % tan-nefqa totali stmata[7]. Sal-lum il-ġurnata, il-Kummissjoni żborżat madwar EUR 269 biljun fil-qafas tal-RRF kemm f'għotjiet u self kif ukoll fi prefinanzjament. Mis-7,129 stadju importanti u mira inklużi fis-27 RRP, 2,201 huma mistennija jikkontribwixxu għall-politiki soċjali (madwar 31 %). Mill-1 742 stadju importanti u mira milħuqa mill-14 ta' Novembru, 505 irawmu l-politiki soċjali (madwar 30 %). Bħala parti mill-analiżi tar-rispons ta' politika, il-JER jinkludi wkoll għażla ta' miżuri appoġġati mill-finanzjament tal-UE, b'mod partikolari l-RRF, il-FSE+, il-FEŻR, il-JTF u t-TSI. Dawn kollha jappoġġaw il-prospetti tat-tkabbir u l-impjiegi inklużivi kif ukoll il-koeżjoni soċjali u ekonomika u r-reżiljenza fl-Unjoni.

---

[6] Ir-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

[7] Il-kategoriji tal-infiq soċjali huma definiti u applikati abbażi tal-metodoloġija adottata mill-Kummissjoni f'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri fir-Regolament Delegat 2021/2105.

**Il-JER tal-2025 iwettaq analiżi speċifika għall-pajjiż ibbażata fuq il-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF)**, f'konformità mal-Artikolu 3(3), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2024/1263. Abbażi tal-għodod eżistenti (it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-metodoloġija tad-dawl tat-traffiku maqbula tal-JER), jiġu analizzati s-suq tax-xogħol, il-ħiliet u l-isfidi soċjali tal-Istati Membri sabiex jiġu identifikati r-riskji potenzjali għal konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi aktar profonda fit-tieni stadju. Kollox ma' kollox, l-analiżi tal-ewwel stadju tal-SCF tindika dan li ġej:

i) konverġenza kontinwa 'l fuq fis-suq tax-xogħol fl-2023, filwaqt li l-eżiti tal-impjiegi ta' gruppi sottorappreżentati għad iridu jitjiebu;

ii) titjib żgħir fil-livell tal-UE fir-rigward tal-ħiliet, għalkemm għad hemm riskji għal konverġenza 'l fuq f'dan il-qasam;

iii) stabbiltà wiesgħa tar-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fil-livell tal-UE, filwaqt li għad hemm xi riskji għal konverġenza 'l fuq fir-rigward tal-eżiti soċjali.

Analiżi aktar dettaljata tat-tieni stadju (bl-użu ta' sett usa' ta' evidenza kwantitattiva u kwalitattiva) se titwettaq mis-servizzi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-pajjiżi li għalihom ir-riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq huma identifikati fl-ewwel stadju. Dawn huma l-Bulgarija, l-Estonja, Spanja, l-Italja, il-Litwanja, l-Ungerija, ir-Rumanija, li kienu fit-tieni stadju s-sena l-oħra wkoll, kif ukoll il-Greċja, il-Kroazja u l-Lussemburgu, li jidħlu fiha għall-ewwel darba din is-sena. Għall-Greċja, dan huwa dovut għal xi deterjorament jew stabbiltà wiesgħa f'livelli li għadhom 'il bogħod mill-medja tal-UE fil-qasam soċjali (piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni; ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika; persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE, at risk of poverty or social exclusion) – b'mod kumplessiv u għat-tfal; impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar; inugwaljanzi fl-introjtu); sfidi persistenti tas-suq tax-xogħol għan-nisa u ż-żgħażagħ; u parteċipazzjoni baxxa u li qed tiddeterjora tal-adulti fl-apprendiment. Għall-Kroazja, l-identifikazzjoni għall-analiżi tat-tieni stadju hija relatata mal-qasam tal-ħiliet (parteċipazzjoni baxxa u li qed tiddeterjora fl-apprendiment għall-adulti; deterjorament sinifikanti fis-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi); rata kumplessiva tal-impjieg li għadha aktar baxxa mill-medja tal-UE, minkejja li kien hemm titjib, u sitwazzjoni tal-impjieg li għadha diffiċli għall-persuni b'diżabbiltà; kif ukoll xi sfidi fil-qasam soċjali (impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar; inugwaljanzi fl-introjtu). Għal-Lussemburgu, l-identifikazzjoni għall-analiżi tat-tieni stadju hija relatata mad-deterjorament sinifikanti reċenti f'xi indikaturi soċjali (AROPE – b'mod kumplessiv u għat-tfal; l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar) kif ukoll rata ta' piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni għolja b'mod persistenti; ix-xejriet tas-suq tax-xogħol li qed jiddeterjoraw dan l-aħħar (ir-rati tal-qgħad u tal-qgħad fit-tul; id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà), kif ukoll it-tnaqqis fis-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, anke jekk l-istatistika tibqa' ferm ogħla mill-medja tal-UE. Analiżi aktar dettaljata hija ppreżentata fil-Kapitolu 3 tar-rapport għal kull wieħed mis-27 Stat Membru.

**L-impjiegi, il-ħiliet u l-isfidi soċjali fl-Istati Membri tal-UE skont l-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali**




*Nota*: Hemm data nieqsa għal xi indikaturi fil-każ ta' xi pajjiżi – ara t-Tabella 1.4.1 fit-taqsima 1.4. It-tul tas-segmenti kkuluriti b'mod differenti f'bar huwa proporzjonali għas-sehem tal-Istati Membri bil-kategorizzazzjoni korrispondenti. Spjegazzjoni għall-elementi tad-didaskalija hija pprovduta fl-Anness 6.

**Minkejja l-ambjent ekonomiku dgħajjef fl-2023, l-eżiti tas-suq tax-xogħol baqgħu b'saħħithom bħala medja fl-UE, bi tkabbir fl-impjiegi li għadu b'saħħtu.** Ir-rata tal-impjieg tal-UE laħqet rekord ġdid ta' 75.3 % fl-2023 (żieda b'0.7 pps mill-2022), u kompliet tikber għal 75.8 % fit-tieni kwart tal-2024. Ir-rata ta' tkabbir annwali ta' 1.1 % immarkat ritorn għall-medji ta' qabel il-COVID-19 (2013-2019), wara l-irkupru rapidu ta' wara l-pandemija fl-2022 (+2.3 %). Fl-istess ħin, ir-rata tal-qgħad tal-UE naqset għal-livell rekord baxx ta' 6.1 % fl-2023 u laħqet 5.9 % f'Settembru 2024. Filwaqt li t-tnaqqis fil-qgħad kien il-fattur ewlieni tat-tkabbir fl-impjiegi qabel il-pandemija tal-COVID, il-livelli baxxi tal-qgħad imbagħad mexxew l-enfasi fuq it-tkabbir tal-forza tax-xogħol bħala s-sors ewlieni ta' żidiet fl-impjiegi. Fl-2023, madwar 90 % tat-tkabbir fl-impjiegi kien spjegat minn espansjoni tal-forza tax-xogħol. Dan kien xprunat sew minn ħaddiema ta' età primarja (bejn 25 u 54 sena) b'edukazzjoni terzjarja, li ħafna minnhom huma ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ukoll minn ħaddiema akbar fl-età b'edukazzjoni sekondarja jew terzjarja. Barra minn hekk, it-tkabbir fl-impjiegi kien aktar b'saħħtu f'setturi li qed jesperjenzaw nuqqas sinifikanti ta' ħaddiema, bħall-ICT u l-kostruzzjoni. Dan jista' jiġi attribwit kemm għaż-żieda fil-provvista tal-ħaddiema kif ukoll għal bidla fl-allokazzjoni tal-impjiegi lejn dawn is-setturi b'domanda għolja. B'mod kumplessiv, ġiet osservata konverġenza tar-rati tal-impjieg fl-Istati Membri, għalkemm għad hemm disparitajiet reġjonali sinifikanti f'ħafna Stati Membri. Il-Konklużjonijiet reċenti tal-Kunsill qed jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-aċċess għas-servizzi ta' sostenn u tal-impjiegi biex jippromwovu l-inklużjoni soċjali ta' persuni fir-riskju tal-faqar inkluż ir-Rom, billi jnaqqsu l-inugwaljanzi territorjali[8] .

[8] Approvati mill-Kunsill EPSCO fit-2 ta' Diċembru 2024.

## Suq tax-xogħol b'saħħtu minkejja tkabbir ekonomiku aktar kajman

**75.8 %**

**ir-rata ta' impjieg** (bejn 20 u 64 sena) fit-tieni kwart tal-2024 (+0.5 pp sena wara sena)

**75.4 %**

**ir-rata ta' parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol** (bejn 15 u 64 sena) fit-tieni kwart tal-2024 (+0.4 pp sena wara sena)

6.0 %

**ir-rata tal-qgħad** (bejn 15 u 74 sena) fit-tieni kwart tal-2024 (l-istess sena wara sena)

**14.8 %**

**rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ** (15-24) fit-tieni kwart tal-2024 (+0.4 sena wara sena)

Indikaturi ewlenin tas-suq tax-xogħol fl-UE-27 (%, trimestrali)




*Sors*: l-Eurostat [lfsi_emp_q], [une_rt_q], [une_ltu_q] u [lfsi_neet_q]. Data aġġustata staġjonalment, mhux kalendarjament.

**It-tkabbir fil-produttività tax-xogħol fl-UE miexi bil-mod.** Filwaqt li r-rata tat-tkabbir tal-produttività tax-xogħol kienet madwar 1.4 % fis-sena bħala medja qabel l-2007, din naqset għal 0.8 % bejn l-2010 u l-2019 u kompliet tonqos għal 0.7 % fl-2023. Għalhekk għadha strutturalment baxxa, u hemm riskju li timmina l-kompetittività globali tal-UE u l-prestazzjoni tagħha f'termini ta' potenzjal ta' tkabbir futur, il-ħolqien tal-impjiegi, u l-istandards tal-għajxien. Il-fattur ewlieni wara dan it-tkabbir baxx fil-produttività tax-xogħol huwa t-tkabbir dgħajjef tal-produttività totali tal-fatturi. Fost il-kawżi ewlenin ta' dan, ir-rapport ta' Mario Draghi dwar Il-Futur tal-Kompetittività Ewropea jenfasizza differenzi sinifikanti fl-ispeċjalizzazzjoni, l-innovazzjoni u l-investiment tat-teknoloġija avvanzata tal-UE, b'mod partikolari meta mqabbla mal-Istati Uniti. Il-frammentazzjoni tas-Suq Uniku u l-kumplessità regolatorja wkoll jissemmew bħala fatturi importanti. Huwa importanti li wieħed jinnota li n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet idewwem l-adozzjoni tat-teknoloġija u jżid il-kostijiet, u b'hekk inaqqas id-domanda għall-ħaddiema. Kif ġie enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, l-adattament tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-ħtiġijiet tal-ħiliet li qed jevolvu, b'mod partikolari għat-tranżizzjoni doppja, l-għoti ta' prijorità lill-apprendiment għall-adulti u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) huma essenzjali biex tingħata spinta lill-kompetittività, meta kkonfrontati b'xejriet demografiċi ħżiena. It-tnaqqis tal-ostakli amministrattivi, il-piżijiet regolatorji u ta' rapportar, it-trawwim tal-innovazzjoni, u l-appoġġ għal negozjar kollettiv effettiv jistgħu jgħinu biex jiġu żgurati gwadanji fil-produttività, u jiġu sostnuti t-tkabbir fil-pagi u l-kompetittività.

## In-nuqqas ta' ħaddiema għadu sinifikanti fl-Unjoni

**Rati ta' postijiet tax-xogħol vakanti ta' 3 % jew aktar f'attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi, fl-informazzjoni u l-komunikazzjoni u fil-kostruzzjoni** fl-2023

Ir-rati tal-postijiet tax-xogħol vakanti fl-UE skont l-attività ekonomika (%, data annwali)




*Nota:* L-attivitajiet tal-NACE 2, B-S (Industrija, kostruzzjoni u servizzi (ħlief l-attivitajiet tal-unitajiet domestiċi bħala impjegaturi u organizzazzjonijiet u korpi ekstraterritorjali), C (manifattura), F (kostruzzjoni), G-I (kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, trasport, akkomodazzjoni, u servizzi tal-ikel), J (informazzjoni u komunikazzjoni), M-N (attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi).

*Sors:* l-Eurostat [jvs_a_rate_r2]

**nuqqas ta' ħaddiema ta' 20 % aktar** fl-2023 meta mqabbel mal-2019

**In-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet qed jonqos iżda għadu sinifikanti fl-UE; l-indirizzar tagħhom huwa kruċjali biex tingħata spinta lill-kompetittività, il-kapaċità tal-innovazzjoni u t-tkabbir inklużiv u sostenibbli tal-UE.** Matul l-aħħar deċennju, in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet żdied fl-Istati Membri kollha. Għalkemm ir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti aġġustata skont l-istaġun naqset minn 2.9 % fl-ewwel kwart tal-2023 għal 2.4 % fit-tieni kwart tal-2024, li jirrifletti tkabbir ekonomiku aktar dgħajjef u aspettattivi aktar baxxi ta' reklutaġġ, din għadha ferm ogħla mill-medja ta' 1.7 %, ta' qabel il-pandemija (2013-2019). Dan in-nuqqas huwa xprunat mit-tibdil demografiku, id-domanda għal ħiliet ġodda marbuta mal-iżviluppi teknoloġiċi u t-tranżizzjoni doppja (inklużi l-ħiliet tekniċi, xjentifiċi, operazzjonali, tal-inġinerija u ta' monitoraġġ)[9], kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena f'ċerti setturi. Dan huwa rrapportat minn kumpaniji ta' kull daqs u settur u huwa partikolarment persistenti fis-settur tal-kura, l-edukazzjoni, l-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM, science, technology, engineering and maths) (b'mod partikolari l-ICT), il-kostruzzjoni, it-trasport, u ċerti okkupazzjonijiet ibbażati fuq is-servizzi (eż. koki u wejters). Filwaqt li n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet jista' jindika ekonomija potenzjalment b'saħħitha, l-għoti tas-setgħa lill-ħaddiema biex jinnegozjaw pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, fl-istess ħin, speċjalment meta jkun fit-tul, ifixkel il-produttività u l-kapaċità innovattiva, idgħajjef il-kompetittività tal-UE, joħloq ostakli għat-tkabbir inklużiv u jfixkel il-progress fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Azzjoni miftiehma u msaħħa fil-livell tal-UE, tal-Istati Membri u f'dak reġjonali, li tinvolvi wkoll lis-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, hija kruċjali biex jiġi indirizzat dan in-nuqqas. F'Marzu 2024, il-Kummissjoni ppreżentat Pjan ta' Azzjoni[10] biex tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, imħejji f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali. Huwa msejjes fuq il-bosta inizjattivi li diġà ttieħdu u jistabbilixxi azzjonijiet ġodda li l-UE, l-Istati Membri, u s-sħab soċjali se jieħdu jew għandhom jieħdu biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Dawn jinkludu miżuri relatati mal-attivazzjoni tas-suq tax-xogħol ta' gruppi sottorappreżentati; appoġġ għall-ħiliet u l-edukazzjoni; titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol; tisħiħ tal-mobbiltà ġusta intra-UE u l-ikkomplementar ta' din tal-aħħar billi jiġi attirat it-talent minn barra l-UE.

[9] Ara l-UNIDO, What are green skills?, 2023.
[10] Ara l-Kummissjoni Ewropea, Il-Kummissjoni tistabbilixxi azzjonijiet biex tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, 2024.

**It-tkabbir fil-pagi fl-UE baqa' b'saħħtu fl-2023 filwaqt li varja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri.** It-tkabbir annwali fil-kumpens nominali għal kull impjegat laħaq livell rekord ta' 6.1 % (sena wara sena) fl-UE, wara 4.9 % fl-2022, f'kuntest ta' inflazzjoni li għadha għolja u swieq tax-xogħol riġidi. Imbagħad naqas għal 5.0 % fit-tieni kwart tal-2024 hekk kif l-inflazzjoni battiet. Wara tnaqqis sostanzjali (-3.7 %) fl-2022, il-pagi reali bdew jikbru fit-tieni nofs tal-2023, u laħqu 2.4 % (sena wara sena) fit-tieni kwart tal-2024. Dan l-irkupru kien xprunat minn tnaqqis fl-inflazzjoni u tkabbir kontinwu b'saħħtu fil-pagi nominali. Minkejja dan it-titjib reċenti, fl-2024, il-pagi reali baqgħu taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija bħala medja fl-UE u fi tmien Stati Membri (iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Italja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja u l-Iżvezja). Iż-żidiet fil-pagi minimi statutorji jikkumpensaw sew għat-telf tal-kapaċità tal-akkwist għall-ħaddiema b'paga minima fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Dawn kienu primarjament ir-riżultat tal-aġġornamenti annwali ta' rutina f'Jannar 2023 u 2024, flimkien ma' aġġustamenti sostanzjali matul is-sentejn li huma. It-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar pagi minimi adegwati[11] ser tkun essenzjali għas-salvagwardja tal-kapaċità tal-akkwist ta' dawk b'pagi baxxi kif ukoll għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-riskji tal-faqar fost dawk impjegati, filwaqt li jissaħħu l-inċentivi għax-xogħol. Id-Direttiva tinkludi wkoll miżuri mmirati lejn l-inkoraġġiment tan-negozjar kollettiv kif ukoll it-titjib tal-mekkaniżmi għall-infurzar u s-sorveljanza madwar l-Istati Membri.

[11] Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

**Il-pagi reali qed jirpiljaw iżda ma rkuprawx mit-telf fis-snin preċedenti**

**Il-kumpens nominali għal kull impjegat żdied b'6.1 %** fl-2023, u **b'5 %** fit-tieni kwart tal-2024

Madankollu, **il-pagi reali naqsu b'0.2 %** fl-2023, u **żdiedu bi 2.4 %** fit-tieni kwart tal-2024

Pagi u salarji grossi reali għal kull impjegat

(bidla annwali f'%; 2022, 2023 u t-tieni kwart tal-2024)




*Sors:* il-Kummissjoni Ewropea, il-bażi tad-data ta' AMECO, Pagi u salarji grossi reali għal kull impjegat [hwwdw]; deflatur: Indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur [prc_hicp_midx]. Għat-tieni kwart tal-2024: kalkoli tal-EMPL ibbażati fuq data tal-Eurostat, Pagi u salarji [namq_10_gdp], Total ta' impjiegi (kunċett domestiku) [namq_10_a10_e] u l-Indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur [prc_hicp_midx].

**Il-faqar fost dawk li jaħdmu naqas bi ftit fl-UE fl-2023, iżda xorta affettwa 1 minn kull 12-il ħaddiem, u kien ogħla b'mod sinifikanti għal forom ta' xogħol mhux standard.** B'mod kumplessiv, is-sehem naqas għal 8.3 % fl-2023 minn 8.5 % fl-2022, u kien aktar baxx meta mqabbel ma' deċennju qabel u għal eżatt qabel il-pandemija tal-COVID-19. Il-faqar fost dawk li jaħdmu kien qed jonqos fi kważi nofs l-Istati Membri fl-2023, minkejja li ħafna minnhom iffaċċjaw inflazzjoni għolja u tnaqqis sinifikanti fil-pagi reali fl-2022. Dan jissuġġerixxi li, f'dawn il-pajjiżi, l-introjti medjani naqsu b'mod aktar drastiku mill-introjti tal-ħaddiema foqra, li kienu appoġġati minn aġġornamenti għall-pagi minimi u t-trasferimenti soċjali. Stimi bikrija tal-Eurostat jissuġġerixxu li l-faqar fost dawk li jaħdmu se jibqa' stabbli fl-2024 (b'referenza għall-introjti tal-2023). Bħal fis-snin preċedenti, il-faqar fost dawk li jaħdmu fl-UE kien ogħla b'mod sinifikanti fost iċ-ċittadini mhux tal-UE u dawk li twieldu barra mill-UE (22.5 % u 18.5 % rispettivament), l-impjegati b'livell baxx ta' edukazzjoni (18.4 %), l-impjegati part-time u l-ħaddiema temporanji (12.6 % għat-tnejn) u l-unitajiet domestiċi bi tfal dipendenti (10.0 %). Il-faqar fost dawk li jaħdmu kien ogħla għall-persuni f'forom mhux standard ta' impjieg (impjegati temporanji, ħaddiema part-time, persuni b'impjieg indipendenti), anke jekk il-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali kellhom rwol relattivament aktar importanti fit-tnaqqis tar-riskji tal-faqar tagħhom. Il-kopertura mill-benefiċċji soċjali varjat ħafna bejn l-Istati Membri u għal kategoriji differenti ta' ħaddiema. Il-persuni b'impjieg indipendenti f'riskju ta' faqar qabel it-trasferimenti soċjali kienu l-inqas probabbli li jirċievu benefiċċji soċjali, b'kopertura ta' 12.7 % fl-2023 fl-UE. Fir-rigward tal-kopertura formali[12], fir-rebbiegħa tal-2023 kien għad hemm differenzi fi 15-il Stat Membru għal mill-inqas grupp wieħed ta' ħaddiema mhux standard f'mill-inqas fergħa waħda tal-protezzjoni soċjali, li ħafna drabi kienet il-benefiċċji tal-qgħad, tal-mard u/jew tal-maternità.

---

[12] Il-kopertura formali ta' grupp tfisser li f'fergħa speċifika tal-protezzjoni soċjali (eż. ix-xjuħija, il-mard, il-qgħad, il-maternità) il-leġiżlazzjoni eżistenti jew il-ftehim kollettiv jiddikjaraw li l-individwi fil-grupp huma intitolati li jipparteċipaw fi skema ta' protezzjoni soċjali li tkopri fergħa speċifika.

**Hemm differenzi kbar fil-komponent involontarju tax-xogħol temporanju madwar l-Istati Membri, b'inċidenza akbar fost in-nisa**

**12.3 %** tal-ħaddiema (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) b'**kuntratti temporanji** fl-2023 fl-UE

**7.4 %** tan-nisa (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) b'kuntratti **kuntratti temporanji involontarji** (meta mqabbla ma' 6.2 % għall-irġiel)

Impjegati temporanji involontarji bħala perċentwal tal-għadd totali ta' impjegati (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) (f'%, 2023)




*Sors:* l-Eurostat [lfsa_etpgan] u [lfsa_etgar], l-LFS tal-UE.

**Filwaqt li l-flessibbiltà tista' tkun ta' benefiċċju għal xi ħaddiema, is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol li tippersisti maż-żmien jista' jkollha impatt negattiv fuq il-ġustizzja soċjali.** Għal xi gruppi, speċjalment iż-żgħażagħ u dawk b'livell għoli ta' ħiliet, l-impjiegi mhux permanenti u l-impjieg part-time jistgħu jiffaċilitaw id-dħul fis-suq tax-xogħol u l-iżvilupp tal-ħiliet, kif ukoll jipprovdu flessibbiltà akbar u bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Madankollu, differenzi persistenti fis-sigurtà tal-impjiegi u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol bejn il-ħaddiema (spiss b'konsegwenzi f'termini ta' aċċess għall-protezzjoni soċjali) joħolqu distakki li għandhom it-tendenza li jżidu l-inugwaljanzi. B'mod partikolari, l-impjieg temporanju huwa assoċjat ma' nuqqas ogħla ta' sigurtà tal-impjiegi meta ma jaġixxix bħala pass 'il quddiem lejn kuntratti aktar permanenti. Il-prekarjetà li tirriżulta minn dan tikkontribwixxi wkoll għal kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli f'ċerti setturi u okkupazzjonijiet b'nuqqas kbir u persistenti ta' ħaddiema. Fil-kuntest ta' livell għoli ta' impjiegi fl-UE, is-sehem ta' ħaddiema b'kuntratti temporanji fost l-impjegati kollha naqas bi ftit (minn 12.9 % fl-2022 għal 12.3 % fl-2023), b'varjazzjoni sostanzjali fost l-Istati Membri (minn aktar minn 15 % f'xi wħud għal inqas minn 3 % f'oħrajn). B'mod partikolari, xi Stati Membri għadhom jesperjenzaw ishma għoljin ta' kuntratti temporanji flimkien ma' rati baxxi ta' tranżizzjoni lejn impjiegi permanenti. Il-kuntratti temporanji għadhom ukoll aktar mifruxa fost iż-żgħażagħ u n-nisa. Barra minn hekk, fl-2023, aktar minn nofs il-ħaddiema temporanji involontarjament kellhom dawn il-kuntratti fl-UE, bi tnaqqis żgħir meta mqabbel mal-2022 (u għal darba oħra b'differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri), u kien hemm inċidenza akbar għan-nisa. Fl-istess ħin, is-sehem tal-impjiegi part-time żdied bi ftit fl-UE fl-2023. Minkejja t-titjib, dan tal-aħħar għadu juri komponent involontarju sinifikanti wkoll f'diversi Stati Membri. Is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol tista' tiġi indirizzata, fost l-oħrajn, permezz ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol imfassla apposta li jinkoraġġixxu t-tranżizzjonijiet 'il fuq fl-impjiegi, kif ukoll inċentivi għall-impjegaturi biex jimpjegaw fuq bażi permanenti u jżommu l-ħaddiema.

**Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jirrappreżentaw parti dejjem aktar importanti mill-ekonomija tal-UE, u jipprovdu opportunitajiet ta' impjieg iżda joħolqu wkoll sfidi speċifiċi, b'mod partikolari relatati mal-istatus fl-impjieg tal-ħaddiema.** Bejn l-2016 u l-2020, id-dħul mill-ekonomija tal-pjattaformi tal-UE żdied bi kważi ħames darbiet, u ġie stmat li aktar minn 28 miljun persuna jaħdmu permezz tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali fl-2020, bin-numru meqjus li qed jikber b'mod kostanti[13]. Il-maġġoranza ta' dawn il-persuni huma persuni b'impjieg indipendenti ġenwin, filwaqt li ġie stmat li 5.5 miljun kienu kklassifikati b'mod żbaljat bħala persuni b'impjieg indipendenti. Aktar minn nofs il-persuni li jaħdmu permezz tal-pjattaformi jaqilgħu inqas mill-paga minima[14]. F'dan il-kuntest, id-Direttiva dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet fix-xogħol fuq il-pjattaformi[15] għandha l-għan, fost l-oħrajn, li tindirizza l-kwistjoni tal-impjieg indipendenti fittizju fuq il-pjattaformi tax-xogħol diġitali billi tiffaċilita d-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjieg permezz ta' preżunzjoni legali tal-impjieg. Barra minn hekk, tipprovdi drittijiet ġodda li jiżguraw aktar trasparenza, ġustizzja u obbligu ta' rendikont dwar il-ġestjoni algoritmika, kemm lill-ħaddiema tal-pjattaformi li huma impjegati kif ukoll lil dawk b'impjieg indipendenti. Id-Direttiva ssaħħaħ ukoll id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv.

---

13 Il-Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal – Sommarju eżekuttiv tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021.

14 Il-Kummissjoni Ewropea, Study to gather evidence on the working conditions of platform workers, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2020.

15 Id-Direttiva (UE) 2024/2831 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi, ĠU L, 2024/2831, 11.11.2024.

**L-avvanzi rapidi fl-intelliġenza artifiċjali (IA) u teknoloġiji diġitali oħra,** **inkluż l-analitika tad-data, id-dinjiet virtwali, iċ-ċibersigurtà, il-computing kwantistiku, il-cloud u l-edge computing,** **qed jixprunaw trasformazzjonijiet profondi fis-suq tax-xogħol li jeħtieġu monitoraġġ mill-qrib u reazzjonijiet ta' politika xierqa**. Jista' jkun mistenni li dan ser ikollu impatt fuq it-tqabbil tal-impjiegi u s-sistemi tat-taħriġ, il-kwantità u l-kwalità tal-impjiegi, u fuq il-kwalità tal-ħajja tal-ħaddiema. Filwaqt li studji reċenti[16] jikkonfermaw li fuq perjodu qasir, l-impatt nett ewlieni fuq l-impjiegi tal-adozzjoni tal-IA jista' jkun pożittiv, filwaqt li tiżdied id-domanda għall-ħiliet meħtieġa għall-iżvilupp u l-adozzjoni tagħha, il-kisbiet fl-impjiegi jistgħu sa ċertu punt jikkumpensaw il-potenzjal tal-IA li tissostitwixxi l-impjiegi ta' rutina u huwa meħtieġ monitoraġġ mill-qrib[17]. Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' mewġiet preċedenti tal-awtomatizzazzjoni, l-IA ġenerattiva jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet. Barra minn hekk, l-awtomatizzazzjoni permezz ta' teknoloġiji robotiċi avvanzati li jaħdmu bl-IA jista' jkollha impatt qawwi fuq il-proċessi tal-produzzjoni u t-twassil tas-servizzi, filwaqt li tbiddel il-profili tal-impjiegi u żżid il-ħtieġa għal ħiliet diġitali, analitiċi u personali[18]. F'dan il-kuntest, l-Att tal-UE dwar l-IA[19] (li daħal fis-seħħ f'Awwissu 2024) għandu l-għan li jiżgura li l-IA tkun affidabbli, sikura u f'konformità mad-drittijiet fundamentali tal-UE.

---

16 Ara Albanesi, S., Da Silva, A., Jimeno, J., Lamo, A., & Wabitsch, A., *New technologies and jobs in Europe*, id-Dokument ta' Ħidma tal-BĊE Nru 2023/2831, 2023, u Hayton, J., Rohenkohl, B., Christopher, P., Liu, HY, *What drives UK firms to adopt AI and robotics, and what are the consequences for jobs?*, University of Sussex, 2023.

17 Il-Kummissjoni Ewropea, Artificial Intelligence:Economic Impact, Opportunities, Challenges, Implications for Policy (Discussion Paper 210), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

18 Il-Eurofound, Human–robot interaction:What changes in the workplace?, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

19 Ir-Regolament 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali), ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024.

**It-telexogħol joffri opportunitajiet bħal aktar awtonomija u flessibbiltà. Fl-istess ħin, il-mudell tax-xogħol il-ġdid ibbażat fuq l-arranġamenti ta' xogħol ibridu jista' jrawwem kultura ta' "dejjem disponibbli", li tista' tirriżulta f'sigħat tax-xogħol addizzjonali u imprevedibbli frekwenti li jistgħu jkunu ta' detriment għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, is-saħħa u l-benesseri tal-ħaddiema**. L-evidenza tissuġġerixxi li, filwaqt li l-fatturi ta' stress bħall-intensità tax-xogħol, l-interferenza bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u x-xogħol fil-ħin liberu jaffettwaw lill-ħaddiema kollha, l-effett tagħhom huwa aktar b'saħħtu għall-impjegati li jaħdmu bit-telexogħol milli għal dawk li jaħdmu fil-bini tal-impjegatur tagħhom. L-ansjetà, l-għeja emozzjonali, l-eżawriment minħabba sigħat twal ta' laqgħat virtwali, u l-iżolament, jirrappreżentaw uħud mill-aktar kwistjonijiet ta' saħħa mentali rrapportati fost it-teleħaddiema[20]. Sabiex jittaffew ir-riskji ta' kultura ta' "dejjem disponibbli", id-"dritt għall-iskonnessjoni" jista' jgħin biex jiġu stabbiliti limiti aktar ċari bejn il-ħajja professjonali u dik privata, u b'hekk jikkontribwixxi għas-saħħa, is-sikurezza u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-ħaddiema. F'dan il-kuntest, wara riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew biex tiġi ppreżentata proposta leġiżlattiva dwar id-dritt għall-iskonnessjoni u qafas leġiżlattiv tal-UE għat-telexogħol[21], il-Kummissjoni nediet studju biex tiġbor l-evidenza u tanalizza l-valur miżjud u l-impatti ta' għażliet ta' politika potenzjali ta' inizjattiva dwar it-telexogħol u d-dritt għall-iskonnessjoni, u bdiet konsultazzjoni formali f'żewġ stadji.

[20] Il-Kummissjoni Ewropea, Study exploring the social, economic and legal context and trend of telework and the right to disconnect, in the context of digitalisation and the future of work, during and beyond the COVID-19 pandemic, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

[21] P9_TA (2021)0021 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2021 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-dritt ta' skonnessjoni (2019/2181 (INL)).

**Filwaqt li r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ qed jerġgħu jiżdiedu fil-maġġoranza tal-Istati Membri fi sfond ta' tkabbir ekonomiku aktar dgħajjef, is-sehem ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET, neither in employment nor in education and training) qed ikompli jonqos, iżda b'disparitajiet bejn il-ġeneri u sfidi għaż-żgħażagħ li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni.** Wara li rkuprat b'mod kostanti mill-eqqel tal-pandemija tal-COVID-19, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ (fl-età ta' bejn 15 u 24 sena) baqgħet 14.5 % fl-2023, u ma wriet l-ebda bidla meta mqabbla mas-sena preċedenti fi sfond ta' tkabbir ekonomiku aktar dgħajjef. Filwaqt li r-rati komplew jonqsu f'pajjiżi b'livelli għoljin ħafna, li jikkonferma xejra ta' konverġenza madwar l-UE matul l-aħħar 5 snin, dawn reġgħu bdew jiżdiedu f'ħafna oħrajn. Fl-istess ħin, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ għadha aktar minn darbtejn ogħla mir-rata kumplessiva tal-qgħad, u hija partikolarment prevalenti fost iż-żgħażagħ bi kwalifiki baxxi u dawk li twieldu barra mill-UE. Mil-lat pożittiv, is-sehem tan-NEETs qed ikompli jonqos, wara li laħaq il-11.2 % fl-2023. Din ix-xejra hija allinjata maż-żieda fil-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, u turi xi sinjali ta' konverġenza fl-UE. Madankollu, ir-rati taż-żgħażagħ NEET baqgħu ogħla (bi 2.4 pp) għan-nisa milli għall-irġiel u għal dawk li twieldu barra mill-UE meta mqabbla man-nattivi (b'9.3 pp). Dan kollu jenfasizza l-ħtieġa ta' azzjoni kontinwa biex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali li jfixklu l-progress taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari fid-dawl tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, in-nuqqas mifrux ta' ħaddiema u ħiliet, u r-riskji fit-tul għall-prospetti tal-karriera tagħhom minħabba dewmien fl-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. F'dan il-kuntest, il-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa tappoġġa lin-NEETs billi toffrilhom impjieg ta' kwalità, edukazzjoni ulterjuri, apprendistati jew traineeships fi żmien 4 xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni formali[22].

[22] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ 2020/C 372/01, ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1.

## Appoġġ imfassal apposta jista' jsaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-gruppi sottorappreżentati fl-UE fis-suq tax-xogħol

Kieku l-Istati Membri b'**sehem aktar baxx mill-medja tal-UE ta' persuni fil-forza tax-xogħol għal sottogruppi speċifiċi** kellhom **iżidu l-parteċipazzjoni fil-medji rispettivi tas-sottogrupp tal-UE** sal-2030:

- **3.6 miljun mara oħra**,
- **2.9 miljun persuna b'edukazzjoni sekondarja,**
- **u 2.2 miljun ħaddiem akbar fl-età,**

rispettivament, kienu jkunu fis-suq tax-xogħol.

Kontribuzzjoni potenzjali ta' gruppi differenti tal-popolazzjoni għas-sehem aggregat ta' persuni fil-forza tax-xogħol tal-UE sal-2030 (f'miljuni)




*Nota:* simulazzjoni tas-sehem tal-UE għall-2030 ta' persuni fil-forza tax-xogħol jekk l-Istati Membri b'ishma taħt il-medja ta' persuni fil-forza tax-xogħol għal kull sottogrupp jaqbżu l-medja tas-sottogrupp tal-UE, filwaqt li ishma simili għas-sottogruppi l-oħra huma preżunti li jibqgħu kostanti. Dan il-kalkolu jinjora t-trikkib u l-possibbiltà ta' għadd doppju bejn il-gruppi u ma għandux jiġi konfuż ma' tbassir.

*Sors:* il-kalkoli tad-DĠ EMPL, ibbażati fuq id-data tal-Eurostat u l-projezzjonijiet tal-EUROPOP2023.

**Filwaqt li r-rati tal-impjieg tal-persuni akbar fl-età żdiedu b'mod konsiderevoli mill-2009, għad hemm varjazzjoni qawwija fost l-Istati Membri.** Minkejja t-titjib reċenti, it-tixjiħ tal-popolazzjoni huwa mistenni jżid id-dipendenza ekonomika fl-UE u jħalli impatt negattiv fuq il-kompetittività fit-tul u l-potenzjal tat-tkabbir ekonomiku fin-nuqqas ta' azzjoni politika. Sal-2045, għal kull 10 persuni rtirati, se jkun hemm biss 16-il ħaddiem, tnaqqis minn 22 fl-2022, u dan jista' jkompli jonqos għal 14 sal-2070[23], b'differenzi sinifikanti bejn Stati Membri. Fil-kuntest ta' soċjetajiet li qed jixjieħu, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni akbar fl-età u t-tixjiħ attiv jiksbu importanza partikolari, aktar u aktar fid-dawl tan-nuqqas konsiderevoli ta' ħaddiema. Fl-2023, ir-rata tal-impjieg ta' persuni akbar fl-età (bejn 55 u 64 sena) laħqet it-63.9 %, kważi 20 pps ogħla milli fl-2009, bir-rata tal-impjieg tan-nisa turi gwadanji akbar. Għalkemm iż-żieda fl-impjiegi tal-persuni akbar fl-età kienet aktar minn erba' darbiet ogħla milli għall-popolazzjoni ta' età primarja (bejn 25 u 54 sena), ir-rata tal-impjieg tagħhom baqgħet 18 pps aktar baxxa, u dan jenfasizza li għad hemm lok sinifikanti għal aktar progress. It-tkabbir irreġistrat kien primarjament attribwit għal żieda fiż-żamma tal-impjieg aktar milli għal reklutaġġ ġdid, li baqa' baxx b'mod persistenti matul dan il-perjodu. B'mod partikolari, il-persuni akbar fl-età b'livelli ta' edukazzjoni għolja għandhom it-tendenza li jibqgħu aktar fit-tul fis-suq tax-xogħol, filwaqt li huwa aktar probabbli li dawk b'livell aktar baxx ta' edukazzjoni jitilqu kmieni. Kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena – kemm fiżiċi kif ukoll psikoloġiċi – huma fatturi ewlenin li jixprunaw l-irtirar bikri u li jfixklu wkoll id-dħul mill-ġdid fis-suq tax-xogħol[24]. Barra minn hekk, il-mard jew id-diżabbiltà huma raġunijiet importanti għalfejn wieħed jibqa' barra mill-forza tax-xogħol flimkien mar-responsabbiltajiet ta' kura, fatturi relatati mal-post tax-xogħol u ostakli istituzzjonali, bħar-regolamenti dwar is-sigurtà soċjali u l-pensjonijiet, li jeħtieġ jiġu indirizzati biex jippermettu parteċipazzjoni akbar fis-suq tax-xogħol, f'konformità mas-sett ta' għodod tad-demografija.

---

23 Il-Kummissjoni Ewropea, 2024 Ageing Report, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

24 Ara: il-Eurofound, Keeping older workers engaged:Policies, practices and mechanisms, Dokument ta' Ħidma tal-Eurofound, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

**Id-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi u fil-pagi jikkontribwixxu għal inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol b'sinjali modesti biss ta' konverġenza.** Fl-2023, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi fl-UE kienet ta' 10.2 pps. Din id-differenza naqset kemxejn f'dawn l-aħħar snin, u dan jirrifletti żieda aktar b'saħħitha fl-impjiegi għan-nisa, iżda għadha sostanzjali, u turi disparitajiet kbar bejn l-Istati Membri u r-reġjuni. Minħabba l-prevalenza ogħla ta' xogħol part-time fost in-nisa (kważi erba' darbiet aktar mill-irġiel), id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi tikber meta jitqies dan (għal 15.7 pp "f'ekwivalenti għal full-time"). Id-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi huma saħansitra usa' għall-persuni bit-tfal, bil-filjazzjoni jkollha impatt fuq il-karrieri tan-nisa aktar milli fuq l-irġiel. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, dan huwa evidenti kemm fir-rati aktar baxxi ta' impjieg tan-nisa kif ukoll fix-xogħol part-time ogħla fost in-nisa. Fl-aħħar nett, filwaqt li d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri naqset matul l-aħħar deċennju, din għadha sostanzjali fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Fl-2022, kienet f'medja ta' 12.7 % għall-UE. Id-differenzi fil-pagi huma xprunati, fost fatturi oħra, mid-differenzi bejn il-ġeneri fl-attivitajiet u l-okkupazzjonijiet ekonomiċi, is-sottorappreżentanza tan-nisa f'pożizzjonijiet għolja, ir-rappreżentanza żejda f'forom ta' impjieg part-time u mhux permanenti, id-diffikultajiet fir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mar-responsabbiltajiet ta' kura, kif ukoll id-diskriminazzjoni u l-istrutturi tal-pagi mhux trasparenti. Maż-żmien, l-aggregazzjoni ta' dawn id-differenzi fil-qligħ (aggravati minn interruzzjonijiet fil-karriera għall-kura) twassal għal differenzi sostanzjali bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet. Għalhekk, hemm lok għal azzjoni ta' politika sostnuta biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, inkluż billi jittejbu l-forniment u l-aċċessibbiltà tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal ta' kwalità u affordabbli u l-kura fit-tul, kif ukoll il-funzjonament tas-sistema tat-taxxa biex jinħolqu inċentivi aħjar, u f'konformità mal-objettivi stipulati fl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (inkluż il-miri l-ġodda ta' Barċellona) u dwar l-aċċess għal kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja[25].

---

25 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: il-miri ta' Barċellona għall-2030 2022/C 484/01 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli ta' kwalità għolja 2022/C 476/01.

**Hemm riskju li d-deterjorament tal-ħiliet bażiċi fost l-istudenti Ewropej, flimkien man-nuqqas persistenti ta' għalliema jaffettwa l-produttività tax-xogħol, il-kompetittività u l-koeżjoni soċjali.** Il-ħiliet bażiċi jservu bħala elementi kostitwenti biex in-nies ikunu jistgħu jinnavigaw il-kumplessitajiet tal-ħajja, ikomplu jitgħallmu aktar tard fil-ħajja u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għas-soċjetà u għall-ekonomija. Dawn jappoġġaw il-produttività tax-xogħol u r-ritmu tal-innovazzjoni meħtieġ skont it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Ir-riżultati mill-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA, Programme for International Student Assessment) tal-2022 żvelaw li kważi 1 minn kull 3 żgħażagħ ta' 15-il sena ma għandhomx il-ħiliet bażiċi u ma jirnexxilhomx jilħqu l-livell minimu ta' kompetenza fil-matematika, u wieħed 1 kull 4 fil-qari u x-xjenza. Illum, l-UE tinsab aktar 'il bogħod mill-mira tagħha taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, li ma jkunx hemm aktar minn 15 % tal-persuni li għandhom 15-il sena li jagħmlu progress insuffiċjenti sal-2030. It-tnaqqis kien l-akbar fil-matematika (-6.6 pps mill-2018). B'mod ġenerali, l-ogħla prestazzjoni naqset ukoll u t-tendenza li sejra għall-agħar tikkonċerna d-distribuzzjoni soċjoekonomika kollha, li tindika l-isfidi kumplessivi ewlenin fl-iżvilupp tal-ħiliet bażiċi. Fl-istess ħin, peress li l-progress insuffiċjenti huwa ħafna aktar frekwenti fost l-istudenti żvantaġġati, l-inugwaljanzi edukattivi komplew jikbru. Kważi nofs (48 %) l-istudenti żvantaġġati jkollhom prestazzjoni agħar minn dik mistennija fil-matematika, wara żieda sinifikanti minn 38.2 % fl-2018. F'dan il-kuntest, in-nuqqas persistenti ta' għalliema kwalifikati fl-UE, aggravat f'dawn l-aħħar ftit snin minħabba l-pandemija tal-COVID-19 fost l-oħrajn, jhedded li jagħmel l-isfida tat-titjib tal-ħiliet bażiċi taż-żgħażagħ agħar. Fl-istess ħin, ir-riżultati mill-Istudju Internazzjonali dwar il-Litteriżmu fil-Kompjuter u fl-Informazzjoni (ICILS, International Computer and Information Literacy Study) 2023 juru li 43 % ta' dawk bejn it-13 u l-14-il sena ma għandhom l-ebda ħila diġitali jew għandhom biss ħiliet diġitali limitati. Dawn ix-xejriet reċenti jenfasizzaw il-ħtieġa għal sforzi mġedda u msaħħa msejsa fuq inizjattivi eżistenti u li jkomplu jagħtu spinta lill-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola[26].

[26] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2022 dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel 2022/C 469/01.

**Il-ħiliet bażiċi tal-istudenti Ewropej qed ikomplu jiddeterjoraw**

**Ir-rati ta' progress insuffiċjenti** żdiedu sew **fil-matematika**(**+6.6 pps**) u **fil-qari** (**+3.7 pps**), u b'mod aktar moderat fix-**xjenza**(**+1.9 pps**)

L-**ogħla rata ta' prestazzjoni** naqset: **-3.1 pps fil-matematika** u **1.6 pps** fil-**qari**, filwaqt li żdiedet bi ftit fix-**xjenza** (**+0.6 pps**)

Is-sehem ta' studenti li ma jistgħux jilħqu l-parametru referenzjarju ta' kompetenza minima PISA Livell 2 (%)




*Nota:* Hija meħtieġa kawtela meta jiġi interpretat il-valur tal-UE għall-2022: wieħed jew aktar mill-istandards ta' kampjunar tal-PISA ma ġewx issodisfati mid-Danimarka, l-Irlanda, il-Latvja u n-Netherlands (ara OECD, PISA 2022 Results (Volume 1), A2 u A4). Id-data tal-2012 hija nieqsa għal Malta.

*Sors:* OECD, PISA 2012, 2015, 2018, 2022, kalkoli tad-DĠ EAC.

**Filwaqt li r-rati tat-tluq bikri mill-iskola, l-ilħuq tal-edukazzjoni għolja u l-eżiti tas-suq tax-xogħol tal-gradwati tal-VET tjiebu, għad hemm sfidi relatati mas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, bħad-differenzi reġjonali, id-differenzi bejn il-ġeneri, l-inugwaljanzi soċjali u ammont mhux suffiċjenti ta' gradwati mill-oqsma STEM.** Mill-2022, it-tluq bikri mill-iskola naqas bi ftit fl-UE u affettwa 9.5 % ta' dawk bejn it-18 u l-24 sena fl-2023 (2.3 pps inqas minn 10 snin ilu). Madankollu, ma hemm l-ebda sinjal ta' konverġenza 'l fuq fost l-Istati Membri. L-irġiel żgħażagħ huma ħafna aktar probabbli li jitilqu kmieni. Filwaqt li x-xejra pożittiva ta' dan l-aħħar deċennju tkompli għall-bniet, jidher li waqfet għas-subien. Barra minn hekk, iż-żgħażagħ li twieldu barra mill-UE, iż-żgħażagħ Rom u ż-żgħażagħ b'diżabbiltà huma aktar probabbli li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ. L-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tikseb il-mira tagħha fir-rigward tal-livell edukattiv terzjarju milħuq, wara żidiet fl-Istati Membri kollha minbarra 3 matul l-aħħar 5 snin. Fl-2023, 43.1 % tal-persuni bejn il-25 u l-34 sena kellhom lawrja terzjarja fl-UE, u dan jagħmilha l-aktar livell komuni milħuq fost l-adulti żgħażagħ (madankollu n-nisa żgħażagħ għandhom probabbiltà ferm akbar li jkollhom lawrja terzjarja mill-irġiel). Id-differenzi bejn il-ġeneri fl-għażliet tas-suġġetti jippersistu (eż. l-edukazzjoni u s-saħħa huma l-aktar komuni fost in-nisa, u l-ICT u l-inġinerija fost l-irġiel). Peress li l-aċċess għall-edukazzjoni għolja għaż-żgħażagħ minn kuntesti żvantaġġati għadu ta' sfida, hemm riskju li d-disparitajiet soċjoekonomiċi diġà eżistenti jissaħħu. Bil-livell edukattiv terzjarju milħuq dejjem jikber, iż-żieda fil-flessibbiltà u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni għolja hija importanti biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet, b'mod partikolari fl-oqsma STEM. L-eżiti tal-impjiegi għall-gradwati reċenti mill-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET, vocational education and training) komplew jitjiebu madwar l-UE. Erbgħa minn kull ħames gradwati reċenti tal-VET kienu impjegati u kważi żewġ terzi kisbu esperjenza fuq post tax-xogħol fl-2023, li rendiethom rati ta' impjieg ogħla mill-pari tagħhom mingħajr esperjenza bħal din (84.8 % imqabbla ma' 71.5 %). Madankollu, għad hemm differenzi kbar bejn il-pajjiżi, kemm f'termini ta' tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol kif ukoll fil-prospetti ta' impjieg tal-gradwati tal-VET.

**It-titjib tal-ħiliet tal-adulti huwa essenzjali għall-produttività, għall-kompetittività u għall-preservazzjoni tal-koeżjoni soċjali u għat-tisħiħ tal-inklużjoni fis-suq tax-xogħol filwaqt li tiġi appoġġata t-tranżizzjoni doppja fil-kuntest tal-bidla demografika; madankollu, il-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri u l-gruppi tal-popolazzjoni.** Stħarriġ tal-Ewrobarometru ta' Mejju 2023 dwar l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)[27] sab li aktar minn nofs l-SMEs irrappurtaw diffikultajiet biex isibu l-ħaddiema bil-ħiliet it-tajba u madwar kwart minnhom (26 %) indikaw li dan kien "pjuttost diffiċli". Kważi żewġ terzi jinżammu lura minħabba dan fl-attivitajiet kummerċjali ġenerali tagħhom. Fl-istess ħin, ir-riżultati reċenti tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Kompetenzi tal-Adulti tal-OECD (PIAAC, Programme for the International Assessment of Adult Competencies)[28] juru li l-profiċjenza fil-litteriżmu fost l-adulti (16-65) tjiebet f'5 mill-20 Stat Membru parteċipanti matul l-aħħar deċennju, filwaqt li staġnat jew naqset b'mod sinifikanti fil-maġġoranza tagħhom (12). Fir-rigward tal-profiċjenza fin-numeriżmu, ir-riżultati jagħtu stampa kemxejn aktar favorevoli hekk kif erba' Stati Membri raw żidiet fil-prestazzjoni, filwaqt li fi 13 biss minnhom il-profiċjenza fil-popolazzjoni adulta staġnat jew naqset b'mod sinifikanti. Barra minn hekk, fl-2023, tmienja mill-20 Stat Membru parteċipanti qabżu l-medja tal-OECD b'mod sinifikanti fir-rigward tal-profiċjenza tagħhom fis-soluzzjoni adattiva tal-problemi. F'dan il-kuntest, u fil-konfront tan-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet u t-tixjiħ tal-popolazzjoni, it-trawwim ta' parteċipazzjoni wiesgħa fl-apprendiment għall-adulti huwa kruċjali biex jiġi żgurat li l-ħiliet tal-forza tax-xogħol tal-UE jinżammu aġġornati. Madankollu, ċifri reċenti mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti (AES, Adult Education Survey) jindikaw biss żieda ħafifa fir-rati ta' parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti (eskluż it-taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol) matul it-12-il xahar preċedenti, minn 37.4 % fl-2016 għal 39.5 % fl-2022 għall-UE, b'disparitajiet kbar bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, il-progress fil-ħiliet diġitali kien kajman b'mod kumplessiv, u b'disparitajiet sinifikanti bejn il-pajjiżi. Minkejja li aktar minn 90 % tan-nies fl-UE użaw l-internet mill-inqas darba fil-ġimgħa fl-2023[29], 55.6 % biss kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, li jirriflettu biss żieda modesta mill-2021 (53.9 %).

---

[27] Ara l-Kummissjoni Ewropea, l-Ewrobarometru Flash 529 – *Skills shortages, recruitment and retention strategies in small and medium-sized enterprises*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

[28] l-OECD, Do Adults Have the Skills They Need to Thrive in a Changing World?:Survey of Adult Skills 2023, OECD Skills Studies, OECD Publishing, Pariġi, 2024. Imtella' wara l-pubblikazzjoni tal-10 ta' Diċembru 2024.

[29] Ara l-Kummissjoni Ewropea, Digitalisation in Europe – 2024 edition, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

Bil-pass attwali, 59.8 % biss tal-adulti jkollhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi sa tmiem id-deċennju, ferm taħt il-mira tal-UE ta' 80 %[30]. Il-parteċipazzjoni fl-iżvilupp tal-ħiliet tul il-ħajja hija partikolarment kritika għall-persuni li għandhom kwalifiki baxxi (jiġifieri l-aktar l-edukazzjoni sekondarja baxxa), il-persuni qiegħda, dawk barra mill-forza tax-xogħol u l-popolazzjoni akbar fl-età, li fl-istess ħin ikollhom l-aktar bżonnha. F'dan il-kuntest, l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa tal-2020 appellat għal żieda radikali fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment tiddeskrivi kif l-Istati Membri jistgħu jikkombinaw l-appoġġ finanzjarju u mhux finanzjarju b'mod effettiv biex jagħtu s-setgħa lill-adulti biex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom[31]. Abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali, dawn tal-aħħar għandhom ukoll rwol importanti f'dan ir-rigward, peress li jistgħu jistimulaw il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u ta' dawk li qed ifittxu impjieg f'titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid immirati[32].

---

30 Ara l-Anness tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, L-Istat tad-Deċennju Diġitali 2024 (COM(2024) 260 final).

31 Ara: IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment 2022/C 243/03.

32 Ara: RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà 2022/C 243/02.

## Il-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti hija kkaratterizzata minn varjazzjoni qawwija

## fost il-gruppi tal-popolazzjoni

**58.9 %** tal-adulti b'livell għoli ta' ħiliet **ipparteċipaw fl-apprendiment kull sena**, meta mqabbla ma' **18.4 %** biss tal-adulti b'livell baxx ta' ħiliet

**26.8 % bisstal-persuni qiegħda** pparteċipaw fl-apprendiment kull sena meta mqabbla ma' **44.7 % tal-persuni impjegati**

**Kważi wieħed minn kull żewġ adulti żgħażagħ** (fl-età ta' bejn 25 u 34 sena) ipparteċipaw fl-apprendiment kull sena, meta mqabbel ma' **inqas minn terz** fost dawk li għandhom bejn 55 u 64 sena

Rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul l-aħħar 12-il xahar skont is-sottogrupp (fl-età ta' bejn 25 u 64 sena, minbarra t-taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol,%)




*Nota:* f'Ottubru 2024, il-Grupp ta' Indikaturi tal-Kumitat tal-Impjiegi qabel dwar il-qafas ta' monitoraġġ għall-mira tal-ħiliet, bl-użu tal-AES minbarra t-taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol għalissa.

*Sors:* L-estrazzjoni speċjali tal-Eurostat tar-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul dawn l-aħħar 12-il xahar, mingħajr taħriġ iggwidat fuq ix-xogħol (GOJT), mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti.

**L-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI, gross disposable household income) reġa' beda jikber fl-UE fl-2023 u l-2024, u dan għen lill-unitajiet domestiċi jirkupraw il-kapaċità tal-akkwist u jipprevjenu żidiet fil-faqar.** B'mod kumplessiv, l-introjtu reali tal-unitajiet domestiċi żdied b'rata aktar mgħaġġla mill-PDG mit-tieni kwart tal-2023, u dan reġġa' lura x-xejra ta' tnaqqis fir-ritmu tas-sentejn preċedenti. Filwaqt li l-kumpens tal-persuni b'impjieg indipendenti qed jiżdied b'pass moderat, il-kumpens tal-impjegati żdied b'mod aktar mgħaġġel fir-raba' kwart tal-2023 u fl-ewwel kwart tal-2024. Dan ikkumpensa sew għall-effett tat-taxxi, li beda jrażżan it-tkabbir tal-introjtu fi tmiem l-2023, wara li kkontribwixxa b'mod pożittiv matul is-sena preċedenti, b'mod partikolari bħala riżultat ta' miżuri temporanji relatati mal-inflazzjoni. Il-benefiċċji soċjali netti pprovdew xi kontribut pożittiv fl-ewwel nofs tal-2024.

**Fl-UE, is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali naqas bi ftit fl-2023, anki bis-saħħa ta' azzjoni politika deċiżiva meħuda biex ittaffi l-effetti soċjali negattivi tal-kost elevat tal-għoli tal-ħajja, iżda għad hemm sfidi b'differenzi notevoli bejn ir-reġjuni tal-UE.** Madankollu, madwar persuna waħda minn kull ħamsa baqgħet fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) fl-2023 fl-UE, filwaqt li l-għadd kumplessiv naqas b'madwar 1.6 miljun meta mqabbel mal-2019 (meta mqabbel mal-mira tal-2030 ta' mill-inqas 15-il miljun). L-eteroġeneità bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom kif ukoll id-disparitajiet bejn il-gruppi tal-popolazzjoni kienu kbar, b'riskji ogħla ta' faqar għat-tfal, għall-anzjani, għall-persuni b'diżabbiltà, għall-persuni mhux imwielda fl-UE u għar-Rom. L-istimi rapidi tal-Eurostat li jirreferu għall-introjti tal-2023 jindikaw li r-rati tar-riskju tal-faqar (AROP, at risk of poverty) baqgħu stabbli fl-UE bħala medja u fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. In-nuqqas ta' impjiegi baqa' fattur ewlieni tal-faqar, filwaqt li l-benefiċċji soċjali ma waslux għand l-unitajiet domestiċi kollha fil-bżonn. L-impatt tat-trasferimenti soċjali (esklużi l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas bi ftit fl-2023, b'xi diverġenza fost l-Istati Membri, u dan jenfasizza l-importanza li jkomplu jissaħħu l-isforzi biex jiġu żgurati appoġġ għall-introjtu u kopertura tal-introjtu adegwati. Minkejja t-titjib f'dawn l-aħħar snin, prattikament fl-Istati Membri kollha, l-appoġġ għall-introjtu minimu ġeneralment mhuwiex biżżejjed biex in-nies joħorġu mill-faqar. L-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-introjtu minimu li jiżgura inklużjoni attiva fl-Istati Membri kollha hija kruċjali biex tiġi indirizzata din l-isfida[33]. Il-faqar enerġetiku (kif imkejjel mis-sehem ta' persuni li ma jistgħux iżommu darhom sħuna b'mod adegwat) żdied għat-tieni sena konsekuttiva fl-2023 fl-UE. Il-fatt li ż-żieda kienet aktar baxxa milli fl-2022, filwaqt li x-xokk fil-prezz kien ogħla b'mod sinifikanti fix-xitwa tal-2022 meta mqabbel max-xitwa tal-2021, jissuġġerixxi li l-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ adottati mill-UE u mill-Istati Membri tagħha effettivament taffew l-impatt. Il-valutazzjonijiet tal-impatt distributtiv tar-riformi u l-investimenti huma partikolarment importanti biex jitqiesu l-impatti fuq ir-riskji tal-faqar u l-inugwaljanza fl-introjtu u biex jiġi infurmat it-tfassil tal-politika *ex ante*.

33 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva (2023/C 41/01).

**Ir-rati tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali jvarjaw b'mod sinifikanti fost il-gruppi ta' età, fejn it-tfal spiss ikunu l-aktar f'riskju, u jaffettwaw ukoll lill-persuni li jaħdmu**

**Wieħed minn kull ħames persuni** u **wieħed minn kull erbat itfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali** fl-UE fl-2023

Ir-rati tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali — it-total u skont il-grupp ta' età, taħt it-18-il sena u 'l fuq; rata ta' faqar fost dawk li jaħdmu (18+) (%)




**1 minn kull 12-il ħaddiem fir-riskju ta' faqar** fl-UE fl-2023

*Nota*: Interruzzjoni fis-serje għall-2020. Valuri stmati għall-2015 – 2019 għall-faqar fost dawk li jaħdmu (18+)

*Sors*: il-Eurostat [ilc_peps01n], [ilc_li02], [ilc_li04], EU-SILC.

**Is-sehem ta' tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fl-UE baqa' ġeneralment stabbli, filwaqt li n-numru tagħhom naqas marġinalment fl-2023, filwaqt li s-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà kompliet tmur għall-agħar.** F'din is-sena, għall-ewwel darba mill-pandemija tal-COVID-19, l-għadd ta' tfal li qed jesperjenzaw riskji ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali naqas bi ftit fl-UE (19.9 miljun imqabbla ma' madwar 20 miljun fl-2022). Kważi wieħed minn kull erbat itfal fl-UE baqa' fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, bin-numru totali jitla' b'0.6 miljun meta mqabbel mal-2019, wara li tbiegħed mill-għan tal-UE tal-2030 ta' tnaqqis b'mill-inqas 5 miljun. Il-ħruġ tat-tfal mill-faqar u l-esklużjoni soċjali huwa strumentali biex jgħinhom jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol u jkisser iċ-ċiklu tal-faqar interġenerazzjonali. L-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal[34] fl-Istati Membri kollha hija kruċjali f'dan ir-rigward. Ir-riskji tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għadhom għoljin ukoll għall-persuni b'diżabbiltà. Ir-rata tal-AROPE għal dawn tal-aħħar (28.8 % fl-2023) kienet 10.8 pps ogħla milli għall-bqija tal-popolazzjoni fl-2023. Differenza li għadha kbira fir-rati tal-impjieg bejn il-persuni b'diżabbiltà u dawk mingħajr diżabbiltà, u l-probabbiltà akbar li l-persuni b'diżabbiltà jitilqu kmieni mill-edukazzjoni hija relatata mill-qrib mar-riskji ogħla ta' faqar irrapportati fil-każ tagħhom.

[34] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ĠU L 223, 22.62021, p. 14-23).

**L-unitajiet domestiċi li qed jesperjenzaw il-faqar jallokaw sehem sinifikanti mill-introjtu disponibbli tagħhom għall-ispejjeż tal-akkomodazzjoni, b'varjazzjoni kbira bejn l-Istati Membri**

Fl-2023, f'**aktar minn terz tal-Istati Membri**, l-unitajiet domestiċi kienu jonfqu **madwar għoxrin fil-mija jew aktar mill-introjtu disponibbli tagħhom fuq il-kostijiet tal-akkomodazzjoni**

Is-sehem tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni fl-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi, 2023 (%)




*Sors*: il-Eurostat [ilc_mded01].

**L-unitajiet domestiċi li jesperjenzaw riskji ta' faqar ġarrbu piż eċċessiv doppju minħabba l-kostijiet tal-akkomodazzjoni** fi kważi l-Istati Membri kollha

**L-aċċess għall-akkomodazzjoni soċjali jew l-assistenza għall-akkomodazzjoni ta' kwalità tajba għal dawk fil-bżonn hija prijorità ewlenija tal-UE.** L-aċċess għall-akkomodazzjoni huwa fundamentali fil-protezzjoni kontra r-riskji tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, u biex jiġi ddeterminat l-aċċess għall-edukazzjoni u l-impjiegi, filwaqt li jkollu impatt ukoll fuq il-mobbiltà relatata max-xogħol fl-Istati Membri u fis-Suq Uniku tal-UE. Il-kostijiet tal-akkomodazzjoni huma ta' piż fuq il-baġits tal-unitajiet domestiċi tal-UE, u jolqtu b'mod partikolari lil dawk li diġà jesperjenzaw riskji ta' faqar. Dawn tqiesu bħala "piż finanzjarju" minn kważi nofs l-unitajiet domestiċi tal-UE fl-2023. Fl-istess ħin, sa 8.8 % tal-popolazzjoni tal-UE kienet tgħix f'unità domestika fejn il-kostijiet totali tal-akkomodazzjoni kienu jirrappreżentaw aktar minn 40 % tal-introjtu disponibbli totali tal-unità domestika tagħhom, jiġifieri ġarrbu piż eċċessiv minħabba l-kostijiet tal-akkomodazzjoni. Din ir-rata laħqet it-33.5 % għall-persuni li diġà qed jesperjenzaw riskji ta' faqar. Iż-żidiet fil-kirjiet u l-prezzijiet tal-proprjetà li jaqbżu t-tkabbir tal-introjtu ddeterjoraw l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, speċjalment fil-bliet ewlenin tal-UE. Barra minn hekk, f'ħafna pajjiżi l-għoti tal-akkomodazzjoni soċjali mhuwiex biżżejjed biex ikopri l-ħtiġijiet, bi stokk li qed jonqos u listi twal ta' stennija. L-aktar ostakli importanti għall-investiment fl-akkomodazzjoni soċjali huma relatati mal-ostakli kumplessivi fis-settur tal-kostruzzjoni, bħall-proċeduri għall-għoti ta' permessi u l-użu tal-art; restrizzjonijiet baġitarji, aċċess għall-finanzi u d-disponibbiltà ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati. Fl-aħħar nett, bħala l-aktar sfida estrema fir-rigward tal-aċċess għall-akkomodazzjoni, il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar kompliet tiġi aggravata miż-żieda fl-għoli tal-ħajja. Matul l-aħħar 12-il xahar, diffikultajiet fil-kiri ġew irrapportati minn aktar minn kwart tal-persuni ta' bejn 30 u 54 sena li qed jesperjenzaw ir-riskji tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali. L-Istati Membri diġà stabbilew diversi riformi regolatorji u mhux regolatorji u programmi ta' investiment biex jappoġġaw l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni u jżidu l-istokk tal-akkomodazzjoni soċjali tagħhom. Il-fondi tal-UE jistgħu jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi u l-investimenti.

## L-ispejjeż għall-kura fit-tul huma pproġettati li jkomplu jiżdiedu, filwaqt li r-rati ta' sostituzzjoni tal-pensjonijiet mistennija jonqsu

**L-ispejjeż mill-but għall-kura fit-tul qabżu l-introjtu disponibbli medjan tal-persuni fil-bżonn** f'wieħed minn kull ħames Stati Membri tal-UE

Rati Teoretiċi ta' Sostituzzjoni Netti tal-Pensjoni (TRR, Theoretical Replacement Rates), 2022, 2062 (irġiel, pps); L-ispejjeż mill-but għall-kura fit-tul fid-dar bħala sehem tal-introjtu disponibbli medjan (%)




**It-tnaqqis mistenni fir-rati ta' sostituzzjoni tal-pensjonijiet** aktarx jaggrava l-piż tal-ispejjeż għoljin tal-kura fit-tul

*Nota*: it-TRRs huma għal karriera ta' 40 sena li tintemm fl-età tal-pensjoni, ħaddiem b'paga medja, 2022 u 2062. L-ispejjeż mil-but għall-kura fit-tul huma għal persuna bi bżonnijiet severi, wara l-appoġġ pubbliku. Ara n-noti għall-graff fil-Kaxxa 7 tal-Pilastru għad-dettalji dwar il-metodoloġija.

*Sors*: il-kalkoli proprji tal-Kummissjoni, ibbażati fuq id-data mill-OECD u l-Istati Membri. Ir-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet tal-2024 u l-analiżi tal-OECD ibbażati fuq il-kwestjonarju tal-OECD dwar il-protezzjoni soċjali tal-kura fit-tul, SHARE (mewġa 8, 2019, ħlief PT, li tirreferi għall-mewġa 6, 2015) u TILDA (mewġa 3, 2015).

**Il-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tista' tikkontribwixxi għal tkabbir ekonomiku inkluživ, bi protezzjoni soċjali u servizzi soċjali adegwati u sostenibbli.** Minkejja xi titjib matul dawn l-aħħar ftit snin, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għadu varjat bejn l-Istati Membri. L-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom għandha tissaħħaħ sabiex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali persistenti[35]. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jiġu żgurati t-trasparenza u s-simplifikazzjoni fl-aċċess għall-protezzjoni soċjali. Is-soluzzjonijiet diġitali jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tat-trasparenza, l-effiċjenza kif ukoll l-effettività fl-aċċess għall-protezzjoni soċjali, iżda hemm bżonn li jiġu evitati r-riskji akbar ta' distakk diġitali. F'soċjetà li qed tixjieħ, l-iżgurar tal-adegwatezza u s-sostenibbiltà fiskali tal-pensjonijiet u l-kura fit-tul (LTC, long term-care) jeħtieġ taħlita wiesgħa ta' politiki, li tinkludi l-investiment f'tixjiħ attiv u san, it-titwil tal-ħajja tax-xogħol, u l-appoġġ ta' arranġamenti tax-xogħol adattati u flessibbli, flimkien ma' sistemi effettivi u effiċjenti tal-pensjonijiet u tal-kura fit-tul. L-inugwaljanzi soċjoekonomiċi, kif ukoll iż-żieda f'forom ta' xogħol mhux standard, joħolqu wkoll sfidi dejjem akbar biż-żieda fil-lonġevità. Filwaqt li r-rati ta' sostituzzjoni tal-pensjonijiet[36] huma proġettati li se jonqsu matul l-erba' deċennji li ġejjin, il-ħtiġijiet tal-kura fit-tul huma mistennija li jiżdiedu. Pensjonijiet adegwati se jiddependu dejjem aktar fuq karrieri itwal. Fl-istess ħin, pensjonijiet aktar baxxi wkoll jagħmluha aktar diffiċli li jiġi kopert l-infiq mill-but għall-kura fit-tul. Dan tal-aħħar jista' jkun għoli ħafna għal persuni bi bżonnijiet severi ta' kura, u teżisti varjazzjoni kbira fost il-pajjiżi tal-UE. Fit-tul, l-iżviluppi demografiċi huma pproġettati li jirriżultaw f'żieda ta' 6.6 miljun persuna potenzjalment fil-bżonn ta' kura fit-tul sal-2050[37], li se taggrava l-isfidi strutturali attwali tad-disponibbiltà, l-affordabbiltà, u l-kwalità tal-kura fit-tul.

---

[35] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom 2019/C 387/01.

[36] Ir-rati teoretiċi ta' sostituzzjoni jkejlu kif l-introjtu tal-pensjoni ipotetiku tal-irtirar fl-ewwel sena wara l-irtirar jitqabbel mal-qligħ tagħhom immedjatament qabel l-irtirar.

[37] Skont il-projezzjonijiet mix-xenarju bażi. Ara: il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ ECFIN (2024), 2024 ageing report – Economic & budgetary projections for the EU Member States (2022-2070), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

F'dan il-kuntest, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għal kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja[38] titlob lill-Istati Membri jiżguraw servizzi adegwati ta' kura fit-tul, kif ukoll impjieg ta' kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fis-settur tal-kura, filwaqt li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet tal-ħaddiema, filwaqt li jappoġġjaw ukoll lill-persuni li jindukraw b'mod informali. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2024 dwar l-adegwatezza tal-pensjonijiet[39] jaffermaw mill-ġdid il-ħtieġa li jiġu segwiti aktar riformi inkluż billi jittejbu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, l-aċċess u l-kontribuzzjonijiet għal skemi ta' protezzjoni soċjali għal kulħadd, u jissaħħaħ l-aċċess għal kura tas-saħħa u kura fit-tul ta' kwalità għolja u affordabbli. Barra minn hekk, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-isfidi tas-sostenibbiltà fiskali li jirriżultaw mit-tixjiħ jaffermaw mill-ġdid il-ħtieġa li jiġu indirizzati aktar il-konsegwenzi ekonomiċi u baġitarji tat-tixjiħ, inkluż bl-adozzjoni ta' finanzi pubbliċi sodi, iż-żieda fil-produttività kif ukoll ir-rati ta' parteċipazzjoni u ta' impjieg, u l-adattament tas-sistemi tal-pensjonijiet, tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul[40].

**Djalogu soċjali u negozjar kollettiv li jiffunzjonaw tajjeb huma kruċjali għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u għall-mitigazzjoni tan-nuqqas ta' ħaddiema.** Fis-Summit tas-Sħab Soċjali ta' Val Duchesse tal-31 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni, il-Presidenza Belġjana f'isem il-Kunsill, u s-sħab soċjali transindustrijali ffirmaw "Dikjarazzjoni Tripartitika għal Djalogu Soċjali Ewropew Prosperu (Tripartite Declaration for a Thriving Social Dialogue)". Dan jirrappreżenta impenn imġedded biex jissaħħaħ id-djalogu soċjali fil-livell tal-UE u biex ningħaqdu flimkien fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin li qed jiffaċċjaw l-ekonomiji u s-swieq tax-xogħol tagħna[41]. Id-djalogu u l-konsultazzjoni regolari mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma wkoll strumentali għat-twassil ta' politiki inklużivi u li jħallu impatt. Kif rikonoxxut mid-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe tal-2024 dwar il-Futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[42], is-soċjetà ċivili għandha rwol ewlieni fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanzi, u fir-rigward tal-politiki li jikkonċernaw gruppi sottorappreżentati u vulnerabbli. Fil-livell tal-UE, is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma involuti b'mod attiv fis-Semestru Ewropew, bi skambji regolari ta' fehmiet u diskussjonijiet tematiċi dwar oqsma ta' rilevanza partikolari.

---

[38] Ara 2022/C 476/01.
[39] Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-adegwatezza tal-pensjonijiet tal-20 ta' Ġunju 2024, 11398/24.
[40] Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024, 9159/24.
[41] Ara: Tripartite Declaration for a Thriving European Social Dialogue.
[42] Iffirmat mir-Renju tal-Belġju f'isem 25 Stat Membru.

**L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni biex jindirizzaw l-isfidi tal-impjiegi, tal-ħiliet u tal-politika soċjali identifikati f'dan ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi.** B'mod partikolari – f'konformità mal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi:

- Itejbu l-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-adulti biex jiżguraw il-kompetittività, jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, jadattaw għas-sitwazzjoni u l-prospetti li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol, u jrawmu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti – inkluż billi jintegraw l-użu ta' għodod ta' informazzjoni dwar il-ħiliet; isaħħu l-għoti ta' intitolamenti ta' taħriġ individwali, bħal kontijiet ta' apprendiment individwali; u jrawmu l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u r-rikonoxximent tal-mikrokredenzjali skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali – f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar kontijiet ta' apprendiment individwali u dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali.

- Isaħħu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u l-kapaċità u l-effettività tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi – inkluż billi jinvestu fl-infrastruttura u s-servizzi diġitali, fi gwida mtejba għall-karriera, fis-servizzi ta' konsulenza, fl-intelliġenza tal-ħiliet u fit-taħriġ tal-persunal – bil-għan li jżidu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol partikolarment ta' gruppi sottorappreżentati, jappoġġaw il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u t-tranżizzjonijiet.

- F'konformità mal-liġijiet u/jew il-prattiki nazzjonali u b'rispett sħiħ tar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, jippromwovu l-iżviluppi fil-pagi li jtaffu t-telf fil-kapaċità tal-akkwist, b'mod partikolari għall-ħaddiema b'paga baxxa, filwaqt li jippromwovu l-konverġenza soċjali 'l fuq, u jqisu l-iżviluppi fil-produttività, il-ħolqien tal-impjiegi ta' kwalità, u s-salvagwardja tal-kompetittività.

- Jiżguraw id-disponibbiltà ta' skemi ta' appoġġ imfassla b'mod li jippreservaw u jiżviluppaw aktar il-kapital uman permezz ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid assoċjati, sabiex jappoġġaw proċessi ta' ristrutturar ġusti fejn meħtieġ, jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet tal-impjiegi u jgħinu fil-modernizzazzjoni tal-ekonomija.

- Jipprovdu appoġġ adegwat lill-ħaddiema u lill-unitajiet domestiċi l-aktar affettwati mill-impatti ekonomiċi u soċjali mill-adattament għat-tibdil fil-klima u t-teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali ġodda, b'mod partikolari lill-ħaddiema u lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli – inkluż permezz ta' servizzi tal-impjiegi u miżuri ta' taħriġ effettivi; programmi ta' impjieg imfassla tajjeb, immirati u marbuta maż-żmien, inċentivi għar-reklutaġġ u t-tranżizzjoni; sigurtà tal-introjtu adegwata b'approċċ ta' inklużjoni attiva; il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema kontra r-riskji relatati mal-IA u t-tibdil fil-klima; u l-promozzjoni tal-intraprenditorija, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika.

- Jippromwovu mobbiltà ġusta fl-UE u jikkunsidraw li jattiraw ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi terzi. Barra minn hekk, jieħdu miżuri biex jiffaċilitaw il-migrazzjoni legali ġestita ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi f'okkupazzjonijiet b'nuqqas ta' ħaddiema, filwaqt li jiżguraw ir-rispett u l-infurzar tad-drittijiet tax-xogħol u dawk soċjali, u appoġġata minn politika ta' integrazzjoni effettiva, f'komplementarjetà ma' mobbiltà ġusta tal-forza tax-xogħol u l-isfruttar tal-provvista tax-xogħol u tal-ħiliet minn ġewwa l-Unjoni.

- Jadattaw ir-regolamenti tas-suq tax-xogħol u s-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji biex inaqqsu s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u d-differenza bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol u jrawmu l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, inkluż tnaqqis possibbli tal-porzjon tat-taxxa, b'mod partikolari għall-ħaddiema b'pagi baxxi mingħajr ma jfixklu t-tranżizzjoni lejn impjiegi b'pagi ogħla u bidla 'l bogħod tat-tassazzjoni mix-xogħol għal sorsi oħra li jappoġġaw aktar l-impjieg u t-tkabbir inklużiv.

- Jiżguraw ambjenti tax-xogħol ħielsa mill-periklu, sikuri u adattati sewwa.

- Jippromwovu n-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali, flimkien mal-involviment f'waqtu u sinifikanti tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika rilevanti fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri u fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

- Itejbu l-prospetti tas-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ – inkluż permezz ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali inklużivi u ta' kwalità u edukazzjoni terzjarja; appoġġ immirat għas-servizzi tal-impjiegi (li jinkludi mentoraġġ, gwida u konsulenza); u apprendistati u traineeships ta' kwalità, f'konformità mal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa.

- Jappoġġaw l-ekwità, il-kwalità u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni għolja, u jtejbu l-proċeduri għar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki, biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet u l-ispariġġi fihom, inkluż billi jżidu l-għadd ta' gradwati f'xi dixxiplini STEM, inaqqsu d-differenzi bejn il-ġeneri u jagħtu s-setgħa lill-universitajiet biex isiru atturi tal-bidla fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

- Jiżguraw in-nondiskriminazzjoni, jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, itejbu l-integrazzjoni tal-ugwaljanza u jsaħħu l-parteċipazzjoni tan-nisa u tal-gruppi żvantaġġati fis-suq tax-xogħol, billi jrawmu opportunitajiet indaqs u l-progressjoni tal-karriera, jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, jew xogħol ta' valur ugwali, it-trasparenza fl-istrutturi tal-pagi, u jippromwovu r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata – inkluż permezz ta' aċċess għal kura affordabbli u ta' kwalità għolja (l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, u l-kura fit-tul), u liv tal-familja u arranġamenti tax-xogħol flessibbli għall-ġenituri u għal persuni oħra li jindukraw b'mod informali, f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għall-Kura, kif ukoll billi jiżguraw l-aċċessibbiltà fuq il-post tax-xogħol.

- Jipprovdu lit-tfal kollha fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali aċċess mingħajr ħlas u effettiv għall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, u l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-attivitajiet ibbażati fl-iskola; kif ukoll aċċess effettiv għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa u akkomodazzjoni adegwata; f'konformità mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali relatati.

- Irawmu opportunitajiet indaqs għat-tfal biex jindirizzaw il-livelli għoljin ta' faqar fost it-tfal u jagħmlu l-aħjar użu mir-riżorsi nazzjonali u tal-UE. Iħaffu l-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal inkluż billi jipprovdu edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli u ta' kwalità tajba u billi jindirizzaw it-tluq bikri mill-iskola u n-nuqqas ta' għalliema. Jappoġġaw l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità għat-tfal u ż-żgħażagħ minn gruppi żvantaġġati u żoni remoti, itejbu l-eżiti tal-apprendiment tagħhom u jippromwovu t-taħriġ fil-livelli kollha tal-kwalifiki.

- Jadottaw miżuri komprensivi biex itejbu l-ħiliet bażiċi, u b'mod aktar ġenerali l-iżvilupp tal-kompetenzi ewlenin (inklużi l-ħiliet trażversali) tal-istudenti u jindirizzaw l-isfidi strutturali marbuta mal-prestazzjoni u l-ekwità tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż permezz ta' approċċi effettivi ta' tagħlim, apprendiment u valutazzjoni, jappoġġaw il-prattika professjonali tal-edukaturi u tal-mexxejja tal-iskejjel, jippromwovu ambjenti ta' apprendiment ta' appoġġ, joffru appoġġ immirat lill-iskejjel u l-istudenti żvantaġġati, u billi jindirizzaw in-nuqqas ta' għalliema u jżidu l-attraenza tal-professjoni tat-tagħlim (anke billi joħolqu oqfsa ta' karrieri attraenti, jappoġġaw lill-edukaturi matul il-karrieri tagħhom, u jappoġġaw b'mod adegwat lill-għalliema f'żoni żvantaġġati, rurali u remoti).

- Jagħtu spinta lill-ħiliet u l-kompetenzi diġitali tal-istudenti u tal-adulti ta' kull età, isaħħu l-ħsieb kritiku, kif ukoll il-litteriżmu medjatiku u diġitali, u jżidu r-riżerva ta' talenti diġitali fis-suq tax-xogħol billi jiżviluppaw ekosistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali appoġġati minn faċilitaturi ewlenin, bħall-konnettività b'veloċità għolja għall-iskejjel, it-tagħmir, u t-taħriġ tal-għalliema; u jappoġġaw lill-istituzzjonijiet b'għarfien espert dwar id-diġitalizzazzjoni b'enfasi speċjali fuq l-inklużjoni u fuq it-tnaqqis tad-distakk diġitali.

- Jiżguraw protezzjoni soċjali adegwata u sostenibbli għal kulħadd, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aċċess għall-Protezzjoni Soċjali; itejbu l-protezzjoni ta' dawk li ma humiex koperti biżżejjed, bħall-ħaddiema f'forom ta' impjieg mhux standard, inkluż ix-xogħol fuq il-pjattaformi, u dawk li jaħdmu għal rashom; itejbu l-adegwatezza tal-benefiċċji, it-trasferibbiltà tad-drittijiet u l-aċċess għal servizzi ta' kwalità, filwaqt li jissalvagwardjaw is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi; u jappoġġaw b'mod effettiv l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk li jistgħu jaħdmu.

- Jipprovdu u, fejn xieraq, isaħħu skemi ta' introjtu minimu li jiggarantixxu appoġġ adegwat u jsegwu approċċ ta' inklużjoni attiva, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva; u jrawmu l-aċċess għal servizzi ta' sostenn essenzjali, inkluż l-enerġija, speċjalment għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u vulnerabbli.

- Jivvalutaw l-impatti distribuzzjonali tar-riformi u tal-investimenti fuq l-introjtu ta' diversi gruppi fil-popolazzjoni kollha, f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar valutazzjoni aħjar tal-impatt distribuzzjonali tal-politiki tal-Istati Membri.

- Jappoġġaw l-aċċess għal akkomodazzjoni ta' kwalità u affordabbli, akkomodazzjoni soċjali jew assistenza għall-akkomodazzjoni, fejn xieraq; jindirizzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar bħala l-aktar forma estrema ta' faqar; jippromwovu r-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni residenzjali u soċjali u tas-servizzi soċjali integrati.

- Jinvestu fil-kapaċità tas-sistema tal-kura tas-saħħa inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u s-servizzi tal-kura primarja, kif ukoll il-kapaċità tas-saħħa pubblika, il-koordinazzjoni tal-kura, il-persunal tal-kura tas-saħħa u l-użu tal-e-Saħħa u l-IA; inaqqsu l-pagamenti mill-but, fejn rilevanti; itejbu l-kopertura tal-kura tas-saħħa; u jippromwovu kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar kif ukoll titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema tas-saħħa.

- Isaħħu l-forniment ta' servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità, affordabbli u sostenibbli, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja.

- Jiżguraw sistemi tal-pensjonijiet inklużivi u sostenibbli li jippermettu introjtu adegwat fix-xjuħija u ġustizzja interġenerazzjonali.

Il-finanzjament tal-UE, inkluż permezz tal-FSE+, il-FEŻR, il-JTF, it-TSI u l-RRF għal investimenti u riformi eliġibbli, jappoġġa lill-Istati Membri biex iżidu l-azzjoni politika f'dawn l-oqsma.

# KAPITOLU 1. ĦARSA ĠENERALI LEJN IX-XEJRIET SOĊJALI U TAS-SUQ TAX-XOGĦOL, IL-PROGRESS FIL-MIRI GĦALL-2030 U SEJBIET ORIZZONTALI EWLENIN DWAR IL-KONVERĠENZA SOĊJALI

## 1.1 Xejriet ewlenin tas-suq tax-xogħol

**Minkejja l-ambjent ekonomiku diffiċli fl-2023, l-impjiegi fl-UE komplew jiżdiedu bis-saħħa fil-biċċa l-kbira tas-setturi għalkemm aktar bil-mod mit-tkabbir notevoli esperjenzat fis-sena preċedenti.** L-impjiegi żdiedu bi 2.4 miljun persuna b'kollox għal total ta' 217.5 miljun persuna. F'dan il-kuntest, ir-rata tal-impjieg (il-grupp ta' età bejn 20 u 64 sena[43]) laħqet rekord ġdid ta' 75.3 %, u kompliet togħla għal 75.8 % fit-tieni kwart tal-2024. Ir-rata ta' tkabbir annwali ta' 1.1 % timmarka ritorn għall-medji ta' qabel il-COVID-19 (2013-2019), wara l-irkupru rapidu ta' wara l-pandemija fl-2022 (+2.3 %). It-tkabbir fl-impjiegi kien relattivament ibbilanċjat fis-setturi kollha, u jvarja minn 0.9 % sa 1.7 % għall-biċċa l-kbira, bi ftit eċċezzjonijiet. Is-settur tal-ICT espanda b'4.3 %, u dan jirrifletti x-xejra qawwija u fit-tul tiegħu u t-tranżizzjoni diġitali li għaddejja bħalissa. B'kuntrast ma' dan, l-impjiegi fl-industrija staġnaw b'mod ġenerali (+0.1 %). Is-settur agrikolu esperjenza l-akbar reċessjoni, bi tnaqqis ta' 1.9 %, f'konformità max-xejra fit-tul tiegħu. Wara li tilef kważi 18 % tal-ħaddiema tiegħu matul il-kriżi tal-COVID-19, is-settur tas-servizzi tal-akkomodazzjoni u tal-ikel kiber b'5.6 % fl-2023 u b'hekk għall-ewwel darba qabeż l-ogħla livelli tiegħu ta' impjiegi ta' qabel il-pandemija, filwaqt li s-settur tal-kostruzzjoni għad irid jirkupra bis-sħiħ għal-livelli ta' qabel il-kriżi finanzjarja, minkejja l-enfasi akbar fuq l-akkomodazzjoni u r-rinnovazzjonijiet ekoloġiċi. B'ħarsa 'l quddiem, it-tkabbir fl-impjiegi huwa mbassar li jkun 0.8 % fl-2024, 0.6 % fl-2025 u 0.5 % fl-2026[44].

---

[43] Il-Kapitolu 1 dejjem juża l-grupp ta' età ta' bejn 20 u 64 sena għall-indikatur tar-"rata ta' impjieg", sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

[44] Abbażi tat-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea (il-15 ta' Novembru 2024).

**Illustrazzjoni 1.1.1: it-tkabbir fl-impjiegi fl-2023 kien xprunat minn espansjoni tal-forza tax-xogħol immexxija minn ħaddiema b'livell għoli ta' edukazzjoni u minn ħaddiema akbar fl-età**

It-tkabbir fl-impjiegi (bejn 15 u 64 sena) imqassam skont it-tkabbir tal-forza tax-xogħol u t-tnaqqis fil-qgħad kif ukoll skont grupp rappreżentattiv tal-gruppi tal-età u l-livelli edukattivi milħuqa




*Sors*: Kalkoli proprji bbażati fuq il-Eurostat [lfsa_agan], [lfsa_ugan], [lfsa_egaed].

**F'kuntest ta' livelli tal-qgħad storikament baxxi u popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed tonqos, it-tkabbir fl-impjiegi kien primarjament xprunat minn forza tax-xogħol li qed tikber, b'kontribuzzjonijiet qawwija miċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-ħaddiema akbar fl-età.** Wara livell baxx rekord fl-2022, ir-rata tal-qgħad tal-UE[45] naqset b'0.1 pps għal 6.1 % fl-2023 f'termini annwali, u laħqet il-5.9 % f'Settembru 2024. Filwaqt li t-tnaqqis fil-qgħad kien il-fattur ewlieni tat-tkabbir fl-impjiegi qabel il-pandemija tal-COVID (2015-2019), il-livelli baxxi tal-qgħad imbagħad ċaqalqu l-enfasi fuq it-tkabbir tal-forza tax-xogħol bħala s-sors ewlieni ta' gwadanji attwali u futuri fl-impjiegi. Fl-2023, madwar 92 % tat-tkabbir fl-impjiegi fil-grupp ta' età ta' bejn 15 u 64 sena ġie spjegat minn espansjoni tal-forza tax-xogħol (meta mqabbla ma' inqas minn 8 % b'inqas qgħad). Din l-espansjoni kienet xprunata sew minn ħaddiema ta' bejn 25 u 54 sena b'edukazzjoni terzjarja, li ħafna minnhom huma ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ukoll minn ħaddiema akbar fl-età (bejn 55 u 64 sena) b'edukazzjoni sekondarja jew terzjarja — ara l-Grafika 1.1.1. Dan huwa f'konformità mal-professjonalizzazzjoni dejjem akbar u riallokazzjoni gradwali tal-impjiegi għal impjiegi b'livell għoli ta' ħiliet. Fl-istess ħin, għad hemm disparitajiet reġjonali sinifikanti fl-Istati Membri, b'rati ta' impjieg aktar baxxi b'mod konsistenti fir-reġjuni ultraperiferiċi u f'ħafna żoni rurali.

[45] Il-Kapitolu 1 dejjem juża l-grupp ta' età ta' bejn 15 u 74 sena għall-indikatur tar-"rata ta' qgħad", sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

**L-eżiti tas-suq tax-xogħol ta' gruppi sottorappreżentati tjiebu b'mod kostanti, iżda għad hemm lok konsiderevoli għal titjib.** Il-ħaddiema akbar fl-età, iż-żgħażagħ u dawk b'livell baxx ta' ħiliet kif ukoll in-nisa, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni b'diżabbiltà għad għandhom rati ta' impjieg u ta' parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol[46] (il-persuni fl-età ta' bejn 15 u 64 sena) ferm taħt il-medji rispettivi tal-UE (75.3 % u 75.0 % fl-2023). Barra minn hekk, ir-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, ta' dawk b'livell baxx ta' ħiliet u taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi huma madwar id-doppju tal-medja tal-UE. Madankollu, xi titjib jidher kważi fil-gruppi kollha. Il-popolazzjoni ta' bejn 55 u 64 sena, li espandiet b'rata aktar mgħaġġla minn kwalunkwe grupp ta' età ieħor matul l-aħħar żewġ deċennji, rat żieda rapida fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, li laħqet is-67.0 % fl-2023, u kienet parzjalment xprunata minn żieda fl-istennija tal-għomor, kura tas-saħħa mtejba u etajiet tal-irtirar ogħla. Ir-rata tal-impjieg tagħhom żdiedet ukoll għal 63.9 % fl-2023, bis-sehem tagħhom fl-impjiegi totali kważi jirdoppja (minn 10 % fl-2003 għal kważi 20 % fl-2023). Il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ (bejn 15 u 24 sena) fil-forza tax-xogħol (41.2 %) u r-rati tal-impjieg (35.2 %) reġgħu lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi finanzjarja tal-2008 fl-2023, u r-rata ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs, bejn 15 u 29 sena) laħqet rekord baxx ġdid ta' 11.2 %. Barra minn hekk, id-differenzi fil-parteċipazzjoni u fl-impjiegi bejn il-ġeneri komplew ix-xejra 'l isfel fit-tul tagħhom fl-2023, u issa qegħdin 10.4 pps u 10.2 pps b'mod kumplessiv (il-grupp ta' età bejn 20 u 64 sena), iżda xorta għadhom darbtejn akbar għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u għal dawk b'livell baxx ta' ħiliet. B'mod ġenerali, 70.2 % tan-nisa ta' bejn l-20 u l-64 sena kienu impjegati fl-2023. Il-persuni b'edukazzjoni terzjarja għandhom mingħajr dubju l-ogħla rata ta' impjieg (86.3 % fl-2023) u jkomplu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tkabbir fl-impjiegi[47], appoġġati mis-sehem tal-popolazzjoni tagħhom li qed jikber. Madankollu, ir-rati tal-impjieg żdiedu fil-livelli edukattivi kollha fl-2023, bid-differenza bejn ir-rati tal-impjieg tal-persuni (ta' bejn 25 u 64 sena) b'eżiti edukattivi għoljin u baxxi tonqos għal 28.0 pps, ammont li xorta għadu mdaqqas.

---

[46] Il-Kapitolu 1 dejjem juża l-grupp ta' età ta' bejn 15 u 64 sena għall-indikatur tar-"rata ta' parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol", sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

[47] Tkabbir fl-impjiegi ta' +3.1 % għal dawk b'livell għoli ta' ħiliet meta mqabbla ma' -0.5 % għal dawk b'livell medju ta' ħiliet u -0.4 % għal dawk b'livell baxx ta' ħiliet fl-2023. "B'livell baxx ta' ħiliet" tirreferi għall-persuni b'livell ta' edukazzjoni inqas minn dik primarja u sekondarja tal-ewwel livell (ISCED 0-2). "B'livell medju ta' ħiliet" tirreferi għall-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell u għall-edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja (ISCED 3-4).

L-aħħar sentejn raw żieda kbira mhux tas-soltu fl-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-forza tax-xogħol tal-UE, bi kważi tliet kwarti minnhom li huma Ukreni[48] u 40 % b'livell għoli ta' edukazzjoni. Dan ammonta għal aktar minn nofs iż-żieda fil-forza tax-xogħol fl-2022 u fl-2023, minkejja li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi xorta jirrappreżentaw biss 6.7 % tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol (żieda minn 5.7 % fl-2021). Ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol tagħhom żdiedet għal 68.5 %, u r-rata ta' impjieg tagħhom laħqet it-63.0 %. Sadanittant, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà żdiedet bi ftit b'0.1 pp fl-2023 (4.1 pps akbar għall-irġiel milli għan-nisa), wara livell rekord baxx ta' 21.4 pps fl-2022.

**Grafika 1.1.2: l-eżiti tas-suq tax-xogħol tjiebu fost il-biċċa l-kbira tal-gruppi sottorappreżentati**

L-eżiti tal-impjiegi fl-EU-27 skont il-ġeneru, il-grupp ta' età, il-livell edukattiv milħuq u ċ-ċittadinanza




*Sors*: il-Eurostat [lfsa_ergaedn], [lfsa_egaed], [lfsa_egan].

[48] Skont l-istimi, ara l-Kaxxa 1 fil-Kummissjoni Ewropea, Labour market and pay developments in Europe 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

**L-ishma ta' ħaddiema temporanji u part-time għadhom ferm taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija, iżda wkoll is-sigħat maħduma għal kull persuna.** Fl-2023, is-sigħat totali maħduma żdiedu b'0.9 %, ftit inqas miż-żieda ta' 1.1 % fl-impjiegi totali, u dan kompla t-tnaqqis fit-tul tas-sigħat maħduma għal kull persuna impjegata (bis-settur tal-agrikoltura, tal-forestrija u tas-sajd bħala l-eċċezzjoni ewlenija). Din ix-xejra hija primarjament xprunata minn għadd dejjem jonqos ta' sigħat maħduma fl-impjiegi full-time. Filwaqt li s-sehem tal-impjiegi part-time (għall-persuni fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) tela' għal 17.1 % fl-2023, dan għadu f'livelli storikament baxxi. Fl-2023, 15.2 % tal-ħaddiema part-time esprimew ix-xewqa li jaħdmu aktar sigħat, bi tnaqqis minn 16.0 % fl-2022 u 22.5 % deċennju qabel. Il-kuntratti part-time wkoll baqgħu 3.6 darbiet aktar prevalenti għan-nisa milli għall-irġiel (27.9 % vs 7.7 %), għalkemm huma inqas probabbli li jkunu involontarji għan-nisa (13.3 % imqabbla ma' 20.8 % għall-irġiel fl-2023). Fl-istess ħin, is-sehem tal-impjiegi temporanji naqas għal-livell l-aktar baxx tiegħu rreġistrat fl-2023 (10.6 %), li fil-biċċa l-kbira jaffettwa lill-ħaddiema manwali b'livell baxx ta' ħiliet, lill-individwi b'livelli edukattivi sekondarji (tat-tieni livell) li jkunu inferjuri jew mhux vokazzjonali u liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Il-maġġoranza (54.9 %) tal-impjegati temporanji kollha kellhom kuntratti bħal dawn minħabba li ma setgħux jiksbu pożizzjoni permanenti.

**In-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet għadu għoli, u dan ixekkel it-tkabbir tal-produttività u l-kompetittività, għalkemm it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, it-tqabbil imtejjeb tal-ħiliet u ż-żieda fl-immigrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-età tax-xogħol ikkontribwew biex jitnaqqsu sa ċertu punt.** Fl-ogħla livell fl-2022, aktar minn terz tal-kumpaniji madwar l-UE rrapportaw nuqqas ta' ħaddiema bħala fattur li jillimita l-produzzjoni tagħhom[49]. Filwaqt li dan is-sehem naqas fl-2023, baqa' 18 % f'Ottubru 2024 u għalhekk għadu jirrappreżenta sfida għall-kompetittività Ewropea. Ir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti laħqet l-ogħla livell tagħha ta' 3.0 % fl-2022, imbagħad naqset għal 2.8 % fl-2023 u kompliet għal 2.4 % fit-tieni kwart tal-2024, u dan jirrifletti tkabbir ekonomiku aktar dgħajjef u aspettattivi aktar baxxi ta' reklutaġġ. Ir-rata għadha kważi darbtejn ogħla minn dik ta' deċennju ilu, iżda xi fatturi li qed jixprunaw in-nuqqas ta' ħaddiema jidhru li qed jonqsu. It-tnaqqis fil-postijiet tax-xogħol vakanti b'qgħad stabbli jista' jissuġġerixxi effiċjenza akbar fit-tqabbil, appoġġata minn tnaqqis kemm fid-diskrepanzi relatati mal-edukazzjoni (kif imkejla mill-ispariġġ fil-ħiliet makroekonomiċi[50] u r-rati ta' sovrakwalifikazzjoni) kif ukoll mill-ispariġġi settorjali (kif imkejla mill-varjanza tar-rati settorjali tal-postijiet tax-xogħol vakanti), iżda jista' jkun ukoll żvilupp ċikliku peress li l-postijiet tax-xogħol vakanti normalment jirreaġixxu għall-iżviluppi ekonomiċi aktar malajr mill-qgħad. Fl-2023, is-setturi b'rati tal-postijiet tax-xogħol vakanti ogħla mill-medja (l-akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel, l-ICT, il-kostruzzjoni, l-appoġġ amministrattiv kif ukoll l-attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi) irreġistraw l-akbar tnaqqis f'dawn ir-rati, filwaqt li s-setturi tal-estrazzjoni u tal-forniment tal-enerġija kompla jkollhom l-aktar rati baxxi ta' postijiet tax-xogħol vakanti. L-influss taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-età tax-xogħol ikkontribwixxa wkoll għat-tnaqqis tan-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-2023[51]. Madankollu, ħafna minn dawn in-nuqqasijiet ta' ħaddiema u ħiliet huma ta' natura strutturali, xprunati minn bidla fid-domanda għall-ħaddiema fid-dawl tat-tranżizzjoni doppja u t-tixjiħ tal-popolazzjoni, u jeħtieġ jiġu indirizzati permezz ta' ħiliet immirati, l-attivazzjoni, il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u l-politiki dwar il-migrazzjoni[52].

---

49 European Business and Consumer Survey Ottubru 2024.

50 Ara l-Kummissjoni Ewropea, Analytical web note – Measuring skills mismatch – 7/2015, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015.

51 Il-Kummissjoni Ewropea, Labour market and wage developments in Europe 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

52 Ara l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Iskarsezza ta' Ħaddiema u ta' Ħiliet ippreżentat mill-Kummissjoni Ewropea f'Marzu 2024.

**It-tkabbir fil-pagi baqa' b'saħħtu fl-2023, xprunat ukoll min-nuqqas ta' ħaddiema, iżda kien għadu ssuperat mill-inflazzjoni.** F'suq tax-xogħol riġidu, il-kumpens nominali għal kull impjegat żdied b'4.9 % fl-2022 u b'6.1 % fl-2023. Madankollu, naqset milli tlaħħaq mal-inflazzjoni, li rriżultat f'telf reali fil-pagi ta' 3.7 % fl-2022 u 0.2 % fl-2023[53]. B'ħarsa 'l quddiem, il-pagi reali huma mistennija jiżdiedu bi 2.1 % fl-2024[54], bis-saħħa ta' diżinflazzjoni kontinwa u tkabbir fil-pagi nominali (li qed jonqsu gradwalment iżda għadhom sodi). Madankollu, dawn jibqgħu 1.1 % taħt il-livelli tagħhom tal-2019 bħala medja fl-2024 (meta mqabbla ma' 3.3 % fl-2023). Matul dawn l-aħħar sentejn, iż-żidiet fil-paga minima qabżu l-inflazzjoni fi kważi l-Istati Membri kollha, li naqqas il-faqar fost dawk li jaħdmu (bejn 18 u 64 sena) ftit għal 8.3 % fl-2023 (b'referenza għall-introjti tal-2022). Madankollu, dan ma jidhirx li ssarraf fi privazzjoni aktar baxxa, peress li r-rati ta' privazzjoni materjali u soċjali tal-persuni impjegati (fl-età ta' bejn 18 u 64 sena) żdiedu minn 7.2 % fl-2021 għal 9.1 % fl-2023.

## 1.2 Xejriet soċjali ewlenin

**L-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI) reġa' beda jikber fl-UE fl-2023, u kompla jħaffef fl-2024.** B'mod kumplessiv, l-introjtu tal-unitajiet domestiċi żdied b'rata aktar mgħaġġla mill-PDG mit-tieni kwart tal-2023, u b'hekk reġġa' lura x-xejra ta' tnaqqis fir-ritmu tal-2021 u l-2022. Filwaqt li l-kumpens tal-persuni b'impjieg indipendenti kompla jiżdied b'pass moderat, il-kumpens tal-impjegati żdied b'mod aktar mgħaġġel fir-raba' kwart tal-2023 u fl-ewwel kwart tal-2024, u baqa' b'saħħtu fit-tieni kwart tal-2024. Wara li kkontribwew b'mod pożittiv għat-tkabbir tal-introjtu fl-ewwel tliet kwarti tal-2023, fir-raba' kwart tal-2023 u fl-ewwel kwart tal-2024, it-taxxi eżerċitaw effett negattiv, filwaqt li l-benefiċċji soċjali netti pprovdew kontribut pożittiv żgħir.

---

53 L-użu tal-HICP bħala deflatur.

54 Skont it-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea.

**Illustrazzjoni 1.2.1: it-tkabbir tal-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI) reġa' beda fl-2023, u ħaffef fil-bidu tal-2024**

Tkabbir fl-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI) u l-komponenti ewlenin tiegħu u t-tkabbir tal-PDG reali, (rati ta' tkabbir trimestrali sena wara sena tal-UE-27)




*Nota*: Kalkoli tad-DĠ EMPL. Il-GDHI nominali huwa ddeflatat bl-użu tal-indiċi tal-prezzijiet tan-nefqa tal-konsum finali tal-unitajiet domestiċi. Ir-rata ta' tkabbir reali tal-GDHI għall-UE hija stmata bħala medja ponderata tal-valuri tal-Istati Membri għal dawk b'data trimestrali disponibbli bbażata fuq l-ESA2010 (b'mod kumplessiv 95 % tal-GDHI tal-UE).
*Sors*: il-Eurostat, Kontijiet Nazzjonali [nasq_10_nf_tr] u [namq_10_gdp]. Mhux aġġustat skont l-istaġun.

**Fl-2023, il-faqar naqas bi ftit fl-UE.** Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) kienet ta' 21.3 %, bi tnaqqis minn 21.6 % u 21.7 % fl-2022 u fl-2021 rispettivament, u kompliet ix-xejra tagħha ta' tnaqqis ġenerali mill-2015. Dan it-titjib ulterjuri jirrifletti l-effettività ta' azzjonijiet ta' politika deċiżivi fil-livell tal-UE u dak nazzjonali mmirati lejn il-mitigazzjoni tal-impatt soċjali tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija u l-kostijiet tal-għajxien. Fl-2023, tnejn mit-tliet subkomponenti tal-AROPE wrew tnaqqis fir-rigward tal-UE. Ir-rata tar-riskju tal-faqar (AROP) naqset b'0.3 pps, għal 16.2 % (abbażi tal-introjtu tal-2022), filwaqt li l-istimi rapidi tal-Eurostat li jirreferu għall-introjti tal-2023 indikaw stabbiltà kumplessiva[55]. Barra minn hekk, is-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg naqas b'0.3 pps fl-2023, għal 8.0 % (abbażi tal-attività tal-2022). Għall-kuntrarju, is-sehem ta' persuni li jesperjenzaw privazzjoni materjali u soċjali estrema baqa' ġeneralment stabbli, b'6.8 %, meta mqabbel ma' 6.7 % fl-2022. Fl-aħħar nett, l-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas bi ftit fl-UE fl-2023, (abbażi tal-introjtu tal-2022) iżda b'rata ta' 34.7 %, kien għadu ogħla mil-livelli ta' qabel il-pandemija, minkejja l-varjazzjoni kbira fost l-Istati Membri. Hemm ukoll diverġenza wiesgħa kontinwa fil-faqar fl-Istati Membri, b'ċerti reġjuni jkollhom rati tal-AROPE ogħla b'mod konsistenti mill-medji nazzjonali jew tal-UE.

55 Stimi rapidi tal-inugwaljanzi fl-introjtu u l-indikaturi tal-faqar għall-2023 (FE 2023).

**Il-faqar fost it-tfal baqa' ġeneralment stabbli, iżda għadu ogħla mir-rata għall-popolazzjoni kumplessiva.** Fl-2023, ir-rata tal-AROPE għat-tfal kienet ta' 24.8 %, ftit biss ogħla minn 24.7 % fl-2022. Din l-istabbiltà wiesgħa effettivament waqqfet iż-żieda fil-faqar fost it-tfal irreġistrata mill-2020 fl-UE, li tikkorrispondi għal tnaqqis fl-għadd assolut. It-tliet subkomponenti tal-AROPE baqgħu ġeneralment stabbli. Ir-rata tal-AROP għat-tfal kienet ta' 19.4 % (b'referenza għall-introjti tal-2022), wara żieda marġinali mill-2022 (+ 0.1 pps), bl-istimi rapidi tal-Eurostat li jirreferu għall-introjti tal-2023 ukoll jissuġġerixxu stabbiltà kontinwa. Bl-istess mod, is-sehem ta' tfal li jesperjenzaw privazzjoni materjali u soċjali estrema baqa' ta' 8.4 %, filwaqt li s-sehem ta' tfal li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg kien stabbli fir-rata ta' 7.5 % (b'referenza għall-attività fl-2022).

**Il-faqar fost dawk li jaħdmu naqas bi ftit għat-tieni sena konsekuttiva, iżda xorta affettwa persuna minn kull 12, b'ċerti gruppi affettwati b'mod sproporzjonat.** Is-sehem ta' ħaddiema f'riskju ta' faqar naqas b'0.2 pps għal 8.3 % fl-2023 (b'referenza għall-introjti tal-2022). Dan kien aktar baxx minn 10 snin qabel u mil-livelli ta' qabel il-COVID-19 (9.1 % fl-2013 u 9.0 % fl-2019, li jirreferu għall-introjti tal-2012 u tal-2018, rispettivament). Madankollu, il-faqar fost dawk li jaħdmu jaffettwa lil xi gruppi ta' ħaddiema aktar minn oħrajn. Fl-2023, kien ogħla b'mod sinifikanti fost l-impjegati b'livell baxx ta' edukazzjoni (18.4 %), l-impjegati part-time (12.6 %), dawk b'kuntratti temporanji (12.6 %), il-persuni li twieldu barra mill-UE (18.6 %) u ċ-ċittadini mhux tal-UE (22.5 %). L-unitajiet domestiċi bi tfal dipendenti kellhom ukoll probabbiltà akbar li jiffaċċjaw riskji ta' faqar fost dawk li jaħdmu (10.0 %) meta mqabbla ma' dawk mingħajr tfal (6.8 %).

**Ċerti gruppi komplew jiffaċċjaw riskji ogħla b'mod sinifikanti ta' faqar jew esklużjoni soċjali mill-popolazzjoni kumplessiva.** Ir-rata tal-AROPE baqgħet għolja ħafna għall-persuni li twieldu barra mill-UE (39.2 %) u għall-persuni b'diżabbiltà (28.8 %), ferm ogħla mill-medja tal-UE (21.3 %). Ir-Rom għandhom it-tendenza wkoll li jesperjenzaw riskji ta' faqar ħafna ogħla[56]. Min-naħa l-oħra, is-sehem ta' persuni akbar fl-età (minn 65 sena 'l fuq) fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali naqas bi ftit fil-livell tal-UE fl-2023, għal 19.7 %. Dan it-titjib kien xprunat minn tnaqqis fir-rata fost in-nisa akbar fl-età, li madankollu huwa ogħla b'mod sinifikanti minn dak għall-irġiel (22.1 % imqabbla ma' 16.6 %).

56 L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, Roma in 10 European countries – Main results – Roma survey 2021, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

**L-inugwaljanza fl-introjtu baqgħet stabbli sew, iżda l-faqar enerġetiku żdied għat-tieni sena konsekuttiva.** Il-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu (S80/S20) kien ġeneralment stabbli għal 4.72 fl-2023 (abbażi tal-introjtu tal-2022), u huwa mistenni li jibqa' l-istess fl-2024 (abbażi tal-introjti tal-2023)[57]. Filwaqt li l-inflazzjoni affettwat b'mod sproporzjonat lill-unitajiet domestiċi b'introjtu medju baxx u baxx, li jonfqu relattivament aktar fuq affarijiet essenzjali bħall-enerġija u l-ikel, miżuri mmirati ta' appoġġ għall-introjtu u aġġustamenti fil-benefiċċji soċjali u t-taxxi fl-Istati Membri taffew iż-żidiet potenzjali fl-inugwaljanza fl-introjtu u r-riskji tal-faqar. Min-naħa l-oħra, is-sehem ta' persuni li ma jistgħux iżommu djarhom sħan b'mod adegwat żdied b'1.3 pps fl-2023, għal 10.6 % (+3.7 pps meta mqabbel mal-2021), u baqa' ogħla b'mod sinifikanti għal dawk f'riskju ta' faqar, bi 22.2 % (+2.1 pps mill-2022).

**L-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni għadha sfida fl-UE.** Fl-2023, 8.8 % tal-popolazzjoni tal-UE kienet tgħix f'unitajiet domestiċi fejn il-kostijiet totali tal-akkomodazzjoni qabżu l-40 % tal-introjtu disponibbli totali, żieda ta' 0.1 pps mis-sena preċedenti u tnaqqis ta' 2.8 pps minn deċennju ilu. Is-sehem ta' persuni li ġarrbu piż eċċessiv minħabba l-kostjiiet tal-akkomodazzjoni huwa aktar minn darbtejn ogħla għall-unitajiet domestiċi b'persuna fl-età tax-xogħol li tgħix waħedha (24.4 %) u aktar minn tliet darbiet ogħla għall-persuni fir-riskju tal-faqar (33.5 % fl-2023). Dawk affettwati b'mod sinifikanti wkoll jinkludu ċ-ċittadini barranin tal-UE (id-doppju) u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (2.5 darbiet aktar). Filwaqt li b'mod kumplessiv ir-rata ta' affollament eċċessiv tal-akkomodazzjoni baqgħet stabbli fl-UE, b'16.8 % fl-2023, din żdiedet għal 29.6 % fl-istess sena għall-persuni f'riskju ta' faqar.

[57] Flash estimates experimental results b'referenza għas-sena tal-introjtu 2023.

## 1.3 Progress fil-miri nazzjonali u tal-UE ewlenin għall-2030

**Il-miri tal-impjiegi, tal-ħiliet u tat-tnaqqis tal-faqar qed jixprunaw l-azzjonijiet ta' politika fl-oqsma ta' politika rilevanti fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri.** Dawn it-tliet miri ewlenin tal-UE tressqu mill-Kummissjoni f'Marzu 2021 bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali:

i) rata ta' impjieg ta' mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol;

ii) rata ta' parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti ta' mill-inqas 60 % kull sena; u

iii) tnaqqis ta' mill-inqas 15-il miljun fl-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali meta mqabbel mal-2019, li minnhom mill-inqas 5 miljun huma tfal[58].

L-Istati Membri laqgħu dawn il-miri fis-Summit Soċjali ta' Porto f'Mejju 2021, kif għamel il-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2021. L-Istati Membri kollha ressqu l-miri nazzjonali tagħhom fit-tliet oqsma li jikkontribwixxu għall-miri ewlenin rispettivi tal-UE. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru pprovda wkoll miri komplementari fil-livell tal-UE dwar it-tnaqqis tad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, iż-żieda fl-għoti ta' edukazzjoni u kura formali bikrija tat-tfal, it-tnaqqis tar-rata ta' NEETs żgħażagħ, iż-żieda fis-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ u t-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri stabbilew aktar miri nazzjonali komplementari f'(xi wħud minn) dawn l-oqsma u/jew f'oħrajn addizzjonali. Din it-taqsima timmonitorja l-progress fir-rigward tat-tliet miri ewlenin tal-UE u dawk nazzjonali sal-2030.

[58] Ara: Kummissjoni Ewropea, Pjan ta' azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021.

**Minkejja tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, it-tkabbir fl-impjiegi kien b'saħħtu fl-2023 u l-UE għadha fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira ewlenija tagħha tar-rata tal-impjiegi sal-2030.** Wara li żdiedet għal 75.3 % fl-2023, ir-rata tal-impjieg tal-UE hija biss ta' 2.7 pps mill-mira ta' 78 % sal-2030, u kompliet tikber għal 75.8 % fit-tieni kwart tal-2024. Minħabba l-livell milħuq fl-2023, u filwaqt li jitqiesu l-aħħar projezzjonijiet demografiċi mill-Eurostat, l-UE tkun teħtieġ biss rata medja ta' tkabbir annwali fl-impjiegi ta' 0,4 % biex tilħaq il-mira attwali tagħha għall-2030, meta mqabbla mal-medja ferm ogħla ta' qabel il-pandemija (2013-19) ta' 1.1 % fis-sena (ara l-Grafikajiet 1.3.1 u 1.3.3). Skont it-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea, l-impjiegi huma proġettati wkoll li jespandu aktar mill-0.4 % meħtieġa fl-UE matul it-3 snin li ġejjin, jiġifieri b'0.8 %, 0.6 % u 0.5 % fl-2024, l-2025 u l-2026, rispettivament. Għalhekk, bħalissa l-UE qed tagħmel progress tajjeb lejn il-mira tagħha tar-rata ta' impjieg għall-2030.

**Illustrazzjoni 1.3.1: l-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira ewlenija tagħha tar-rata tal-impjiegi sal-2030**

Ir-rata ta' impjieg fl-EU-27 u l-mira ewlenija relatata tal-UE għall-2030 (persuni fl-età ta' bejn 20 u 64 sena, % tal-popolazzjoni)




*Nota*: il-valuri għall-2024, l-2025 u l-2026 ibbażati fuq it-tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni dwar it-tkabbir fl-impjiegi kif ukoll it-tkabbir tal-popolazzjoni u tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol proġettat mill-projezzjonijiet tal-popolazzjoni tal-Eurostat għall-2023.
*Sors*: l-Eurostat [lfsi_emp_a]; tbassir tat-tkabbir fl-impjiegi, Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea; Projezzjonijiet tal-popolazzjoni tal-Eurostat, Europop 2023.

**Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għamlu aktar progress lejn il-miri nazzjonali tagħhom tar-rata tal-impjieg fl-2023[59].** Għal ħames pajjiżi, ir-rata tal-impjieg li ntlaħqet fl-2023 kienet diġà ogħla mill-mira nazzjonali rispettiva għall-2030 (ara l-Grafika 1.3.2). Dawn huma s-Slovakkja (+1 pp meta mqabbla mal-mira nazzjonali tagħha), in-Netherlands (+1 pp), l-Irlanda (+0.9 pps), l-Estonja (+0.8 pps) u l-Iżvezja (+ 0.6 pps), filwaqt li d-Danimarka reġgħet niżlet għal ftit taħt il-mira tagħha għall-2030. Fost it-22 pajjiż li kienu għadhom qed jiffaċċjaw differenzi fil-miri nazzjonali tagħhom għall-2030, 18 irnexxielhom inaqqsu dawn id-differenzi fl-2023. L-akbar sforzi li għadhom meħtieġa huma għall-Belġju (b'differenza ta' 7.9 pps għall-mira ambizzjuża tiegħu għall-2030), l-Italja (6.7 pps), ir-Rumanija (6.0 pps) u Spanja (5.5 pps). Aktar minn nofs l-Istati Membri esperjenzaw tkabbir fl-impjiegi taħt ir-rata medja ta' qabel il-pandemija (2013-2019) (ara l-Grafika 1.3.3.)**[60]**, fil-kuntest ta' rati ogħla tal-impjieg u popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed tonqos. Madankollu, għal għadd kbir ta' pajjiżi (20), it-tkabbir annwali fl-impjiegi għadu daqs ir-rata annwali medja meħtieġa biex tintlaħaq il-mira nazzjonali tal-impjiegi**[61]**, jew ogħla minn hekk. It-tkabbir fl-impjiegi fl-2023 baqa' lura biss fiċ-Ċekja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Belġju, l-Ungerija u l-Finlandja meta mqabbel kemm mal-medja ta' qabel il-pandemija kif ukoll mar-rata annwali medja meħtieġa biex dawn il-pajjiżi jilħqu l-miri ambizzjużi tagħhom, għalkemm il-Finlandja hija qrib ħafna taż-żewġ miri u ċ-Ċekja diġà kważi laħqet il-mira tagħha.

---

**59** F'Ottubru 2022, il-Grupp ta' Indikaturi tal-Kumitat tal-Impjiegi qabel fuq approċċ metodoloġiku għall-monitoraġġ tal-progress lejn il-miri nazzjonali dwar l-impjiegi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Din it-taqsima tħejjiet abbażi tal-metodoloġija miftiehma. Ara r-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi 2023 tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi 2023.

**60** Minħabba t-tnaqqis fil-popolazzjoni, jinstab li l-maġġoranza tal-Istati Membri jeħtieġu tkabbir minimu annwali fl-impjiegi aktar baxx milli fil-perjodu ta' qabel il-kriżi biex jilħqu l-miri nazzjonali tagħhom. Ara r-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi 2024 tal-Kumitat tal-Impjiegi.

**61** Għal xi Stati Membri, tali tkabbir minimu meħtieġ fl-impjiegi huwa negattiv, u dan jirrifletti tnaqqis ipproġettat fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u/jew il-fatt li l-miri nazzjonali tagħhom diġà ntlaħqu.

### Illustrazzjoni 1.3.2: il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għamlu aktar progress lejn il-miri nazzjonali tagħhom tar-rata tal-impjiegi fl-2023

Ir-rata tal-impjieg (2020 u 2023, għall-persuni fl-età ta' bejn 20 u 64 sena, % tal-popolazzjoni); miri nazzjonali u tal-UE għall-2030




*Sors*: l-Eurostat [lfsi_emp_a] u tabella dwar il-miri nazzjonali għall-2030 fl-Anness 1.

### Illustrazzjoni 1.3.3: f'żewġ terzi tal-Istati Membri, it-tkabbir fl-impjiegi fl-2023 kien fit-triq it-tajba biex tintlaħaq il-mira nazzjonali għall-2030

It-tkabbir fl-impjiegi fl-2023, (bejn 20 u 64 sena, bidla f'% annwali) meta mqabbel mat-tkabbir annwali medju fl-impjiegi matul il-perjodu 2013-2019 u t-tkabbir annwali minimu fl-impjiegi meħtieġ biex tintlaħaq il-mira tar-rata nazzjonali ta' impjiegi għall-2030




*Nota*: interruzzjonijiet fis-serje għal DK u CY fl-2023 (indikati b'kolonni skuri).
*Sors*: il-Eurostat [lfsi_emp_a], Europop 2023, abbażi tal-metodoloġija tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi 2024.

**Illustrazzjoni 1.3.4: filwaqt li aktar adulti qed jipparteċipaw fl-apprendiment, l-ilħuq tal-mira ewlenija tal-UE għall-2030 jirrikjedi sforzi mġedda**

Ir-rata tal-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim fl-aħħar 12-il xahar fl-UE-27 u l-mira ewlenija tal-UE sal-2030 (persuni ta' 25-64 sena, %)




*Nota*: l-istħarriġ tal-AES tal-2007 kien eżerċizzju pilota kampjunarju kbir imwettaq fuq bażi volontarja fl-Istati Membri kollha, minbarra l-Irlanda u l-Lussemburgu, bejn l-2005 u l-2008. Abbażi ta' dan, ġew implimentati xi aġġustamenti fil-mewġa ta' wara. Mill-2011, l-AES ġie mirfud minn att legali Ewropew u għalhekk jitwettaq fl-Istati Membri kollha fuq bażi obbligatorja[62]. Interruzzjonijiet fis-serje fl-2011 għall-UE, FR, HU, fl-2016 għall-IE, LU, SE u fl-2022 għal FR, IT, RO.

*Sors*: L-estrazzjoni speċjali tal-Eurostat tar-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul dawn l-aħħar 12-il xahar, mingħajr taħriġ iggwidat fuq ix-xogħol (GOJT), mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti.

**Kien hemm xi progress limitat lejn il-mira ewlenija dwar l-apprendiment għall-adulti u għalhekk huma meħtieġa sforzi sostanzjali u mħaffa biex din tintlaħaq sal-2030.** Data ġdida mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti (AES) turi żieda fir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul l-aħħar 12-il xahar (eskluż it-taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol) fl-UE minn 37.4 % fl-2016 għal 39.5 % fl-2022 (ara l-Grafika 1.3.4)[63]. Din ix-xejra 'l fuq moderata ħafna jeħtieġ li titħaffef b'mod sostanzjali sabiex tintlaħaq il-mira tal-ħiliet tal-UE ta' 60 % sal-2030. Dan huwa kruċjali fid-dawl tal-ħtieġa li l-Ewropa jkollha forza tax-xogħol li tadatta għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu fir-rigward tal-ħiliet, biex tnaqqas in-nuqqas ta' ħiliet u ħaddiema u tibqa' kompetittiva, innovattiva u inklużiva fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u t-tibdil demografiku.

---

62 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 823/2010 jistabbilixxi l-miżuri ta' implimentazzjoni tal-att legali bażiku (ir-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għall-AES tal-2011.

63 F'Settembru 2024, il-Grupp tal-Indikaturi tal-Kumitat tal-Impjiegi laħaq ftehim proviżorju dwar il-qafas ta' monitoraġġ għall-mira tal-ħiliet, bl-użu tad-data tal-AES bl-esklużjoni ta' taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol. Ara wkoll ir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi 2024.

**Il-maġġoranza tal-Istati Membri komplew jaqgħu lura milli jilħqu l-miri nazzjonali tagħhom tal-2030 għall-apprendiment għall-adulti.** Fl-2022, l-Iżvezja, l-Ungerija u r-Rumanija kienu diġà qabżu l-miri nazzjonali rispettivi tagħhom, bis-Slovakkja tasal qrib il-miri nazzjonali iżda xorta tibqa' ma taqbiżhomx (ara l-Grafika 1.3.5). Ir-Rumanija, li bdiet bl-aktar livell baxx ta' parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti tal-UE, kienet stabbiliet mira relattivament baxxa iżda ambizzjuża għall-2030 u qabżitha fl-2022, u dan jissarraf fl-akbar żieda fl-UE mill-2016 (+229 %, għalkemm din tista' tkun ukoll minħabba l-interruzzjoni fis-serje). Min-naħa l-oħra, għal 24 pajjiż, is-sehem ta' adulti li jipparteċipaw fl-apprendiment baqa' taħt il-miri tagħhom għall-2030, bis-Slovenja, Ċipru, il-Kroazja, il-Polonja u l-Italja jiffaċċjaw l-akbar differenzi (aktar minn 31 pps). Fost dawn l-24 pajjiż, 10 biss għamlu progress lejn il-miri tagħhom (meta mqabbla mal-2016), b'mod partikolari l-Estonja (+23 %), Malta (+22 %), is-Slovakkja (+16 %), il-Ġermanja (+16 %) u Spanja (+12 %). Barra minn hekk, ir-rati ta' parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ spiss ikunu wkoll ferm aktar baxxi fir-reġjuni ultraperiferiċi, remoti u rurali.

**Grafika 1.3.5: huma meħtieġa sforzi sostanzjali fil-livell tal-Istati Membri biex jintlaħqu l-miri nazzjonali tal-apprendiment għall-adulti sal-2030**

Ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul l-aħħar 12-il xahar fil-miri tal-EU-27 u dawk nazzjonali għall-2030 għall-Istati Membri (il-persuni fl-età ta' bejn 25 u 64 sena, %)




*Nota*: interruzzjonijiet fis-serje fl-2016 għal IE, LU, SE u fl-2022 għal FR, IT, RO.
*Sors*: L-estrazzjoni speċjali tal-Eurostat tar-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul dawn l-aħħar 12-il xahar, mingħajr taħriġ iggwidat fuq ix-xogħol (GOJT), mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti u t-tabella dwar il-miri nazzjonali għall-2030 fl-Anness 1.

**Il-faqar naqas minkejja kuntest soċjoekonomiku diffiċli, ikkaratterizzat mill-kriżi tal-COVID-19, il-kostijiet għoljin tal-enerġija u l-inflazzjoni.** Fl-2023, l-għadd ta' dawk li jesperjenzaw riskji ta' faqar jew esklużjoni soċjali kien naqas b'703 000 meta mqabbel mal-2022, u b'1 571 000 meta mqabbel mas-sena bażi 2019 (ara l-Grafika 1.3.6). Dan l-aħħar qari tad-data jirrappreżenta t-tieni sena konsekuttiva ta' tnaqqis, wara perjodu ta' stabbiltà matul l-2018-2021. Madankollu, biex tinkiseb il-mira ewlenija tal-UE għall-2030 li l-faqar jitnaqqas għal mill-inqas 15-il miljun ruħ, se jkun meħtieġ tħaffif sinifikanti matul il-bqija tad-deċennju.

**Illustrazzjoni 1.3.6: l-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fl-UE naqas mill-2019, iżda għad hemm bżonn ta' sforzi sinifikanti biex tintlaħaq il-mira tal-UE għall-2030**

Bidla fil-livell tal-AROPE tal-EU-27 fir-rigward tas-sena bażi 2019 u l-mira ewlenija relatata tal-UE għall-2030 (popolazzjoni totali, eluf ta' persuni)




*Nota*: kalkoli bbażati fuq serje mingħajr interruzzjoni, b'valur stmat għall-2019 u kalkoli mill-ġdid ibbażati fuq il-valuri għal Franza Metropolitana aktar milli fuq il-valuri għal Franza fl-2022 u l-2023, għandhom ikunu konformi mal-linja bażi tal-2019.

*Sors*: ir-Rapport annwali tal-KPS għall-2024.

### Grafika 1.3.7: madwar nofs l-Istati Membri biss urew xi progress lejn il-miri nazzjonali tagħhom, b'aktar sforzi meħtieġa

Bidliet fil-livelli tal-AROPE matul is-snin 2019-2023 u l-miri nazzjonali għall-2030 (popolazzjoni totali, eluf ta' persuni)




*Nota*: interruzzjoni fis-serje fl-2020 għal FR, IE, DK, LU, fl-2021 għal LU, fl-2022 għal FR u LU. DK u DE jesprimu l-miri nazzjonali tagħhom għat-tnaqqis tal-faqar bħala tnaqqis fl-għadd ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg (jiġifieri unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna), [li huwa mistenni jissarraf fi tnaqqis fl-għadd ta' persuni AROPE matul id-deċennju]. DE tesprimi l-mira nazzjonali tagħha meta mqabbla mal-2020 bħala s-sena ta' referenza. FR stabbiliet il-mira nazzjonali tagħha b'referenza għal Franza metropolitana u l-monitoraġġ huwa allinjat ma' dan l-ambitu ġeografiku. HU tesprimi l-mira nazzjonali tagħha għat-tnaqqis tal-faqar bħala tnaqqis tar-rata ta' privazzjoni materjali u soċjali għall-familji bit-tfal [li tista' tiġi tradotta fi tnaqqis tal-AROPE jekk iċ-ċirkostanzi attwali jipprevalu]. MT tesprimi l-mira nazzjonali tagħha għat-tnaqqis tal-faqar bħala tnaqqis tar-rata AROPE, f'termini ta' punti perċentwali (jiġifieri -3.1 pps).
*Sors*: l-Eurostat [ilc_pecs01] u tabella dwar il-miri nazzjonali għall-2030 fl-Anness 1.

**Il-progress lejn il-miri nazzjonali jvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri.** Mill-2019, madwar nofs l-Istati Membri biss irreġistraw progress lejn il-miri nazzjonali tagħhom għall-2030. Terz minnhom (il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, il-Greċja, l-Italja, il-Latvja, il-Polonja u r-Rumanija) jinsabu ġeneralment fit-triq it-tajba biex jilħqu l-miri nazzjonali tagħhom, wara li kisbu rata ta' progress ta' terz jew aktar. Min-naħa l-oħra, kważi nofshom (l-Awstrija, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja) esperjenzaw deterjorament u mxew fid-direzzjoni opposta (ara l-Grafika 1.3.7)[64]. Barra minn hekk, l-għadd ta' tfal li jesperjenzaw riskji ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali żdied b'583 000 fl-UE bejn l-2019 u l-2023. Madankollu, ġew osservati żviluppi pożittivi fi 13-il pajjiż (il-Belġju, il-Bulgarija, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, il-Kroazja, Ċipru, Malta, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Iżvezja), fost il-21 li stabbilew miri komplementari għat-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal[65]. Ġiet irreġistrata xejra opposta għall-Awstrija, iċ-Ċekja, Franza, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, il-Polonja, is-Slovakkja u Spanja.

---

[64] Għall-monitoraġġ tal-miri tal-UE u dawk nazzjonali għat-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll spjegazzjoni tal-interruzzjonijiet fis-serje u l-aġġustamenti relatati mad-data, ara wkoll ir-Rapport Annwali tal-2024 tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.

[65] Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja stabbilew mira għat-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal. Ara r-Rapport Annwali tal-2024 tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali għall-monitoraġġ ta' dawn il-miri.

## 1.4 Is-sejbiet orizzontali ewlenin mill-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż dwar il-konverġenza soċjali

**L-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż teżamina s-suq tax-xogħol, il-ħiliet u l-iżviluppi soċjali f'kull Stat Membru biex jiġu identifikati r-riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju.** L-edizzjoni tal-2025 tal-proposta tal-Kummissjoni għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) tinkorpora tali analiżi tal-ewwel stadju speċifika għall-pajjiż ibbażata fuq il-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF), wara l-prova pilota fil-JER 2024[66]. L-analiżi hija f'konformità mal-Artikolu 148 TFUE. Barra minn hekk, l-analiżi tindirizza l-Artikolu 3(3), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2024/1263 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali, li jindika li s-sorveljanza annwali mill-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tal-linji gwida dwar l-impjiegi, bħala parti mis-Semestru Ewropew, tinkludi l-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-miri ewlenin tiegħu, permezz tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali u qafas biex jiġu identifikati r-riskji għall-konverġenza soċjali[67]. L-analiżi tal-ewwel stadju tal-qafas hija bbażata fuq l-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u tidentifika r-*riskji potenzjali* għall-konverġenza soċjali 'l fuq (ara l-kaxxa metodoloġika fi tmiem din it-taqsima għal aktar dettalji). Sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' *sfidi reali* għall-konverġenza soċjali 'l fuq u l-fatturi ewlenin li jixprunaw tali sfidi, se ssegwi analiżi tat-tieni stadju li tiddependi fuq sett usa' ta' evidenza kwantitattiva u kwalitattiva u tqis il-miżuri meħuda jew ippjanati mill-Istati Membri biex jindirizzaw l-isfidi. Din it-taqsima tippreżenta s-sejbiet orizzontali ewlenin mill-analiżi tal-ewwel stadju tal-SCF (ara l-Kapitolu 3), li tindika liema pajjiżi jeħtieġu analiżi ulterjuri tat-tieni stadju.

---

66 Wara diskussjonijiet fil-Kunsill EPSCO f'Ġunju 2023 dwar Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF) u messaġġi ewlenin mill-EMCO u l-KPS abbażi tal-ħidma mwettqa mill-Grupp ta' Ħidma konġunt iddedikat tal-EMCO-KPS minn Ottubru 2022 sa Mejju 2023. Il-Kunsill EPSCO ta' Frar 2024 appella lill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO, Employment Committee) u lill-KPS biex jeżaminaw l-impatt tal-analiżi pilota msemmija hawn fuq, fil-konfront tal-attivitajiet tagħhom u taċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2024.

67 Barra minn hekk, fil-Premessa 8 tar-Regolament, huwa ċċarat li "Bħala parti mill-analiżi integrata tagħha tal-iżviluppi soċjali u tal-impjiegi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni tivvaluta r-riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Istati Membri u timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali abbażi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u tal-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali".

**L-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż tenfasizza prestazzjoni ġeneralment b'saħħitha tas-suq tax-xogħol b'konverġenza 'l fuq, filwaqt li l-ħiliet u l-oqsma ta' politika soċjali rreġistraw titjib aktar limitat kif ukoll riskji għal konverġenza 'l fuq.** L-applikazzjoni tal-metodoloġija tad-dawl tat-traffiku tal-JER għall-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tgħin biex jiġu identifikati l-isfidi ta' rilevanza partikolari għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (ara l-Annessi 6 u 2, rispettivament). L-aggregazzjoni tas-sinjali mill-indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż (ara l-kaxxa fi tmiem din it-taqsima għal aktar spjegazzjonijiet metodoloġiċi) tagħti lok għal evalwazzjoni kumplessiva tar-riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jiffaċċjaw l-UE u l-Istati Membri tagħha. Sommarju tas-sejbiet orizzontali ewlenin huwa deskritt hawn taħt (ara wkoll it-Tabella 1.4.1 u l-Grafika 1.5.1).

- **- Il-konverġenza 'l fuq fis-suq tax-xogħol ippersistiet fl-2023 u għad hemm bżonn ta' titjib f'termini tal-eżiti tal-impjiegi tal-gruppi sottorappreżentati.** B'mod kumplessiv, ir-rata ta' impjieg żdiedet għall-UE, iżda t-tkabbir kien aktar bil-mod mis-snin ta' qabel u irregolari madwar l-Istati Membri, bi tnaqqis osservat fil-medja ta' ħames pajjiżi bi prestazzjoni tajba. Xi wħud mill-pajjiżi bi prestazzjoni taħt il-medja wkoll waqgħu aktar lura, u dan wassal għal xi diverġenza fl-eżiti tal-impjiegi. Xhieda ta' dan huma t-tmien sitwazzjonijiet "kritiċi" (ħomor) jew li "għandhom jiġu osservati" (oranġjo) identifikati fl-Istati Membri kollha (abbażi tal-metodoloġija maqbula tal-JER). Il-qgħad u l-komponent fit-tul tiegħu wrew titjib żgħir bħala medja, kif ukoll xejra ta' konverġenza xprunata mill-kisbiet fil-pajjiżi bl-agħar prestazzjoni. Madankollu, il-qgħad żdied fi 12-il Stat Membru fl-2023, u total ta' 8 Stati Membri "għandhom jiġu osservati". Minkejja t-titjib, l-eżiti tas-suq tax-xogħol għall-persuni b'diżabbiltà, in-nisa u ż-żgħażagħ baqgħu lura. Sitt Stati Membri jiffaċċjaw "sitwazzjonijiet kritiċi" għad-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà u ħamsa għad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, rispettivament, filwaqt li tlieta oħra u pajjiż wieħed, rispettivament, jinsabu f'sitwazzjonijiet li "għandhom jiġu osservati", bi ftit li xejn konverġenza apparenti fir-rigward taż-żewġ indikaturi. Is-sehem taż-żgħażagħ (fl-età ta' bejn 15 u 29 sena) li la huma fl-impjieg u lanqas fl-edukazzjoni u t-taħriġ tjieb, filwaqt li baqa' għoli, b'konverġenza limitata fl-2023 hekk kif dawk bl-aħjar prestazzjoni marru għall-agħar marġinalment filwaqt li dawk bl-agħar prestazzjoni għamlu progress irregolari.

- **Minkejja titjib żgħir fil-livell tal-UE, għad hemm riskji għal konverġenza 'l fuq fir-rigward tal-ħiliet, li jistgħu jaggravaw l-isfidi relatati mal-impjegabbiltà, il-produttività tax-xogħol, il-kompetittività u n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet sakemm l-isforzi ta' politika ma jiġux intensifikati b'mod konsiderevoli.** L-erba' indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali relatati mal-ħiliet (il-parteċipazzjoni tat-tfal ta' anqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal; dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ; il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment; individwi b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi) irreġistraw titjib kumplessiv modest fil-livell tal-UE. Madankollu, għad hemm differenzi sostanzjali bejn l-Istati Membri. Id-differenza bejn il-pajjiżi bl-aħjar u bl-agħar prestazzjoni fl-apprendiment għall-adulti u fil-ħiliet diġitali qabżet il-55 pps, pereżempju, filwaqt li l-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal rat differenza akbar minn 70 pps. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda sinjal ta' konverġenza, u l-pajjiżi bi prestazzjoni tajba jitjiebu aktar malajr u dawk bi prestazzjoni ħażina jaqgħu aktar lura. Dawn l-iżviluppi huma riflessi fl-għadd kbir ta' pajjiżi li jiffaċċjaw sitwazzjonijiet "kritiċi" u li "għandhom jiġu osservati" (9-10) għal kull wieħed mill-erba' indikaturi msemmija hawn fuq. Dan jenfasizza l-iskala tal-isfida li jiffaċċjaw l-Istati Membri, mill-edukazzjoni bikrija sal-apprendiment tul il-ħajja u l-adattament tal-forza tax-xogħol għall-ħtiġijiet tal-ħiliet li qed jevolvu tas-suq tax-xogħol fil-kuntest tat-tranżizzjoni doppja kif ukoll għall-iżgurar tal-produttività, il-kompetittività u t-tkabbir inklużiv.

- **Filwaqt li l-faqar naqas bi ftit fil-livell tal-UE fl-2023, baqa' ogħla mil-livelli ta' qabel il-COVID, b'xi indikaturi relatati mal-faqar li juru diverġenza dejjem akbar fost l-Istati Membri.** L-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi *per capita* kiber bħala medja fl-2023, għalkemm kien għad hemm diverġenza fost il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u 10 minnhom kienu f'sitwazzjoni ta' "għandhom jiġu osservati" jew kienu "kritiċi". L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas bi ftit fl-2023, għalkemm baqa' ogħla milli fl-2019, b'disa' pajjiżi jiffaċċjaw sitwazzjonijiet "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati" f'dan ir-rigward. Is-sehem tat-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali baqa' ġeneralment stabbli iżda, għall-popolazzjoni kumplessiva, ir-rata kienet għadha ma rritornatx għal-livelli ta' qabel il-pandemija. Barra minn hekk, filwaqt li r-rati kumplessivi tal-AROPE komplew jikkonverġu, ir-rati għat-tfal komplew juru żviluppi differenti fost l-Istati Membri. Seba' u sitt pajjiżi jiffaċċjaw sitwazzjonijiet "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati" għar-rata tal-AROPE u r-rata tal-AROPE għat-tfal, rispettivament. Fir-rigward tal-inugwaljanza fl-introjtu (imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu) kien hemm xi konverġenza, xprunata mit-titjib fil-pajjiżi bl-agħar prestazzjoni. Madankollu, għadha għolja f'xi Stati Membri, u diversi Stati Membri bi prestazzjoni medja raw deterjorament fl-2023, u dan wassal biex 11-il pajjiż ikunu f'sitwazzjonijiet "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati" fil-qafas ta' din id-dimensjoni. Fl-aħħar nett, il-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni u l-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika żdiedu bi ftit, b'diverġenza sinifikanti, u ħames Stati Membri f'sitwazzjonijiet "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati" fir-rigward tat-tnejn li huma.

**L-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiżi tidentifika 10 Stati Membri bħala li jeħtieġu analiżi tat-tieni stadju aktar profonda fid-dawl tal-isfidi indikati mill-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, li jindikaw riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq.** Dawn ir-riskji, enfasizzati fil-Kapitolu 3 ta' dan ir-rapport, huma vvalutati bl-użu tal-metodoloġija tal-SCF kif deskritta fil-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-KPS relatati u r-rapport sottostanti tal-Grupp ta' Ħidma (ara l-Kaxxa fi tmiem din it-taqsima). L-Istati Membri kkonċernati huma l-Bulgarija, l-Estonja, Spanja, l-Italja, il-Litwanja, l-Ungerija, ir-Rumanija, il-Greċja, il-Kroazja u l-Lussemburgu. Minn dawn, l-ex seba' Stati Membri kienu fit-tieni stadju wkoll fis-sena ta' qabel (għalkemm ġie osservat titjib f'xi wħud, kif diskuss fil-Kapitolu 3), filwaqt li t-tlieta l-oħra jinsabu fih għall-ewwel darba din is-sena[68]. Għal dawn il-pajjiżi kollha, ġew identifikati riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq fir-rigward ta' sitwazzjonijiet diffiċli f'għadd kbir ta' oqsma ta' politika, filwaqt li għall-Bulgarija, l-Estonja, Spanja, il-Litwanja u l-Lussemburgu wkoll id-deterjorament maż-żmien kellu rwol ewlieni għal għadd iżgħar ta' oqsma ta' politika. L-indikaturi li jindikaw riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi msemmija hawn fuq jinkludu s-sehem ta' żgħażagħ NEETs, il-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, ir-rata kumplessiva tal-AROPE, ir-rata tal-AROPE għat-tfal u d-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà, segwiti mill-parteċipazzjoni tal-adulti fit-taħriġ, is-sehem tal-popolazzjoni b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi u l-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar. Għal dawn l-10 Stati Membri, se ssir analiżi tat-tieni stadju aktar profonda mis-servizzi tal-Kummissjoni.

---

[68] Għall-Greċja, dan huwa dovut għal xi deterjorament jew stabbiltà wiesgħa f'livelli li għadhom 'il bogħod mill-medja tal-UE fil-qasam soċjali (piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni; ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika; AROPE – b'mod kumplessiv u għat-tfal; impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar; inugwaljanzi fl-introjtu); sfidi persistenti tas-suq tax-xogħol għan-nisa u ż-żgħażagħ; u parteċipazzjoni baxxa u li qed tiddeterjora tal-adulti fl-apprendiment. Għall-Kroazja, l-identifikazzjoni għall-analiżi tat-tieni stadju hija relatata mal-qasam tal-ħiliet (parteċipazzjoni baxxa u li qed tiddeterjora fl-apprendiment għall-adulti; deterjorament sinifikanti fis-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi); rata kumplessiva tal-impjieg li għadha aktar baxxa mill-medja tal-UE, minkejja li kien hemm titjib, u sitwazzjoni tal-impjieg li għadha diffiċli għall-persuni b'diżabbiltà; kif ukoll xi sfidi fil-qasam soċjali (impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar; inugwaljanzi fl-introjtu). Għal-Lussemburgu, l-identifikazzjoni għall-analiżi tat-tieni stadju hija relatata mad-deterjorament sinifikanti reċenti f'xi indikaturi soċjali (AROPE – b'mod kumplessiv u għat-tfal; l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar) kif ukoll rata ta' piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni għolja b'mod persistenti; ix-xejriet tas-suq tax-xogħol li qed jiddeterjoraw dan l-aħħar (ir-rati tal-qgħad u tal-qgħad fit-tul; id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà), kif ukoll it-tnaqqis fis-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, anke jekk l-istatistika tibqa' ferm ogħla mill-medja tal-UE. Analiżi aktar dettaljata hija ppreżentata fil-Kapitolu 3 tar-rapport għal kull wieħed mis-27 Stat Membru.

**Tabella 1.4.1: Tabella ta' valutazzjoni soċjali: ħarsa ġenerali lejn l-isfidi fl-Istati Membri skont l-indikatur ewlieni**

| | | | Bl-aħjar prestazzjoni | Aħjar mill-medja | Tajbin iżda għandhom jiġu mmonitorjati | Mal-medja | Dgħajfin iżda qed jitjiebu | Għandhom jiġu osservati | Sitwazzjonijiet kritiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Opportunitajiet indaqs | Parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim (matul l-aħħar 12-il xahar, għajr it-taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol,% tal-popolazzjoni fl-età ta' bejn 25 u 64 sena) | 2022 | DE, HU, NL, SE | DK, EE, IE, FR, LU, MT, AT, SK, FI | | BE, ES, LV, PT | RO | HR, IT, CY, LT, SI | BG, CZ, EL, PL |
| | Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (% tal-popolazzjoni ta' 18-24 sena) | 2023 | EL, HR, IE, PL | BE, BG, CZ, EE, LU, NL, SE, SK | LT, SI | AT, FR, LV | IT | CY, DK, FI, MT, PT | DE, ES, HU, RO |
| | Sehem ta' individwi b'ħiliet diġitali ġenerali bażiċi jew aktar minn bażiċi (% tal-popolazzjoni ta' 16-74 sena) | 2023 | FI, IE, NL | AT, BE, CZ, DK, EE, ES, HU, SE | | DE, EL, FR, LT, MT, PT | | CY, HR, IT, LU, LV, SI, SK | BG, PL, RO |
| | Żgħażagħ NEET (% tal-popolazzjoni totali ta' bejn 15-29 sena) | 2023 | NL, SE | DE, DK, IE, MT, PL, PT, SI | LU | AT, BE, CZ, EE, FI, HR, HU, LV, SK | IT | BG, ES, FR, LT | CY, EL, RO |
| | Differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (punti perċentwali) | 2023 | EE, FI, LV | CY, DK, FR, HR, IE, PT, SE | LT | AT, BE, BG, DE, ES, HU, LU, NL, SI, SK | | PL | CZ, EL, IT, MT, RO |
| | Proporzjon kwintili tal-introjtu (S80/S20) | 2023 | BE, CZ, FI, SI | DK, IE, NL, PL | SK | AT, CY, DE, FR, LU | BG, IT | EE, EL, ES, HR, HU, MT, PT, SE | LT, LV, RO |
| Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti | Rata ta' impjieg (% tal-popolazzjoni ta' 20-64 sena) | 2023 | CZ, EE, NL, SE | CY, DE, HU, MT, PL | DK | BG, IE, LU, LV, PT, SK | EL, ES, IT | AT, FI, FR, LT, SI | BE, HR, RO |
| | Rata tal-qgħad (% tal-forza tax-xogħol ta' bejn 15 u 74 sena) | 2023 | CZ, DE, MT, PL | BG, CY, HR, HU, IE, NL, SI | | AT, BE, LV, PT, RO, SK | EL, ES | DK, EE, FI, FR, IT, LT, LU, SE | |
| | Rata tal-qgħad fit-tul (% tal-forza tax-xogħol ta' bejn 15 u 74 sena) | 2023 | DK, NL | AT, DE, EE, IE, MT, PL | CZ | BE, BG, CY, FI, FR, HR, LT, LV, PT, RO, SE, SI | EL, ES | HU, LU | IT, SK |
| | Tkabbir fil-GDHI per capita (2008=100) | 2023 | HU, LT, MT, PL, RO | HR | | CY, DE, DK, IE, LU, LV, PT, SI | EL, ES | BE, CZ, EE, FI, FR, NL, SE, SK | AT, IT |
| Protezzjo | Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (% tal-popolazzjoni totali) | 2023 | CZ, FI, NL, SI | AT, CY, DK, IT, PL | SK | BE, DE, FR, HR, IE, MT, PT, SE | BG, RO | EE, HU, LT, LU | EL, ES, LV |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Rata tar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għat-tfal (% tal-popolazzjoni totali ta' bejn 0-17-il sena)** | **2023** | CZ, DK, FI, NL, SI | BE, CY, EE, HR, PL | | AT, DE, IE, LT, LV, MT, PT, SE, SK | IT, RO | EL, FR, HU, LU | BG, ES |
| | **Impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar (% tat-tnaqqis tal-AROP)** | **2023** | BE, DK, FI, IE | AT, CZ, DE, FR, IT, NL, SK | | CY, HU, LT, PL, SE, SI | BG | EE, LU, LV, MT | EL, ES, HR, PT, RO |
| | **Differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà (punti perċentwali)** | **2023** | ES, IT, PT, SI | EE, FI, FR, LV, MT | | AT, CY, CZ, DE, EL, NL, SE, SK | | HU, LU, RO | BE, BG, HR, IE, LT, PL |
| | **Piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni (% tal-popolazzjoni totali)** | **2023** | CY | AT, BG, FI, HR, IE, IT, LT, PL, PT, SI | SK | BE, CZ, EE, ES, FR, HU, LV, NL, RO, SE | | DE, MT | DK, EL, LU |
| | **Tfal ta' anqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal (% tal-popolazzjoni taħt it-3 snin)** | **2023** | FR, LU, NL, SE | BE, CY, ES, MT, PT, SI | DK | EE, EL, FI, HR, IT, LV | HU | AT, BG, DE, IE, LT | CZ, PL, RO, SK |
| | **Ħtieġa awtodikjarata mhux issodisfata għall-kura medika (% tal-popolazzjoni minn 16-il sena 'l fuq)** | **2023** | | AT, BE, BG, CY, CZ, DE, HR, HU, LU, MT, NL | | DK, ES, FR, IE, IT, LT, PL, PT, SE, SI, SK | | RO | EE, EL, FI, LV |

*Nota:* Aġġornament ta' Novembru 2024. Il-valur ta' qabel tal-aħħar għall-indikatur dwar il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment jirreferi għall-2016 u l-kategorizzazzjoni tiddependi fuq il-bidla minn dik għall-2022. Peress li d-data għall-indikatur dwar is-sehem ta' individwi li għandhom mill-inqas ħiliet diġitali kumplessivi bażiċi tinġabar kull sentejn, il-kategorizzazzjoni tiddependi fuq il-bidla mill-2021 sal-2023. Id-data dwar it-tkabbir tal-GDHI *per capita* mhijiex disponibbli għall-Bulgarija. L-interruzzjonijiet fis-serje u marki oħrajn huma rrapportati fl-Annessi 3 u 4.

## Grafika 1.4.1: Ħarsa ġenerali lejn l-impjiegi, il-ħiliet u x-xejriet u l-isfidi soċjali mill-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali

Il-medja tal-UE, ix-xejriet u d-distribuzzjoni tal-Istati Membri b'kategorizzazzjoni speċifika tal-JER fost kollox għal kull indikatur ewlieni, aggregati wkoll għat-tliet kapitoli tal-Pilastru

| Indikatur ewlieni | Sena | Medja tal-UE | xejra | valur |
|---|---|---|---|---|
| **OPPORTUNITAJIET INDAQS** | | | | |
| Parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment | 2022 | 39.5 | | |
| Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ | 2023 | 9.5 | | |
| Sehem ta’ individwi b’ħiliet diġitali kumplessivi bażiċi jew aktar minn bażiċi | 2023 | 55.6 | | |
| Rata ta’ żgħażagħ NEET | 2023 | 11.2 | | |
| Differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi | 2023 | 10.2 | | |
| Proporzjon kwintili tal-introjtu (S80/S20) | 2023 | 4.72 | | |
| **KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL ĠUSTI** | | | | |
| Rata tal-impjieg | 2023 | 75.3 | | |
| Rata tal-qgħad | 2023 | 6.1 | | |
| Rata tal-qgħad fit-tul | 2023 | 2.1 | | |
| Tkabbir tal-GDHI per capita | 2023 | 111.1 | | |
| **PROTEZZJONI U INKLUŻJONI SOĊJALI** | | | | |
| Rata tar-riskju ta’ faqar jew ta’ esklużjoni soċjali | 2023 | 21.3 | | |
| Rata tar-riskju ta’ faqar jew ta’ esklużjoni soċjali għat-tfal | 2023 | 24.8 | | |
| Impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar | 2023 | 34.7 | | |
| Differenza fl-impjiegi għall-persuni b’diżabbiltà | 2023 | 21.5 | | |
| Piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni | 2023 | 8.8 | | |
| Tfal ta’ anqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal | 2023 | 37.5 | | |
| Ħtieġa awtodikjarata mhux issodisfata għall-kura medika | 2023 | 2.4 | | |




Noti: Id-data għal xi pajjiżi fir-rigward ta’ ċerti indikaturi hija nieqsa - ara n-Nota għat-Tabella 1.4.1.

**Approċċ metodoloġiku għall-identifikazzjoni ta' riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż dwar il-konverġenza soċjali**

**L-analiżi tiddependi mill-għodod eżistenti li ġew żviluppati mal-Istati Membri matul dawn l-aħħar snin, ibbażati b'mod partikolari fuq it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-hekk imsejħa metodoloġija (tad-dawl tat-traffiku) tal-JER[69].** L-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż hija bbażata fuq is-sett sħiħ ta' indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. Kull wieħed mill-indikaturi jiġi skrutinizzat abbażi tal-metodoloġija tal-JER, li tiddetermina l-pożizzjoni relattiva tal-Istati Membri, espressa f'termini ta' devjazzjonijiet standard mill-medja kemm tal-livell assolut tal-valuri tal-indikatur kif ukoll tal-bidla tiegħu meta mqabbla mas-sena ta' qabel (ara l-Anness 4 għad-dettalji tekniċi). Ir-riżultati jinġabru fil-qosor f'waħda mis-seba' kategoriji possibbli għal kull indikatur għall-pajjiż inkwistjoni ("bl-aħjar prestazzjoni", "aħjar mill-medja", "tajjeb iżda għandu jiġi mmonitorjat", "mal-medja", "dgħajjef iżda qed jitjieb", "għandu jiġi osservat", "sitwazzjoni kritika"). Dan jikkorrispondi għall-iskala ta' kuluri, minn aħdar għal aħmar.

**Kull wieħed mill-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali jiġi vvalutat sabiex jiġi identifikat jekk dawn iwasslux għal riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq, u b'hekk jekk hemmx bżonn ta' aktar analiżi fit-tieni stadju.** Il-kwalifika "sitwazzjoni kritika" tirreferi għall-Istati Membri li jġibu punteġġ ferm agħar mill-medja tal-UE għal indikatur speċifiku u li fihom is-sitwazzjoni qed tiddeterjora jew mhux qed titjieb biżżejjed meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Sitwazzjoni hija mmarkata bħala li "għandha tiġi osservata" f'żewġ każijiet: a) meta l-Istat Membru jikseb punteġġ agħar mill-medja tal-UE fuq indikatur speċifiku u s-sitwazzjoni fil-pajjiż tkun qed tiddeterjora jew ma tkunx qed titjieb biżżejjed malajr u b) meta l-punteġġ f'termini ta' livelli jkun konformi mal-medja tal-UE, iżda s-sitwazzjoni tkun qed tiddeterjora ħafna aktar malajr mill-medja tal-UE. Analiżi ulterjuri fit-tieni stadju titqies ġustifikata għall-Istati Membri li għalihom sitt indikaturi ewlenin jew aktar tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali jkunu qed jiġu mmarkati bl-aħmar ("sitwazzjoni kritika") jew oranġjo ("għandhom jiġu osservati") fl-aħħar edizzjoni tal-JER. Raġuni addizzjonali biex jitqies li s-sitwazzjoni teħtieġ analiżi ulterjuri sseħħ meta indikatur immarkat aħmar jew oranġjo (kif spjegat qabel) jippreżenta wkoll żewġ deterjorazzjonijiet *konsekuttivi* fil-kategorizzazzjoni tal-JER tiegħu.

---

69 Ara l-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-SPC, ibbażati fuq ir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma tal-EMCO-KPS dwar l-introduzzjoni ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali fis-Semestru Ewropew.

Eżempju ta' dan huwa bidla minn "skont il-medja" għal "dgħajfin iżda qed jitjiebu" fl-edizzjoni tal-JER tal-2024, segwita minn deterjorament ulterjuri għal "sitwazzjoni kritika" fl-edizzjoni tal-JER tal-2025. Din titqies bħala "marka" addizzjonali lejn il-livell limitu minimu ta' sitt marki b'mod ġenerali. Pereżempju, jekk fl-edizzjoni tal-JER tal-2025, pajjiż ikollu ħames indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali mmarkati bħala ħomor jew oranġjo, u wieħed minnhom jippreżenta żewġ deterjorazzjonijiet konsekuttivi fl-edizzjonijiet tal-JER tal-2024 u l-2025, il-pajjiż jitqies li b'mod kumplessiv għandu sitt marki fl-edizzjoni tal-JER tal-2025 (ħames sinjali ħomor/oranġjo mill-indikaturi fl-edizzjoni tal-2025 + wieħed minnhom b'żewġ deterjorazzjonijiet konsekuttivi). B'riżultat ta' dan, tkun meħtieġa wkoll analiżi ulterjuri fit-tieni stadju. Kwalunkwe interruzzjoni fis-serje u kwistjonijiet b'rabta mal-kwalità u l-interpretazzjoni tad-data huma kkunsidrati fl-evalwazzjoni tal-għadd totali ta' marki lejn il-livell limitu.

**L-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-evalwazzjoni tagħhom jiddependu fuq l-aktar data reċenti li tkun disponibbli fid-data limitu għall-ġbir tad-data[70].** Meta d-data rilevanti għall-valutazzjoni tal-kategorizzazzjoni tal-JER tkun nieqsa għal pajjiż partikolari, il-kategorizzazzjoni korrispondenti tal-JER mill-edizzjoni preċedenti tal-JER (jekk disponibbli) tintuża biex timtela l-informazzjoni nieqsa. Jekk l-indikatur ikollu valuri neqsin għall-aħħar edizzjoni tal-JER *u* għal dik preċedenti, il-kategorizzazzjonijiet tal-JER ma jingħaddux lejn il-livell limitu indikattiv ta' sitt marki għall-analiżi tat-tieni stadju.

[70] Id-data limitu għall-ġbir tad-data hija l-4 ta' Novembru 2024 għall-JER tal-2025.

## KAPITOLU 2. IMPJIEGI U RIFORMI SOĊJALI – PRESTAZZJONI U AZZJONI TAL-ISTATI MEMBRI

### 2.1 Linja Gwida 5: Nagħtu spinta lid-domanda għall-ħaddiema

Din it-taqsima teżamina l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru 5 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda lill-Istati Membri jipprovdu l-kundizzjonijiet li jippromwovu d-domanda għall-ħaddiema u l-ħolqien tal-impjiegi, f'konformità mal-prinċipji 4 (appoġġ attiv għall-impjiegi) u 6 (pagi) tal-Pilastru. It-Taqsima 2.1.1 tiffoka fuq l-iżviluppi ewlenin tas-suq tax-xogħol, li jirriflettu wkoll l-impatt tal-inflazzjoni għolja u l-għoli tal-ħajja. It-Taqsima 2.1.2 tirrapporta dwar il-miżuri implimentati mill-Istati Membri f'dawn l-oqsma, b'enfasi speċjali fuq il-politiki mmirati biex iżidu l-impjiegi u jappoġġaw il-ħolqien tal-impjiegi f'kuntest ta' nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet.

### 2.1.1 Indikaturi ewlenin

**Is-suq tax-xogħol tal-UE baqa' b'saħħtu fl-2023, bi tkabbir moderat fl-impjiegi iżda li xorta għadu b'saħħtu minkejja t-tnaqqis reċenti fir-ritmu ekonomiku.** Aktar minn żewġ miljun u nofs ħaddiema addizzjonali ġew impjegati meta mqabbla mal-2022, u b'hekk it-total tela' għal 217.5 miljun. Ir-rata ta' impjieg (grupp ta' età ta' bejn 20 u 64 sena) laħqet 75.3 % fl-2023 (żieda ta' 0.7 pp meta mqabbla mal-2022), u livell rekord ta' 76.0 % fit-tieni kwart tal-2024, bil-mira ewlenija tal-UE li mill-inqas 78.0 % tal-persuni jkollhom impjieg sal-2030 tista' tintlaħaq[71]. B'mod kumplessiv, it-tkabbir fl-impjiegi naqas (minn 2.0 % fl-2022 għal 1.2 % fl-2023) iżda baqa' b'saħħtu, minkejja attività ekonomika dgħajfa. Ir-rata tal-impjieg żdiedet fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, u b'mod partikolarment qawwi f'Ċipru, f'Malta, fl-Italja, fi Spanja, fil-Polonja u fil-Greċja (l-Grafika 2.1.1). Għall-kuntrarju, ġie rreġistrat tnaqqis fl-Awstrija, fil-Finlandja, fid-Danimarka, fis-Slovenja u fil-Litwanja. Ir-Rumanija, il-Belġju u l-Kroazja jinsabu f'"sitwazzjonijiet kritiċi", b'rati tal-impjieg jibqgħu f'livelli relattivament baxxi (inqas minn 72.5 %) u żidiet li huma partikolarment baxxi għall-ewwel żewġ pajjiżi, meta mqabbla mas-sena l-oħra. Franza, l-Awstrija, il-Finlandja, is-Slovenja u l-Litwanja "għandhom jiġu osservati", wara titjib taħt il-medja minn livelli relattivament baxxi (għal Franza) jew tnaqqis mil-livelli ogħla mill-medja (għall-erba' pajjiżi l-oħra). Min-naħa l-oħra, in-Netherlands, l-Iżvezja, l-Estonja u ċ-Ċekja huma "bl-aħjar prestazzjoni", b'rati tal-impjieg li jaqbżu 80 %. B'mod ġenerali, tista' tiġi osservata konverġenza tar-rati ta' impjieg fl-Istati Membri. Madankollu, għad hemm disparitajiet reġjonali sinifikanti f'ħafna Stati Membri (ara l-Grafika 5 fl-Anness 5), inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi.

[71] Ara l-Kummissjoni Ewropea, id-dikjarazzjoni u l-miri ta' Porto, 2021.

**It-tkabbir fl-impjiegi kien appoġġat minn forza tax-xogħol li qed tespandi u kien aktar b'saħħtu f'setturi li esperjenzaw nuqqas relattivament għoli ta' ħaddiema.** Wara l-pandemija tal-COVID-19, mill-2020, l-impjiegi żdiedu b'9 miljun persuna bis-saħħa ta' espansjoni simultanja tal-forza tax-xogħol ta' 6.9 miljun u tnaqqis fil-qgħad ta' 2.1 miljun. Fl-2023, il-ħolqien tal-impjiegi kien ikkonċentrat fuq setturi bħall-kummerċ, it-trasport, l-akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel[72]. B'mod kumplessiv, it-tkabbir fl-impjiegi kien ogħla f'setturi li qed jiffaċċjaw nuqqas sinifikanti ta' ħaddiema. Dan jista' jiġi attribwit kemm għaż-żieda fil-provvista tal-ħaddiema kif ukoll għal bidla fl-allokazzjoni tal-impjiegi lejn dawn is-setturi b'domanda għolja. Barra minn hekk, il-persistenza tan-nuqqas ta' ħaddiema f'setturi bi tkabbir qawwi fl-impjiegi tissuġġerixxi potenzjal kontinwu għall-ħolqien tal-impjiegi. Id-domanda għall-ħaddiema baqgħet reżiljenti għat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, u b'hekk ikkontribwiet għal riġidità sostnuta tas-suq tax-xogħol. Ir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti naqset minn 2.9 % fl-ewwel kwart tal-2023 għal 2.4 % fit-tieni kwart tal-2024 (data aġġustata skont l-istaġun), li għadha ferm ogħla mill-medja ta' qabel il-pandemija ta' 1.7 % irreġistrata bejn l-2013 u l-2019[73].

---

72 Ara l-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social developments in Europe 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

73 Il-Eurostat [jvs_q_nace2]. Ir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti hija l-għadd totali ta' postijiet tax-xogħol vakanti (jiġifieri, karigi mħallsin li għadhom kif inħolqu, li ma humiex okkupati, jew li waslu biex isiru vakanti) bħala perċentwal tal-postijiet tax-xogħol okkupati u vakanti.

**Illustrazzjoni 2.1.1: ir-rata tal-impjieg żdiedet fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-2023 għalkemm b'pass aktar kajman**

Ir-rata tal-impjieg (għall-persuni fl-età ta' bejn 20 u 64 sena), il-livelli tal-2023 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-definizzjoni hija differenti għal ES u FR. Interruzzjoni fis-serje għal CY u DK.
*Sors*: l-Eurostat [lfsi_emp_a], l-LFS tal-UE.

**Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, kemm l-impjiegi kif ukoll is-sigħat totali maħduma żdiedu, u dan juri suq tax-xogħol tal-UE b'saħħtu.** L-impjiegi issa jaqbżu l-livelli ta' qabel il-COVID-19 fl-Istati Membri kollha ħlief għal-Latvja, ir-Rumanija u s-Slovakkja. Is-sigħat totali maħduma żdiedu b'0.9 % fl-2023 u fit-tieni kwart tal-2024 kienu ogħla mil-livelli ta' qabel il-pandemija fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri mistennija għall-Bulgarija, għaċ-Ċekja, għall-Ġermanja, għal-Latvja, għall-Awstrija u għas-Slovakkja. Fl-2023, iż-żieda fl-impjiegi qabżet it-tkabbir tas-sigħat totali maħduma, li rriżulta fi tnaqqis ta' 0.2 % fl-għadd medju ta' sigħat maħduma għal kull impjegat. Is-sigħat medji maħduma għal kull impjegat fl-UE għadhom taħt il-livelli ta' qabel il-COVID-19. It-tkabbir aktar kajman fis-sigħat totali maħduma meta mqabbel mal-impjiegi jirrifletti xejra 'l isfel fit-tul ta' tnaqqis fis-sigħat medji għal kull ħaddiem. Dan jista' jkun parzjalment dovut għal tkabbir aktar b'saħħtu fl-impjiegi fis-servizzi u f'setturi oħra fejn il-ħaddiema tipikament jaħdmu inqas sigħat[74] iżda wkoll minħabba preferenzi tal-ħaddiema li qed jinbidlu.

**L-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar urew li huma għodda ta' politika effettiva biex jittaffew ix-xokkijiet ekonomiċi temporanji.** Matul il-kriżi tal-COVID-19, ix-xogħol b'ħinijiet iqsar imfassal tajjeb u skemi simili għaż-żamma tal-impjieg irnexxielhom jipproteġu l-impjiegi u l-introjti fl-UE. L-użu mifrux tagħhom ġie ffaċilitat mid-disponibbiltà ta' finanzjament permezz tal-istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE, Support to mitigate Unemployment Risks in an Emergency). Skont analiżi empirika tal-Eurofound, l-iskemi għaż-żamma tal-impjieg ippreservaw 24.8 miljun impjieg fl-2020 u 2.1 miljun fl-2021, li huwa l-ekwivalenti ta' 13.3 % u 1.1 % tal-impjiegi totali, rispettivament[75]. L-għadd ta' impjiegi salvati kien partikolarment kbir fi Franza, fl-Italja u fil-Ġermanja, fejn huwa stmat li bis-saħħa tal-użu ta' skemi għaż-żamma tal-impjieg matul l-ewwel sena tal-pandemija, ġew ippreservati 6.6 miljun impjieg (25.0 % tal-impjiegi totali), 4.7 miljun (21.8 %) u 4.7 miljun (12.2 %), rispettivament. F'termini relattivi, l-iskemi għaż-żamma tal-impjieg kkontribwew biex jiġu salvati għadd sostanzjali ta' impjiegi anke f'ħafna pajjiżi bi swieq tax-xogħol iżgħar (pereżempju, aktar minn 14.5 % tal-impjiegi fl-2020 fil-Kroazja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta u n-Netherlands).

---

74 Ara Kummissjoni Ewropea, Labour market and wage developments in Europe 2023, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

75 Il-Eurofound, Weathering the crisis:How job retention schemes preserved employment and incomes during the pandemic, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

**L-impjieg indipendenti kien qed jonqos fl-UE, b'xi varjazzjoni bejn il-pajjiżi u s-setturi.** Is-sehem ta' persuni b'impjieg indipendenti fl-impjiegi totali naqas minn 14.8 % fl-2010 għal 13.3 % fl-2023. Matul dan il-perjodu, l-akbar tnaqqis deher fl-agrikoltura u l-kummerċ, filwaqt li kien hemm żidiet sinifikanti fis-setturi pubbliċi u kważi pubbliċi (inklużi l-amministrazzjoni pubblika, l-edukazzjoni u s-saħħa) u l-ICT. Il-profil tal-ħiliet tal-persuni b'impjieg indipendenti inbidel ukoll, b'39 % minnhom ikollhom edukazzjoni terzjarja fl-2023, meta mqabbel ma' 28.0 % biss fl-2010. Ir-rati tar-riskju tal-faqar fost il-persuni b'impjieg indipendenti (18 sa 64 sena) huma ogħla minn dawk tal-impjegati (22.1 % imqabbla ma' 9.6 %). Fl-2023, is-sehem ta' persuni b'impjieg indipendenti varja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri, u laħaq jew qabeż l-20 % fl-Italja u fil-Greċja u baqa' taħt it-8 % fil-Ġermanja u fid-Danimarka (ara wkoll it-taqsima 2.3.1). Il-ħaddiema awtonomi kienu jikkostitwixxu l-akbar porzjon tal-persuni b'impjieg indipendenti fl-UE (madwar 70 %) u fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Bejn l-2013 u l-2023, is-sehem tal-ħaddiema awtonomi fl-impjiegi totali naqas minn 10.3 % għal 9.0 %, hekk kif inqas żgħażagħ daħlu f'impjieg indipendenti, mingħajr kumpens għall-ħaddiema akbar fl-età li ħarġu minnu.

**L-isfidi fuq perjodu medju relatati mat-tkabbir baxx fil-produttività fl-UE jippersistu.** Filwaqt li t-tkabbir fil-produttività laħaq medja ta' madwar 1.4 % fis-sena qabel l-2007, naqas għal 0.8 % bejn l-2010 u l-2019 u kompla jonqos għal 0.7 % fl-2023[76]. Minkejja l-previżjonijiet li jbassru ftit titjib, it-tkabbir tal-produttività għadu strutturalment baxx, u dan jimmina l-kompetittività globali tal-UE. It-tkabbir fl-impjiegi issa jixpruna t-tkabbir tal-PDG aktar mill-produttività fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, minbarra d-Danimarka, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovakkja. Produttività tax-xogħol baxxa b'mod persistenti wkoll f'kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ, thedded il-kompetittività, it-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi, u l-istandards tal-għajxien. Ir-rapport ta' Mario Draghi dwar il-Futur tal-Kompetittività Ewropea jenfasizza nuqqasijiet sinifikanti fl-ispeċjalizzazzjoni, l-innovazzjoni u l-investiment tat-teknoloġija avvanzata tal-UE, b'mod partikolari meta mqabbla mal-Istati Uniti[77].

---

[76] Il-Kummissjoni Ewropea, Labour market and wage developments in Europe 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.
[77] Draghi, M. (2024a), Draghi, M. (2024b).

It-tkabbir Dgħajjef tal-Produttività Totali tal-Fatturi kien il-fattur ewlieni wara t-tkabbir diżappuntanti fil-produttività tax-xogħol u huwa marbut b'mod partikolari ma' tnaqqis fl-innovazzjoni u l-adozzjoni teknoloġiċi, riallokazzjoni mhux suffiċjenti tal-kapital u tax-xogħol fost id-ditti, il-forza tax-xogħol li qed tixjieħ li tnaqqas it-teħid tar-riskju, u akkumulazzjoni aktar dgħajfa tal-kapital uman ukoll għandhom rwol. In-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet idewwem l-adozzjoni tat-teknoloġija, iżid il-kostijiet, u jnaqqas aktar id-domanda għall-ħaddiema. Fuq perjodu qasir, in-nuqqasijiet jistgħu jġiegħlu lill-kumpaniji jżommu l-ħaddiema, ifixklu r-riallokazzjoni tal-ħaddiema, u jġiegħlu lill-impjegati jaħdmu sigħat itwal, potenzjalment inaqqsu l-produttività u jaggravaw l-ispariġġi fl-impjiegi, u dan iwassal għal qgħad strutturali ogħla. Kif enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, l-adattament tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-ħtiġijiet tal-ħiliet li qed jevolvu, b'mod partikolari għat-tranżizzjoni doppja, u l-għoti ta' prijorità lill-apprendiment għall-adulti u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huma essenzjali biex tingħata spinta lill-kompetittività. It-tnaqqis tal-ostakli amministrattivi, it-trawwim tal-innovazzjoni, u l-appoġġ għan-negozjar kollettiv effettiv jistgħu jgħinu biex jiġu żgurati gwadanji fil-produttività, u jiġu sostnuti t-tkabbir fil-pagi u l-kompetittività.

**In-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet għadu sinifikanti u mifrux fl-UE, iżda qed jonqos mill-ogħla livelli tiegħu.** Matul l-aħħar deċennju, in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet żdied fl-Istati Membri kollha. Bir-reċessjoni ekonomika reċenti, is-sehem tal-maniġers li qed jindikaw nuqqas fil-forza tax-xogħol bħala fattur li jillimita l-produzzjoni naqas bi ftit (18.0 % f'Ottubru 2024 meta mqabbel ma' 22.4 % f'Ottubru 2023 u 25.9 % f'Ottubru 2022), iżda għadu relattivament għoli[78]. In-nuqqas kien prevalenti fis-setturi STEM (b'mod partikolari l-ICT), il-kostruzzjoni, il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, it-trasport, it-turiżmu u setturi oħra li huma rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Skont ir-rapport tal-EURES tal-2023[79], l-aktar nuqqasijiet akuti dehru f'okkupazzjonijiet bħal sewwieqa tat-trakkijiet tqal, professjonisti tal-infermerija (inkluż speċjalisti), tobba, elettriċisti, saqqafa, waiters u ħaddiema tal-kostruzzjoni. Il-kaxxa 1 tal-Pilastru tipprovdi analiżi aktar dettaljata tal-isfidi importanti ffaċċjati f'dan ir-rigward.

---

[78] Il-Kummissjoni Ewropea, Stħarriġ dwar in-Negozju u l-Konsumatur.

[79] L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, Labour shortages and surpluses in Europe 2023, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

**Kaxxa 1 tal-Pilastru: Nindirizzaw in-nuqqasijiet ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE**

**L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet huwa kruċjali biex tingħata spinta lill-kompetittività, il-kapaċità tal-innovazzjoni u t-tkabbir inklużiv u sostenibbli tal-UE**. Għal kważi deċennju, in-nuqqasi ta' ħaddiema u ta' ħiliet żdiedu fl-Istati Membri kollha u huwa mistenni li jkomplu jiżdiedu fil-kuntest tat-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika. In-nuqqas ta' ħaddiema ma naqasx b'mod sinifikanti lanqas fid-dawl tat-tnaqqis reċenti fir-ritmu ekonomiku. Dan in-nuqqas huwa xprunat mit-tibdil demografiku, mid-domanda għal ħiliet ġodda marbuta mal-iżviluppi teknoloġiċi u t-tranżizzjoni doppja, kif ukoll mill-kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena f'ċerti setturi. Dan jiġi rrapportat minn kumpaniji ta' kull daqs u settur, u huwa partikolarment persistenti fil-kura tas-saħħa, fl-oqsma STEM (b'mod partikolari l-ICT), fil-kostruzzjoni, fit-trasport, u f'ċerti okkupazzjonijiet ibbażati fuq is-servizzi (eż. koki u wejters)[80]. Filwaqt li n-nuqqas ta' ħaddiema jista' jindika ekonomija b'saħħitha, fejn il-ħaddiema jingħataw is-setgħa li jinnegozjaw pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, fl-istess ħin jista' jfixkel il-produttività u l-kapaċità innovattiva, idgħajjef il-kompetittività tal-UE, joħloq ostakli għat-tkabbir inklużiv, u jfixkel il-progress fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. L-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja (il-prinċipju 1), l-appoġġ attiv għall-impjiegi (il-prinċipju 4), u l-impjieg sigur u adattabbli (il-prinċipju 5) se tikkontribwixxi wkoll biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet.

80 Il-Eurofound, European Company Survey 2019, u l-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social Developments in Europe 2023: Addressing labour shortages and skills gaps in the EU, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

**In-nuqqas ta' ħaddiema jvarja b'mod sostanzjali bejn l-Istati Membri, u mhuwiex distribwit b'mod ugwali bejn is-setturi u l-okkupazzjonijiet.** Fit-tieni kwart tal-2024, ir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti (aġġustata skont l-istaġun) kienet l-ogħla fil-Belġju (4.4 %), fin-Netherlands (4.3 %), fl-Awstrija (4.0 %), fiċ-Ċekja (3.4 %), fil-Ġermanja (3.2 %), u f'Malta (3.0 %). Min-naħa l-oħra, il-Bulgarija, ir-Rumanija, Spanja u l-Polonja kellhom l-aktar rati baxxi (kollha taħt il-1 %) – ara l-Grafika ta' hawn taħt. In-nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tal-manifattura huwa partikolarment għoli u matul l-2022 u l-2023, kompla jikber fil-Kroazja, fis-Slovenja u fil-Bulgarija. Fis-settur tal-kostruzzjoni, is-Slovenja, il-Greċja, u l-Kroazja għandhom l-akbar problemi fir-rigward tar-reklutaġġ tal-ħaddiema, filwaqt li fis-servizzi, in-nuqqas ta' ħaddiema huwa l-aktar akut f'Malta, fin-Netherlands u fil-Ġermanja. Dan l-aħħar, il-Kummissjoni identifikat 42 okkupazzjoni meqjusa bħala okkupazzjonijiet b'nuqqas ta' ħaddiema fl-UE kollha[81]. In-nuqqasijiet speċifiċi għas-settur jinkludu attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' appoġġ, l-akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel, l-ICT, u l-kostruzzjoni. Barra minn hekk, fl-istħarriġ, id-ditti qed jirrapportaw dejjem aktar li ma jistgħux isibu l-ħiliet speċifiċi meħtieġa biex jimlew il-postijiet vakanti tagħhom[82][83].

**Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, in-nuqqas ta' ħaddiema għadu akbar milli kien fl-2019**
Ir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti, ir-raba' kwart tal-2019 imqabbel mat-tieni kwart tal-2024




*Nota:* attivitajiet tan-NACE 2, B-S (Industrija, kostruzzjoni u servizzi).
*Sors*: il-Eurostat [ei_lmjv_q_r2], data aġġustata skont l-istaġun, mhux aġġustata skont il-kalendarju.

81 Il-Komunikazzjoni:Pjan ta' Azzjoni dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE (2024) – Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni – il-Kummissjoni Ewropea.

82 Il-Kummissjoni Ewropea, l-Ewrobarometru Flash FL529: European Year of Skills - Skills shortages, recruitment and retention strategies in small and medium-sized enterprises, 2023.

83 Il-BEI, EIB Investment Survey (EIBIS) 2023.

**Azzjoni miftiehma u msaħħa fil-livell tal-UE, tal-Istati Membri u dak reġjonali, li tinvolvi wkoll is-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, hija kruċjali biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet.** F'Marzu 2024, il-Kummissjoni ppreżentat Pjan ta' Azzjoni biex tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, imħejji f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali[84]. Dan huwa msejjes fuq il-bosta inizjattivi li diġà ttieħdu u jistabbilixxi 87 azzjoni ġdida li l-UE, l-Istati Membri, u s-sħab soċjali se jieħdu jew għandhom jieħdu biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Dawn il-miżuri huma fl-ambitu ta' ħames oqsma ta' politika: (i) l-attivazzjoni ta' persuni sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol, (ii) l-appoġġ għall-ħiliet, it-taħriġ u l-edukazzjoni, (iii) it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, (iv) it-tisħiħ tal-mobbiltà intra-UE ġusta u (v) l-attrazzjoni tat-talent minn barra l-UE. Il-Kummissjoni qed tagħmel progress tajjeb fl-implimentazzjoni tal-impenji tagħha. Abbażi tal-aġġornamenti riċevuti, mit-30 impenn ġdid li ttieħdu mill-Kummissjoni fil-Pjan ta' Azzjoni, 6 ġew implimentati bis-sħiħ (20 %), u 22 għadhom għaddejjin (73 %). Bl-istess mod, is-sħab soċjali impenjaw ruħhom għal total ta' 34 azzjoni u abbażi tal-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni, l-implimentazzjoni ta' terz ta' dawn l-impenji (11-il azzjoni, 32 % tal-impenji totali tagħhom) għaddejja bħalissa. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' azzjoni fil-qafas tas-Semestru Ewropew. F'Diċembru 2024, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fl-UE, b'enfasi fuq il-mobilizzazzjoni tal-potenzjal tax-xogħol mhux sfruttat[85]. Fil-konklużjonijiet tiegħu, il-Kunsill ħa nota tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni, li jenfasizza miżuri li jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet billi jgħinu lil gruppi sottorappreżentati jaċċessaw is-suq tax-xogħol, jappoġġaw il-ħiliet, u jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Skambji tripartitiċi dwar din il-kwistjoni, bil-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali, huma organizzati fil-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u fil-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (SPC). L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni u l-istediniet li saru fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tikkontribwixxi għall-kisba tal-miri ewlenin u nazzjonali tal-UE dwar l-impjiegi u l-ħiliet sal-2030[86].

---

84 Il-Komunikazzjoni:Pjan ta' Azzjoni dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE (2024) – Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni – il-Kummissjoni Ewropea.

85 Il-Konklużjonijiet tal- Kunsill dwar nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE: Il-mobilizzazzjoni tal-potenzjal tax-xogħol mhux sfruttat fl-Unjoni Ewropea (ST16556/24).

86 Ara l-Kummissjoni Ewropea, id-dikjarazzjoni u l-miri ta' Porto, 2021.

**Diversi Stati Membri adottaw miżuri biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, inkluż billi jattiraw ċittadini ta' pajjiżi terzi.** F'Marzu 2024, l-Att dwar l-Immigrazzjoni tal-Ħaddiema tas-Sengħa daħal fis-seħħ fil-**Ġermanja**, u rreveda u espanda r-regolamenti għal ħaddiema tas-sengħa b'edukazzjoni terzjarja, filwaqt li kien imsejjes fuq il-lista estiża ta' okkupazzjonijiet li qed jiffaċċjaw nuqqas ta' ħaddiema (ara t-Taqsima 2.2.2). F'Diċembru 2023, **Franza** rriformat is-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi tagħha (issa msejjaħ *"France Travail"*) biex ittejjeb l-appoġġ għall-persuni li qed ifittxu impjieg u tindirizza aħjar in-nuqqasijiet (ara t-Taqsima 2.3.2). Fl-2023, l-**Awstrija** implimentat "Pjan ta' Azzjoni kontra n-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa", li jalloka EUR 75 miljun għall-politiki attivi tas-suq tax-xogħol għall-2024 u l-2025. Il-Pjan jinkludi wkoll azzjonijiet li jappoġġaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk li jfittxu l-ażil u tal-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja. Fi Frar 2024, is-**Slovenja** implimentat dispożizzjonijiet biex tiddetermina l-ħlas/bonusijiet supplimentari għal ammont ta' xogħol żejjed f'ċerti okkupazzjonijiet b'nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tas-saħħa (jiġifieri speċjalizzazzjoni fil-mediċina tal-familja). **Malta** estendiet l-"Iskema tal-Iżvilupp tal-Ħiliet" f'Diċembru 2023 biex tippromwovi l-akkwiżizzjoni tal-ħiliet mill-forza tax-xogħol. F'Ottubru 2023, l-**Italja** aġġornat il-leġiżlazzjonijiet tagħha u żiedet l-investimenti fil-programmi ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid biex tiffaċilita l-aċċess għal professjonisti b'livell għoli ta' ħiliet għas-suq tax-xogħol tagħha u twieġeb aħjar għan-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, anke bħala parti mill-RRP. F'Awwissu 2023, il-**Lussemburgu** emenda l-leġiżlazzjoni biex jissimplifika l-proċess ta' reklutaġġ għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u jtejjeb l-attrazzjoni u ż-żamma tat-talent.

**Ir-rata tal-qgħad fl-UE laħqet livelli baxxi rekord fl-2023 u fil-bidu tal-2024, minkejja t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku.** Ir-rata medja tal-qgħad fl-UE (il-grupp ta' età bejn 15 u 74 sena) naqset għal 6.1 % (minn 6.2 % fl-2022), u dan jimmarka l-aktar livell baxx qatt irreġistrat (l-Grafika 2.1.2). Il-Greċja, Ċipru u Spanja raw l-akbar tnaqqis, b'1.4 pps, 1.0 pps u 0.8 pps, rispettivament. Min-naħa l-oħra, il-Litwanja, l-Estonja, id-Danimarka, il-Lussemburgu u l-Ungerija rreġistraw żidiet ta' 0.5 pps jew aktar. Is-sitwazzjoni fl-Italja, fi Franza, fl-Iżvezja, fil-Finlandja, fil-Litwanja, fid-Danimarka, fl-Estonja u fil-Lussemburgu "għandha tiġi osservata", jew minħabba qgħad relattivament għoli jew minħabba titjib taħt il-medja. Filwaqt li Spanja u l-Greċja għandhom mingħajr dubju l-ogħla rati ta' qgħad, bi 12.2 % u 11.1 %, rispettivament, huma f'sitwazzjoni "dgħajfa iżda li qed titjieb", peress li ż-żewġ pajjiżi esperjenzaw tnaqqis ferm ogħla mill-medja tal-UE. Iċ-Ċekja, il-Polonja, il-Ġermanja u Malta għandhom "bl-aħjar prestazzjoni", b'rati tal-qgħad ta' bejn 2.6 % u 3.1 %. Sa Settembru 2024, ir-rata medja tal-qgħad tal-UE kompliet tonqos għal 5.9 %. Għalkemm qed jonqos[87], in-nuqqas kbir ta' ħaddiema wassal biex il-kumpaniji jżommu l-impjegati minkejja domanda aktar dgħajfa għall-prodotti u s-servizzi tagħhom, u dan għen biex ir-rata tal-qgħad tinżamm baxxa[88]. Barra minn hekk, jista' jkun li n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet kkontribwixxa għar-rata baxxa ta' tranżizzjoni mill-impjieg għall-qgħad. Id-differenzi fir-rati tal-qgħad bejn il-pajjiżi tal-UE naqsu b'mod stabbli wara li laħqu l-ogħla livelli tagħhom fl-2013 u kważi qegħdin baxxi daqs dawk ta' qabel il-kriżi finanzjarja tal-2008-2009. Madankollu, għad hemm disparitajiet reġjonali sinifikanti f'ħafna pajjiżi (ara l-Grafika 6 fl-Anness 5), inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi.

[87] Ara l-Kummissjoni Ewropea: Autumn 2024 Economic Forecas - A gradual rebound in an adverse environment.

[88] Ara l-Kummissjoni Ewropea, Labour market and pay developments in Europe 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

## Grafika 2.1.2: ir-rata tal-qgħad naqset fi kważi nofs l-Istati Membri fl-2023

Ir-rata tal-qgħad (għall-persuni fl-età ta' bejn 15 u 74 sena), il-livelli tal-2023 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-definizzjoni hija differenti għal ES u FR. Interruzzjoni fis-serje għal CY u DK.
*Sors*: il-Eurostat [une_rt_a], l-LFS tal-UE.

**It-tranżizzjoni ekoloġika qed tfassal mill-ġdid l-ekonomija, u qed twassal għal domanda għal kompiti u ħiliet ġodda fis-setturi eżistenti, riallokazzjoni tal-ħaddiema fis-setturi kollha, u impjiegi ġodda fl-"ekonomija ekoloġika" li jistgħu jirriżultaw fil-ħolqien nett tal-impjiegi b'appoġġ ta' politika xieraq.** It-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju qed tiġġenera ċaqliq tal-ħaddiema fis-setturi kollha, speċjalment fl-enerġija, fl-estrazzjoni, fil-kostruzzjoni, fil-manifattura, fit-trasport u fil-ġestjoni tal-iskart. Analiżi reċenti turi li, bħala medja, 1.8 sa 3.9 % tal-ħaddiema fl-UE jaqilbu s-settur tagħhom kull sena. Din iċ-ċifra baqgħet stabbli maż-żmien, b'żieda żgħira f'xi pajjiżi, madwar il-livell tal-2016[89]. Fl-istess ħin, is-sehem tal-ħaddiema fl-ekonomija ekoloġika kiber minn 2.2 % fl-2015 għal 2.5 % fl-2021 fl-UE, b'differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri (minn 0.9 % fl-Ungerija u 1.4 % f'Malta għal 4.9 % fl-Estonja u 5.4 % fil-Lussemburgu fl-2021)[90]. Kejl alternattiv jissuġġerixxi li l-ekonomija ekoloġika tista' tkun akbar, u potenzjalment tirrappreżenta sa 11.3 % tal-forza tax-xogħol tal-UE (imqabbla ma' 10.8 % fl-2015)[91]. Sadanittant, is-setturi intensivi fl-emissjonijiet[92] għadhom jimpjegaw sehem sinifikanti ta' ħaddiema (3.5 % fl-UE fl-2023), b'differenzi li jvarjaw minn 0.8 % f'Ċipru u 0.9 % fl-Irlanda għal 7.4 % fiċ-Ċekja. L-evidenza tissuġġerixxi li, minbarra l-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema fi professjonijiet essenzjali għal ekonomija b'emissjonijiet żero netti u l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta, politiki mfassla tajjeb li jappoġġjaw lill-ħaddiema fin-natura li qed tinbidel tal-impjieg tagħhom jew fit-tranżizzjonijiet tagħhom lejn setturi jew impjiegi ġodda – speċjalment dawk l-aktar affettwati mill-bidla lejn in-newtralità klimatika – jistgħu jwasslu għall-ħolqien nett tal-impjiegi fl-Unjoni[93].

---

89 Fulvimari A. et al., *Estimating labour market transition costs and social investment needs of the green transition — a new approach*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024 (għad irid jiġi ppubblikat).

90 Ibbażat fuq il-Eurostat [env_ac_egss1] u [nama_10_a10_e].

91 Abbażi tal-kalkoli taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka li saru taħt il-proġett GreenJobs, wara l-operazzjonalizzazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq il-kompiti tal-ONET propost minn Gili, Verdolini u Vona (2020) biex jitkejlu l-impjiegi ekoloġiċi fl-UE.

92 L-industriji intensivi fl-emissjonijiet jinkludu l-estrazzjoni u x-xogħol fil-barrieri, il-manifattura ta' sustanzi kimiċi u prodotti kimiċi, il-manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi oħra, il-manifattura ta' metalli bażiċi, u l-manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers.

93 Il-Kummissjoni Ewropea, SWD(2020) 176 final. Projezzjonijiet ibbażati fuq EQUEST bl-użu ta' xenarju ta' "tassazzjoni aktar baxxa ta' ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet", 2020.

**It-trasformazzjoni diġitali qed tappoġġa l-ħolqien tal-impjiegi f'ċerti setturi.** L-għadd ta' speċjalisti tal-ICT fl-UE ilu jiżdied b'mod kostanti mill-2013 (b'59.3 %), u laħaq aktar minn 9.5 miljun fl-2023. Sal-2030, bil-pass attwali, l-għadd ta' speċjalisti tal-ICT se jilħaq biss it-12-il miljun, ferm inqas mill-mira ta' 20 miljun u fi sfond ta' kompetizzjoni dejjem akbar għal talent bil-ħiliet diġitali[94]. Madankollu, in-nisa għadhom sottorappreżentati b'mod sinifikanti, bi 19 % biss tal-ispeċjalisti tal-ICT ikunu nisa fl-2023. Barra minn hekk, l-avvanzi teknoloġiċi f'oqsma bħall-Intelliġenza Artifiċjali (IA), l-analitika tad-data, id-dinjiet virtwali, iċ-ċibersigurtà, il-computing kwantistiku, il-cloud u l-edge computing qed ikomplu jittrasformaw l-ekonomiji u s-swieq tax-xogħol. Dan se jagħmel il-ħiliet diġitali dejjem aktar essenzjali, filwaqt li bħalissa 4 minn kull 10 adulti u terz tal-ħaddiema fl-Ewropa lanqas biss għandhom il-ħiliet diġitali bażiċi (ara t-taqsima 2.2.1). L-akbar nuqqasijiet huma rrapportati f'oqsma bħall-ħolqien tal-kontenut diġitali u l-ipprogrammar tal-kompjuter, b'mod partikolari fil-Latvja, fid-Danimarka, fil-Polonja u fi Spanja[95].

**Illustrazzjoni 2.1.3: il-pagi komplew jiżdiedu fl-2023, fi sfond tal-inflazzjoni li għadha għolja u r-riġidità tas-suq tax-xogħol**

Kumpens nominali għal kull impjegat, bidla perċentwali annwali




*Nota*: Nota: EA-20, l-20 pajjiż li adottaw l-euro. Il-kumpens nominali għal kull impjegat huwa kkalkulat bħala l-kumpens totali tal-impjegati diviż bin-numru totali ta' impjegati. Il-kumpens nominali jinkludi, minbarra l-pagi grossi, il-kontribuzzjonijiet tal-impjegatur.
*Sors*: il-bażi tad-data AMECO [HWCDW] u l-Eurostat, Il-kontijiet nazzjonali [namq_10_gdp], [namq_10_a10_e].

94 Il-Kummissjoni Ewropea, Deċennju Diġitali tal-Ewropa: miri diġitali għall-2030, 2023.
95 l-OECD, Skills for Job 2022, 2022.

**It-tkabbir fil-pagi fl-UE baqa' b'saħħtu fl-2023 iżda varja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri.** It-tkabbir annwali fil-kumpens nominali għal kull impjegat laħaq livell rekord ta' 6.1 % (sena wara sena), wara 4.9 % fl-2022, f'kuntest ta' inflazzjoni li għadha għolja[96] u swieq tax-xogħol riġidi. Imbagħad naqas għal 5.0 % fit-tieni kwart tal-2024 hekk kif l-inflazzjoni battiet. It-tkabbir fil-pagi varja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri (l-Grafika 2.1.3). Fit-tieni kwart tal-2024, it-tkabbir fil-pagi nominali (sena wara sena) qabeż il-11 % fil-Bulgarija, fil-Kroazja, fl-Ungerija, fil-Latvja, fil-Polonja u fir-Rumanija, u varja bejn 6 % u 10 % fl-Estonja, fil-Litwanja, fis-Slovakkja, fl-Awstrija u fil-Portugall. Dan kien inqas minn 3.2 % fil-Belġju, fil-Finlandja, fi Franza, fl-Irlanda, fl-Italja, fil-Lussemburgu u f'Malta.

**Il-pagi nnegozjati wkoll urew tkabbir qawwi, xprunat minn żieda fid-domanda biex jiġi kkumpensat it-telf fil-kapaċità tal-akkwist**. Il-pagi nnegozjati fiż-żona tal-euro żdiedu bi 3.6 % (sena wara sena) fit-tieni kwart tal-2024, li jirrifletti deċellerazzjoni mir-rati ta' tkabbir ta' 4.4 % għal 4.7 % osservati mill-ewwel kwart tal-2023[97]. Madankollu, l-aħħar żieda għadha ogħla b'mod sinifikanti minn dawk irreġistrati matul l-2022, u tvarja bejn 2.6 % u 3.1 %. Fl-2023 kien hemm diversi tilwimiet industrijali, xprunati minn tħassib li l-pagi ma kinux qed ilaħħqu maż-żieda fl-għoli tal-ħajja[98].

---

96 L-inflazzjoni kienet għadha 4.9 % sena wara sena f'Settembru 2023, qabel ma naqset b'mod aktar sinifikanti fir-raba' kwart u laħqet it-3.1 % f'Diċembru.

97 It-tkabbir tal-pagi nnegozjati jirrappreżenta l-eżitu dirett tan-negozjar tal-pagi bejn is-sħab soċjali. Dan jinkludi kemm il-pagi li għadhom kif ġew innegozjati kif ukoll dawk maqbula qabel. Bħala regola ġenerali, dan jeskludi l-bonusijiet, is-sahra u kumpensi individwali oħra li mhumiex marbuta man-negozjar kollettiv. Meta mqabbla mal-pagi mħallsa, il-pagi nnegozjati lanqas ma huma sensittivi għall-għadd ta' sigħat maħduma (peress li huma stabbiliti fuq bażi full-time) u jirrappreżentaw paga minima f'xi setturi.

98 Il-Eurofound, Labour disputes across Europe in 2023:Ongoing struggle for higher wages as cost of living rises, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

**Illustrazzjoni 2.1.4: il-pagi reali qed jirpiljaw, iżda għadhom ma rkuprawx mit-telf fis-snin preċedenti**

Pagi u salarji grossi reali għal kull impjegat, bidla perċentwali annwali




*Nota*: EA tirreferi għall-EA-20, l-20 pajjiż li adottaw l-euro. Il-pagi reali ġew ikkalkulati bl-użu tal-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur bħala deflatur.
*Sors*: Ameco [5000 HWWDW, 5000 ZCPIH] u Eurostat [namq_10_gdp, namq_10_a10_e, prc_hicp_midx].

**Wara tnaqqis sostanzjali fl-2022, il-pagi reali bdew jiżdiedu mit-tielet kwart tal-2023, xprunati sew mit-tnaqqis fl-inflazzjoni.** Il-pagi reali fl-UE naqsu bi 3.7 % fl-2022, u komplew jonqsu fil-bidu tal-2023, u dan wassal għal tnaqqis annwali ta' 0.2 %[99]. Madankollu, it-tkabbir fil-pagi reali reġa' beda mit-tieni nofs tal-2023 u laħaq it-2.4 % (sena wara sena) fit-tieni kwart tal-2024 – ara l-Grafika 2.1.4. Dan l-irkupru kien xprunat minn tnaqqis fl-inflazzjoni u tkabbir kontinwu b'saħħtu fil-pagi nominali. Fit-tieni kwart tal-2024, it-tkabbir fil-pagi reali qabeż l-4.0 % fl-Awstrija, fil-Bulgarija, fil-Kroazja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Portugall, fl-Ungerija u fir-Rumanija. B'kuntrast ma' dan, kien inqas minn 1.0 % fil-Finlandja, fi Franza u fi Spanja, u naqas b'1.4 % fil-Lussemburgu u bi 2.1 % fil-Belġju, wara gwadanji qawwija fl-2023 f'dawn it-tnejn tal-aħħar. Minkejja dan it-titjib reċenti, il-pagi reali fl-UE u fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għadhom taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija. Il-pagi reali huma mistennija jilħqu l-livelli tal-2019 fl-2025 fl-UE u fl-2026 fiż-żona tal-euro[100].

---

[99] Il-pagi reali huma kkalkulati bl-użu tal-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur bħala deflatur.

[100] Il-Kummissjoni Ewropea, Autumn 2024 Economic Forecast: A gradual rebound in an adverse environment, Novembru 2024.

**Iż-żidiet fil-paga minima statutorja jikkumpensaw sew għat-telf tal-kapaċità tal-akkwist għall-ħaddiema b'paga minima fil-maġġoranza tal-Istati Membri.** Bejn Jannar 2022 u Jannar 2024, il-pagi minimi statutorji żdiedu b'aktar minn 7 % f'termini nominali fl-Istati Membri kollha fejn dawn il-pagi huma fis-seħħ[101]. Dawn żdiedu b'aktar minn 40 % fil-Polonja, fil-Bulgarija u fil-Latvja, u b'aktar minn 20 % fil-Kroazja, fil-Belġju, fil-Ġermanja, fl-Estonja, fl-Irlanda, fil-Litwanja, fl-Ungerija, fin-Netherlands u fir-Rumanija[102]. Dawn iż-żidiet kienu primarjament ir-riżultat tal-aġġornamenti annwali ta' rutina f'Jannar 2023 u Jannar 2024, flimkien ma' aġġustamenti sostanzjali matul l-2022 u l-2023. F'termini reali, il-pagi minimi statutorji żdiedu b'aktar minn 10 % fil-Belġju, fil-Bulgarija, fil-Kroazja, fil-Ġermanja, fil-Latvja u fil-Polonja, u bejn 5 % u 10 % fil-Greċja, fl-Irlanda, fil-Litwanja, f'Malta, fin-Netherlands u fir-Rumanija (l-Grafika 2.1.6). Fl-Estonja, fi Franza, fl-Ungerija, fil-Lussemburgu, fil-Portugall u fi Spanja, il-pagi minimi statutorji reali żdiedu b'inqas minn 5 % bejn Jannar 2022 u Jannar 2024. B'kuntrast ma' dan, il-pagi reali naqsu b'aktar minn 3 % fiċ-Ċekja, fis-Slovakkja u fis-Slovenja.

**Illustrazzjoni 2.1.5: żidiet fil-pagi minimi statutorji appoġġaw il-kumpens tat-telf tal-kapaċità tal-akkwist ta' dawk li jaqilgħu paga minima**

Żviluppi fil-pagi minimi fl-Istati Membri b'pagi minimi statutorji, (% bidla)




*Nota:* Ċipru ġie eskluż peress li l-paga minima statutorja ġiet introdotta fl-2023.
*Sors:* il-Eurofound u l-Eurostat [earn_mw_cur, prc_hicp_midx].

---

101 22 Stat Membru għandhom pagi minimi statutorji: il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja. Il-ħames Stati Membri li ma għandhomx pagi minimi statutorji huma: l-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Italja u l-Iżvezja.

102 Il-pagi minimi spiss jiġu aġġornati kull sena, fil-bidu tas-sena. Bejn Jannar 2022 u Jannar 2024, l-akbar żidiet ġew irreġistrati fil-Polonja (49 %), fil-Bulgarija (44 %), fil-Latvja (40 %), u fil-Kroazja (34 %). Dawn żdiedu bejn 20 % u 30 % fil-Belġju, fil-Ġermanja, fl-Estonja, fl-Irlanda, fil-Litwanja, fl-Ungerija, fin-Netherlands u fir-Rumanija.

**Il-faqar fost dawk li jaħdmu naqas bi ftit fl-UE fl-2023, iżda xorta affettwa ħaddiem minn kull 12.** Is-sehem ta' persuni impjegati li għandhom 18-il sena jew aktar fir-riskju ta' faqar naqas għal 8.3 % fl-2023, bi tnaqqis minn 8.5 % fl-2022 (b'referenza għall-introjti tal-2022 u l-2021, rispettivament)[103]. Dan is-sehem kien ukoll aktar baxx meta mqabbel ma' deċennju qabel u mas-sehem ta' eżatt qabel il-pandemija tal-COVID-19 (9.1 % fl-2013 u 9 % fl-2019, b'referenza għall-introjti tal-2012 u tal-2018, rispettivament). Fl-2023, 12-il Stat Membru raw tnaqqis fil-faqar fost dawk li jaħdmu, minkejja li ħafna minnhom qed jiffaċċjaw inflazzjoni għolja u tnaqqis sinifikanti fil-pagi reali fl-2022. Dan jissuġġerixxi li, f'dawn il-pajjiżi, l-introjti medjani naqsu b'mod aktar drastiku mill-introjtu tal-ħaddiema foqra, li kienu appoġġati minn aġġornamenti għall-pagi minimi u t-trasferimenti soċjali[104]. L-Italja u l-Greċja esperjenzaw l-aktar tnaqqis qawwi (-1.6 pps u -0.7 pps, rispettivament, għal 9.9 %), għalkemm it-tnejn li huma xorta qabżu l-medja tal-UE (8,3 %). B'kuntrast ma' dan, il-faqar fost dawk li jaħdmu żdied b'1 pp jew aktar fil-Lussemburgu, fil-Bulgarija, fil-Kroazja u fis-Slovakkja. Ir-Rumanija, il-Lussemburgu u l-Bulgarija rreġistraw l-ogħla livelli (15.3 %, 14.8 % u 11.4 %, rispettivament), filwaqt li Spanja, l-Estonja u l-Portugall kellhom ukoll rati ta' 10 % jew aktar. Stimi bikrija tal-Eurostat jissuġġerixxu li l-faqar fost dawk li jaħdmu se jibqa' stabbli fl-2024 (b'referenza għall-introjti tal-2023)[105]. Bħal fis-snin preċedenti, il-faqar fost dawk li jaħdmu fl-UE kien ogħla fost iċ-ċittadini mhux tal-UE (22.5 %), dawk li twieldu barra mill-UE (18.5 %), l-impjegati b'livell baxx ta' edukazzjoni (18.4 %), l-impjegati part-time (12.6 %), il-ħaddiema temporanji (12.6 %) u l-unitajiet domestiċi bi tfal dipendenti (10.0 %).

103 Il-Eurostat [ilc_iw01], EU-SILC, interruzzjoni fis-serje għall-Kroazja.
104 Ara l-Kummissjoni Ewropea, Labour market and pay developments in Europe 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.
105 Latest developments in income dynamics and poverty - Statistics Explained, Ġunju 2024.

**Illustrazzjoni 2.1.6: fl-2023, il-porzjon ta' taxxa għal persuna mhux miżżewġa li taqla' l-paga medja kien inqas minn dak ta' deċennju qabel fil-maġġoranza tal-Istati Membri**

Porzjon ta' taxxa għal persuna mhux miżżewġa li taqla' l-paga medja, 2023




*Nota*: id-data tal-2013 għal Ċipru ġiet sostitwita b'dik tal-2014 minħabba li d-data tal-2013 mhijiex disponibbli.
*Sors*: il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ ECFIN, il-bażi tad-data tat-taxxa u l-benefiċċji, ibbażata fuq il-mudell tat-taxxa/tal-benefiċċji tal-OECD (aġġornat f'April 2024).

**It-tassazzjoni tax-xogħol għandha impatt sinifikanti fuq l-inċentivi tax-xogħol u tar-reklutaġġ.** Il-porzjon ta' taxxa jkejjel id-differenza bejn il-kostijiet lavorattivi tal-impjegaturi u l-paga netta tal-impjegati, espressa bħala perċentwal tal-kostijiet lavorattivi totali. Porzjon għoli ta' taxxa fuq ix-xogħol jista' jnaqqas l-inċentivi għax-xogħol u r-reklutaġġ, b'mod partikolari għal gruppi speċifiċi, bħall-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul, li l-provvista tal-ħaddiema tagħhom hija aktar reattiva għal dawn l-inċentivi. Mill-2013, il-porzjon ta' taxxa għal persuna mhux miżżewġa li taqla' l-paga medja naqas bi 2.2 pps fl-UE, u laħaq l-40.2 % fl-2023 (l-Grafika 2.1.6). Madankollu, dan għadu ogħla mill-medja tal-OECD ta' 34.8 %. Matul l-istess perjodu, 13-il Stat Membru rreġistraw tnaqqis notevoli (b'aktar minn 1 pp) fil-porzjonijiet ta' taxxa tagħhom għal dawk li jaqilgħu paga medja, bl-akbar tnaqqis fl-Ungerija (-7.9 pps), fin-Netherlands (-5.5 pps), fir-Rumanija (-3.7 pps) u fil-Belġju (-2.9 pps). Min-naħa l-oħra, kien hemm żidiet sinifikanti (b'aktar minn 1 pp) f'sitt pajjiżi, bl-akbar żidiet ikunu f'Ċipru (8.0 pps), fil-Lussemburgu (3.1 pps) u f'Malta (2.2 pps). Għall-ħaddiema b'introjtu aktar baxx (50 % tal-introjtu medju), il-porzjon ta' taxxa għal persuna mhux miżżewġa kien ta' 31.7 % fl-2023, li ssarraf fi tnaqqis ta' 3.1 pps mill-2013 u ta' 0.1 pps mill-2022.

**Illustrazzjoni 2.1.7: il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol huwa aktar baxx għall-ħaddiema b'pagi baxxi**

Porzjon ta' taxxa għal ħaddiem mhux miżżewweġ b'paga baxxa (50 % u 67 % tal-paga medja) meta mqabbel mal-paga medja fl-2023




*Noti*: L-Istati Membri huma kklassifikati f'ordni dixxendenti skont il-livell ta' progressività (porzjon ta' taxxa medja fuq il-pagi ta' 50 % tal-paga medja).
*Sors*: il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ ECFIN, il-bażi tad-data tat-taxxa u l-benefiċċji, ibbażata fuq il-mudell tat-taxxa/tal-benefiċċji tal-OECD (aġġornat f'April 2024).

**Is-sistemi tat-taxxa fuq l-introjtu personali għandhom it-tendenza li jkunu progressivi, b'porzjonijiet ta' taxxa aktar baxxi għal dawk li jaqilgħu inqas.** Il-progressività hija partikolarment evidenti f'pajjiżi bħal Franza, il-Belġju u l-Lussemburgu, filwaqt li fil-Bulgarija u fl-Ungerija, jiġu applikati s-sistemi ta' tassazzjoni b'rata fissa (l-Grafika 2.1.7). Piżijiet tat-taxxa aktar baxxi fuq dawk b'introjtu baxx inaqqsu d-distorsjonijiet kemm fid-domanda għall-ħaddiema kif ukoll fil-provvista tagħhom, u jiffaċilitaw ir-reklutaġġ ta' ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet. Filwaqt li l-piżijiet tat-taxxa aktar baxxi fuq il-ħaddiema b'introjtu baxx huma ta' benefiċċju fit-tnaqqis tal-ostakli għar-reklutaġġ, dawn għandhom jitfasslu biex jiġi evitat li jinħolqu diżinċentivi għat-tranżizzjonijiet lejn impjiegi b'pagi ogħla.

**L-inflazzjoni tista' tikkawża distorsjonijiet fis-sistemi tat-taxxa, li jaffettwaw kemm il-progressività kif ukoll il-ġustizzja.** Id-distorsjonijiet tas-sistema tat-taxxa spiss jirriżultaw minn livelli limitu definiti b'mod nominali bħall-kategoriji tat-taxxa, il-krediti, it-tnaqqis jew l-eżenzjonijiet. F'sistemi tat-taxxa progressivi, l-inflazzjoni tipikament twassal għal "ċaqliq", fejn il-livelli limitu nominali fissi jwasslu biex aktar kontribwenti jispiċċaw f'kategoriji tat-taxxa ogħla, u b'hekk jiżdied il-piż tat-taxxa tagħhom. Dan, flimkien mal-erożjoni tal-krediti u l-benefiċċji tat-taxxa, jista' jżid ir-riskji tal-faqar jekk ma jiġux implimentati l-aġġustamenti tal-inflazzjoni jew miżuri oħra ta' politika. Meta l-kategoriji tat-taxxa (u parametri fissi oħra tas-sistema tat-taxxa) jiġu adattati biex jirriflettu l-inflazzjoni, kemm jekk awtomatikament permezz tal-indiċjar kif ukoll permezz ta' miżuri diskrezzjonarji, iċ-ċaqliq u distorsjonijiet oħra kkawżati mill-inflazzjoni jistgħu jiġu mmitigati. Fl-2023 u fil-bidu tal-2024, ħafna Stati Membri għamlu aġġustamenti bħal dawn fis-sistemi tat-taxxa fuq l-introjtu personali tagħhom biex jindirizzaw dawn id-distorsjonijiet (ara t-taqsima 2.1.2).

**It-trasferiment tal-piż tat-taxxa mix-xogħol għal bażijiet oħra għat-taxxa f'konformità mal-objettivi ambjentali jista' jtejjeb l-inċentivi tas-suq tax-xogħol, jippromwovi l-ġustizzja u jappoġġa n-newtralità klimatika fl-istess ħin.** Il-bidliet proposti għad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija[106], li bħalissa qed jiġu nnegozjati mill-koleġiżlaturi, jallinjaw ma' dawn l-għanijiet billi jistabbilixxu prezzijiet li jbaxxu l-konsum tal-fjuwils fossili u jħeġġu l-investiment fl-enerġija sostenibbli u nadifa. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għal tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika[107] tirrakkomanda t-tnaqqis tal-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol, b'mod partikolari għall-gruppi b'introjtu baxx u medju, u l-bidla lejn sorsi ta' dħul li jippromwovu s-sostenibbiltà ambjentali. Filwaqt li t-taxxi fuq il-karbonju jista' jkollhom effetti rigressivi, dawn jistgħu jittaffew permezz ta' miżuri ta' kumpens imfassla bir-reqqa. Il-miżuri ta' appoġġ li jiżguraw enerġija affordabbli għal gruppi vulnerabbli, jew il-miżuri ta' tassazzjoni li jinċentivaw l-iffrankar tal-enerġija u jnaqqsu l-konsum tal-fjuwils fossili, b'mod partikolari fil-kuntest ta' prezzijiet tal-enerġija li għadhom għoljin, jallinjaw ma' dawn l-objettivi klimatiċi u ta' ġustizzja.

---

106 COM (2021) 563 – Reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija.

107 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika 2022/C 243/04.

### 2.1.2 Miżuri meħuda mill-Istati Membri

**Diversi Stati Membri introduċew inċentivi għar-reklutaġġ u sussidji għall-ħolqien tal-impjiegi, b'enfasi fuq il-promozzjoni tal-impjiegi f'setturi ewlenin u l-appoġġ għal gruppi żvantaġġati.** B'appoġġ mill-RRF, il-**Greċja** tagħmel użu minn sussidji għat-tfittix tal-ħaddiema li jippermettu r-reklutaġġ full-time ta' 67 000 persuna qiegħda b'enfasi fuq dawk l-aktar vulnerabbli (il-persuni qiegħda fit-tul, il-persuni b'diżabbiltà, ir-refuġjati, ir-Rom). F'**Malta**, l-Iskema A2E, kofinanzjata mill-FSE+ u mill-Gvern ta' Malta, se tibqa' għaddejja sal-2029. Din toffri appoġġ finanzjarju lill-impjegaturi għar-reklutaġġ ta' individwi żvantaġġati u b'hekk tippromwovi forza tax-xogħol diversa u inklużiva. Fl-2023, il-**Finlandja** introduċiet riforma tas-sussidju tal-pagi għall-impjegaturi li jimpjegaw il-persuni qiegħda li qed ifittxu impjieg. L-impjegaturi jistgħu jirċievu appoġġ finanzjarju li jkopri 50 % tal-ispejjeż tal-pagi, jew 70 % għar-reklutaġġ ta' ħaddiema b'kapaċitajiet għax-xogħol imnaqqsa. Fl-2024, iċ-**Ċekja** kompliet proġett pilota li jikkombina s-sussidji tal-pagi għar-reklutaġġ ta' gruppi żvantaġġati ma' attivitajiet ta' integrazzjoni, bħat-taħriġ, ix-xogħol soċjali, l-assistenza fl-impjieg, u l-gwida u konsulenza komprensivi, biex jiġi appoġġat l-iżvilupp personali matul l-impjieg sussidjat. Permezz tad-Digriet Liġi Nru 60 tas-7 ta' Mejju 2024, l-**Italja** introduċiet inċentivi għal impjieg indipendenti f'setturi strateġiċi għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda u t-tranżizzjoni doppja. L-inċentivi jinkludu eżenzjoni sa massimu ta' EUR 800 fix-xahar mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-individwi qiegħda taħt il-35 sena li jibdew negozju f'dawn is-setturi u jimpjegaw ħaddiema permanenti bejn l-1 ta' Lulju 2024 u l-31 ta' Diċembru 2025. Barra minn hekk, il-benefiċjarji jistgħu jitolbu kontribuzzjoni fix-xahar bla taxxa ta' EUR 500 għal kull ħaddiem mill-Istitut Nazzjonali għas-Sigurtà Soċjali (INPS, National Institute for Social Security) sa massimu ta' 3 snin. Appoġġat mill-RRF, il-**Portugall** stabbilixxa l-programm ta' Impenn għal Impjiegi Sostenibbli, li joffri sussidji finanzjarji u tnaqqis fis-sigurtà soċjali lill-impjegaturi biex jappoġġa l-ħolqien ta' 30 000 impjieg permanenti, inaqqas is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, u jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri filwaqt li jiffaċilita l-integrazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol. F'Settembru 2024, il-Portugall nieda wkoll l-+*Emprego* (+Impjieg) *Emprego + Talento* (Impjieg + Talent), iffinanzjat mill-FSE+, li joffri sussidji finanzjarji lill-impjegaturi li jimpjegaw persuni qiegħda rreġistrati fil-PES u jtejjeb l-impjegabbiltà permezz ta' taħriġ iddedikat.

**Abbażi wkoll tal-esperjenza mill-kriżi tal-COVID-19, għadd ta' pajjiżi introduċew jew aġġustaw l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.** F'Mejju 2024, l-**Estonja** adottat il-leġiżlazzjoni dwar il-"prevenzjoni tal-kapaċità għax-xogħol" biex tipprovdi kundizzjonijiet tax-xogħol flessibbli għall-impjegati li jirritornaw għax-xogħol wara liv fit-tul minħabba mard u biex tappoġġa l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni b'mard kroniku. Fil-qafas ta' din is-sistema, l-impjegaturi jkopru mill-inqas 50 % tas-salarju sħiħ, filwaqt li l-Fond nazzjonali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa jkopri l-bqija. F'Lulju 2023, **Spanja** għaddiet dispożizzjonijiet li komplew jiżviluppaw ir-reġim legali tal-Mekkaniżmu RED biex itejbu l-flessibbiltà u l-istabbilizzazzjoni tal-impjiegi, filwaqt li jagħtu dettalji dwar il-limiti fuq is-sahra, ir-regoli għar-reklutaġġ u ż-żamma tal-impjiegi, u l-kundizzjonijiet għall-esternalizzazzjoni tal-impjiegi. F'Diċembru 2023, l-**Italja** estendiet l-iskema tagħha ta' xogħol b'ħinijiet iqsar ("Cassa Integrazione Guadagni") biex tinkludi każijiet ta' sigħat tax-xogħol imnaqqsa minħabba kundizzjonijiet klimatiċi estremi. L-estensjoni, applikabbli bejn Lulju u Diċembru 2023, timmira speċifikament lejn setturi bħall-agrikoltura, il-kostruzzjoni u l-estrazzjoni.

**Diversi Stati Membri emendaw jew qed jippjanaw li jemendaw l-oqfsa tal-paga minima tagħhom. Ċipru** introduċa paga minima statutorja universali f'Jannar 2023, bl-għan li jissalvagwardja l-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema b'paga baxxa. Minn Jannar 2024, il-paga minima se tiġi aġġustata mill-ġdid kull sentejn abbażi ta' kriterji speċifiċi, inkluż il-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema b'paga minima fir-rigward tal-għoli tal-ħajja. L-ewwel reviżjoni diġà saret minn Jannar 2024, bil-paga minima tiżdied minn EUR 940 għal EUR 1000 fix-xahar. Fl-2024, fil-**Latvja**, il-gvern u s-sħab soċjali ddiskutew riformi biex jiġi emendat il-mekkaniżmu tal-iffissar tal-paga minima, li jirreferenzjaw il-valuri deskritti fid-Direttiva dwar pagi minimi adegwati[108]. Il-paga minima ser tkun ta' EUR 740 mill-2025, u dan se jimmarka l-bidu tal-istabbiliment tal-livell fir-rigward tal-paga medjana. Fil-**Greċja**, id-Direttiva 2022/2041 ġiet trasposta fil-qafas leġiżlattiv nazzjonali permezz tal-liġi 5163/2024 wara l-konsultazzjoni tal-gvern mal-imsieħba soċjali. Il-**Bulgarija** u l-**Litwanja** ddefinixxew mill-ġdid il-proċess tagħhom li jistabbilixxu pagi minimi biex jinkludu valur ta' referenza indikattiv b'mod partikolari meta mqabbel mal-pagi medji attwali.

[108] Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

**In-Netherlands** emendaw id-definizzjoni tal-paga minima tagħhom minn rata ta' kull xahar għal rata fis-siegħa. Fir-**Rumanija**, bħala parti mill-RRP tagħha, f'Novembru 2024 ġiet adottata Liġi ġdida biex tistabbilixxi mekkaniżmu u formula ġodda għall-istabbiliment u l-aġġornament sistematiku tal-livell tal-paga minima f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, f'allinjament mad-Direttiva dwar pagi minimi adegwati. Dawn il-bidliet huma parti mit-traspożizzjoni usa' tad-Direttiva fl-Istati Membri, mistennija sal-15 ta' Novembru 2024. Fil-**Kroazja**, skont l-RRP, l-Att dwar il-Paga Minima ġie emendat biex jiġu ordnati żidiet minimi għas-sahra, ix-xogħol ta' filgħaxija, il-Ħdud u l-festi pubbliċi, kif ukoll il-projbizzjoni tal-possibbiltà ta' rinunzja għall-paga minima. Qed tippjana wkoll li żżid il-paga minima għal 50 % tal-paga medja mis-sena preċedenti.

**Ġew adottati jew qed jiġu kkunsidrati diversi miżuri relatati mal-pagi tas-settur pubbliku.** Fil-**Kroazja**, bħala parti mill-RPP, l-Att dwar is-Salarji, li daħal fis-seħħ fl-2024, għandu l-għan li jistandardizza l-kriterji tal-iffissar tal-pagi u jarmonizza s-salarji fl-amministrazzjoni tal-istat u fis-servizzi pubbliċi kollha, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali. Fl-**Italja**, il-Liġi tal-Baġit allokat EUR 3 biljun għall-2024 u EUR 5 biljun fis-sena mill-2025 'il quddiem biex jiġġedded il-ftehim kollettiv nazzjonali tax-xogħol (CCNL, Contratti Collettivi Nazionali di Lavoro) għall-impjegati tal-istat. Il-**Greċja** qed tippjana li tibda żżid il-pagi tas-settur pubbliku fl-2025, bħala konsegwenza tal-promulgazzjoni ta' L. 5163/2024, wara l-adozzjoni ta' Remunerazzjoni Unika ġdida. Fis-**Slovenja**, l-Att dwar il-pedamenti komuni tas-sistema tas-salarji fis-settur pubbliku ġie adottat f'Ottubru 2024, bħala parti mill-RRP, u se jidħol fis-seħħ f'Jannar 2025. Ir-riforma aboliet il-kategoriji taħt il-paga minima u żiedet ir-remunerazzjonijiet għall-uffiċjali u l-impjegati taċ-ċivil kollha tas-settur pubbliku Sloven.

**Saru wkoll reviżjonijiet oħra għas-sistemi tal-iffissar tal-pagi, b'mod partikolari fir-rigward tan-negozjar kollettiv.** Fil-**Polonja**, abbozz ta' liġi propost għandu l-għan li jaġġorna r-regoli għall-istabbiliment u n-notifika ta' ftehimiet kollettivi, l-espansjoni tas-suġġetti tan-negozjati, is-simplifikazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-proċess ta' notifika fir-Reġistru Nazzjonali tal-Ftehimiet Kollettivi tax-Xogħol, l-iffaċilitar tal-estensjoni tal-ftehimiet, u li jippermetti lin-negozji jirtiraw minn ftehimiet ta' diversi kumpaniji għal raġunijiet ekonomiċi. Fi **Franza**, inħareġ digriet ġdid biex titħaffef l-estensjoni tal-ftehimiet kollettivi għall-ħaddiema u l-kumpaniji kollha f'fergħa, filwaqt li jiġi żgurat li l-pagi minimi settorjali ma jaqgħux taħt il-paga minima legali (SMIC, salaire minimum de croissance)[109]. Barra minn hekk, f'Marzu 2024 ġie stabbilit Kunsill Għoli ġdid dwar ir-Remunerazzjoni, l-Impjiegi u l-Produttività biex jallinja aħjar il-produttività, il-ħolqien tal-valur u l-pagi, filwaqt li jimmonitorja d-determinanti tal-pagi. Fil-**Portugall**, aġġornament reċenti tal-Kodiċi tax-Xogħol jindirizza l-proċeduri ta' terminazzjoni ta' ftehimiet kollettivi, li jagħmilha aktar diffiċli biex jintemmu l-ftehimiet u jintroduċi modalità ġdida ta' arbitraġġ[110]. Fil-**Belġju**, is-sħab soċjali ma laħqux ftehim dwar il-pagi, li dwaru l-gvern federali ddeċieda li ma jżidx in-norma tal-pagi għall-2023 u l-2024, u b'hekk jillimita ż-żidiet fil-pagi għall-indiċjar tas-soltu għall-inflazzjoni. Madankollu, is-sħab soċjali jistgħu jinnegozjaw bonus ta' darba għal kull impjegat sa EUR 500, jew EUR 750 meta l-kumpaniji jiksbu profitti eċċezzjonalment għoljin.

---

109 Il-Eurofound, France:Developments in working life 2023, Dokument ta' ħidma, WPEF24045, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

110 Il-Eurofound (2024), Portugal:Developments in working life 2023, Dokument ta' ħidma, WPEF24057, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

**L-Istati Membri qed jieħdu l-passi biex isaħħu l-ekonomija soċjali, filwaqt li jisfruttaw il-momentum maħluq mill-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali**[111] **u r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali**[112]. Fi Frar 2024, 19-il Stat Membru ffirmaw il-Pjan Direzzjonali ta' Liège għall-Ekonomija Soċjali fl-Unjoni Ewropea[113], li jipproponi prijoritajiet u riflessjonijiet ta' gwida għall-ekonomija soċjali fl-aġenda soċjali Ewropea li jmiss. L-Istati Membri bħalissa qed jiżviluppaw jew jaġġornaw l-istrateġiji tal-ekonomija soċjali tagħhom, u dan huwa essenzjali biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet qafas favorevoli. F'Lulju 2024, l-**Irlanda** nediet il-Politika Nazzjonali tal-Intrapriża Soċjali tagħha 2024-2027. F'Awwissu 2023, is-**Slovakkja** adottat pjan ta' azzjoni biex tappoġġa l-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali sal-2030. Is-**Slovenja** ħejjiet strateġija għall-iżvilupp tal-ekonomija soċjali, li bħalissa qed tistenna l-approvazzjoni tal-gvern. Fil-**Belġju**, il-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż għaddiet l-ewwel digriet proprju tagħha dwar ir-rikonoxximent u l-promozzjoni tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali f'Jannar 2024, u f'April 2024, il-Flanders segwew b'digriet li jippromwovi l-ekonomija soċjali u r-responsabbiltà soċjali korporattiva. F'**Ċipru**, l-emendi għal-Liġi dwar l-Intrapriżi Soċjali tal-2020 u regolament li joħloq reġistru għall-intrapriżi soċjali ġew approvati f'Diċembru 2023, u r-reġistru issa miftuħ għall-applikazzjonijiet. Fiċ-**Ċekja**, f'Diċembru 2024 għaddiet liġi dwar l-integrazzjoni tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali. Din il-leġiżlazzjoni għandha l-għan li tappoġġa lill-entitajiet tal-ekonomija soċjali billi tipprovdi qafas li jsaħħaħ ir-rwol tagħhom fl-ekonomija, inkluż permezz tal-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-finanzjament, it-titjib tal-kundizzjonijiet regolatorji u l-promozzjoni ta' mudelli ta' negozju soċjali sostenibbli. Il-**Portugall** nieda l-inizjattiva "Portugal Social Innovation 2030", biex irawwem l-intraprenditorija, l-innovazzjoni soċjali u l-investiment b'impatt fil-pajjiż. Il-benefiċjarji ewlenin huma entitajiet pubbliċi u privati, inklużi entitajiet tal-ekonomija soċjali, li jiżviluppaw, iħarrġu, jippromwovu jew jappoġġaw il-proġetti tal-innovazzjoni soċjali. Fil-**Ġermanja**, programm ġdid ta' appoġġ, kofinanzjat mill-FSE+, se jinvesti EUR 110 biljun sal-2028 biex isaħħaħ l-intrapriżi ta' interess pubbliku, jappoġġa l-ispazji ta' koħidma, l-universitajiet jew l-inkubaturi tan-negozju, li min-naħa tagħhom jipprovdu pariri u taħriġ fil-ħiliet lill-intrapriżi soċjali.

---

111 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies:pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali" (COM(2021) 778 final).

112 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2023 dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali (C/2023/1344).

113 Ara d-dikjarazzjoni online.

**Diversi Stati Membri implimentaw miżuri biex itejbu l-ġustizzja fiskali u jagħtu spinta lill-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol.** Fl-**Italja**, it-tnaqqis fil-porzjon ta' taxxa għall-impjegati, oriġinarjament introdott fl-2022 u estiż fl-2023, ġie kkonfermat għall-2024[114]. Barra minn hekk, in-negozji u l-professjonisti li jimpjegaw persunal addizzjonali b'kuntratti indefiniti huma eliġibbli għal tnaqqis ta' 120 % fuq il-kostijiet lavorattivi għall-perjodu tat-taxxa tal-2024. Milll-2025, il-**Latvja** se timplimenta riforma tat-taxxa tal-forza tax-xogħol permezz tat-tnaqqis tal-piż tat-taxxa fuq il-ħaddiema b'introjtu baxx u medju. Fil-proposta tal-Baġit tal-Istat tal-2025, il-**Portugall** inkluda modifika tar-reġim tat-taxxa għaż-żgħażagħ applikabbli mill-2025. Dan se jespandi l-eliġibbiltà biex tinkludi l-individwi li għandhom sa 35 sena irrispettivament mil-livell tal-edukazzjoni tagħhom u jestendi d-durata tal-eżenzjonijiet sa 10 snin (qabel kienet 5 snin). Bħala eżempju ieħor, fil-**Finlandja**, il-gvern naqqas it-tassazzjoni fuq l-introjtu mix-xogħol billi rdoppja l-kreditu għall-introjtu mix-xogħol għal dawk li għandhom aktar minn 65 sena, filwaqt li neħħieh għal dawk li għandhom bejn 60 u 64 sena. Dan l-aġġustament għandu l-għan li jtejjeb l-inċentivi tax-xogħol għal persuni li għandhom aktar minn 65 sena. Biex ittejjeb il-ġustizzja fit-taxxa u tagħti spinta lill-impjieg indipendenti, fl-2024 il-**Greċja** implimentat reġim ġdid ta' tassazzjoni għall-freelancers u għall-persuni li jaħdmu għal rashom, li l-punt fokali tiegħu huwa introjtu minimu meqjus, abbażi tal-paga minima statutorja. Jipprevedi wkoll reġim aktar favorevoli għall-professjonisti żgħażagħ li jaħdmu għal rashom għall-ewwel ħames snin tal-attività tagħhom, kif ukoll għall-persuni b'diżabilità u r-residenti ta' gżejjer u insedjamenti żgħar. **Spanja** tkompli ssaħħaħ l-ekonomija soċjali tagħha permezz ta' sussidji, l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Spanjola għall-Ekonomija Soċjali 2023-2027 u t-titjib tad-data statistika. Dawn l-azzjonijiet bħalissa huma kkomplementati minn appoġġ mill-RRF, li jgħaddi aktar minn EUR 2.5 biljun permezz tal-Proġett Strateġiku għall-Irkupru Ekonomiku u t-Trasformazzjoni (PERTE) tal-Ekonomija Soċjali u l-Kura. Komplement ieħor huwa ċ-Ċentru Globali għall-Ekonomija Soċjali li għadu kif inħoloq, imniedi fl-2024 f'San Sebastián, bl-għan li jinħoloq grupp ta' riflessjoni, laboratorju soċjali, u jitrawmu networks tal-għarfien.

[114] Ir-rata ta' eżenzjoni tibqa' ta' 6 % għall-pagi taxxabbli ta' kull xahar sa EUR 2 692 u 7 % għal dawk sa EUR 1 923. It-tnaqqis diġà introdott fil-porzjon ta' taxxa ugwali għal 15 % tar-remunerazzjoni grossa mħallsa għax-xogħol ta' filgħaxija u s-sahra mwettqa fil-festi pubbliċi ġie kkonfermat ukoll għall-ewwel 6 xhur tal-2024.

**Is-sistemi tat-taxxa fuq l-introjtu personali ġew aġġustati wkoll biex itaffu l-impatt tal-inflazzjoni fuq il-ħaddiema[115].** Meta l-livelli limitu tal-iskeda tat-taxxa ma jinbidlux, l-inflazzjoni tista' twassal biex xi unitajiet domestiċi jispiċċaw f'kategoriji tat-taxxa ogħla, u dan jirriżulta fl-hekk imsejjaħ "ċaqliq". Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jaġġustaw il-kategoriji tat-taxxa fuq bażi diskrezzjonali, **il-Belġju, id-Danimarka, il-Litwanja, in-Netherlands, is-Slovakkja, is-Slovenja, l-Iżvezja** u aktar reċentement l-**Awstrija**, għandhom fis-seħħ mekkaniżmi ta' aġġustament awtomatiku[116]. **Il-Ġermanja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Irlanda** u l-**Portugall** aġġustaw il-kategoriji tat-taxxa tagħhom b'mod diskrezzjonali fl-2023 u/jew fl-2024, bil-**Portugall** inaqqas ukoll ir-rata tat-taxxa marġinali għat-tieni kategorija. L-**Italja** għaqqdet iż-żewġ kategoriji tat-taxxa l-aktar baxxi (minn erbgħa) fl-2024, billi applikat rata tat-taxxa ta' 23 % biex tnaqqas il-piż fuq l-introjtu medju. Fl-aħħar nett, **Spanja** indiċjat il-bażijiet u r-rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali kemm fl-2023 kif ukoll fl-2024. Flimkien ma' dawn l-aġġustamenti tat-taxxa fuq l-introjtu personali, l-Istati Membri introduċew miżuri fiskali addizzjonali mmirati lejn il-ġlieda kontra l-inflazzjoni.

## 2.2. Linja Gwida 6 – Insaħħu l-provvista tal-ħaddiema u ntejbu l-aċċess għall-impjiegi, l-akkwiżizzjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi tul il-ħajja

Din it-taqsima teżamina l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru 6 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda lill-Istati Membri joħolqu l-kundizzjonijiet biex itejbu l-provvista tal-ħaddiema, jippromwovu l-akkwiżizzjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi tul il-ħajja tan-nies, irawmu opportunitajiet indaqs għal kulħadd, ineħħu l-ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u jipprovdu inċentivi għaliha, f'konformità mal-prinċipji 1 (edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja), 2 (ugwaljanza bejn il-ġeneri), 3 (opportunitajiet indaqs), 4 (appoġġ attiv għall-impjiegi), 9 (bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata), 11 (indukrar u appoġġ għat-tfal) u 17 (inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà) tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. It-Taqsima 2.2.1 tirrapporta dwar l-iżviluppi ewlenin fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet, kif ukoll dwar is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol ta' gruppi vulnerabbli u sottorappreżentati. It-taqsima 2.2.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika meħuda mill-Istati Membri f'dawn l-oqsma ta' politika.

---

115 Ara: Il-Kummissjoni Ewropea, Annual Report on Taxation 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

116 Għal deskrizzjoni dettaljata ta' approċċi differenti għall-indiċjar madwar l-UE, ara t-Tabella 3 fir-Rapport Annwali dwar it-Tassazzjoni għall-2023 (dwar il-miżuri ppromulgati fl-2022).

### 2.2.1 Indikaturi ewlenin

**Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal fil-livell tal-UE wriet progress kajman f'dan l-aħħar deċennju, b'varjazzjoni konsiderevoli fost l-Istati Membri.** Fl-2022, 93.1 % tat-tfal bejn l-età ta' 3 snin u l-bidu tal-edukazzjoni primarja obbligatorja ġew irreġistrati fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC, early childhood education and care), li jirrifletti żieda ta' 0.6 pps mill-2021 u 1.9 pps mill-2014. Madankollu, din il-medja fl-UE kollha taħbi disparitajiet sostanzjali fost il-pajjiżi. Seba' Stati Membri (il-Belġju, id-Danimarka, Franza, Spanja, il-Litwanja, il-Portugall, l-Iżvezja) diġà laħqu l-mira fil-livell tal-UE ta' rata ta' parteċipazzjoni ta' 96 % sal-2030, filwaqt li r-rati għadhom taħt il-85 % f'ħames pajjiżi (il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Rumanija u s-Slovakkja, biż-żewġ pajjiżi tal-aħħar taħt it-80 %). Xi Stati Membri għamlu progress notevoli f'dawn l-aħħar snin, bil-Portugall (5.8 pps), il-Litwanja (4.6 pps), il-Kroazja (2.8 pps) u l-Polonja (2 pps) jirreġistraw l-akbar żidiet bejn l-2021 u l-2022. Min-naħa l-oħra, sitt Stati Membri raw tnaqqis, b'mod partikolari Ċipru (-1.4 pp), il-Finlandja (-1.6 pp), u l-Irlanda (-3.2 pp). L-affordabbiltà u n-nuqqas ta' kapaċità, inkluż tal-persunal, għadhom ostakli importanti għall-aċċess, b'mod partikolari għat-tfal iżgħar u għal dawk minn kuntest soċjoekonomiku żvantaġġat. Il-parteċipazzjoni tat-tfal Rom fl-ECEC għadha sfida sinifikanti, li hija madwar nofs il-medja tal-UE (42-44 % fl-2021), u ferm inqas mill-mira tal-2030 ta' mill-inqas 70 % fl-ambitu tal-qafas strateġiku l-ġdid tal-UE dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom[117].

[117] Abbażi tal-aħħar Stħarriġ tal-2021 tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) dwar ir-Rom, ippubblikat fl-2022. Għal aktar informazzjoni ara l-qafas strateġiku tal-UE dwar ir-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni għall-2020-2030.

**Illustrazzjoni 2.2.1: il-parteċipazzjoni fl-ECEC turi progress kajman fil-livell tal-UE iżda b'varjazzjoni kbira bejn il-pajjiżi**

Il-parteċipazzjoni fl-ECEC ta' tfal ta' bejn it-3 snin u l-età għall-bidu tal-edukazzjoni primarja obbligatorja (%)




*Nota*: 2013: id-definizzjoni tvarja għal EL u PT. 2021: id-definizzjoni tvarja għall-UE u PT. Data proviżorja għal FR. 2022: id-definizzjoni tvarja għall-UE u PT. Data proviżorja għal FR, MT, PL u PT. L-aħħar data disponibbli għal EL hija mill-2019.

*Sors*: il-Eurostat, [educ_uoe_enra21].

**It-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ qed jonqos madwar l-UE iżda jibqa' sfida, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ.** Fl-2023, 9.5 % taż-żgħażagħ ta' bejn 18 u 24 sena ħallew l-edukazzjoni jew it-taħriġ qabel iż-żmien, tnaqqis ta' 0.2 pp mill-2022. Dan huwa 2.3 pps inqas minn deċennju qabel, b'ħames pajjiżi (il-Greċja, Spanja, l-Italja, Malta u l-Portugall) jiksbu tnaqqis ta' aktar minn 5 pps matul dan il-perjodu. Madankollu, madwar 3.1 miljun żagħżugħ u żagħżugħa telqu mill-edukazzjoni jew it-taħriġ kmieni, bl-ogħla kwalifika tagħhom tkun kwalifika sekondarja tal-ewwel livell fl-UE fl-2023. Sittax-il Stat Membru diġà laħqu l-mira taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (EEA, European Education Area) li jnaqqsu t-tluq bikri għal inqas minn 9 % sal-2030. Madankollu, fir-Rumanija, fi Spanja, fil-Ġermanja u fl-Ungerija, ir-rati għadhom ogħla minn 12 % jew qribhom, u dan jirrifletti "sitwazzjoni kritika" b'titjib żgħir biss jew saħansitra żidiet matul is-sena preċedenti – ara l-Grafika 2.2.2. Ċipru rreġistra l-akbar żieda fl-2023 (bi 2.3 pps), segwit mill-Finlandja, is-Slovenja, il-Portugall u l-Litwanja, fejn is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ kiber b'aktar minn 1 pp. Fl-istess ħin, il-Kroazja (2.0 %), il-Greċja (3.7 %), il-Polonja (3.7 %) u l-Irlanda (4.0 %) kienu "bl-aħjar prestazzjoni". Minkejja xejra kemxejn pożittiva b'mod kumplessiv, ma hemm l-ebda sinjal ta' konverġenza 'l fuq fost l-Istati Membri. Barra minn hekk, id-differenza bejn il-ġeneri għadha sinifikanti, u huwa ħafna inqas probabbli li n-nisa żgħażagħ jitilqu mill-edukazzjoni jew it-taħriġ kmieni (7.7 %) meta mqabbla mal-irġiel żgħażagħ (11.3 %). Għadu tliet darbiet aktar probabbli li ż-żgħażagħ li twieldu barra mill-UE (21.6 %) jitilqu kmieni meta mqabbla ma' dawk li twieldu fi Stat Membru tal-UE (8.2 %). Is-sitwazzjoni hija partikolarment ta' tħassib għaż-żgħażagħ Rom (fl-età ta' bejn 18 u 24 sena), b'aktar minn żewġ terzi (71 %) jitilqu mill-edukazzjoni u t-taħriġ qabel ma jilħqu l-livell sekondarju tat-tieni livell bejn l-2020 u l-2021[118]. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni għaż-żgħażagħ b'diżabbiltà tal-istess grupp ta' età wkoll hija inkwetanti, b'rata ta' tluq bikri ta' 22.2 % fl-2022[119]. Id-disparitajiet reġjonali huma sinifikanti wkoll fi Stati Membri bħall-Bulgarija, Franza, l-Ungerija, il-Portugall, u Spanja (ara l-Grafika 1 fl-Anness 5), inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi.

---

118 Ara l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, Roma in 10 European Countries – Main Results, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023

119 Ara l-EDE, European comparative data on persons with disabilities, 2022. Ir-rata ogħla ta' tluq bikri mill-iskola fost il-persuni b'diżabbiltà tista' tkun dovuta, fost l-oħrajn, għal kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà (eż. ostakli fiżiċi u arkitettoniċi) u n-nuqqas ta' programmi adattati.

**Illustrazzjoni 2.2.2: Is-sehem ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ ikompli jonqos bil-mod, b'differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri**

Il-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (fl-età ta' bejn 18 u 24 sena), il-livelli tal-2023 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għal SK u CY. Data ta' affidabbiltà baxxa għal HR u LU.
*Sors*: il-Eurostat [edat_lfse_14], l-LFS tal-UE.

**Kaxxa 2 tal-Pilastru: Titjib tal-ħiliet bażiċi**

**Il-ħiliet bażiċi huma l-pedament għall-iżvilupp personali u professjonali taż-żgħażagħ, u għall-kompetittività u l-koeżjoni soċjali futuri tal-UE.** Il-ħiliet bażiċi jservu bħala elementi kostitwenti biex in-nies ikunu jistgħu jinnavigaw il-kumplessitajiet tal-ħajja, jinvolvu ruħhom mal-komunitajiet tagħhom, ikomplu jitgħallmu aktar tard fil-ħajja u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għas-soċjetà u għall-ekonomija. Huma jappoġġaw il-produttività tax-xogħol u l-pass tal-innovazzjoni meħtieġ skont it-tranżizzjoni diġitali u ekonomija dejjem aktar ibbażata fuq l-għarfien[120]. Iż-żgħażagħ b'ħiliet aħjar għandhom prospetti ta' impjieg aħjar, huma inqas f'riskju li jitilqu mill-edukazzjoni bi kwalifiki baxxi u huwa aktar probabbli li jipparteċipaw fl-apprendiment għall-adulti[121]. Fil-kuntest taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (EEA), l-UE stabbiliet il-miri dwar il-ħiliet bażiċi (kif imkejla mill-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti, PISA), fejn ir-rati ta' progress insuffiċjenti fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza għandhom ikunu inqas minn 15 % sal-2030. Xejriet reċenti jenfasizzaw il-ħtieġa għal sforzi mġedda u msaħħa fil-livell Ewropew. Dawn l-isforzi għandhom ikunu msejsa fuq l-inizjattivi eżistenti u jagħtu spinta ulterjuri lill-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola minn Novembru 2022, li tiddeskrivi qafas ta' politika għal approċċ sistemiku u multidimensjonali għat-titjib tal-eżiti edukattivi[122]. Barra minn hekk, skont il-mandat il-ġdid, il-Kummissjoni se tressaq Pjan ta' Azzjoni ddedikat dwar il-ħiliet bażiċi. B'mod komplementari għalih, Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM se jindirizza l-isfidi speċifiċi u persistenti fl-edukazzjoni STEM.

---

120 Ara: l-OECD (2014), A New Macroeconomic Measure of Human Capital Exploiting PISA and PIAAC: Linking Education Policies to Productivity, OECD Economics Department Working Papers, Nru 1709, 2022; Il-Kummissjoni Ewropea, *Investing in People's Competences – A Cornerstone for Growth and Wellbeing in the EU, European Economy Discussion Papers,* 139, 2021; Woessmann L., *The Economic Case for Education*, *EENEE Analytical Report No 20,* 2014.

121 Il-Kummissjoni Ewropea, Investing in education in a post-Covid EU, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

122 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2022 dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) 2022/C 469/01.

**Id-data reċenti tikkonferma tnaqqis fit-tul fil-prestazzjoni tal-ħiliet bażiċi, li joħloq riskju kbir għall-produttività u l-kompetittività tax-xogħol futuri tal-UE, u li jisfida d-dimensjonijiet tal-ekwità u tal-eċċellenza tas-sistemi edukattivi tal-UE.** Mill-2012, ir-rati ta' progress insuffiċjenti fit-tliet dimensjonijiet ta' PISA żdiedu b'mod konsistenti fil-livell tal-UE, bir-riżultati ta' PISA tal-2022 jiddokumentaw l-aktar tnaqqis drammatiku fil-prestazzjoni tal-ħiliet bażiċi matul dan il-perjodu. L-aktar sejbiet reċenti jindikaw li r-rati ta' progress insuffiċjenti żdiedu fil-matematika sew (6.6 pps) u fil-qari (3.7 pps), u b'mod aktar moderat fix-xjenza (1.9 pps) — xejra riflessa wkoll fil-prestazzjonijiet individwali tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri[123]. Fil-livell tal-UE, ir-rata ta' progress insuffiċjenti issa laħqet id-29.5 % fil-matematika, is-26.2 % fil-qari u l-24.2 % fix-xjenza (meta mqabbla ma' 22.9 %, 22.5 % u 22.3 %, rispettivament, fl-2018), bi 18-il Stat Membru jirrapportaw rati ta' progress insuffiċjenti ogħla minn 25 % fil-matematika, u 14-il Stat Membru juru rati għoljin simili fil-qari. B'riżultat ta' dan, l-UE tbiegħdet aktar mill-mira tagħha tal-EEA li tnaqqas il-progress insuffiċjenti għal 15 %, bid-differenza attwali hija akbar minn dik ta' 10 snin qabel. Fl-istess ħin, id-data reċenti ta' PISA turi wkoll tnaqqis fir-rata tal-ogħla prestazzjoni, jiġifieri s-sehem ta' studenti li jilħqu livell għoli ta' kompetenza, fil-gruppi soċjoekonomiċi kollha[124]. Ir-rata naqset b'mod sinifikanti b'mod ġenerali fil-matematika u l-qari, filwaqt li fix-xjenza baqgħet ġeneralment stabbli fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi. Fl-2022, 7.9 % biss tal-istudenti tal-UE laħqu livell għoli ta' kompetenza fil-matematika, 6.5 % fil-qari u 6.9 % fix-xjenza (meta mqabbla ma' 11 %, 8.1 % u 6.3 %, rispettivament, fl-2018). Filwaqt li jista' jiġi preżunt li l-kriżi tal-COVID-19 kellha rwol fit-tnaqqis fil-prestazzjoni, diversi pajjiżi diġà kienu qed jesperjenzaw xejriet ta' tnaqqis fil-prestazzjoni qabel il-pandemija.

[123] Il-Kummissjoni Ewropea, The twin challenge of equity and excellence in basic skills in the EU, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

[124] F'PISA, dan huwa kopert mill-indiċi tal-istatus ekonomiku, soċjali u kulturali (ESCS, economic, social, and cultural status index). Il-kategorija tal-kuntest soċjoekonomiku vantaġġat tinkludi 25 % tal-istudenti kollha bl-ogħla punteġġi tal-ESCS fil-pajjiż partikolari, filwaqt li l-kategorija tal-kuntest soċjoekonomiku żvantaġġat tinkludi 25 % tal-istudenti kollha bl-aktar punteġġi baxxi tal-ESCS.

**Ir-rati ta' progress insuffiċjenti żdiedu sew fil-matematika u l-qari, u b'mod aktar moderat fix-xjenza**

Is-sehem ta' studenti li ma jistgħux jilħqu l-parametru referenzjarju ta' kompetenza minima PISA Livell 2 (%)




*Nota*: Hija meħtieġa kawtela meta jiġi interpretat il-valur tal-UE għall-2022: wieħed jew aktar mill-istandards ta' kampjunar tal-PISA ma ġewx issodisfati mid-Danimarka, l-Irlanda, il-Latvja u n-Netherlands (ara OECD, PISA 2022 Results (Volume 1), A2 u A4). Id-data tal-2012 hija nieqsa għal Malta.
*Sors*: OECD, PISA 2012, 2015, 2018, 2022, kalkoli tad-DĠ EAC.

**Diversi pajjiżi nedew jew qed jikkunsidraw miżuri ġodda b'reazzjoni għar-riżultati inkwetanti ta' PISA.** Fil-**Polonja**, ġew implimentati xi miżuri korrettivi immedjati u riforma kurrikulari bbażata fuq il-kompetenza, li tibbenefika minn konsulenza bejn il-pari skont il-qafas strateġiku tal-EEA, fil-livelli preprimarji u primarji hija ppjanata mill-2026. Il-**Finlandja** se żżid l-għadd minimu ta' lezzjonijiet obbligatorji għall-qari, il-kitba u n-numeriżmu fil-livell primarju. Ir-riforma se tiġi introdotta minn Awwissu 2025, u l-finanzjament għall-edukazzjoni bażika se jiżdied b'EUR 200 miljun. Proġett multinazzjonali ffinanzjat mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI) tal-UE għandu l-għan li jappoġġa lill-**Bulgarija** u lir-**Rumanija** fit-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom li jfasslu u jwettqu r-riformi tal-kurrikulu tagħhom billi jirrieżaminaw il-ħtiġijiet ta' prijorità u jifformulaw ir-rakkomandazzjonijiet għat-titjib tat-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-kurrikulu. F'Mejju 2024, **Malta** adottat Strateġija Nazzjonali ġdida għall-Edukazzjoni (2024-2030), li tipproponi bidla gradwali lil hinn mit-twassil tal-għarfien għal sistema bbażata fuq il-kompetenzi. Hija tipprevedi wkoll Strateġija għal-Litteriżmu Matematiku u impenn għat-tisħiħ tal-ħiliet fil-litteriżmu. Fin-**Netherlands**, il-Pjan Direttur tal-ħiliet bażiċi jippromwovi edukazzjoni mnebbħa mill-evidenza, li fl-ambitu tiegħu, l-iskejjel parteċipanti jirċievu EUR 500 għal kull student biex jittejbu l-ħiliet bażiċi, bil-kundizzjoni li jintużaw metodi li wrew li huma effettivi, bħal klassijiet iżgħar, b'żieda ta' madwar 50 % fil-baġit fl-estensjoni tiegħu. Filwaqt li tirrifletti bidla mill-metodi diġitali għal metodi aktar analogi tat-tagħlim u l-apprendiment, l-**Iżvezja** qed tiffoka fuq l-aċċess liberu għall-kotba tal-iskola, il-promozzjoni ta' libreriji u riżorsi ta' tagħlim analogu biex jittejbu l-ħiliet bażiċi. Bl-appoġġ tal-FSE+, ir-**Rumanija** qed tistabbilixxi programm nazzjonali biex tipprevjeni u tnaqqas l-illitteriżmu funzjonali.

**Il-progress insuffiċjenti fil-ħiliet bażiċi mar għall-agħar b'mod sinifikanti fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, u dan joħloq riskju kbir għall-produttività tax-xogħol u l-kompetittività futura tal-UE.** Ir-riżultati mill-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) 2022 jindikaw li kważi wieħed minn kull tliet żgħażagħ ta' 15-il sena ma għandux ħiliet bażiċi fil-matematika, u wieħed minn kull erbgħa fil-qari u x-xjenza. L-UE tbiegħdet aktar mill-mira tagħha tal-EEA li tnaqqas il-progress insuffiċjenti għal 15 %, bid-differenza attwali hija akbar minn dik ta' 10 snin qabel. Id-deterjorament mill-aħħar data disponibbli fl-2018 kien l-akbar fil-matematika (+6.6 pps) – ara l-Grafika 2.2.3. L-Estonja biss tilħaq il-mira fit-tliet oqsma, u l-Irlanda fil-qari. Ta' tħassib partikolari huwa l-fatt li 18-il pajjiż issa jirrapportaw rati ta' progress insuffiċjenti ogħla minn 25 % fil-matematika, u 14-il pajjiż juru rati għoljin simili fil-qari. Fir-rigward tal-matematika, is-sitwazzjoni hija partikolarment inkwetanti fil-Bulgarija, Ċipru, ir-Rumanija, u l-Greċja, fejn il-progress insuffiċjenti jaqbeż il-45 %. Barra minn hekk, is-sehem ta' studenti li kisbu livelli għoljin ta' kompetenza naqas fil-gruppi soċjoekonomiċi kollha, u dan jenfasizza l-firxa tal-isfida. Dawn l-iżviluppi jindikaw ostakli kbar fl-iżvilupp tal-ħiliet bażiċi fl-UE, li jheddu l-produttività tax-xogħol u l-kompetittività fuq perjodu medju.

**Grafika 2.2.3: ir-rati ta' progress insuffiċjenti fil-matematika żdiedu b'mod qawwi**

Is-sehem ta' studenti li ma jistgħux jilħqu l-parametru referenzjarju ta' kompetenza minima PISA Livell 2 (%)




*Nota*: hija meħtieġa kawtela fl-interpretazzjoni tad-data tal-2022 għad-Danimarka, l-Irlanda, il-Latvja u n-Netherlands minħabba li wieħed jew aktar mill-istandards ta' kampjunar ta' PISA ma ġewx issodisfati. Id-data tal-2012 hija nieqsa għal Malta.

*Sors*: l-OECD, PISA 2012, 2018, 2022, kalkoli tad-DĠ EAC.

**L-inugwaljanzi edukattivi żdiedu, u komplew jaggravaw il-vulnerabbiltajiet tal-istudenti**

**minn kuntest żvantaġġat u dawk li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni.** Kważi nofs (48 %) l-istudenti żvantaġġati kellhom prestazzjoni agħar minn dik mistennija fil-matematika fl-2022, wara żieda sostanzjali mill-2018 (38.2 %). Il-progress insuffiċjenti fost l-istudenti vantaġġati żdied ukoll, anke jekk b'mod ferm aktar moderat (minn 8.6 % għal 10.9 %), u dan kompla jwessa' d-distakk soċjoekonomiku eżistenti. Fl-Istati Membri kollha, minbarra Malta, dan id-distakk żdied (għalkemm dan mhux dejjem ikun statistikament sinifikanti). L-istudenti żvantaġġati esperjenzaw ukoll żieda sproporzjonata fil-progress insuffiċjenti sever (jiġifieri s-sehem ta' studenti li ma jagħmlux progress suffiċjenti fit-tliet oqsma kollha), li kibret minn 23.3 % għal 28.8 %. L-akbar żidiet ġew irreġistrati f'Ċipru (16.2 pps), fin-Netherlands (13.8 pps), fis-Slovakkja (11.5 pps), u fil-Bulgarija (10 pps). B'kuntrast ma' dan, il-prestazzjoni tal-istudenti vantaġġati naqset biss b'0.5 pps bejn l-2018 u l-2022. Id-differenza fil-progress insuffiċjenti sever bejn l-istudenti minn kuntesti soċjoekonomiċi vantaġġati u żvantaġġati hija l-aktar evidenti fir-Rumanija, fis-Slovakkja, fil-Bulgarija u fl-Ungerija. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, l-istudenti mwielda barra mill-pajjiż ukoll ikollhom prestazzjoni ferm agħar minn dik mistennija meta mqabbla mal-pari tagħhom imwielda lokalment b'ġenituri li mhux ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni, filwaqt li studenti nattivi b'ġenituri mwielda barra mill-pajjiż qed ilaħħqu parzjalment. Huwa biss fi ftit Stati Membri (il-Kroazja, Malta, l-Irlanda u Ċipru) li d-differenzi fost il-gruppi ta' studenti kollha nstabu li huma żgħar. Dawn is-sejbiet huma f'konformità mar-riċerka reċenti dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq l-eżiti tal-apprendiment, li turi li waqt il-pandemija l-istudenti soċjoekonomikament żvantaġġati sofrew, bħala medja, telf akbar ta' apprendiment mill-pari vantaġġati tagħhom.

**It-twassil ta' edukazzjoni u taħriġ diġitali ta' kwalità għolja, inkluż billi jiġi żgurat li s-sistemi edukattivi jlaħħqu mal-avvanzi teknoloġiċi bħall-Intelliġenza Artifiċjali (IA), huwa kruċjali biex tiġi appoġġata tranżizzjoni diġitali ġusta.** F'dan ir-rigward, f'Novembru 2023, il-Kunsill adotta żewġ Rakkomandazzjonijiet biex jiggwidaw u jappoġġaw lill-Istati Membri fl-għoti ta' edukazzjoni u taħriġ diġitali ta' kwalità għolja, inklużivi u aċċessibbli u għall-iżvilupp ta' ħiliet diġitali għal kulħadd. Dawn ir-Rakkomandazzjonijiet, adottati bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Edukazzjoni Diġitali (2021-2027), huma pass lejn il-kisba tal-miri tal-EEA u tad-Deċennju Diġitali tal-Ewropa. L-ewwel nett, ir-Rakkomandazzjoni dwar il-fatturi abilitanti ewlenin għas-suċċess tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali tistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali għal edukazzjoni u taħriġ diġitali inklużivi u ta' kwalità għolja[125]. It-tieni, ir-Rakkomandazzjoni dwar it-titjib tal-forniment tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ tistieden lill-Istati Membri jipprovdu l-ħiliet diġitali b'mod koerenti fis-setturi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ[126]. Flimkien, iż-żewġ Rakkomandazzjonijiet jindirizzaw il-ħtieġa li l-edukazzjoni tkun adattata għat-trasformazzjoni diġitali u li tkun tista' tlaħħaq mal-iżviluppi teknoloġiċi li għaddejjin, inkluż l-IA. Fir-Rakkomandazzjonijiet, il-Kunsill jidentifika l-IA bħala suġġett ta' importanza strateġika ewlenija, li jirrikjedi approċċ ikkoordinat fil-livell tal-UE. Dan jikkomplementa l-inizjattivi tal-Kummissjoni skont il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali li għandhom l-għan li jappoġġaw is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-Istati Membri fl-indirizzar tar-rivoluzzjoni tal-IA, bħal-Linji gwida Etiċi dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) u d-data fit-tagħlim u l-apprendiment għall-Edukaturi, il-qafas aġġornat tal-Kompetenza Diġitali għaċ-ċittadini ("DigComp 2.2") u l-kontribut tal-Erasmus+ għall-iżvilupp ta' prattiki pedagoġiċi innovattivi u l-ħiliet relatati mal-użu tal-IA. Barra minn hekk, dan jakkumpanja l-appoġġ ipprovdut fl-ambitu tal-Programm Ewropa Diġitali biex jiġi promoss l-użu ta' teknoloġiji avvanzati fis-settur tal-edukazzjoni kif ukoll l-iżvilupp ta' programmi ta' edukazzjoni għolja u korsijiet ta' taħriġ qosra li jkopru spettru wiesa' ta' oqsma diġitali ewlenin.

[125] Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2023 dwar il-fatturi abilitanti ewlenin għas-suċċess tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali (C/2024/1115).

[126] Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2023 dwar it-titjib tal-forniment tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ (C/2024/1030).

Fl-Istati Membri kollha, l-RRF tappoġġa l-investimenti fl-infrastruttura, fit-taħriġ u fir-riformi tal-kurrikulu biex jissaħħu l-kompetenzi diġitali, filwaqt li jiġu żgurati l-inklużività, l-innovazzjoni, u l-allinjament mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali u mal-miri tad-Deċennju Diġitali tal-Ewropa. Dan l-aħħar, il-Kummissjoni nediet studju dwar l-implikazzjonijiet ta' seba' acquis diġitali, inkluż l-Att dwar l-IA, dwar il-prattiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ, bl-għan li tkompli ssaħħaħ it-tħejjija fost l-atturi pubbliċi u privati tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Barra minn hekk, skont il-mandat il-ġdid, il-Kummissjoni se tippreżenta rieżami tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali flimkien mal-adozzjoni ta' Pjan Direzzjonali dwar il-futur tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali.

**L-eżiti tal-impjiegi għall-gradwati reċenti mill-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET, vocational education and training) qed ikomplu jitjiebu madwar l-UE.** Il-VET għandu l-għan li jgħammar liż-żgħażagħ u lill-adulti bl-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għal okkupazzjonijiet speċifiċi u, b'mod aktar ġenerali, għas-suq tax-xogħol. Fl-2022, aktar minn nofs (52.8 %) l-istudenti u l-istudenti b'edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell jew postsekondarja mhux terzjarja (edukazzjoni ta' livell medju) ġew irreġistrati fi programmi vokazzjonali[127]. Fl-2023, 81.0 % tal-gradwati reċenti tal-VET (fl-età ta' bejn 20 u 34 sena) kienu impjegati fl-UE, u dan jirrifletti żieda ta' 1.2 pps mis-sena ta' qabel[128]. Din ix-xejra pożittiva tissuġġerixxi li l-UE tista' tilħaq il-mira tagħha li mill-inqas 82 % tal-gradwati reċenti tal-VET ikollhom impjieg sal-2025[129], wara li tkun diġà qabżet il-mira ta' 60 % tal-gradwati tal-VET li jkunu esposti għal tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol[130], b' 64.5 % li jkunu kisbu esperjenza fuq il-post tax-xogħol fl-2023[131] bħala parti mill-kurrikulu tal-VET tagħhom[132]. Dawk li pparteċipaw f'tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol għandhom rati ta' impjieg ogħla (84.8 % fl-2023) minn dawk li ma ħadux sehem (71.5 %). Fl-istess ħin, għad hemm disparitajiet sinifikanti fost l-Istati Membri: ir-rati tal-impjieg tal-gradwati tal-VET ivarjaw minn inqas minn 70 % fl-Italja, fi Spanja, fir-Rumanija u fil-Greċja għal aktar minn 90 % fin-Netherlands, fil-Ġermanja u f'Malta[133]. L-esponiment għat-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol ukoll ivarja b'mod sinifikanti, minn inqas minn 20 % fir-Rumanija u fiċ-Ċekja għal aktar minn 90 % fl-Awstrija, fil-Ġermanja, fin-Netherlands u fi Spanja. Skont il-mandat il-ġdid, il-Kummissjoni se tiżviluppa Strateġija Ewropea għall-Edukazzjoni u għat-Taħriġ Vokazzjonali, filwaqt li żżid l-għadd ta' persuni b'lawrja sekondarja tal-VET, inkluż l-apprendistati.

---

127 Il-Eurostat, abbażi tal-ġbir tad-data UNESCO-OECD-Eurostat [educ_uoe_enra16]. L-edukazzjoni ta' livell medju tirreferi għall-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell (ISCED livell 3) jew l-edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja (ISCED livelli 4).

128 Il-Eurostat, [edat_lfse_24].

129 Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza.

130 Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza 2020/C 417/01 u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030) 2021/C 66/01.

131 Lil hinn mill-apprendiment ibbażat fl-iskola jew l-eżerċizzji prattiċi f'ċentru għat-taħriġ, jew flimkien magħhom.

132 Il-Eurostat, Labour Force Survey [tps00215].

133 Il-kalkolu tal-Kummissjoni Ewropea stess, ara l-Kummissjoni Ewropea, Education and Training Monitor 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

**L-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha għal-livell edukattiv terzjarju milħuq, iżda d-differenza bejn il-ġeneri għadha sinifikanti u ftit li xejn hemm sinjali ta' konverġenza.** Fl-2023, 43.1 % taż-żgħażagħ (fl-età ta' bejn 25 u 34 sena) kellhom lawrja terzjarja fl-UE. L-Istati Membri kollha minbarra tlieta (il-Finlandja, l-Ungerija, ir-Rumanija) raw żidiet matul l-aħħar 5 snin, iżda għad hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri. Bi 22.5 %, ir-Rumanija rreġistrat l-aktar rata baxxa ta' livell edukattiv terzjarju milħuq fl-UE, filwaqt li l-Irlanda rrappurtat l-ogħla rata ta' 62.7 %. Tlettax-il Stat Membru diġà qabżu l-mira ta' 45 % tal-EEA għall-2030, bi tmienja minnhom jaqbżu l-50 %[134], filwaqt li tmien pajjiżi għadhom taħt l-40 %. Fl-istess ħin, huwa ferm aktar probabbli li n-nisa żgħażagħ ikollhom lawrja terzjarja (48.8 %) mill-irġiel (37.6 %) – ara l-Grafika 2.2.4. Id-disparitajiet bejn il-ġeneri huma sinifikanti fil-pajjiżi kollha, b'differenza ta' aktar minn 20 pps f'ħames Stati Membri (il-Kroazja, il-Litwanja, is-Slovenja, il-Latvja u l-Estonja). Barra minn hekk, id-differenzi bejn il-ġeneri jippersistu skont is-suġġetti, peress li n-nisa jiddominaw l-oqsma tal-edukazzjoni u tas-saħħa, u l-irġiel huma rrappreżentati żżejjed fl-ICT u fl-inġinerija. Barra minn hekk, peress li l-aċċess adegwat għall-edukazzjoni għolja jibqa' sfida għaż-żgħażagħ minn kuntesti żvantaġġati, hemm ir-riskju li d-disparitajiet soċjoekonomiċi diġà eżistenti fl-edukazzjoni jissaħħu. Ir-rati ta' livell edukattiv terzjarju milħuq ukoll instabu li huma aktar baxxi (38 %) għal persuni li twieldu f'pajjiż barrani. B'mod kumplessiv, id-disparitajiet nazzjonali fir-rati tal-livelli edukattivi terzjarji milħuqa għadhom wesgħin u ftit juru sinjali ta' konverġenza 'l fuq[135]. Barra minn hekk, għad hemm differenzi reġjonali qawwija, li ilhom jiżdiedu b'mod kostanti mill-2015, b'xi reġjuni f'riskju li jaqgħu lura f'oqsma aktar dinamiċi hekk kif it-talent u d-distakki ekonomiċi qed jikbru[136], kif deskritt ukoll fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Isfruttar tat-Talent fir-Reġjuni tal-Ewropa[137].

134 Għad-dettalji, ara il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa (COM(2023) 32 final).

135 Il-Eurofound, The role of human capital for cohesion and convergence, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

136 Ara l-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social developments in Europe 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

137 Il-Kummissjoni Ewropea, L-isfruttar tat-Talent fl-Ewropa:spinta ġdida għar-reġjuni tal-UE, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

**Grafika 2.2.4. L-ilħuq ta' livell edukattiv terzjarju huwa ogħla fost in-nisa**

Il-proporzjon ta' persuni (fl-età ta' bejn 25 u 34 sena) b'livell edukattiv terzjarju milħuq (ISCED 5-8, %, 2023)




*Sors*: il-Eurostat, [edat_lfse_03].

**It-tisħiħ tal-mobbiltà tal-apprendiment fl-edukazzjoni għolja jibqa' prijorità ewlenija biex l-istudenti jsaħħu l-ħiliet tagħhom u jwessgħu l-orizzonti tagħhom barra mill-pajjiż.** Fl-2022, 4.3 % biss tal-gradwati terzjarji fl-UE temmew il-lawrji tagħhom f'pajjiż differenti minn dak li fih irċevew id-diplomi tagħhom tal-iskola sekondarja tat-tieni livell (mobbiltà li twassal għal lawrja), filwaqt li 6.7 % kellhom esperjenza temporanja barra mill-pajjiż (mobbiltà tal-krediti). B'mod kumplessiv, is-sehem ta' gradwati terzjarji fl-UE b'xi forma ta' mobbiltà tal-apprendiment barra mill-pajjiż, ta' 11.0 %, kien 12-il pp taħt il-mira tal-2030 ta' 23 %[138]. Il-maġġoranza ta' żjarat ta' studju għal perjodu qasir barra mill-pajjiż ġew iffinanzjati minn programmi tal-UE bħal Erasmus+ (54.6 %). Fl-istess ħin, il-proporzjon ta' gradwati terzjarji barranin varja sostanzjalment bejn il-pajjiżi, inkluż f'termini tal-kontinent tal-oriġini, skont, fost l-oħrajn, ir-rabtiet storiċi, il-prossimità ġeografika u l-aspetti komuni tal-lingwa. Fl-2022, kważi terz (30 %) tal-mobbiltà dieħla ta' studenti fil-pajjiżi tal-UE oriġinat minn Stati Membri oħra, bil-mobbiltà intra-UE li twassal għal lawrja tammonta għal aktar minn nofs il-mobbiltà dieħla tal-lawrji kollha f'terz tal-pajjiżi.

---

138 Dan is-sehem jirreferi għall-mobbiltà li twassal għal lawrja u għall-mobbiltà tal-krediti. Il-medja tal-UE u l-prestazzjoni tal-pajjiż aktarx jiġu sottovalutati minħabba diversi limitazzjonijiet li jaffettwaw id-data dwar il-mobbiltà tal-apprendiment. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ara: il-Kummissjoni Ewropea, Education and Training Monitor 2024 – Comparative report l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

**Miżuri effettivi għat-trawwim tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol huma essenzjali biex tiġi appoġġata l-kompetittività, jiġu promossi l-impjiegi ta' kwalità u jiġi ppreservat il-mudell soċjali tal-UE, anke fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u t-tibdil demografiku.** Stħarriġ tal-Ewrobarometru ta' Mejju 2023 dwar l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)[139] sab li 95 % tar-rispondenti jqisu l-fatt li jkollhom ħaddiema tas-sengħa bħala "pjuttost importanti" jew "importanti ħafna". F'dan il-kuntest, u fid-dawl tan-nuqqas mifrux ta' ħaddiema u ħiliet, aktar minn nofs l-SMEs (52 %) irrappurtaw diffikultajiet biex isibu ħaddiema bil-ħiliet it-tajba, u kważi żewġ terzi (63 %) qed jinżammu lura fl-attivitajiet kummerċjali ġenerali tagħhom minħabba n-nuqqas ta' ħiliet. F'dan il-kuntest, sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ li jiffunzjonaw tajjeb u effettivi huma għalhekk kruċjali biex jgħammru liż-żgħażagħ u lill-adulti b'ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol għal impjiegi ta' kwalità, anke fid-dawl tat-trasformazzjonijiet kbar li qed tiffaċċa l-UE. Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE[140] jappoġġaw lill-Istati Membri f'dan l-isforz, b'EUR 44 biljun allokati għall-iżvilupp tal-ħiliet matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027[141]. F'diversi Stati Membri, il-fondi tal-RRF jappoġġaw l-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ aċċessibbli u rilevanti għas-suq tax-xogħol, fost l-oħrajn immirati lejn it-tisħiħ tal-ħiliet diġitali u l-kompetenzi ekoloġiċi, li jgħinu biex jiġi indirizzat in-nuqqas kritiku ta' ħaddiema. B'kollox, EUR 17.8 biljun ġew allokati għal miżuri relatati mal-apprendiment għall-adulti, inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kontinwi kif ukoll għar-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-ħiliet. Is-sejħa għal żieda radikali fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid fl-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa tal-2020, se tkompli tiġi segwita permezz tal-Unjoni tal-Ħiliet diġà mħabbra fil-Linji Gwida Politiċi l-ġodda. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment tiddeskrivi kif l-Istati Membri jistgħu jikkombinaw l-appoġġ finanzjarju u mhux finanzjarju b'mod effettiv biex jagħtu s-setgħa lill-adulti biex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom[142]. Abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali, dawn tal-aħħar jaqdu wkoll rwol importanti f'dan ir-rigward, biex ikunu jistgħu jiġu offruti opportunitajiet flessibbli, ta' kwalità u mmirati għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid lill-ħaddiema u lil dawk li qed ifittxu impjieg[143].

---

[139] Ara l-Kummissjoni Ewropea, l-Ewrobarometru Flash 529 – Skills shortages, recruitment and retention strategies in small and medium-sized enterprises, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

[140] Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF).

[141] Għal aktar informazzjoni dwar l-investiment tal-UE allokat għall-appoġġ għall-ħiliet, ara l-Kummissjoni Ewropea, An in-depth overview of the EU cohesion funds' investments in skills in the context of the European Year of Skills, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

[142] Għad-dettalji, ara: IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment 2022/C 243/03.

[143] Għad-dettalji, ara: RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà 2022/C 243/02.

**Illustrazzjoni 2.2.5: L-ispariġġi fil-ħiliet fil-livell makroekonomiku ilhom jonqsu fl-UE għal dawn l-aħħar għaxar snin**

Dispersjoni relattiva tar-rati ta' impjieg tal-ħaddiema b'livelli edukattivi milħuqa differenti, ponderati bis-sehem ta' kull grupp fil-popolazzjoni totali fl-età tax-xogħol (20-64 sena)




*Nota*: dan l-indikatur jirrifletti d-diffikultà relattivament akbar biex il-persuni bi kwalifiki baxxi u medji jidħlu fis-suq tax-xogħol, meta mqabbla mal-persuni bi kwalifiki għoljin.
*Sors*: kalkoli ta' DĠ EMPL ibbażati fuq data tal-Eurostat [lfsg_egaed; lfsq_pgaed; lfsq_agaed], l-LFS tal-UE.

**L-ispariġġi fil-ħiliet fil-livell makroekonomiku ilhom jonqsu fl-UE għal dawn l-aħħar għaxar snin.** L-indikatur makroekonomiku tal-ispariġġ fil-ħiliet (li jkejjel id-dispersjoni relattiva tar-rati ta' impjieg fost il-ħaddiema ta' bejn l-20 u l-64 sena b'livelli edukattivi differenti - baxx, medju u għoli) jirrifletti l-grad ta' nuqqas ta' allinjament bejn id-domanda u l-provvista tal-ħiliet fost il-forza tax-xogħol – ara l-Grafika 2.2.5. Dan l-indikatur jirrifletti d-diffikultà relattivament akbar biex il-persuni bi kwalifiki baxxi u medji jidħlu fis-suq tax-xogħol, meta mqabbla ma' dawk bi kwalifiki għoljin. L-ispariġġi fil-ħiliet makroekonomiċi ilhom mill-2013 jonqsu f'ħafna mill-pajjiżi tal-UE, ħlief fil-Portugall, fir-Rumanija, fil-Lussemburgu u fis-Slovenja fejn żdiedu l-ispariġġi, u fil-Ġermanja, fejn baqgħu stabbli, f'wieħed mill-aktar livelli baxxi madwar l-UE kollha. Dan it-tnaqqis kumplessiv huwa prinċipalment dovut għal titjib fil-kisbiet edukattivi milħuqa u għadd dejjem akbar ta' impjiegi li jeħtieġu mqar l-edukazzjoni sekondarja. Sa ċertu punt, it-titjib jirrifletti wkoll tnaqqis fid-differenzi fl-impjiegi bejn il-gruppi tal-popolazzjoni b'livelli differenti ta' edukazzjoni. Madankollu, pajjiżi bħall-Italja, il-Belġju u l-Kroazja għadhom juru livelli għoljin ta' spariġġi fil-ħiliet. F'dawn il-pajjiżi, it-titjib tal-eżiti edukattivi u t-titjib tal-ħiliet permezz tal-apprendiment tal-adulti jistgħu jgħinu biex il-ħiliet tal-forza tax-xogħol jiġu allinjati aħjar mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

**Illustrazzjoni 2.2.6: Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment żdiedet biss bi ftit mill-2016, b'varjazzjoni kbira fost l-Istati Membri**

Ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment fl-aħħar 12-il xahar fl-EU-27 (25-64 sena), il-livelli tal-2022 u l-bidliet mill-2016 (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: F'Settembru 2024, il-Grupp tal-Indikaturi tal-Kumitat tal-Impjiegi laħaq ftehim proviżorju dwar il-qafas ta' monitoraġġ għall-mira tal-ħiliet, bl-użu tad-data tal-AES bl-esklużjoni ta' taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol. Ara wkoll ir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi 2024. Il-bidla għall-2022 tiġi kkomputata fir-rigward tal-valur tal-2016, l-aħħar wieħed disponibbli qabel l-2022. Interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2022 għal FR, IT u RO.

*Sors*: il-Eurostat estrazzjoni speċjali tar-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment fl-aħħar 12-il xahar, mingħajr taħriġ iggwidat fuq il-lant tax-xogħol (GOJT), mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti.

**Minkejja żidiet żgħar, il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment għadha ferm inqas mill-mira ewlenija tal-UE ta' 60 % sal-2030 u għad hemm varjazzjoni kbira fost l-Istati Membri, li jenfasizza l-importanza ta' azzjoni politika deċiżiva.** Ċifri reċenti mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti (AES) jindikaw biss żieda żgħira fir-rati ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment (ħlief it-taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol), minn 37.4 % fl-2016 għal 39.5 % fl-2022 għall-UE, b'disparitajiet kbar fost l-Istati Membri[144]. L-ogħla rati ta' parteċipazzjoni ġew irrapportati fl-Iżvezja (66.5 %), fl-Ungerija (62.2 %), fin-Netherlands (56.1 %) u fil-Ġermanja (53.7 %), li jagħmluhom "bl-aħjar prestazzjoni" – ara l-Grafika 2.2.6. Dawn il-pajjiżi lkoll irreġistraw żidiet li jaqbżu s-7 pp mill-2016, ħlief in-Netherlands fejn il-parteċipazzjoni naqset b'1 pp. Min-naħa l-oħra, bħala pajjiżi li lkoll ġarrbu "sitwazzjonijiet kritiċi", fil-Bulgarija (9.5 %), fil-Greċja (15.1 %), fil-Polonja (20.3 %) u fiċ-Ċekja (21.2 %) ġew osservati livelli ta' parteċipazzjoni partikolarment baxxi u deterjoranti, u dawn jindikaw xejra kemxejn diverġenti madwar l-UE. F'dawn il-pajjiżi, il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment naqset mill-2016, bil-Bulgarija (-2.3 pp) u ċ-Ċekja (-1.6 pp) ikollhom l-aktar tnaqqis qawwi. Ir-Rumanija, filwaqt li għad għandha parteċipazzjoni kumplessiva baxxa, kellha l-akbar żieda fl-UE (13.3 pp, iżda din tista' tkun ukoll minħabba l-interruzzjoni fis-serje), u hija "dgħajfa iżda qed titjieb". Filwaqt li l-mira ewlenija tal-2030 tisħaq fuq imqar 60 % tal-adulti jipparteċipaw fl-apprendiment kull sena, fl-2022 kien hemm sa 24 pajjiż li ma laħqux il-miri nazzjonali tagħhom, bi 13 biss jirrappurtaw żidiet fil-parteċipazzjoni (ara t-Taqsima 1.3). Hemm bżonn sforzi ta' politika kkoordinati u ambizzjoni mġedda biex il-forza tax-xogħol tiġi adattata għall-ħtiġijiet tal-ħiliet li dejjem qed jinbidlu, jingħelbu l-iskarsezzi u jinżammu l-livelli tal-kompetittività, tal-innovazjoni u tal-inklużjoni fil-kuntest tat-tranżizzjoni doppja u t-tibdil demografiku[145].

144 F'Settembru 2024, il-Grupp tal-Indikaturi tal-Kumitat tal-Impjiegi laħaq ftehim proviżorju dwar il-qafas ta' monitoraġġ għall-mira tal-ħiliet, bl-użu tad-data tal-AES bl-esklużjoni ta' taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol. Ara wkoll ir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi 2024.

145 Ara l-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social developments in Europe 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

**Il-persuni bi kwalifiki baxxi, dawk barra mill-forza tax-xogħol u l-persuni akbar fl-età jipparteċipaw inqas ta' spiss fit-taħriġ, u għalhekk hemm bżonn ta' miżuri ta' politika mmirati għalihom.** Filwaqt li l-iżvilupp tal-ħiliet tul il-ħajja hu bżonnjuż għal kulħadd fis-suq tax-xogħol u s-soċjetà tal-lum li tant qed jevolvu malajr, hu partikolarment kritiku għal ċerti gruppi, fosthom il-persuni bi kwalifiki baxxi (ħafna minnhom sal-edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell), dawk barra mis-suq tax-xogħol, u l-persuni akbar fl-età. Dawn il-gruppi huma partikolarment fir-riskju li jaqgħu lura jekk id-domanda għall-ħiliet fuq il-lant tax-xogħol tkun qed tinbidel kontinwament. L-aħħar data tal-AES (2022) turi differenzi sinifikanti fir-rati ta' parteċipazzjoni fost il-livelli edukattivi milħuqa, l-istatus tax-xogħol u l-età – ara l-Grafika 2.2.7. Bi 58,9 % (meta mqabbla ma' 58.1 % fl-2016), il-probabbiltà li l-persuni bi kwalifiki għoljin jipparteċipaw fl-apprendiment għadha aktar minn tliet darbiet minn dik tal-persuni bi kwalifiki baxxi, bi 18.4 % (meta mqabbla ma' 17.9 % fl-2016), u dan ikompli jkabbar id-diskrepanza fil-ħiliet wara l-edukazzjoni inizjali. Filwaqt li l-parteċipazzjoni fost dawk impjegati u dawk barra mill-forza tax-xogħol żdiedet għal 44.7 % u 23.7 %, rispettivament (żieda ta' 1.4 pp u 2.4 pp meta mqabbla mal-2016), il-parteċipazzjoni fost il-persuni qiegħda baqgħet fil-biċċa l-kbira l-istess għal 26.8 % (26.0 % fl-2016). Diskrepanzi marbuta mal-età jippersistu wkoll: kważi kull sekonda fl-2022 kien hemm adult żagħżugħ(a) (età 25-34, 49.5 %) li pparteċipaw fl-apprendiment, meta mqabbla ma' inqas minn terz tal-persuni li għandhom bejn il-55 u l-64 sena (29.9 %). Il-parteċipazzjoni żdiedet ġmielha mill-2016 għaż-żewġ gruppi, iżda aktar malajr għall-adulti żgħażagħ milli għall-persuni akbar fl-età (bi 3.7 pp u 2.5 pp, rispettivament). Kif tenfasizza l-evalwazzjoni tal-inizjattiva tal-Perkorsi tat-Titjib tal-Ħiliet,[146] hemm bżonn aktar sforzi biex tiżdied il-parteċipazzjoni ta' dawn il-gruppi fl-apprendiment. Inizjattivi bħall-kontijiet individwali tal-apprendiment jistgħu jagħmlu l-opportunitajiet ta' apprendiment aktar aċċessibbli għal kulħadd, inkluż għal gruppi bi prestazzjoni insuffiċjenti li jistgħu jiġu appoġġati aktar permezz ta' żidiet, gwida xierqa għall-karriera u attivitajiet immirati ta' kuntatt u ta' sensibilizzazzjoni. Fl-Istati Membri kollha, l-RRF u l-FSE+ jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' miżuri mmirati li jkunu maħsuba biex jiżguraw aċċess inklużiv għal opportunitajiet tat-taħriġ mill-ġdid, iħejju lil gruppi vulnerabbli biex jadattaw għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u jtejbu l-impjegabbiltà tagħhom.

146 Il-Kummissjoni Ewropea, SWD(2023) 460 final – Evalwazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar Perkorsi tat-Titjib tal-Ħiliet:Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

**Illustrazzjoni 2.2.7: Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment hija kkaratterizzata minn varjazzjoni kbira fost il-gruppi tal-popolazzjoni**

Ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment fl-aħħar 12-il xahar, skont is-sottogrupp (25-64 sena, %), 2022




*Nota*: F'Settembru 2024, il-Grupp tal-Indikaturi tal-Kumitat tal-Impjiegi laħaq ftehim proviżorju dwar il-qafas ta' monitoraġġ għall-mira tal-ħiliet, bl-użu tad-data tal-AES bl-esklużjoni ta' taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol. Ara wkoll ir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi 2024.
*Sors*: il-Eurostat special extraction of the adults' participation rate in learning during the past 12 months without guided on the job training (GOJT), mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti.

**Il-progress fil-ħiliet diġitali kien kajman b'mod kumplessiv, u b'disparitajiet sinifikanti bejn il-pajjiżi.** F'Ewropa trasformata diġitalment, il-ħiliet diġitali bażiċi huma prekundizzjoni għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, u dan hu rifless fil-mira stabbilita fil-livell tal-UE ta' mqar 80 % tal-adulti (16-74) bi mqar ħiliet diġitali bażiċi sal-2030[147]. Minkejja li fl-2023 kien hemm aktar minn 90 % tan-nies fl-UE jużaw l-internet mill-inqas darba fil-ġimgħa[148], 55.6 % biss kellhom imqar ħiliet diġitali bażiċi, u dan jirrifletti biss żieda modesta mill-2021 (53.9 %). B'dan ir-ritmu, 59.8 % biss tal-adulti jkollhom imqar ħiliet diġitali bażiċi sa tmiem id-deċennju[149]. Id-differenzi fil-prestazzjoni bejn l-Istati Membri huma kbar u komplew jikbru. Ir-Rumanija, il-pajjiż bl-inqas sehem ta' adulti bi mqar ħiliet diġitali bażiċi (27.7 % fl-2023) ma wriet l-ebda progress bejn l-2021 u l-2023. Il-Bulgarija (35.5 %) u l-Polonja (44.3 %), fejn il-prevalenza tal-ħiliet diġitali fost l-adulti hija baxxa wkoll, għamlu ftit titjib (b'4.3 pp u 1.4 pp, rispettivament). Iżda, rigward dawn it-tliet pajjiżi, il-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tenfasizza li dawn jinsabu f'"sitwazzjoni kritika". B'kuntrast ma' dan, in-Netherlands (82.7 %) u l-Finlandja (82.0 %) it-tnejn qabżu l-mira tal-UE għall-2030, u flimkien mal-Irlanda (72.9 %), li rreġistrat ukoll żieda, jitqiesu dawk "bl-aħjar prestazzjoni". Ix-xejriet fost il-pajjiżi madwar il-medja tal-UE jvarjaw: uħud juru titjib, u oħrajn deterjorament – ara l-Grafika 2.2.8. B'mod kumplessiv, il-maġġoranza tal-Istati Membri (17) għamlu progress fit-titjib tal-ħiliet diġitali. Madankollu, l-aktar data reċenti turi tnaqqis żgħir fil-ħiliet diġitali bażiċi fost iż-żgħażagħ ta' bejn is-16 u l-24 sena (minn 71.2 % fl-2021 għal 70.0 % fl-2023), u dan imur kemxejn kontra l-ħsieb li ż-żgħażagħ huma lkoll "nattivi diġitali". B'mod aktar ġenerali, il-ħiliet diġitali huma partikolarment baxxi fost il-persuni mingħajr kwalifiki formali jew bi kwalifiki formali baxxi (33.6 % fl-2023), fost il-popolazzjoni akbar fl-età (37.1 % fl-età ta' 55-74 sena), fost dawk li jgħixu fiż-żoni rurali (47.5 %) u fost il-persuni qiegħda (47.7 %). Fl-istess ħin, l-għadd ta' speċjalisti tal-ICT huwa ferm inqas mill-ħtieġa prevista. Fl-2023, kważi 9.8 miljun persuna ħadmu bħala speċjalisti tal-ICT, jiġifieri 4.8 % ta' dawk kollha impjegati, b'differenza sostanzjali u persistenti bejn il-ġeneri (19.4 % biss tal-ispeċjalisti tal-ICT kienu nisa). B'dan ir-ritmu, fost kompetizzjoni dejjem akbar għat-talent bil-ħiliet diġitali, l-għadd ta' speċjalisti tal-ICT se jilħaq biss it-12 miljun sal-2030, ferm inqas mill-mira tad-deċennju diġitali tal-UE ta' 20 miljun, b'implikazzjonijiet potenzjalment negattivi fuq il-kompetittività u l-innovazzjoni futuri tal-UE.

147 Il-mira definita fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Kumpass Diġitali għad-Deċennju Diġitali.

148 Ara l-Kummissjoni Ewropea, Digitalisation in Europe – 2024 edition, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

149 Għall-perkors lejn il-mira tal-2030, ara l-Kummissjoni Ewropea, Ir-rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Deċennju Diġitali, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

**Illustrazzjoni 2.2.8: Huma osservati differenzi kbar bejn il-pajjiżi fil-ħiliet diġitali tal-adulti**

Is-sehem tal-popolazzjoni b'ħiliet diġitali kumplessivi bażiċi jew ta' livell ogħla (16-74 sena, il-livelli tal-2023 meta mqabbla mal-bidliet mal-2021, %, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: B'mod kumplessiv, il-ħiliet diġitali jirreferu għal ħames oqsma: il-ħiliet fil-litteriżmu tal-informazzjoni u d-data, il-ħiliet fil-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni, il-ħiliet fil-ħolqien tal-kontenut diġitali, il-ħiliet fis-sikurezza, u l-ħiliet fis-soluzzjoni tal-problemi. Biex ikollhom imqar ħiliet diġitali kumplessivi bażiċi, in-nies iridu jkunu jafu kif jagħmlu mqar attività waħda relatata ma' kull qasam. Għal aktar informazzjoni, ara l-Eurostat.

*Sors*: l-Eurostat, [tepsr_sp410].

**Filwaqt li fil-livell tal-UE, il-qgħad fost iż-żgħażagħ qed ikompli jonqos, ir-rati reġgħu qed jiżdiedu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.** Wara l-milja li laħqet fil-kriżi tal-COVID-19 (16.8 % fl-UE fl-2020), ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ (15-24) naqset b'mod kostanti u laħqet l-14.5 % fl-2023, tnaqqis minn 15.1 % fl-2019. Fl-2023, ir-rata stabbilizzat u ma wriet l-ebda titjib iżjed fost tkabbir ekonomiku aktar dgħajjef, filwaqt li x-xejra nqalbet fi 15-il Stat Membru. Filwaqt li ż-żieda kienet inqas minn 1 pp f'seba' Stati Membri, din kienet bejn 1 u 2 pp f'sitt pajjiżi u saħansitra 2 pp fil-Finlandja u 2.2 pp fl-Ungerija. Sadanittant, ir-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ komplew jonqsu fil-pajjiżi li għandhom livelli għoljin ħafna, bħall-Greċja (-4.7 pp), u Spanja, l-Italja u r-Rumanija (-1.0 pp kull wieħed), biex jikkonfermaw xejra konverġenti madwar l-UE fl-aħħar ħames snin – ara l-Grafika 2.2.9. Iżda r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ xorta waħda għadha ogħla mid-doppju tar-rata tal-qgħad għall-persuni ta' bejn il-15 u l-74 sena (6.1 %). Il-qgħad huwa partikolarment prevalenti fost iż-żgħażagħ bi kwalifiki baxxi (19.3 %) u dawk li twieldu barra mill-UE (20.5 %). Dawn l-iżviluppi jisħqu l-bżonn ta' azzjoni kontinwa biex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali li jxekklu l-integrazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari fid-dawl tal-iskarsezzi estensivi tal-ħaddiema u tal-ħiliet u r-riskji fit-tul għall-prospetti tal-karriera taż-żgħażagħ.

**Illustrazzjoni 2.2.9: Ir-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ żdiedu f'ħafna mill-Istati Membri**

Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ (15-24 sena, % tal-popolazzjoni attiva) fl-2019 (qabel il-kriżi), fl-2020 (fl-eqqel tal-kriżi), fl-2022 u fl-2023




*Nota*: interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2019 għal BG, HR, NL u PL u DE fl-2020. Interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2021 għall-Istati Membri kollha. Id-definizzjoni tvarja għal FR fl-2021. Id-definizzjoni tvarja għal ES u FR fl-2022. Interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2023 għal DK, SI u CY. Id-definizzjoni tvarja għal ES u FR fl-2023.
*Sors*: il-Eurostat [lfsa_urgaed], l-LFS tal-UE.

**Mil-lat pożittiv, qed ikompli jonqos is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEET), b'xi sinjali ta' konverġenza madwar l-UE.** Wara li laħqet l-ogħla livell tagħha ta' 13.9 % fl-2020, ir-rata ta' NEET (15-29) naqset b'mod konsistenti fl-UE għal 11.2 % fl-2023. Din ix-xejra taqbel maż-żieda fil-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, u tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tkabbir tal-forza tax-xogħol[150]. Iżda ġiet osservata eteroġeneità notevoli fost l-Istati Membri, bir-Rumanija (19.3 %), l-Italja (16.1 %), il-Greċja (15.9 %) u Ċipru (13.9 %) jirreġistraw l-ogħla rati ta' NEET fl-2023 – ara l-Grafika 2.2.10. Ir-rata naqset biss bi ftit fir-Rumanija u f'Ċipru (it-tnejn b'-0.5 pp), u saħansitra żdiedet fil-Greċja (0.6 pp), b'"sitwazzjonijiet kritiċi" f'dawk il-każijiet. Il-Litwanja u Franza, fejn ir-rati ta' NEET żdiedu, u Ċipru, il-Bulgarija u Spanja, li raw xi tnaqqis, "għandhom jiġu osservati". L-Italja rreġistrat l-aktar titjib qawwi (-2.9 pp), u dan jirrifletti sitwazzjoni "dgħajfa iżda li qed titjieb". In-Netherlands (4.7 %) u l-Iżvezja (5.7 %) kienu "bl-aħjar prestazzjoni". Dawk li fittxew b'mod attiv u li kienu disponibbli biex jaħdmu, jiġifieri r-rata ta' NEET qiegħda, baqgħu stabbli għal 4.3 % fl-2023[151]. Ir-rata kienet l-ogħla fil-Greċja (8.6 %) u fi Spanja (6.8 %), iżda t-tnejn urew titjib mil-livelli tal-2022 (9.2 % u 7.1 % rispettivament). Is-sehem ta' NEETs barra mill-forza tax-xogħol tjieb bi ftit (7.0 % fl-2023 u 7.4 % fl-2022) iżda baqa' għoli fir-Rumanija (14.3 %) u fil-Bulgarija (10.8 %). Meta wieħed iħares lejn is-sehem ta' NEETs skoraġġuti, hi osservata xejra ta' tnaqqis fil-livell tal-UE (minn 4.9 % fl-eqqel tal-pandemija fl-2020 għal 4.2 % fl-2023). Id-disparitajiet reġjonali fir-rati ta' NEET jippersistu (ara l-Grafika 2 fl-Anness 5), inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi, iżda, b'mod kumplessiv, id-differenzi nazzjonali u reġjonali qed jonqsu, u dan juri żieda fil-konverġenza madwar l-UE[152]. F'dan il-kuntest, il-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa tappoġġa lill-NEETs billi toffrilhom impjiegi ta' kwalità, edukazzjoni ulterjuri, u apprendistati jew traineeships fi żmien erba' xhur minn meta dawn isiru qiegħda jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni formali[153], filwaqt li l-inizjattiva Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb (ALMA, Aim, Learn, Master, Achieve) tgħin lill-NEETs żvantaġġati jiksbu esperjenza professjonali barra mill-pajjiż[154].

---

[150] Ara l-Kummissjoni Ewropea, Labour market and pay developments in Europe 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

[151] Il-Eurostat [edat_lfse_20], LFS.

[152] Ara l-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social developments in Europe 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

[153] Ara Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ 2020/C 372/01, ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1.

[154] Għal aktar tagħrif, ara: ALMA (Aim, Learn, Master, Achieve) - Employment, Social Affairs & Inclusion - European Commission (europa.eu).

**Illustrazzjoni 2.2.10: Id-differenzi fir-rati ta' NEET qed jonqsu iżda għadhom sinifikanti**

Ir-rata ta' NEET (15-29 sena), il-livelli tal-2023 u l-bidliet mis-sena ta' qabel ( %, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-definizzjoni hija differenti għal ES u FR. Interruzzjoni fis-serje għal DK u CY.
*Sors*: il-Eurostat [lfsi_neet_a], l-LFS tal-UE.

**Ir-rata ta' NEET għadha ogħla fost in-nisa u għall-persuni bi sfond ta' migrazzjoni.** Fl-2023, is-sehem ta' NEET nisa (12.5 %) kompla jonqos (minn 13.0 % fl-2022 u 15.4 % fl-2020). Iżda kien għadu 2.4 pp iżjed milli kien għall-irġiel (10.1 %) – ara l-Grafika 2.2.11. Filwaqt li d-differenza kienet inqas minn 1 pp f'xi Stati Membri (il-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Latvja, l-Irlanda, il-Portugall, Spanja u l-Iżvezja), din qabżet l-10 pp f'oħrajn (iċ-Ċekja u r-Rumanija), u dan juri ostakli sinifikanti għan-nisa żgħażagħ f'dawn il-pajjiżi. Minkejja dan, mill-2007 ġiet osservata konverġenza konsiderevoli fir-rati ta' NEET bejn l-irġiel u n-nisa. Fost in-NEET nisa, li dawn ikunu barra mill-forza tax-xogħol hu aktar frekwenti, b'aktar mid-doppju, milli jkunu qiegħda (8.7 % vs 3.8 % fl-2023, meta mqabbel ma' 5.4 % vs 4.7 % għall-irġiel). Ir-rata ta' NEET għaż-żgħażagħ li ma twildux fl-UE hija wkoll ferm ogħla minn dik għaż-żgħażagħ imwielda fil-pajjiż (19.6 % vs 10.3 %), u turi wkoll varjazzjoni sostanzjali fid-dimensjoni tal-ġeneri: ir-rata għan-nisa li twieldu barra mill-UE (25.2 %) hija aktar minn 14 pp ogħla minn dik għan-nisa nattivi (11.1 %), u hija kważi 11 pp ogħla minn dik għall-irġiel żgħażagħ li ma twildux fl-UE. Barra minn hekk, hemm disparitajiet bejn ir-reġjuni kontinentali u dawk ultraperiferiċi, u hemm qasma ċara bejn iż-żoni urbani u dawk rurali, bi probabbiltà akbar li ż-żgħażagħ miż-żoni rurali jkunu NEET[155].

**Illustrazzjoni 2.2.11: Kważi fl-Istati Membri kollha, ir-rata ta' NEET hija ogħla fost in-nisa**
Rati ta' NEET għall-irġiel u n-nisa (15-29 sena, %, 2023)




*Nota*: Id-definizzjoni tvarja għal ES u FR.
*Sors*: il-Eurostat [lfsi_neet_a], l-LFS tal-UE.

155 Ara: il-Eurofound, Becoming adults:Young people in a post-pandemic world, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

**Filwaqt li r-rati ta' impjieg tal-persuni akbar fl-età żdiedu b'mod konsiderevoli mill-2009, għad hemm varjazzjoni qawwija fost l-Istati Membri[156], u din turi li għad hemm aktar lok għal titjib.** Fl-2023, ir-rata ta' impjieg tal-persuni akbar fl-età (55-64 sena) laħqet it-63.9 %, kważi 20 pp iżjed milli kienet fl-2009, bir-rata ta' impjieg tan-nisa turi gwadanji akbar (4.9 pp aktar milli għall-irġiel). Minkejja dan it-titjib kumplessiv, għad hemm differenzi sostanzjali madwar l-UE: filwaqt li fl-Iżvezja, fil-Finlandja, fl-Estonja, fin-Netherlands, fil-Ġermanja, fiċ-Ċekja u fil-Latvja, ir-rati ta' impjieg tal-persuni akbar fl-età kienu ogħla minn 70 %, il-Lussemburgu, ir-Rumanija, il-Kroazja, il-Greċja u s-Slovenja kellhom rati inqas minn 55 %. Għalkemm iż-żieda fl-impjiegi tal-persuni akbar fl-età kienet aktar minn erba' darbiet iżjed milli għall-popolazzjoni fl-aqwa età (25-54 sena), ir-rata ta' impjieg tagħhom baqgħet 18 pp inqas (63.9 % vs 82.2 %). Dan irriżulta primarjament minħabba żieda fiż-żamma tal-impjiegi aktar milli minħabba reklutaġġi ġodda, li kienu baxxi b'mod persistenti tul dan il-perjodu. B'mod partikolari, il-persuni akbar fl-età b'livelli ta' edukazzjoni għolja għandhom it-tendenza li jibqgħu aktar fit-tul fis-suq tax-xogħol, filwaqt li huwa aktar probabbli li dawk b'livell aktar baxx ta' edukazzjoni jitilqu kmieni. Il-kundizzjonijiet ħżiena – fiżiċi u psikoloġiċi – tax-xogħol kienu fatturi ewlenin li jixprunaw l-irtirar bikri, u qegħdin ukoll ixekklu d-dħul mill-ġdid fis-suq tax-xogħol għal ħafna ħaddiema akbar fl-età[157].

---

156 Għal analiżi dettaljata tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-ħaddiema akbar fl-età ara: Il-Kummissjoni Ewropea, *Labour market and wage developments in Europe 2024*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

157 Ara: il-Eurofound, Keeping older workers engaged:Policies, practices and mechanisms, Dokument ta' Ħidma tal-Eurofound, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

**Illustrazzjoni 2.2.12: Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi naqset f'ħafna mill-pajjiżi, iżda għadha sinifikanti mingħajr sinjali ta' konverġenza 'l fuq fost l-Istati Membri**

Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (20-64 sena), il-livell tal-2023 u l-bidla mis-sena ta' qabel (pp, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-definizzjoni hija differenti għal ES u FR. Interruzzjoni fis-serje għal DK u CY.
*Sors*: il-Eurostat [tesem060], l-LFS tal-UE.

**L-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol jippersistu, u d-differenzi bejn l-irġiel u n-nisa fl-impjiegi juru biss sinjali modesti ta' konverġenza[158].** Fl-2023, ir-rata ta' impjieg għall-irġiel kienet 80.4 % fl-UE, meta mqabbla ma' 70.2 % għan-nisa, li rriżultat f'differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi ta' 10.2 pps. Din id-differenza naqset ftit f'dawn l-aħħar snin (minn 10.9 pp fl-2021 u 10.7 pp fl-2022), li jirrifletti żieda aktar b'saħħitha fl-impjiegi għan-nisa (1 pp) milli għall-irġiel (0.5 pp) anke fl-2023. Iżda għad hemm disparitajiet sinifikanti, b'mod partikolari fil-Greċja u fl-Italja (19.8 pp u 19.5 pp, rispettivament), fejn ftit aktar minn nofs in-nisa kienu impjegati (57.6 % u 56.5 %) – ara l-Grafika 2.2.12. Fir-Rumanija, fejn id-distakk kien kbir ukoll (19.1 pp), dan saħansitra kompla jikber. Kien hemm ukoll differenzi notevoli bejn il-ġeneri f'Malta u fiċ-Ċekja (14.1 pp u 13.9 pp). Id-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi jirriflettu "sitwazzjoni kritika" fil-ħames pajjiżi. Min-naħa l-oħra, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi kienet relattivament ċkejkna fil-pajjiżi Baltiċi (1.5 pp fil-Litwanja, 2.4 pp fl-Estonja u 3.1 pp fil-Latvja) u kważi ineżistenti fil-Finlandja (0,2 pp). Dawn il-pajjiżi, ħlief il-Litwanja li dan l-aħħar kabbret id-distakk, kienu fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni" fid-dawl tad-distakki żgħar u stabbli jew li qed jonqsu tagħhom. Barra minn hekk, ġiet osservata varjazzjoni reġjonali sinifikanti fid-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi f'xi Stati Membri, inkluż l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja u Spanja (ara l-Grafika 3 fl-Anness 5), inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi. Azzjoni ta' politika sostnuta tista' tgħin biex jingħlbu l-ostakli għall-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, f'konformità mal-objettivi stipulati fl-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-25[159]. Dawn il-miżuri jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex tintlaħaq il-mira li d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi titnaqqas bin-nofs sal-2030, kif stipulat fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

---

158 Għal perspettiva iżjed fit-tul, ara l-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social developments in Europe 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

159 Għal aktar informazzjoni, ara l-Kummissjoni Ewropea, 2023 report on gender equality in the EU, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

**In-nisa jaħdmu part-time aktar ta' spiss mill-irġiel, u dan jirriżulta f'differenza akbar bejn il-ġeneri fl-impjiegi meta jitqiesu l-impjiegi ekwivalenti għall-full-time (FTE, full-time equivalent).** Fl-2023, 27.9 % tan-nisa (20-64) fl-UE ħadmu part-time, aktar minn tliet darbiet is-sehem tal-irġiel (7.7 %), u dan ħoloq differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi part-time ta' 20,2 pp, li ma nbidlitx mill-2022. L-akbar differenzi fix-xogħol part-time ġew irreġistrati fin-Netherlands (41.8 pp), fl-Awstrija (38.6 pp), fil-Ġermanja (36.9 pp) u fil-Belġju (27.4 pp), filwaqt li l-inqas differenzi kienu fil-Bulgarija (0,2 pp) u fil-Kroazja (1.5 pp). B'mod partikolari, ir-Rumanija kienet l-uniku pajjiż fejn l-irġiel kienu ftit aktar ta' spiss impjegati part-time min-nisa (-0,7 pp). Minħabba l-prevalenza akbar ta' xogħol part-time fost in-nisa, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi mil-lat ta' impjiegi FTE[160] kienet 15.7 pp fl-2023, aktar minn 50 % (5.5 pp) akbar milli meta jitneħħew id-differenzi fix-xogħol part-time. L-akbar differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi aġġustati għall-FTE kienu fl-Italja (24.1 pp), fil-Greċja (21.5 pp) u fl-Awstrija (19 pp), li jirriflettu disparitajiet ferm akbar minn meta x-xogħol part-time ma ġiex ikkunsidrat, filwaqt li l-iżgħar diskrepanzi kienu fil-Litwanja u fil-Finlandja (2.5 pp).

160 Ir-rata ta' impjieg FTE tqabbel id-differenzi bejn il-gruppi fis-sigħat medji maħduma. Ir-rata ta' impjieg FTE tiġi kkalkolata billi jiġu diviżi s-sigħat totali maħduma fl-ekonomija (l-ewwel impjieg, it-tieni impjieg, eċċ.) bl-għadd medju ta' sigħat fi skeda full-time (madwar 40) u bl-għadd ta' persuni fl-età ta' bejn 20 u 64 sena. Sors: il-Qafas għall-Evalwazzjoni Konġunta (JAF, Joint Assessment Framework), komputazzjoni bbażata fuq id-data tal-Eurostat.

**Id-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi huma saħansitra usa' għall-persuni bit-tfal, bil-paternità tħalli impatt fuq il-karrieri tan-nisa aktar milli fuq dawk tal-irġiel.** Fl-2023, ir-rata ta' impjieg għan-nisa ta' bejn il-25 u l-54 sena bit-tfal kienet 74.9 %, meta mqabbla ma' 91.9 % għall-irġiel, u din ħolqot differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi ta' 17 pp fost il-ġenituri, meta mqabbla ma' 4 pp fost dawk mingħajr tfal. Fost in-nisa impjegati bit-tfal, 31.8 % ħadmu part-time, meta mqabbla ma' 5.0 % biss tal-irġiel. F'ħafna mill-pajjiżi, inkluż il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Italja, l-impatt tal-paternità hu evidenti kemm f'rati aktar baxxi ta' impjiegi tan-nisa kif ukoll f'rati ogħla ta' xogħol part-time fost in-nisa. Ir-responsabbiltajiet informali tal-kura fit-tul (LTC) jikkontribwixxu wkoll għad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, b'19.1 % tan-nisa fl-UE jipprovdu kura informali meta mqabbla ma' 14.8 % tal-irġiel. In-nisa huma aktar probabbli li jiddedikaw ħin sinifikanti għall-indukrar[161], possibbilment għax l-irġiel li jindukraw (73 %) jirċievu aktar appoġġ mingħand is-servizzi formali tal-kura fit-tul (LTC) min-nisa li jindukraw (61 %)[162]. Biex tappoġġa lill-persuni li jindukraw b'mod informali, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għal kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja tenfasizza l-ħtieġa ta' taħriġ xieraq, konsulenza, appoġġ psikoloġiku, kura ta' solliev, miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, aċċess għall-protezzjoni soċjali u/jew appoġġ finanzjarju adegwat. Fl-istess ħin, l-Istati Membri għandhom jistinkaw ukoll biex jallinjaw l-offerta tas-servizzi tal-kura fit-tul (LTC) mal-ħtiġijiet tal-kura[163].

---

161 Ara l-Istħarriġ Ewropew dwar is-Saħħa permezz ta' Intervisti (EHIS mewġa 3), 2019.

162 L-EIGE: 2022 Stħarriġ dwar id-differenzi bejn il-ġeneri fl-attivitajiet tal-kura, individwali u soċjali mhux imħallsa (CARE).

163 Għad-dettalji, ara r-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja (2022/C 476/01).

**Id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri naqset fl-aħħar deċennju, iżda għadha sostanzjali f'ħafna mill-Istati Membri.** Fl-2021 u fl-2022, id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri kienet 12.7 % fl-UE, u qabżet il-15 % fl-Estonja, fl-Awstrija, fiċ-Ċekja, fis-Slovakkja, fil-Ġermanja, fl-Ungerija, fil-Latvja u fil-Finlandja[164]. Id-differenzi fil-pagi huma xprunati, fost fatturi oħra, mid-differenzi bejn il-ġeneri fl-attivitajiet ekonomiċi u fl-okkupazzjonijiet, mis-sottorappreżentanza tan-nisa fil-karigi għoljin, mir-rappreżentanza żejda fil-forom tal-impjieg part-time u mhux permanenti, mid-diffikultajiet fir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mar-responsabbiltajiet tal-kura, kif ukoll mid-diskriminazzjoni u minn strutturi tal-pagi mhux trasparenti[165]. Id-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri jinfluwenzaw ferm it-teħid tad-deċiżjonijiet tal-familja, u dawn jaffettwaw b'mod partikolari lill-ommijiet meta jġarrbu żvantaġġi kumulattivi li jkomplu jfixklu l-opportunitajiet tal-impjieg tagħhom. Maż-żmien, l-aggregazzjoni ta' dawn id-differenzi fid-dħul – aggravati minn waqfiet fil-karriera biex jieħdu ħsieb lil uliedhom – twassal għal differenzi sostanzjali bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet. Għalkemm id-differenzi qed jonqsu xi ftit, fl-2023 in-nisa ta' bejn il-65 u d-79 sena rċevew pensjonijiet grossi li kienu, bħala medja, 25.4 % inqas minn dawk tal-irġiel fl-istess grupp ta' età. Din id-differenza fil-pensjonijiet tvarja b'mod konsiderevoli bejn il-pajjiżi, minn 43.9 % f'Malta, 39.9 % fin-Netherlands u 36.4 % fil-Lussemburgu għal 4 % fis-Slovenja, 4.6 % fid-Danimarka u 5.8 % fl-Estonja.

164 Hawn qed tintuża d-differenza mhux aġġustata bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa. Id-differenza mhux aġġustata bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa hija definita bħala d-differenza bejn id-dħul gross medju fis-siegħa tal-irġiel u n-nisa espressa bħala persentaġġ tad-dħul gross medju fis-siegħa tal-irġiel.

165 Ara l-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social developments in Europe 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

**It-titjib tal-forniment u tal-aċċessibbiltà ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità u affordabbli jista' jappoġġa l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-iżvilupp tat-tfal, iżda r-rati ta' parteċipazzjoni għadhom baxxi.** Fl-2023, is-sehem tat-tfal sa 3 snin fl-indukrar formali kien 37.5 % fl-UE, jiġifieri żieda ta' 1.7 pp meta mqabbel mal-2022, iżda xorta jinsab inqas mil-livell tal-2021 ta' 37.9 % u ferm inqas mill-mira riveduta ta' Barċellona ta' 45 %[166]. Għaxar Stati Membri biss qabżu l-50 % u għad hemm differenzi kbar fost l-Istati Membri – ara l-Grafika 2.2.13. B'1 % u 4.4 % rispettivament, is-Slovakkja u ċ-Ċekja rrapportaw l-aktar rati baxxi ta' parteċipazzjoni, u tnaqqis sinifikanti mis-sena preċedenti (-1.3 pp u -2.4 pp, rispettivament). Il-livelli baxxi u li qed jiddeterjoraw fiż-żewġ pajjiżi, kif ukoll fir-Rumanija (12.3 %) u fil-Polonja (12.6 %), jikkostitwixxu "sitwazzjoni kritika" li jistħoqqilha attenzjoni partikolari. Filwaqt li rrapportaw livelli kemxejn ogħla, il-parteċipazzjoni fl-ECEC kienet baxxa wkoll fil-Bulgarija (17.4 %), fl-Irlanda (22.1 %) u fl-Awstrija (24.1 %). F'dawn il-pajjiżi, ir-rati baqgħu stabbli jew żdiedu – għall-kuntrarju tal-Litwanja (19.9 %) u l-Ġermanja (23.3 %), fejn il-parteċipazzjoni naqset fl-2023. F'dawn il-ħames pajjiżi, is-sitwazzjoni titqies li "għandha tiġi osservata". B'kuntrast ma' dan, l-Iżvezja (56.9 %), Franza (57.4 %), il-Lussemburgu (60 %) u n-Netherlands (71.5 %) huma "bl-aħjar prestazzjoni", b'rati ta' parteċipazzjoni għoljin u li qed jiżdiedu. Hemm diversi ostakli li jistgħu jxekklu l-parteċipazzjoni fl-ECEC, inkluż ostakli finanzjarji, kulturali u lingwistiċi, u differenzi fil-politiki reġjonali u nazzjonali fir-rigward tal-liv tal-ġenituri u l-benefiċċji jew id-drittijiet legali għall-indukrar tat-tfal. L-RRF qed tiffinanzja riformi u investimenti mmirati biex jappoġġaw l-espansjoni tas-servizzi tal-ECEC, l-iżvilupp tal-infrastruttura, u t-taħriġ tal-forza tax-xogħol. L-iżvilupp kajman jeżiġi sforzi msaħħa f'konformità mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, mal-Istrateġija Ewropea għall-Kura u mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal.

166 Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: il-miri ta' Barċellona għall-2030 2022/C 484/01. Ir-rakkomandazzjoni tistabbilixxi miri ġodda dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, li jirriflettu l-miri stabbiliti fl-inizjattiva taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni. Sal-2030, imqar 45 % tat-tfal sa 3 snin u 96 % tat-tfal minn 3 snin sal-età tal-bidu għall-edukazzjoni primarja obbligatorja għandhom ikunu fl-ECEC. Dawk l-Istati Membri li l-parteċipazzjoni medja tagħhom fil-perjodu 2017-21 kienet taħt l-20 % ser ikollhom jiżdiedu b'90 %, filwaqt li l-Istati Membri li l-parteċipazzjoni medja tagħhom kienet ta' 20-33 % ser ikollhom jiżdiedu b'45 %, b'limitu ta' 45 %.

**Illustrazzjoni 2.2.13: Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal naqset f'ħafna mill-Istati Membri**

It-tfal sa 3 snin fl-indukrar formali u bidla annwali, il-livelli tal-2023 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għal DK.
*Sors*: il-Eurostat [tepsr_sp210], l-UE-SILC.

**L-istrutturi tat-tassazzjoni f'ħafna mill-Istati Membri joħolqu diżinċentivi għall-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul, b'mod partikolari n-nisa, biex jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq tax-xogħol, u b'hekk jikkontribwixxu għall-inugwaljanza bejn il-ġeneri fl-impjiegi.** Sistemi konġunti tat-tassazzjoni, li jippermettu lill-familji jippreżentaw introjtu kkombinat għal taxxi potenzjalment aktar baxxi, iżidu r-rata tat-taxxa marġinali għall-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul, tipikament in-nisa (fl-2022, 78 % tal-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul kienu nisa[167]), li għalhekk huma aktar probabbli li jiffaċċjaw inqas inċentivi biex jaħdmu jew jestendu s-sigħat tax-xogħol[168]. Barra minn hekk, il-ħelsien mit-taxxa kontinġenti fuq il-preżentazzjoni konġunta, jew dak immirat biss għal konjugi waħdu, ikompli jiskoraġġixxi l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol[169]. Fl-2023, l-akbar "nases tal-inattività" (fejn l-irtirar mit-taxxa u mill-benefiċċji jiskoraġġixxi b'mod sinifikanti lill-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul fis-suq tax-xogħol) dehru fil-Litwanja, fis-Slovenja, fid-Danimarka, fil-Lussemburgu, fil-Belġju u fil-Ġermanja – ara l-Grafika 2.2.14. F'dawn il-pajjiżi, il-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul li jidħlu fis-suq tax-xogħol jistgħu jitilfu madwar jew aktar minn 50 % tad-dħul minħabba t-taxxi u benefiċċji rtirati. B'kuntrast ma' dan, fost il-pajjiżi b'inqas nases tal-inattività, fejn dak it-telf jista' jkun inqas minn 20 %, hemm l-Awstrija, l-Italja, l-Estonja u Ċipru. L-indirizzar ta' dawn id-diżinċentivi strutturali jista' jnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi u jżid il-PDG, bl-istimi tal-Bank Dinji jissuġġerixxu gwadann ekonomiku potenzjali ta' 10 % għall-Ewropa jekk jixxejnu d-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi[170].

167 Ara l-Kummissjoni Ewropea, 2023 report on gender equality in the EU, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

168 Ara Coelho, M. et al., Gendered Taxes: The Interaction of Tax Policy with Gender Equality. Il-Fond Monetarju Internazzjonali, 2022.

169 Għal diskussjoni estensiva dwar it-tassazzjoni tax-xogħol, ara wkoll il-Kummissjoni Ewropea, it-Taqsima 3.2 u t-Taqsima 4.2.3 tar-*Rapport Annwali tal-2024 dwar it-Tassazzjoni,* l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

170 Pennings, S. M., *A Gender Employment Gap Index (GEGI): A Simple Measure of the Economic Gains from Closing Gender Employment Gaps, with an Application to the Pacific Islands.* Il-Bank Dinji, il-Grupp tar-Riċerka dwar l-Ekonomija tal-Iżvilupp. Washington: il-Bank Dinji, 2022.

**Illustrazzjoni 2.2.14: It-tassazzjoni tikkontribwixxi ferm għan-nassa tal-inattività għall-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul**

Nassa tal-inattività għall-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul (%, 2023)




*Nota*: Id-data hija għal ħaddiem li huwa t-tieni sors ta' dħul b'67 % tal-paga medja f'familja b'żewġ persuni b'paga u b'żewġt itfal; il-ħaddiem bid-dħul prinċipali jkun bil-paga medja. "Kontribuzzjoni tat-tassazzjoni" tirreferi għall-persentaġġ ta' introjtu gross addizzjonali mitluf f'taxxa minħabba t-tassazzjoni u l-SSCs (elementi oħra li jikkontribwixxu għan-nassa tal-inattività huma benefiċċji tal-qgħad, assistenza soċjali u benefiċċji għall-akkomodazzjoni rtirati).
*Sors*: il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ ECFIN, il-bażi tad-data tat-taxxa u l-benefiċċji, ibbażata fuq il-mudell tat-taxxa/tal-benefiċċji tal-OECD (aġġornat f'April 2024).

**In-nisa jintlaqtu b'mod sproporzjonat min-"nassa tal-pagi baxxi", fejn żidiet qawwija fit-taxxi u tnaqqis fil-benefiċċji jnaqqsu l-introjtu inkrementali tagħhom hekk kif jiżdied id-dħul tagħhom.** F'ħafna mill-Istati Membri, bħal fil-każ tan-nassa tal-inattività, it-tassazzjoni taqdi rwol ewlieni biex jiġi ddeterminat il-livell tan-nassa tal-pagi baxxi għall-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul, li ħafna minnhom huma nisa[171]. Iżda din is-sitwazzjoni hi differenti min-nassa tal-inattività, fejn l-individwi jkunu barra mill-forza tax-xogħol. Kif turi l-Grafika 2.2.15, il-proporzjon ta' introjtu addizzjonali li huwa effettivament "intaxxat" meta l-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul iżidu d-dħul minn terz għal żewġ terzi tal-paga medja għax iżidu s-sigħat tax-xogħol jista' jkun sostanzjali – madwar terz (36.6 %) tad-dħul inkrementali tagħhom bħala medja fl-UE, u dan it-telf jaqbeż il-105 % fil-Litwanja minħabba l-irtirar tal-benefiċċju għall-akkomodazzjoni. L-impatt jista' jkun sinifikanti wkoll fil-Belġju (60.3 %) u fil-Lussemburgu (53 %), filwaqt li jidher l-inqas f'Ċipru (14.6 %). Id-disponibbiltà u l-aċċess għal servizzi tal-kura affordabbli u ta' kwalità għolja, flimkien ma' politiki mfassla tajjeb dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, huma essenzjali biex il-ħaddiema jitħeġġu jżidu s-sigħat tax-xogħol tagħhom.

[171] Ara l-Kummissjoni Ewropea, 2023 report on gender equality in the EU, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

**Grafika 2.2.15: F'ħafna Stati Membri, it-tassazzjoni tipprovdi diżinċentivi għall-ħaddiema b'paga baxxa biex jaħdmu aktar sigħat**

Nassa tal-pagi baxxi għall-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul (%, 2023)




*Nota*: in-nassa tal-pagi baxxi meta l-paga għall-ħaddiem li huwa t-tieni sors ta' dħul tiżdied minn 33 % għal 66 % u l-ħaddiem bid-dħul prinċipali jkun jaqla' 100 % tal-paga medja, b'żewġt itfal.

*Sors*: il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ ECFIN, Tax and benefits database, abbażi tal-mudell tat-taxxi u l-benefiċċji tal-OECD (aġġornat f'April 2024).

**L-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol stagħnat, b'xejra diverġenti fost l-Istati Membri.** Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà[172] (jiġifieri d-differenza fir-rati ta' impjieg bejn il-persuni b'diżabbiltà u l-bqija) baqgħet kważi l-istess fl-2023, b'21.5 pp (21.4 pp fl-2022), u b'hekk waqqfet ix-xejra pożittiva tas-sentejn preċedenti. Filwaqt li d-distakk naqas fi 15-il Stat Membru, b'titjib notevoli fl-Estonja (-6.0 pp) u f'Malta (-4.3 pp), dan kiber ferm fi Stati membri oħra, bħal fil-Lussemburgu (15.2 pp) u fil-Bulgarija (10.0 pp). L-inqas distakki ġew irrapportati fi Spanja (13.8 pp), fil-Portugall (14.0 pp), fl-Italja (15.9 pp) u fis-Slovenja (17.3 pp), u dawn kollha kienu "bl-aħjar prestazzjoni". Għall-kuntrarju, ġiet osservata "sitwazzjoni kritika" fil-Litwanja, fil-Belġju, fil-Polonja u fl-Irlanda, fejn id-distakk qabeż it-30 pp, kif ukoll fil-Kroazja u fil-Bulgarija, fejn id-distakk qorob l-40 pp. Il-persuni b'diżabbiltà wkoll iġarrbu ishma għoljin ta' inattività: fl-2022, f'20 Stat Membru, aktar minn 40 % tal-popolazzjoni b'diżabbiltà fl-età tax-xogħol (15-64) kienet barra mill-forza tax-xogħol, bir-rata taqbeż is-60 % fil-Bulgarija, fil-Greċja, fir-Rumanija, fl-Ungerija, fil-Kroazja u fil-Polonja[173]. In-nuqqas ta' miżuri adegwati għall-inklużjoni u ż-żamma fis-suq tax-xogħol għall-persuni b'diżabbiltà, in-nuqqas ta' ħiliet adegwati, u n-nuqqas kumplessiv ta' għarfien fost l-impjegaturi rigward l-obbligi legali u l-miżuri ta' appoġġ ta' politika għadhom fatturi li x'aktarx jikkontribwixxu għal dawn ir-rati għoljin ta' nuqqas ta' parteċipazzjoni.

[172] L-indikatur tad-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà bħalissa huwa kkalkulat mill-UE-SILC u bbażat fuq l-istatus tad-diżabbiltà kif mogħti mill-Indikatur Globali tal-Limitazzjoni fl-Attività (GALI). Ara l-Anness 2 għal aktar dettalji.
[173] Il-Eurostat, [lfsa_argaeddl].

**Grafika 2.2.16: Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà għadha wiesgħa, b'xejra diverġenti evidenti fost l-Istati Membri**

Id-differenza fl-impjiegi bejn il-persuni b'diżabbiltà u l-bqija (20-64 sena), il-livelli tal-2023 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għal HR. Valur stmat għal DE. Affidabbiltà baxxa għal PL. Kategorizzazzjoni nieqsa għal DK.
*Sors*: l-Eurostat [tepsr_sp200], l-UE-SILC.

**L-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kompliet titjieb, iżda baqa' sparigg sinifikanti bejn il-livelli ta' kwalifiki tagħhom u l-istatus tal-impjieg.** Ir-rata ta' impjieg taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi laħqet it-63 % fl-2023, ferm inqas mir-rata tal-persuni mwielda fl-UE, u ma jidhrux sinjali ta' tnaqqis fid-distakk. Wara l-pandemija tal-COVID-19, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi qabżu ż-żewġ terzi (70 %) taż-żieda fil-forza tax-xogħol tal-UE fl-2022[174], iżda dawn komplew ikollhom livelli għoljin ta' qgħad (12.2 % fl-2023 vs 5.4 % għaċ-ċittadini tal-pajjiż) u rati ta' kwalifiki eċċessivi (39.4 % vs 20.8 %)[175]. In-nisa li twieldu barra mill-UE kienu f'sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli, b'differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi ta' 24 pp, u 44 % minnhom bi kwalifiki żejda[176]. Tista' tiġi osservata xejra ġenerali lejn impjieg aktar stabbli għall-gruppi kollha, iżda ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kienu aktar sikwit impjegati b'kuntratti għal żmien fiss mill-persuni li twieldu fl-UE (inkluż ċittadini u persuni li jiċċaqilqu fl-UE). Fl-2024, l-UE kompliet timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni tagħha għall-2021-27 dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni, li jipprovdi qafas ta' politika komuni biex jappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' politiki nazzjonali għall-integrazzjoni tal-migranti[177].

174 Ara l-Kummissjoni Ewropea, Labour market and pay developments in Europe 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

175 Il-Kummissjoni Ewropea, Studju EMN 2023:Rapport Annwali dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, 2023.

176 L-OECD/il-Kummissjoni Ewropea, Indicators of Immigrant Integration 2023:Settling In, pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, 2023.

177 Ara l-Kummissjoni Ewropea, Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027.

**Ir-rati ta' impjieg għall-benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja mill-Ukrajna żdiedu f'ħafna mill-Istati Membri, u dan juri integrazzjoni aktar malajr fis-suq tax-xogħol meta mqabbla ma' gruppi oħra ta' refuġjati[178].** Sa Mejju 2024, madwar 4.3 miljun persuna kellhom status ta' protezzjoni temporanja fl-UE, bi 2.5 miljun persuna bejn it-18 u l-64 sena. L-Ukreni huma meqjusa li għandhom prospetti għoljin ta' integrazzjoni, minħabba l-livelli komparattivament għoljin tagħhom ta' edukazzjoni, networks soċjali stabbiliti u aċċess immedjat għall-impjiegi. Mit-tielet kwart tal--2023, aktar minn 40 % ta' dawk fl-età tax-xogħol (18-64) bi protezzjoni temporanja kienu impjegati, iżda b'differenzi kbar bejn il-pajjiżi, li jvarjaw minn madwar żewġ terzi (66 %) fil-Litwanja għal inqas minn 20 % fil-Belġju u l-Kroazja. L-Ukreni bi protezzjoni temporanja li jibqgħu barra mill-forza tax-xogħol spiss isemmu d-dmirijiet tal-kura, filwaqt li dawk qiegħda jidentifikaw il-lingwa bħala ostaklu primarju. Iżda l-persuni spostati mill-Ukrajna jikkontribwixxu ferm għat-tkabbir tal-forza tax-xogħol tal-UE, kif jindikaw bosta stimi differenti[179]. Għalkemm ħafna huma żgħażagħ u b'livell għoli ta' edukazzjoni, l-opportunitajiet tax-xogħol li jaqblu mal-kwalifiki tagħhom għadhom limitati[180].

---

[178] In-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN, European Migration Network), Labour market integration of beneficiaries of temporary protection from Ukraine: Joint EMN-OECD inform, 2024.

[179] Għal analiżi aktar dettaljata dwar l-eżiti tas-suq tax-xogħol tan-nies li qed jaħarbu l-gwerra fl-Ukrajna lejn l-UE, ara l-Kummissjoni Ewropea, Labour market and pay developments in Europe 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

[180] Ir-Rapport Annwali tan-Network tal-PES għall-2023 tan-Network Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES, Public Employment Services).

**Kaxxa 3 tal-Pilastru: Nindirizzaw l-ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol fl-UE**

**F'kuntest ta' skarsezzi persistenti tal-ħaddiema u tal-popolazzjoni li qed tixjieħ, l-attivazzjoni tal-persuni barra mill-forza tax-xogħol hi sfida ewlenija li teħtieġ azzjoni politika.** Ishma għoljin tal-persuni barra mill-forza tax-xogħol jistgħu jillimitaw it-tkabbir ekonomiku għax jaggravaw l-iskarsezzi eżistenti tal-ħaddiema u tal-ħiliet u b'hekk ixekklu l-produttività u l-kompetittività. Dawn jixħtu wkoll f'riskju s-sostenibbiltà fiskali u l-adegwatezza tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali fid-dawl tat-tixjiħ tal-popolazzjoni. Minkejja t-titjib fir-rata ta' impjieg tal-UE, il-persuni barra mill-forza tax-xogħol (li mhumiex impjegati u lanqas qiegħda) għadhom jikkostitwixxu 20 % tal-popolazzjoni tal-UE tal-lum fil-grupp ta' età 20-64, b'varjazzjoni konsiderevoli fost l-Istati Membri. Fl-istess ħin, il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol mistennija tonqos tul id-deċennji li ġejjin fl-UE. Sal-2045 mistenni jkun hemm 16-il impjegat għal kull għaxar persuni li qabżu l-65 sena barra mill-forza tax-xogħol, u 14 biss sal-2070, tnaqqis minn 22 fl-2022[181]. Dan l-iżbilanċ dejjem akbar li qed jitbassar jeħtieġ soluzzjonijiet ta' politika. L-istimi jissuġġerixxu li ż-żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol fl-UE se tkun kruċjali biex tintlaħaq il-mira tar-rata ta' impjieg ta' 78 % sal-2030. Hemm bżonn attivazzjoni u integrazzjoni fis-suq tax-xogħol aktar b'saħħithom ħalli jsir progress fuq il-prinċipju 4 (dwar l-appoġġ attiv għall-impjiegi) tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. F'konformità ma' dan, il-Kummissjoni stabbiliet firxa ta' inizjattivi biex tindirizza s-sehem għoli ta' persuni barra mill-forza tax-xogħol, bħall-Garanzija għaż-Żgħażagħ Imsaħħa, id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata u, aktar reċentement, il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet (ara wkoll il-Kaxxa tal-Pilastru fit-taqsima 2.1.), li tistabbilixxi azzjonijiet ġodda għall-UE, l-Istati Membri u s-sħab soċjali biex, fost l-oħrajn, jappoġġaw l-attivazzjoni tal-gruppi sottorappreżentati[182].

181 Il-Kummissjoni Ewropea, 2024 Ageing Report, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

182 Il-Kummissjoni Ewropea, Labour and skills shortages in the EU: an action plan. COM(2024) 131 final.

**Għadd sinifikanti ta' persuni jistgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol tal-UE permezz ta' appoġġ immirat u mfassal apposta għall-akbar gruppi sottorappreżentati**

Kontribut potenzjali ta' gruppi differenti tal-popolazzjoni għas-sehem aggregat ta' persuni fil-forza tax-xogħol tal-UE sal-2030




*Nota*: simulazzjoni tas-sehem tal-UE għall-2030 tal-persuni fil-forza tax-xogħol jekk l-Istati Membri b'ishma inqas mill-medja tal-persuni fil-forza tax-xogħol għal kull sottogrupp jaqbżu l-medja tas-sottogrupp tal-UE, filwaqt li ishma tal-persuni fis-suq tax-xogħol għas-sottogruppi l-oħra jiġu preżunti li jibqgħu kostanti. Dan il-kalkolu jinjora t-trikkib u l-possibbiltà ta' għadd doppju bejn il-gruppi u ma għandux jiġi konfuż ma' tbassir.
*Sors*: il-kalkoli tad-DĠ EMPL, ibbażati fuq id-data tal-Eurostat u l-projezzjonijiet tal-EUROPOP2023.

**Minkejja t-titjib, diversi gruppi tal-popolazzjoni għadhom sottorappreżentati ferm fis-suq tax-xogħol tal-UE.** Dawn jinkludu n-nisa, l-persuni akbar fl-età, il-persuni bi kwalifiki baxxi u medji, il-persuni b'diżabbiltà (PwDs, persons with disabilities) u l-persuni bi sfond ta' migrazzjoni jew minoranza, skont il-kuntest speċifiku tal-pajjiż partikolari. Minn dawn, in-nisa, il-persuni li waslu biss sal-edukazzjoni sekondarja u l-persuni akbar fl-età jikkostitwixxu b'mod kumplessiv l-akbar gruppi barra mill-forza tax-xogħol tal-UE li potenzjalment jistgħu jiddaħħlu fl-impjieg permezz ta' miżuri ta' attivazzjoni adegwati[183]. L-istimi tal-Kummissjoni juru li jekk l-Istati Membri b'ishma aktar baxxi mill-medja ta' persuni fil-forza tax-xogħol għal kull wieħed mis-sottogruppi ta' hawn fuq kellhom iżidu l-parteċipazzjoni għall-medji rispettivi tas-sottogrupp tal-UE sal-2030, fis-suq tax-xogħol ikun hemm 3.6 miljun mara addizzjonali, 2.9 miljun persuna b'edukazzjoni sekondarja u 2.2 miljun ħaddiem akbar fl-età, rispettivament (jekk ninjoraw it-trikkib u d-duplikazzjonijiet bejn il-gruppi) – ara l-Grafika[184]. Għal dan l-għan, il-ħolqien ta' distribuzzjoni aktar ekwa tax-xogħol domestiku u tar-responsabbiltajiet tal-kura mhux imħallsin, u t-titjib tal-aċċess, l-affordabbiltà u l-kwalità tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC) jikkontribwixxu biex jonqsu l-ostakli tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Għall-persuni akbar fl-età, il-mard jew id-diżabbiltà huma r-raġunijiet ewlenin għalfejn jibqgħu barra mill-forza tax-xogħol flimkien mar-responsabbiltajiet tal-kura, fatturi relatati mal-post tax-xogħol u ostakli istituzzjonali, bħal regolamenti dwar is-sigurtà soċjali u dwar il-pensjonijiet, li jeħtieġ jiġu indirizzati biex jippermettu parteċipazzjoni akbar fis-suq tax-xogħol. Il-persuni li waslu biss sal-edukazzjoni sekondarja jew sal-edukazzjoni baxxa ħafna drabi jsibu diffikultajiet biex jaċċessaw is-suq tax-xogħol, u dawn jeħtieġu politiki adegwati tal-ħiliet u appoġġ immirat u individwalizzat. Persuni bi sfond ta' migrazzjoni jew minoranza jistgħu jibbenefikaw ferm mill-miżuri mmirati sabiex jindirizzaw l-ispariġġi fil-ħiliet, itejbu l-proficjenza fil-lingwi, jiġġieldu d-diskriminazzjoni, u jirċievu servizzi ta' appoġġ imfassal apposta u integrat. It-titjib tal-aċċess għal opportunitajiet tal-impjieg ta' kwalità għolja filwaqt li jiġu żgurati intitolamenti relatati mad-diżabbiltà jista' jnaqqas il-fatturi li potenzjalment jiddiżinċentivaw lill-PwDs milli jidħlu fil-forza tax-xogħol.

[183] Hemm 32 miljun mara (25.2 %), 20 miljun persuna akbar fl-età (33 %) u 25 miljun persuna li waslu sal-edukazzjoni sekondarja (21.1 %) li ma kinux parti mis-suq tax-xogħol tal-UE fl-2023.

[184] Peress li s-sottogruppi jirkbu lil xulxin, iċ-ċifri dwar l-għadd addizzjonali ta' persuni fil-forza tax-xogħol mhumiex addittivi fost is-sottogruppi.

**Tul dawn l-aħħar snin, diversi Stati Membri ħadu azzjonijiet apposta biex ixejnu l-ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol għall-gruppi sottorappreżentati.** F'Settembru 2023, bħala parti mill-RRP tagħha, il-**Kroazja** adottat mudell għall-kofinanzjament tal-kostijiet operatorji tal-faċilitajiet tal-ECEC għall-muniċipalitajiet b'kapaċità finanzjarja aktar baxxa, biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-investimenti fir-rinovazzjoni tal-faċilitajiet eżistenti tal-ECEC jew fil-kostruzzjoni ta' oħrajn ġodda. B'hekk, il-gvernijiet lokali u reġjonali setgħu jżidu d-disponibbiltà u jtejbu s-sostenibbiltà u l-affordabbiltà tal-ECEC. Fl-**Irlanda**, minn Marzu 2024, il-persuni li jindukraw kisbu d-dritt li jitolbu xogħol flessibbli, inkluż sigħat imnaqqsa u kompressati. Skont il-Programm tal-Impjiegi 2024-29, il-persuni fl-età tal-irtirar fl-**Estonja** jiksbu, fost l-oħrajn, aċċess għal taħriġ u appoġġ biex jiksbu kwalifiki. F'**Malta**, l-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim Tul il-Ħajja 2023-30 hija mmirata b'mod partikolari għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet u bi kwalifiki baxxi ħalli tindirizza d-diskrepanzi u d-defiċits bażiċi fil-ħiliet. Fl-**Awstrija**, l-hekk imsejjaħ "Intensivprogramm Arbeitsmarktintegration" għandu l-ħsieb li jippromwovi l-integrazzjoni malajr tal-persuni bi sfond ta' migrazzjoni permezz ta' korsijiet tal-Ġermaniż, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-orjentazzjoni tal-karriera tul l-2024 u l-2025. Fl-2023, il-**Ġermanja** żiedet il-limitu massimu għall-introjtu mix-xogħol għall-persuni b'diżabbiltà li jirċievu pensjoni mnaqqsa tal-kapaċità tad-dħul.

### 2.2.2 Miżuri meħuda mill-Istati Membri

**L-Istati Membri qed jieħdu passi biex iżidu l-parteċipazzjoni tat-tfal fl-edukazzjoni u l-kura bikrija, b'enfasi fuq l-affordabbiltà u l-espansjoni tal-kapaċità.** Fil-**Litwanja**, minn Settembru 2024, it-tfal kollha sa 3 snin, u sa Settembru 2025, it-tfal kollha sa sentejn, se jkollhom id-dritt li jaċċessaw l-ECEC. Se tissokta l-espansjoni tal-faċilitajiet tal-ECEC madwar l-UE bl-appoġġ tal-fondi tal-UE. Fil-**Kroazja**, hemm inklużi 343 proġett b'baġit totali ta' EUR 214 miljun fl-RRP, li se jipprovdu mqar 22 500 post addizzjonali, bil-ħsieb li l-parteċipazzjoni tiżdied għal 90 % sal-2026. Permezz tal-programm "Active Toddler" 2022-2029 u bl-appoġġ tal-fondi tal-UE (FSE+ u RRF), il-**Polonja** se toħloq aktar minn 100 000 post ġdid għall-indukrar tat-tfal, l-aktar fiż-żoni mhux moqdija biżżejjed, u timmira li tistabbilixxi mudell ta' finanzjament sostenibbli. Bl-appoġġ tal-RRF, il-pajjiż qed jadotta wkoll standards ġodda tal-kwalità għall-fornituri, u l-FSE+ jimmira li jħarreġ lil 9 000 membru tal-persunal tal-indukrar tat-tfal u 2 500 persunal maniġerjali, u 1 400 rappreżentant tal-muniċipalitajiet, u fl-istess ħin jittrasforma l-impjegati tal-indukrar tat-tfal f'uffiċjali pubbliċi. Fir-**Rumanija**, bl-appoġġ tal-RRF, qed jiġi żviluppat programm tat-taħriġ kontinwu fuq skala kbira għall-ħaddiema tal-ECEC biex jappoġġa l-implimentazzjoni ta' kurrikulu ġdid u l-monitoraġġ tal-faċilitajiet tal-kwalità u tal-ECEC li nbnew jew li ġew rinnovati biex jindirizzaw l-iskarsezzi fil-kapaċità, b'mod partikolari fiż-żoni mhux moqdija biżżejjed. Is-**Slovakkja** bħalissa qed tiżviluppa sistema ta' appoġġ għall-edukazzjoni inklużiva permezz ta' programmi edukattivi kontinwi għall-għalliema u l-persunal speċjalizzat, inkluż fl-ECEC. L-**Italja** żiedet il-*bonus asilo nido*. Il-bonus mogħti għall-ħlas tal-miżati tal-kindergarten żdied sa EUR 3 600 għat-tfal imwielda fl-1 ta' Jannar 2024 jew wara, li l-familji tagħhom ikollhom Indikatur tas-Sitwazzjoni Ekonomika Ekwivalenti (ISEE, Equivalent Economic Situation Indicator) sa EUR 40 000 u li diġà għandhom wild iżgħar minn 10 snin. Il-**Bulgarija** ppubblikat il-Pjan ta' Azzjoni tagħha tal-2024 għall-Promozzjoni tal-Iżvilupp Bikri tat-Tfal biex tiżviluppa approċċ ta' politika ħolistiku, inkluż b'enfasi qawwija fuq l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. **Ċipru**, bi qbil ma' riforma li hemm fl-RRP tiegħu, qed inaqqas gradwalment l-età obbligatorja tal-ECEC minn 4 snin u 8 xhur għal 4 snin; sas-sena skolastika 2024-2025, din se titnaqqas b'xahrejn u sal-2025-2026 b'xahar ieħor.

Fil-**Ġermanja**, il-Ħames Programm ta' Investiment għall-finanzjament tal-ECEC, bl-appoġġ tal-RRF, ħoloq aktar minn 90 000 post fil-faċilitajiet tal-ECEC. Barra minn hekk, il-gvern federali kien qed jinvesti wkoll fl-iżvilupp ulterjuri tal-kwalità u fit-titjib tal-parteċipazzjoni: bejn l-2019 u l-2024, ġew allokati madwar EUR 9.5 biljun għal-Laender għal dan l-għan. Bl-appoġġ tal-FEŻR+ u l-RRF, l-**Ungerija** qed tippjana li tkompli tiżviluppa s-sistema tagħha tal-kura tat-tfal sabiex tadattaha għall-ħtiġijiet tal-ġenituri. Bħala parti mill-Programm Operazzjonali għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani Plus (HRDOP+), il-pajjiż għandu l-għan li jżid l-għadd ta' persunal tal-ECEC kompletament ikkwalifikat, inkluż professjonisti kwalifikati terzjarji fl-indukrar tat-tfal taħt it-tliet snin.

**Saru riformi u investimenti kbar biex tingħata spinta lill-ħiliet bażiċi, inkluż reviżjonijiet komprensivi tal-kurrikuli, iżda hemm bżonn aktar sforzi madwar l-UE biex jitreġġgħu lura x-xejriet ta' tnaqqis. Ċipru** implimenta riforma tal-edukazzjoni u t-taħriġ li ilha għaddejja għaxar snin, u wettaq ir-reviżjoni tal-kurrikuli (inklużi fl-RRP tiegħu), bidla lejn evalwazzjoni formattiva tal-istudenti, qafas ta' governanza li jindirizza d-diżimpenn tal-istudenti u t-tluq bikri mill-iskola, u edukazzjoni ta' ġurnata sħiħa fl-edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell. F'Settembru 2024, **Spanja** nediet il-Pjan għat-Tisħiħ tal-Matematika u l-Fehim tal-Qari, li minnu bbenefikaw aktar minn ħames miljun student(a) fi skejjel iffinanzjati mill-Istat, b'aktar appoġġ għall-għalliema, aktar riżorsi skolastiċi, u lezzjonijiet ekstrakurrikulari. Barra minn hekk, skont l-RRP, il-Programm ta' Spanja għall-Orjentazzjoni, il-Progress u l-Arrikkiment Edukattiv (PROA+, Programme for Orientation, Progress, and Educational Enrichment) jimmira li jtejjeb l-eżiti edukattivi tal-istudenti li jiffaċċjaw l-akbar diffikultajiet fi mqar 2 700 skola, b'finanzjament ipprovdut sal-2024. Bejn l-2025 u l-2028, l-FSE+ se jgħin biex jiġi mobilizzat finanzjament addizzjonali ta' EUR 105 miljun kull sena. Fil-**Litwanja**, matul l-2023 u l-2024 tnediet l-implimentazzjoni f'żewġ fażijiet ta' kurrikulu ġdid ibbażat fuq il-kompetenzi, iżda l-impatt tiegħu għadu mhux jinħass. Mill-2025, il-Ministeru għlal-Edukazzjoni tar-**Rumanija** beda jiżviluppa mekkaniżmu ta' intervent għal-litteriżmu funzjonali fl-edukazzjoni ta' qabel l-università, biex jindirizza l-livelli inkwetanti tal-ħiliet bażiċi fost l-istudenti Rumeni tal-edukazzjoni primarja u sekondarja.

**Diversi Stati Membri qed isaħħu wkoll il-professjoni tat-tagħlim b'reazzjoni għat-tnaqqis fil-ħiliet bażiċi.** Fil-**Polonja**, il-leġiżlazzjoni l-ġdida adottata fi Frar 2024 żiedet is-salarji tal-għalliema bi 30 %, u bi 33 % għall-għalliema l-ġodda minn Jannar 2024. Fir-**Rumanija** ddaħħlu miżuri leġiżlattivi ġodda biex il-pagi tal-għalliema jiġu allinjati mas-salarju gross medju nazzjonali, jiġifieri ngħataw żidiet fis-salarji ta' medja ta' 25 % fl-2023 b'aktar żidiet fil-bidu tal-2024. Fis-**Slovakkja**, il-pagi tal-għalliema żdiedu darbtejn fl-2023: b' 10 % f'Jannar u b' 12 % addizzjonali f'Settembru. L-**Estonja** żiedet is-salarji tal-għalliema bi 23.9 % fl-2023 biex tindirizza l-inflazzjoni għolja, u l-gvern ħareġ pjanijiet biex is-salarji tal-għalliema jinġiebu għal 120 % tal-paga medja sal-2027. F'Diċembru 2023, l-**Ungerija** introduċiet żieda kbira fis-salarji tal-għalliema, b'kofinanzjament mill-FSE+ inkluż ukoll fl-RRP, bħala parti minn programm biex tissaħħaħ l-attraenza tal-professjoni tat-tagħlim. Bħala l-ewwel pass, f'Jannar 2024 ġiet implimentata żieda medja ta' 32 %. Il-gvern impenja ruħu li sal-2025 iżid is-salarji tal-għalliema għal 80 % tal-pagi tal-professjonisti bi kwalifiki terzjarji oħra, u li jsostni dan il-livell imqar sal-2030. Iċ-**Ċekja** laħqet tappi importanti fir-riforma tal-edukazzjoni inizjali tal-għalliema billi ppubblikat qafas ġdid ta' kompetenza għall-gradwati fl-2023, u inkorporatu fl-akkreditazzjoni tal-programmi tat-taħriġ tal-għalliema fl-2024; u saħħet l-orjentazzjoni tal-prattika tat-taħriġ tal-għalliema. Fis-sena akkademika 2023/2024, l-implimentazzjoni ta' programmi ġodda għat-taħriġ inizjali tal-għalliema bdiet fil-Komunità Franċiża tal-**Belġju**, wara kważi għoxrin sena ta' tħejjija. Ir-riforma testendi l-perjodu tat-taħriġ minn 3 għal 4 snin ("Masterizzazzjoni") u tintroduċi test dijanjostiku biex jissaħħu l-kompetenzi tal-għalliema futuri fil-Franċiż. Il-**Portugall** nieda l-programm "Aktar lezzjonijiet, Aktar suċċess", strutturat madwar tliet pilastri: (1) Appoġġ akbar - Titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-għalliema permezz ta' miżuri li jissimplifikaw ix-xogħol amministrattiv u l-ħlas għas-sahra; (2) Ġestjoni aħjar - nagħtu lill-iskejjel l-għodod biex jippermettu lill-kaptani jimmaniġġjaw l-għalliema b'mod aktar effettiv sabiex inaqqsu l-għadd ta' studenti mingħajr lezzjonijiet u (3) Iż-żamma u l-attrazzjoni tal-għalliema - joħolqu inċentivi biex iżommu u jattiraw għalliema lejn skejjel bi studenti mingħajr lezzjonijiet.

**Għaddejjin inizjattivi biex jindirizzaw it-tluq bikri mill-iskola u l-inugwaljanzi edukattivi, b'appoġġ sostanzjali mill-fondi tal-UE.** Fil-**Bulgarija**, il-proġett kofinanzjat mill-FSE+ "Suċċess Għalik" (2023-2027) hu mmirat lejn aktar minn 96 000 student(a) minn gruppi vulnerabbli li qed jiffaċċjaw diffikultajiet edukattivi u nuqqasijiet fl-apprendiment, li se jibbenefikaw minn taħriġ addizzjonali fil-lingwa Bulgara, fil-matematika u f'suġġetti oħra. Se jipprovdi wkoll taħriġ lil aktar minn 4 500 edukatur. Fir-**Rumanija**, l-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola tinsab fi stadju avvanzat bl-appoġġ tal-RRF u tal-FSE+. Permezz tal-programm, l-ewwel se jiġu identifikati mqar 2 500 skola b'riskji akbar ta' tluq bikri tal-istudenti, permezz ta' mekkaniżmu ta' twissija bikrija, u l-iskejjel eliġibbli mbagħad jirċievu għotjiet biex jimplimentaw pjanijiet b'miżuri mfassla apposta skont il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Fil-**Ġermanja**, mis-sena skolastika 2024-2025 se jibda l-programm federali l-ġdid ta' 10 snin imsejjaħ "Startchancen" li jimmira sa 4 000 skola (madwar 10 % tal-iskejjel Ġermaniżi) u jipprovdi appoġġ edukattiv lit-tfal u liż-żgħażagħ kollha irrispettivament mis-sitwazzjoni soċjali tal-ġenituri tagħhom. Il-Gvern Federali se jinvesti EUR 1 biljun fis-sena (u daqshekk ieħor se jinvesti l-Laender). Bl-appoġġ tal-RRF, il-Komunità Franċiża tal-**Belġju** adottat pjan ta' azzjoni komprensiv biex tiġġieled it-tluq bikri mill-iskola u l-assenteiżmu fl-2024, inkluż bi gwida individwalizzata għall-istudenti b'għadd kbir ta' assenzi mhux ġustifikati, li jinvolvu lill-familji tagħhom u lil tim ta' intervent pedagoġiku, u sistema tal-IT għall-monitoraġġ tal-assenzi.

**L-Istati Membri qed jagħmlu l-ewwel passi biex jintegraw l-intelliġenza artifiċjali (IA) fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, u jirreaġixxu għar-rwol dejjem akbar li għandha fid-diskussjonijiet tal-politika nazzjonali.** Iċ-**Ċekja** adottat l-Istrateġija Nazzjonali għall-Intelliġenza Artifiċjali tar-Repubblika Ċeka 2030, li tinkludi l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-ħiliet u l-impatt tal-IA fuq is-suq tax-xogħol fost il-prijoritajiet tagħha. Barra minn hekk, diversi universitajiet fiċ-Ċekja joffru programmi ta' studju relatati mal-IA, inkluż dwar l-aspetti tekniċi iżda wkoll il-filosofija, il-kummerċjalizzazzjoni u l-ġestjoni tal-IA. Diversi Stati Membri nedew inizjattivi ffukati fuq l-integrazzjoni tal-IA f'diversi aspetti tal-edukazzjoni. Fl-**Iżvezja**, mis-sena skolastika 2024-2025, l-IA se ssir suġġett ġdid fl-edukazzjoni sekondarja għolja u fl-edukazzjoni muniċipali tal-adulti għall-istudenti fix-xjenza u t-teknoloġija, u li possibbilment jiżdied ukoll għall-istudenti f'perkorsi akkademiċi oħra. Fil-Komunità Fjamminga tal-**Belġju**, iċ-Ċentru tal-Għarfien Digisprong ilu mill-2023 jipprovdi linji gwida u taħriġ addizzjonali biex jappoġġa d-diġitalizzazzjoni fl-edukazzjoni obbligatorja. L-Istrateġija Diġitali tal-**Kroazja** għall-2023 timmira li tiżviluppa l-kompetenzi diġitali u fl-IA, u li tħaddan it-tranżizzjoni diġitali biex twieżen l-iżvilupp tas-sistema edukattiva u tar-riċerka. Fil-**Ġermanja**, id-Deutches Schulportal joffri pjattaforma biex jgħin lill-utenti jsiru midħla tal-IA. Fil-**Lussemburgu**, il-grupp tar-riċerka dwar il-Liġi Komputazzjonali u l-Etika Awtomatika (CLAiM, Computational Law and Machine Ethics) fl-Università tal-Lussemburgu ngħata l-kompitu li jistudja d-dimensjonijiet etiċi u xjentifiċi tal-IA mill-2021, u hemm il-pjanijiet futuri li jitwaqqaf ċentru għall-etika diġitali. Fil-**Polonja**, diversi universitajiet fasslu linji gwida u standards interni biex jirregolaw l-użu tal-IA mill-istudenti. L-Istitut tal-Politika Edukattiva fil-**Greċja** organizza avvenimenti ta' żvilupp professjonali dwar l-"Intelliġenza Artifiċjali fl-Edukazzjoni" għal madwar 2 500 għalliem tal-edukazzjoni primarja u sekondarja u ħareġ għadd ta' linji gwida relatati. L-**Awstrija** se tipprovdi software tal-IA lil 100 skola pilota u se tħejji materjali tal-apprendiment diġitali. Fin-**Netherlands** se jiġu żviluppati proġetti flimkien mal-iskejjel, mal-kumpaniji u max-xjenzati, biex jinkiseb għarfien dwar l-IA fl-edukazzjoni, b'fondi parzjalment mill-RRF. Fir-**Rumanija**, l-RRF qed talloka fondi biex tappoġġa l-parteċipazzjoni tal-istudenti universitarji fi programmi tat-taħriġ għal ħiliet diġitali avvanzati, b'investiment f'laboratorji intelliġenti li jippermettu l-litteriżmu diġitali u teknoloġiku tal-istudenti meħtieġ fis-suq tax-xogħol jew it-taħriġ tal-impjegati taċ-ċivil f'ħiliet diġitali avvanzati.

**Il-modernizzar u t-titjib tal-attraenza tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) huma fuq quddiem fl-aġenda politika ta' bosta Stati Membri.** L-**Estonja** nediet riforma biex iżżid l-attraenza tas-sistema tal-VET, inkluż l-iżvilupp ta' kurrikuli ġodda li jipprijoritizzaw il-kompetenzi u integrazzjoni aktar b'saħħitha tal-VET ma' perkorsi edukattivi oħra. Fl-2024, ġew żviluppati 16-il kurrikulu ġodda ta' erba' snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali, li joffru arranġamenti ta' studju aktar flessibbli u jippermettu diversi speċjalizzazzjonijiet. F'Jannar 2024, il-**Greċja** implimentat leġiżlazzjoni ġdida biex tespandi l-kooperazzjoni fi ħdan is-sistema tal-VET tagħha u toħloq sinerġiji fil-livelli differenti tal-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki (NQF, National Qualifications Framework). B'appoġġ mill-RRF, l-awtoritajiet qed ikomplu jibnu sistema tal-kontroll tal-kwalità għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) biex jivvalutaw l-eżiti tagħha u jtejbu r-rilevanza tagħha għas-suq tax-xogħol. B'sensiela ta' bidliet regolatorji minn nofs l-2023 sal-2024, **Spanja** tejbet il-flessibbiltà fil-ġestjoni tal-VET, inkorporat il-ħiliet diġitali, l-aspetti organizzattivi regolati tal-kurrikulu għal ċikli tat-taħriġ bażiċi, intermedji u ta' livell għoli, u l-komponenti tas-Sistema tat-Taħriġ Vokazzjonali, bħall-iżvilupp tal-Katalogu Nazzjonali tal-Kwalifiki Professjonali u r-reġistri, aġġornat u armonizzat ir-Regoli tal-Operat tal-Kunsill Ġenerali għat-Taħriġ Vokazzjonali, u stabbiliet kwalifiki ogħla tat-taħriġ vokazzjonali u rekwiżiti minimi relatati għat-tagħlim. Bl-appoġġ tal-RRF, **Ċipru**, ilu minn Ġunju 2024 jaġġorna l-kurrikuli tal-VET biex inaqqas l-ispariġġi fil-ħiliet mas-suq tax-xogħol. Il-**Ġermanja** emendat l-Att tagħha biex issaħħaħ il-Promozzjoni tat-Taħriġ u l-Ħiliet Vokazzjonali f'Lulju 2023, billi introduċiet garanzija ta' taħriġ vokazzjonali li tinkludi internships sussidjati ta' orjentazzjoni lejn il-karriera, għotjiet għall-mobbiltà, kwalifiki għad-dħul ta' taħriġ vokazzjonali aktar inklużiv għall-persuni b'diżabilità. Il-pajjiż espanda wkoll l-opportunitajiet ta' taħriġ vokazzjonali ffinanzjati mill-Istat, speċjalment f'oqsma b'għażliet limitati kif ukoll bl-introduzzjoni ta' benefiċċju għall-iżvilupp tal-ħiliet għall-impjegati li l-impjiegi tagħhom huma mhedda minn bidla strutturali.

**Xi pajjiżi qed jinvestu wkoll ġmielhom fis-sistemi tal-VET tagħhom.** Bħala parti mill-RRP tiegħu, **Ċipru** qed jaġġorna l-infrastruttura tal-VET tiegħu b'inizjattivi bħall-bini ta' skola teknika ġdida f'Limassol, li għandha titlesta sa Ġunju 2026, u aġġorna 20 laboratorju minn dakinhar 'l hawn biex jindirizza l-ispariġġi fil-ħiliet mas-suq tax-xogħol. Il-baġit tal-**Iżvezja** għall-2024 żied SEK 1.36 biljun (EUR 15.2 biljun) għall-VET reġjonali għall-adulti, b'madwar 16 500 post addizzjonali ta' sena sħiħa fl-edukazzjoni vokazzjonali għall-adulti u madwar 3 000 fl-edukazzjoni vokazzjonali għolja. Barra minn hekk, l-RRP Żvediż qed jappoġġa 16 900 post ta' studju addizzjonali ta' sena sħiħa fl-edukazzjoni vokazzjonali reġjonali għall-adulti u 14 900 post fl-edukazzjoni vokazzjonali għolja. Bħala parti mill-RRP tagħha, il-**Polonja** kienet qed taħdem fuq l-istabbiliment ta' ċentri tal-ħiliet settorjali, fl-ispirtu ta' ċentri ta' eċċellenza vokazzjonali, li jaqdu l-ħtiġijiet ta' diversi gruppi, eż. adulti, studenti, żgħażagħ, għalliema tal-edukazzjoni vokazzjonali u impjegati. Is-sħab ewlenin f'dan l-isforz se jkunu, fost l-oħrajn, skejjel vokazzjonali, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, intrapriżi u organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, awtoritajiet lokali, u ċentri tar-riċerka u l-iżvilupp. Bħala parti mill-RRP tagħha, **Spanja** qed tħaddem l-appoġġ tal-FSE+ biex tinvesti fit-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika tat-taħriġ vokazzjonali, b'enfasi fuq it-taħriġ tal-għalliema, klassijiet modernizzati li jissimulaw il-postijiet tax-xogħol teknoloġiċi, kif ukoll network ta' 50 ċentru ta' eċċellenza biex jixprunaw ir-riċerka u l-innovazzjoni. Bl-RRP, il-**Portugall** jimmira li jimplimenta riforma maħsuba biex issaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika kumplessiva tal-edukazzjoni u t-taħriġ, jaġġorna l-Katalogu Nazzjonali tal-Kwalifiki biex jinkorpora ħiliet u professjonijiet emerġenti, jippromwovi programmi mmirati tal-litteriżmu għall-adulti għal individwi b'livell baxx ta' ħiliet, u jindirizza l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi bir-ridistribuzzjoni tan-network tal-VET. Din ir-riforma qed tiġi kkomplementata b'investimenti mdaqqsa fl-istabbiliment u fir-rinovazzjoni ta' 365 Ċentru tat-Teknoloġija Speċjalizzata fl-iskejjel u fl-istituzzjonijiet vokazzjonali, flimkien mal-investimenti f'111 ċentru pubbliku tat-taħriġ vokazzjonali billi jinbnew ċentri ġodda jew billi jiġu rinnovati ċentri eżistenti, u billi jinxtara tagħmir teknoloġiku avvanzat f'oqsma bħad-diġitalizzazzjoni, l-enerġija rinnovabbli, u l-Industrija 4.0.

**Għadd ta' Stati Membri qed jippromwovu l-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol u l-apprendistati.** F'Marzu 2024, bħala parti mill-RRP tagħha, il-**Bulgarija** emendat il-qafas regolatorju tal-VET tagħha biex twessa' l-kooperazzjoni mal-impjegaturi, b'mod partikolari b'apprendiment ibbażat fuq ix-xogħol u fuq sistema doppja tal-edukazzjoni vokazzjonali. F'Diċembru 2023, **Franza** għaddiet liġi ġdida biex tippromwovi l-mobbiltà internazzjonali tal-apprendisti permezz ta' "Erasmus għall-apprendisti". F'Mejju 2023, l-Alleanza tal-**Ġermanja** għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Inizjali u Ulterjuri ppreżentat il-prijoritajiet tagħha għall-2023-2026, inkluż it-tisħiħ tat-taħriġ doppju mill-gvern federali, l-istati federali, l-industrija u t-trade unions. F'Diċembru 2023, biex tallinja l-VET mal-ħtiġijiet tas-soċjetà, l-**Estonja** estendiet il-programm tal-iżvilupp tal-VET u tal-edukazzjoni għolja PRÕM+ tagħha sal-2027. Permezz tal-programm, se jinħolqu postijiet ġodda tat-taħriġ f'setturi ta' prijorità nazzjonali u tkabbir ekonomiku, skont il-ħtiġijiet u l-prontezza tal-impjegaturi, b'mill-inqas 30 % tal-postijiet allokati għaż-żgħażagħ sa 26 sena bla kwalifiki professjonali. B'kofinanzjament mill-FSE+ u bħala parti mill-RRP tagħha, il-**Greċja** qed tippjana li ttejjeb l-apprendistat fl-iskejjel vokazzjonali tas-servizz pubbliku tal-impjiegi (DYPA EPAS), inkluż billi tittejjeb l-infrastruttura, il-faċilitajiet, il-laboratorji, it-tagħmir u l-kurrikula, sa tmiem l-2024, bħala parti integrali mill-istrateġija tal-gvern għall-VET u l-impjiegi taż-żgħażagħ.

**L-Istati Membri jibqgħu jappoġġaw il-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja b'riformi ta' governanza u b'miżuri li jixprunaw l-internazzjonalizzazzjoni.** Bħala parti mill-RRP tagħha, ir-**Rumanija** allokat għotjiet tad-diġitalizzazzjoni lil madwar 70 % tal-universitajiet tagħha (61 istituzzjoni) biex itejbu l-ekosistema diġitali, u mill-inqas 100 000 għalliem(a) se jirċievu taħriġ biex itejbu l-ħiliet tagħhom fil-pedagoġija diġitali. Bl-appoġġ tal-FSE+, f'Settembru 2024 il-pajjiż nieda wkoll il-programm "L-Ewwel Student fil-Familja" biex iżid l-aċċess għall-edukazzjoni għolja lill-gruppi żvantaġġati u sottorappreżentati u jnaqqas it-tluq mill-universitajiet. F'diversi Stati Membri qed jiddaħħlu riformi ta' governanza maħsuba biex jixprunaw l-eċċellenza, ir-riċerka u l-internazzjonalizzazzjoni. Fil-**Bulgarija**, l-Att il-ġdid dwar ir-riċerka xjentifika u l-innovazzjoni, adottat f'April 2024 bħala parti minn riforma tal-RRP tagħha, għandu l-għan li joħloq ambjent dinamiku u effettiv tar-riċerka u l-innovazzjoni, orjentat lejn ir-riżultati. L-**Istati tal-Benelux** u tal-**Baltiku** implimentaw trattat ta' rikonoxximent tad-diplomi minn Mejju 2024, li jippermetti r-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki tal-edukazzjoni għolja. Xi Stati Membri qed jieħdu wkoll miżuri biex itejbu l-aċċess għall-gruppi żvantaġġati. Fil-**Litwanja**, ġew riżervati madwar 1 300 post ta' studju, jew madwar 10 % tal-postijiet totali ffinanzjati mill-Istat, għal studenti minn sfondi soċjoekonomiċi vulnerabbli. Minn Settembru 2024, l-istudenti li jikkwalifikaw jistgħu japplikaw fi kju ta' ammissjoni separat, bl-istess rekwiżiti akkademiċi għad-dħul. Il-**Portugall** qed jintroduċi wkoll kwoti għall-istudenti ekonomikament żvantaġġati, filwaqt li jwessa' l-aċċess għad-dijaspora Portugiża u jżid il-kwoti għall-istudenti maturi li għalqu t-23 sena. Appoġġata fil-biċċa l-kbira bl-investimenti li għaddejjin tal-RRP, il-kapaċità tal-akkomodazzjoni tal-istudenti mistennija tiżdied bi 78 % bejn l-2021 u l-2026. **Spanja** qed twessa' l-boroż ta' studju għall-istudenti vulnerabbli, b'finanzjament li jilħaq il-EUR 1 biljun fl-2023-2024, għall-benefiċċju ta' 300 000 student(a), jew madwar 25 % tal-istudenti tal-baċellerat u tal-masters fl-universitajiet pubbliċi. Iż-żieda fil-boroż ta' studju hi appoġġata wkoll bl-RRP Spanjol bħala parti minn riforma usa' tas-sistema universitarja li tippjana, fost affarijiet oħra, li tippromwovi l-aċċess għall-edukazzjoni għolja. B'mod parallel, l-ammont medju ta' boroż ta' studju żdied b'29 % fl-aħħar ħames snin. Biex ittejjeb l-aċċess tal-istudenti b'diżabbiltà, **Franza** fl-2024 tat finanzjament b'total ta' EUR 10.5 miljun lil sitt universitajiet biex jiżviluppaw u jaqsmu l-aqwa prattiki għal edukazzjoni inklużiva u tagħlim aċċessibbli fuq perjodu ta' sentejn.

**Qed jiġu implimentati sistemi ġodda tat-tbassir biex jiġu antiċipati l-ħtiġijiet tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol.** F'Diċembru 2023, il-**Finlandja** nediet il-"Programm tal-Ħidma t-Tajba" biex tindirizza l-ħtiġijiet tal-persunal fis-servizzi tal-kura tas-saħħa, tal-assistenza soċjali u tas-salvataġġ billi ttejjeb il-bażi tal-għarfien u l-kapaċità li tantiċipa r-rekwiżiti futuri tal-persunal u tat-taħriġ. Skont l-RRPs tagħhom, **Spanja** u l-**Iżvezja** qed jidentifikaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet, bl-għan li jallinjaw l-isforzi tat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid mad-domandi tas-suq tax-xogħol, inkluż il-ħiliet tant kritiċi għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. Spanja se tagħmel dan billi twettaq programmi tar-riċerka, ibbażati fuq stħarriġ f'diversi setturi. **Ċipru** jwettaq żewġ stħarriġiet nazzjonali skont l-RRP tiegħu. L-Istħarriġ Nazzjonali dwar il-Ħiliet tal-Impjegaturi jivvaluta l-ħtiġijiet attwali u futuri tas-suq tax-xogħol, filwaqt li l-Istħarriġ dwar ir-Rintraċċar tal-Gradwati (flimkien mal-EUROGRADUATE) jimmonitorja l-eżiti tal-impjiegi tal-gradwati u l-allinjament tal-ħiliet. Dawn l-istħarriġiet għandhom l-għan li jindirizzaw id-diskrepanzi/l-ispariġġ fil-ħiliet, itejbu l-impjegabbiltà, u jallinjaw aħjar l-edukazzjoni għolja mad-domandi tas-suq tax-xogħol.

**L-Istati Membri nedew miżuri biex ikomplu jiżviluppaw il-ħiliet diġitali tal-popolazzjoni ħalli jissodisfaw id-domandi tat-tranżizzjoni diġitali.** F'Marzu 2024, il-**Bulgarija** emendat il-qafas regolatorju tal-VET tagħha bħala parti mill-RRP tagħha biex tikkunsidra l-ħtiġijiet professjonali li qed jevolvu, inkluż fis-setturi ekoloġiċi u diġitali. F'Ġunju 2024, il-pajjiż ħoloq modulu tal-ICT biex jittestja u jwettaq awtoċertifikazzjoni tal-ħiliet diġitali mingħajr taħriġ formali, bħala parti mill-RRP tiegħu. F'Jannar 2024, il-**Portugall** beda t-tieni fażi tal-programm vokazzjonali "Impjiegi + Diġitali 2025". F'konformità mad-"Deċennju Diġitali 2030" tal-UE, il-pajjiż reċentement nieda Strateġija Diġitali Nazzjonali, strutturata madwar erba' dimensjonijiet ewlenin: in-nies, il-gvern, in-negozju u l-infrastruttura. Fid-dimensjoni tal-Poplu, huma ppjanati erba' inizjattivi: Il-Ħiliet Diġitali, Bniet Nazzjonali fil-Programm STEM, il-Kurrikulu tal-Ħiliet Diġitali u l-Parteċipazzjoni Ċivika permezz id-Diġitali. Fl-2024, l-**Ungerija** bdiet proġetti li jfasslu u jimplimentaw taħriġ fil-ħiliet diġitali bħala parti mill-Programm Operazzjonali tat-Tiġdid Diġitali Plus 2021-2027, ikkofinanzjat mill-FSE+. F'Lulju 2023, **Spanja** rregolat il-proċedura tar-rikonoxximent tal-kompetenzi diġitali fit-tagħlim u, fil-kuntest tal-RRP tagħha, timmira li tħarreġ imqar 825 000 persuna fil-ħiliet tat-trasformazzjoni diġitali, ekoloġika u produttiva sa tmiem l-2025.

Bħala parti mill-RRP, f'Lulju 2023 il-**Latvja** stabbiliet qafas komuni bbażat fuq il-Qafas Ewropew ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini (DigComp) biex tivvaluta u tippjana l-eżiti tal-apprendiment għall-ħiliet diġitali, inkluż fl-edukazzjoni mhux formali. F'Ottubru 2023, il-**Lussemburgu** ppreżenta White Paper dwar il-kurrikulu l-ġdid għall-edukazzjoni bażika, li ssemmi l-ħiliet diġitali relatati maċ-ċibersigurtà u l-litteriżmu medjatiku bħala wieħed mill-erba' pilastri tematiċi ewlenin tal-kurrikulu. L-Istati Membri introduċew ukoll strateġiji biex jappoġġaw il-ħiliet diġitali. Fir-**Rumanija**, l-Istrateġija Nazzjonali għat-Taħriġ tal-Adulti 2023-2027, adottata f'Diċembru 2023, u l-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim Tul il-Ħajja tal-Adulti 2024-2030, adottata f'Mejju 2024, jagħmlu enfasi fuq il-iżvilupp ta' ħiliet ekoloġiċi u diġitali. F'Awwissu 2023, fil-kuntest tal-RRP, il-**Latvja** nediet l-Istrateġija dwar is-Saħħa Diġitali li tkopri aspetti differenti bħall-iskambju transfruntier tad-data u l-ħiliet diġitali. Il-Pjan Direzzjonali tal-Inklużjoni Diġitali tal-**Irlanda** tnieda f'Awwissu 2023 biex jiżgura li kulħadd ikun jista' jibbenefika minn opportunitajiet diġitali, inkluż permezz tal-ħiliet u l-litteriżmu diġitali. Iċ-**Ċekja** ħolqot bażi tad-data pubblika ta' korsijiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid bħala parti mill-RRP, u sa tmiem l-2025 imqar 65 000 persuna se jkunu kisbu titjib tal-ħiliet jew taħriġ mill-ġdid fil-ħiliet diġitali.

**Għaddejjin inizjattivi regolatorji u ta' investiment biex jippromwovu l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.** F'Settembru 2023, **Malta** introduċiet inċentivi finanzjarji biex tappoġġa lill-impjegaturi u lill-impjegati lokali fit-titjib tal-ħiliet, inkluż għall-kompetenzi ekoloġiċi. **Ċipru** ffoka fuq l-investimenti fl-infrastruttura ekoloġika għall-iskejjel tal-VET u qed janalizza l-pjanijiet tal-bini għal skola tal-VET ekoloġika f'Larnaca ffinanzjata mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta minn Lulju 2023. Fil-**Portugall**, is-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi u l-Assoċjazzjoni tal-Enerġiji Rinnovabbli stabbilew protokoll f'Ġunju 2023 biex jinħoloq Ċentru tat-Taħriġ għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija (CTE, Training Centre for Energy Transition), li se jipprovdi taħriġ dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija u l-azzjoni klimatika, inkluż fl-enerġija tal-idroġenu rinnovabbli u ekoloġiku, kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-persuni qiegħda. Madwar 25 000 persuna se jitħarrġu fil-ħiliet ekoloġiċi permezz tal-programmi appoġġati mill-RRF. Diversi Stati Membri, inkluż **Spanja** u ċ-**Ċekja**, qed jinvestu wkoll fil-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika fil-kuntest tal-RRPs tagħhom. F'Settembru 2024, is-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi fil-**Greċja** nieda programm ġdid għall-kisba u t-titjib tal-ħiliet ekoloġiċi ta' 50 000 impjegat bl-appoġġ tal-RRF.

**Iż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment tibqa' objettiv ta' politika ewlieni fl-Istati Membri kollha, b'enfasi partikolari fuq dawk b'livell baxx ta' ħiliet, u ħafna pajjiżi qed jiżviluppaw kontijiet individwali tal-apprendiment u mikrokredenzjali.** Skont l-RRP tagħha u bl-appoġġ tal-FSE+, **Spanja** stabbiliet qafas ta' referenza biex tivvaluta u tiċċertifika l-kompetenzi bażiċi miksuba mill-adulti permezz tal-esperjenza tax-xogħol, it-taħriġ mhux formali u l-apprendiment informali, biex tgħin lill-adulti b'livell baxx ta' ħiliet bażiċi jinvolvu ruħhom fit-taħriġ. F'Novembru 2023, **Malta** nediet Strateġija Nazzjonali għat-Tagħlim Tul il-Ħajja 2023-2030, li qed timmira lill-aktar vulnerabbli permezz ta' firxa varjata ta' opportunitajiet tal-apprendiment tul il-ħajja ta' kwalità għolja. Diversi Stati Membri qed jiżviluppaw ukoll skemi għal kontijiet individwali tal-apprendiment, biex jippermettu lill-adulti jinvolvu ruħhom f'perkorsi personalizzati tal-apprendiment. L-RRP tal-**Belġju** jinkludi riforma biex jiġi stabbilit dritt individwali għal erbat ijiem ta' taħriġ għal kull impjegat full-time mill-2023, li jiżdied għal ħamest ijiem mill-2024, u amministrat mill-pjattaforma tal-Kont Federali tat-Tagħlim (FLA, Federal Learning Account) imnedija f'April 2024. L-iskema tal-FLA hija kkomplementata minn skema reġjonali ta' kont individwali ta' tagħlim stabbilita fil-Flanders. Is-**Slovakkja** qed tippjana li tintroduċi skema ġdida ta' finanzjament għall-apprendiment tal-adulti permezz ta' kontijiet individwali tal-apprendiment u tindirizza l-koordinazzjoni interministerjali tal-apprendiment tul il-ħajja, bl-appoġġ tal-iżvilupp tal-Pjattaforma Elettronika għall-Kontijiet Individwali tal-Apprendiment (EPIVU, Electronic Platform for Individual Learning Accounts) permezz ta' fondi tal-UE. Il-**Latvja**, il-**Litwanja**, **Ċipru** u l-**Kroazja** qed jiżviluppaw ukoll kontijiet individwali tal-apprendiment bl-appoġġ tal-RRF+ u/jew tal-FSE+, li jwessgħu l-aċċess għall-apprendiment tal-adulti fuq pjattaformi personalizzati u aċċessibbli. Barra minn hekk, l-Istati Membri qed javvanzaw is-sistemi tal-mikrokredenzjali biex iżidu l-apprendiment tul il-ħajja. Fl-2023, l-**Estonja** bdiet temenda l-Att tagħha dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti biex testendi s-sistema tal-mikrokwalifiki għall-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ tal-adulti, billi introduċiet definizzjonijiet ta' mikrokwalifiki, rekwiżiti tal-volum tal-programm, prinċipji tal-forniment, u mekkaniżmu ta' assigurazzjoni tal-kwalità. Skont l-RRP tagħha, **Spanja** timmira li toħroġ pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp ta' qafas tal-mikrokredenzjali, li jrid jiġi elaborat mill-Ministeru għll-Universitajiet, wara konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, il-promozzjoni tal-mikrokredenzjali biex tiżdied id-domanda fost l-adulti u l-impjegaturi, jiġu promossi l-kwalità u r-rilevanza tagħhom u tiġi appoġġata l-ekwità tal-aċċess.

**Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa, flimkien ma' inizjattivi oħra, ikomplu jixprunaw riformi strutturali u miżuri li jappoġġaw l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ.** Permezz tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jiżguraw li ż-żgħażagħ kollha li ma għalqux it-30 sena jirċievu offerta ta' impjieg ta' kwalità, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew traineeship fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni formali. L-**Ungerija** tipprovdi sussidji tal-pagi, appoġġ għall-mobilità u taħriġ lin-NEET ta' 15-29 sena tul il-perjodu 2024-2029 permezz tal-Programm tas-Suq tax-Xogħol Attiv ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ Plus nazzjonali tagħha, ikkofinanzjati mill-FSE+ fil-Programm Operazzjonali għall-Iżvilupp Ekonomiku u l-Innovazzjoni Plus. Fil-**Portugall**, il-profil tan-NEETs żgħażagħ fil-Pjan Nazzjonali tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ qed jiġi rivedut bi studju appoġġat mill-ILO, b'enfasi fuq l-immappjar taż-żgħażagħ qiegħda u inattivi mhux irreġistrati. Studju ieħor, maħruġ f'Novembru 2023, għandu l-għan li jtejjeb il-fehim tar-realtà tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fil-pajjiż. Fil-kuntest tal-RRP, **Spanja** introduċiet il-"Pjan Nazzjonali ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ Plus" tagħha, bil-għan li ttejjeb il-kwalifiki tan-NEETs żgħażagħ ħalli jiksbu l-ħiliet meħtieġa biex jidħlu fil-proċess tar-reġistrazzjoni fis-suq tax-xogħol għan-NEETs żgħażagħ. Fl-**Italja**, minn Settembru 2024, id-"Digriet ta' Koeżjoni taż-Żgħażagħ Bonus" introduċa eżenzjonijiet mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għar-reklutaġġ tal-ħaddiema li m'għalqux il-35 sena b'kuntratti permanenti, diment li qabel ma jkun qatt kellhom xi kuntratt permanenti. Fil-**Belġju** (Reġjun tal-Wallonja), il-proġett "Coup de Boost", li jappoġġa liż-żgħażagħ ta' 18-29 sena li huma 'l bogħod mis-suq tax-xogħol biex jiksbu kwalifiki, jibdew studji jew isibu impjieg, kompla jikber f'April 2024 bl-appoġġ tal-FSE+ u l-RRF.

**Xi Stati Membri qed jimplimentaw miżuri biex jimmaniġġjaw it-tibdil demografiku billi jappoġġaw l-impjiegi estiżi għall-ħaddiema akbar fl-età.** Fil-**Finlandja**, il-persuni li għalqu l-55 sena u li jiffaċċjaw spostament tal-impjiegi ilhom mill-2023 eliġibbli għal "benefiċċju tas-sigurtà tat-tranżizzjoni" li jagħtihom aċċess għal opportunitajiet tat-taħriġ u liv estiż bi ħlas għal impjieg mill-ġdid tul il-perjodu tal-avviż. Il-Programm tal-Impjiegi tal-**Estonja** 2024-2029 joffri servizzi tas-suq tax-xogħol lill-pensjonanti li jkunu qed ifittxu impjieg, inkluż taħriġ u appoġġ għall-kwalifiki u l-intraprenditorija. Dawn l-inizjattivi li jippromwovu rtirar aktar tard għandhom jitqiesu flimkien mal-miżuri tal-pensjoni (ara t-Taqsima 2.4.2). Skont l-RRP tiegħu, il-**Lussemburgu** nieda l-programm tat-taħriġ *FutureSkills*, fejn 30 % tal-parteċipanti għandhom ikunu persuni li qed ifittxu impjieg li ta' età ta' 45 sena jew aktar, biex jipprovdi ħiliet personali, diġitali u maniġerjali li jiffaċilitawlhom l-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol fl-immedjat. F'Jannar 2024, il-**Greċja** abolixxiet it-tnaqqis ta' 30 % tal-pensjoni u l-pensjonijiet ewlenin u supplimentari qed jitħallsu bis-sħiħ lill-pensjonanti li jagħżlu li jintegraw mill-ġdid fis-suq tax-xogħol, jew bħala impjegati jew bħala freelancers.

**Qed jittieħdu miżuri li jappoġġaw l-impjieg tan-nisa u jindirizzaw id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, inkluż sforzi li jnaqqsu s-segregazzjoni bejn il-ġeneri fl-impjiegi u jtejbu t-trasparenza fil-pagi.** Minn Jannar 2025, **Malta** se tistabbilixxi legalment il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali, u se tobbliga paga ugwali għall-impjegati kollha, inkluż il-ħaddiema temporanji u dawk esternalizzati. Malta nediet ukoll Għodda għall-Pagi Ugwali għall-impjegaturi biex tiffaċilita l-applikazzjoni ta' paga ugwali bejn in-nisa u l-irġiel u tidentifika u tindirizza l-inugwaljanzi potenzjali u mhux ġustifikati fil-pagi fl-organizzazzjonijiet li jimpjegaw imqar 50 impjegat u ċċertifikati bil-Marka tal-Ugwaljanza. Fl-**Irlanda**, ir-rekwiżiti tar-Rappurtar tad-Diskrepanza bejn il-Pagi tal-Irġiel u n-Nisa se jiġu estiżi fl-2024 biex jinkludu lill-impjegaturi b'aktar minn 150 impjegat u fl-2025 biex jinkludu lil dawk b'50 impjegat jew aktar. Bħala parti mill-RRP tagħha, l-Irlanda qed tinvesti fi programm tat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, b'miri għas-sehem tal-parteċipanti nisa. F'April 2024, bħala parti mill-RRP tagħha, l-**Estonja** nediet strument diġitali ġdid, l-hekk imsejjaħ Pay Mirror, biex tappoġġa lill-impjegaturi ħalli janalizzaw u jnaqqsu d-differenzi bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa. Fl-**Italja**, skont il-Liġi tal-Baġit tal-2024, l-impjegaturi tas-settur privat li jimpjegaw nisa qiegħda vittmi tal-vjolenza u benefiċjarji tar-"reddito di libertà" huma eżentati milli jħallsu parti mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali sa 100 % u EUR 8 000. Barra minn hekk, il-pajjiż żied il-finanzjament għall-"Fondo per il reddito di libertà" biex jgħin lin-nisa vittmi tal-vjolenza li jgħixu fil-faqar ħalli jiksbu indipendenza ekonomika u emanċipazzjoni. L-allokazzjonijiet finanzjarji jiżdiedu b'EUR 10 miljun fis-sena bejn l-2024 u l-2026, u b'EUR 6 miljun fis-sena mill-2027. Sa tmiem l-2025, **Spanja**, bħala parti mill-RRP tagħha, se tistabbilixxi servizz ġdid ta' gwida soċjali u tal-impjiegi biex tappoġġa lin-nisa vittmi tal-vjolenza, inkluż il-vittmi tat-traffikar u tal-isfruttament sesswali, b'għajnuna għal kollokament f'impjieg, pariri legali u appoġġ psikoloġiku u emozzjonali. Il-Programm Intensiv tal-**Awstrija** għall-Integrazzjoni tas-Suq tax-Xogħol 2024-2025, bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni Strateġiku kontra l-Iskarsezzi tal-Ħaddiema tas-Sengħa, jipprovdi appoġġ imfassal apposta għan-nisa refuġjati, u joffri korsijiet tal-Ġermaniż, rikonoxximent tal-kwalifiki, u orjentazzjoni tal-karriera. **Franza** adottat leġiżlazzjoni f'Lulju 2023 li tipprovdi, fost l-oħrajn, allowance ta' kuljum għal-liv tal-mard mingħajr perjodu ta' stennija għan-nisa li jġarrbu korriment, kif ukoll protezzjoni ta' 10 ġimgħat kontra t-tkeċċija, kura psikoloġika u assistenza medika aħjar mill-2024.

**L-Istati Membri adottaw miżuri li jtejbu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, b'mod partikolari bit-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata,**[185] inkluż it-titjib tal-liv tal-familja. Il-**Lussemburgu** ilu minn Lulju 2023 jagħti liv tal-paternità lill-persuna rikonoxxuta bħala t-tieni ġenitur skont il-liġi nazzjonali. Minn Awwissu 2022, l-Att emendat dwar il-Liv tal-Maternità tad-**Danimarka** jiżgura li l-liv bil-benefiċċji tal-ġenituri (48 ġimgħa) jinqasam b'mod ugwali bejn iż-żewġ ġenituri (24 ġimgħa kull wieħed), u minn Jannar 2024 xi familji b'ġenitur wieħed jistgħu jittrasferixxu diversi ġimgħat tal-liv lil xi membru qrib tal-familja. Skont il-Liġi tal-Baġit 2024, il-liv tal-ġenituri fl-**Italja** issa hu remunerat kif ġej: 80 % tal-paga tal-ħaddiem għall-ewwel xahar, 60 % (80 % biss għall-2024) għat-tieni xahar u 30 % għax-xhur sussegwenti. F'termini ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli, l-**Irlanda** integrat l-Abbozz ta' Liġi dwar id-Dritt għal Talba għal Xogħol mill-Bogħod fl-Att dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata u Dispożizzjonijiet Mixxellanji tal-2023, li, minn Marzu 2024, jistabbilixxi d-dritt li jintalab xogħol mill-bogħod u xogħol flessibbli għall-persuni li jindukraw, inkluż sigħat kumpressati jew imnaqqsa. Dan l-Att jippermetti wkoll ħamest ijiem liv annwali għal kura medika serja u jestendi l-intitolament attwali għal pawżi tat-treddigħ/tal-ħalib minn sitt xhur għal sentejn. Liġi ġdida fi **Franza**, adottata f'April 2024, se tippermetti lill-impjegati jieħdu mill-inqas erba' ġimgħat liv imħallas kull sena, irrispettivament mill-perjodi tal-liv minħabba mard.

**Għaddejjin sforzi biex tissaħħaħ l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol tal-persuni b'diżabbiltà.** Fl-**Irlanda**, sussidju tal-pagi mniedi f'Settembru 2023 jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-impjegaturi li jimpjegaw lill-persuni b'diżabbiltà; minn April 2024, il-limitu minimu tas-sigħat fil-ġimgħa għall-eliġibbiltà skont din l-iskema tnaqqas minn 21 għal 15-il siegħa. Barra minn hekk, bl-appoġġ tal-FSE+, l-Irlanda nediet il-programm WorkAbility f'Awwissu 2024 li fost l-oħrajn se jappoġġa lill-organizzazzjonijiet li jistgħu jipprovdu perkorsi progressivi lejn l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjiegi (inkluż l-impjieg indipendenti) lill-parteċipanti. L-**Awstrija** allokat EUR 30 miljun addizzjonali fl-2023 u fl-2024 biex ittejjeb il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol, inkluż biex ittaffi l-impatt tal-inflazzjoni għolja. Fl-**Iżvezja**, l-ittra tar-regolamentazzjoni tas-servizz pubbliku tal-impjiegi (PES, public employment service) għall-2024 tordna identifikazzjoni aktar malajr tad-diżabbiltajiet li jaffettwaw il-kapaċità tax-xogħol ta' dawk li qed ifittxu impjieg, u għalhekk tippermetti interventi aktar rilevanti u żżid l-għadd ta' parteċipanti li jirċievu sussidji tal-pagi ħalli tippromwovi aktar impjiegi fost il-persuni b'diżabbiltà.

185 Ara d-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE.

**Ġew introdotti diversi inizjattivi li jsaħħu l-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.** F'Jannar 2024, fil-**Lussemburgu** daħlet fis-seħħ liġi ġdida dwar l-interkulturalità li wittiet it-triq għal integrazzjoni aktar faċli tal-persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Il-**Greċja** se tappoġġa liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex tiffaċilita l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol permezz tal-FSE+. Barra minn hekk, b'appoġġ mill-RRF, fil-pajjiż hemm 8 000 refuġjat li qed jipparteċipaw fi programmi ta' traineeships ma' ditti tas-settur privat li jippermettulhom jintegraw fis-suq tax-xogħol. L-**Awstrija** tipprovdi protezzjoni temporanja lill-benefiċjarji permezz tal-"Karta Blu tal-UE" li tiffaċilita l-aċċess għal diversi benefiċċji, kura u servizzi. Barra minn hekk, id-detenturi tal-Karta Blu jiġu appoġġati biex jintegraw fis-suq tax-xogħol b'offerti bbażati fuq il-ħtiġijiet, bħal materjal ta' informazzjoni multilingwi, kwalifiki u pariri dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki, korsijiet tal-Ġermaniż, evalwazzjoni tal-kompetenzi, u kollokamenti attivi f'impjieg. Minn Novembru 2023, il-persuni bi kwalifiki rikonoxxuti fil-**Ġermanja** jistgħu jaċċessaw impjieg kwalifikat fi professjonijiet mhux regolati, u r-rekwiżiti tal-"Karta Blu tal-UE" ttaffew billi tnaqqsu l-limiti tas-salarji u billi ġie ssimplifikat id-dħul għall-ispeċjalisti tal-IT. Minn Marzu 2024, ħaddiema barranin b'mill-inqas sentejn esperjenza ta' xogħol fl-okkupazzjoni li jixtiequ jidħlu fiha, bi b'kwalifika rikonoxxuta mill-pajjiż ta' oriġini, u b'offerta ta' impjieg jistgħu jaħdmu f'impjiegi mhux regolati mingħajr rikonoxximent ta' kwalifika formali.

## 2.3 Linja Gwida 7: Insaħħu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali

Din it-taqsima tagħti ħarsa lejn l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru. 7 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda li l-Istati Membri jtejbu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali. Din tkopri, fost l-oħrajn, il-bilanċ bejn il-flessibbiltà u s-sigurtà fil-politiki tas-suq tax-xogħol, il-prevenzjoni tas-segmentazzjoni fis-suq tax-xogħol, l-adattament għal metodi operatorji ġodda, u l-iżgurar tal-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u l-ġlieda kontra x-xogħol mhux dikjarat. Dawn l-għanijiet huma konformi mal-prinċipji 4 (appoġġ attiv għall-impjiegi), 5 (impjiegi siguri u adattabbli), 7 (informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-protezzjoni f'każ ta' sensji), 8 (djalogu soċjali u involviment tal-ħaddiema), 10 (ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa, sikur u adattat) u 13 (benefiċċji tal-qgħad) tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Fuq il-bażi tal-prattiki nazzjonali eżistenti, jiġu diskussi wkoll il-promozzjoni tad-djalogu soċjali u l-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. It-Taqsima 2.3.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma.

### 2.3.1 Indikaturi ewlenin

**Filwaqt li l-flessibbiltà tista' tkun ta' benefiċċju għal xi ħaddiema, is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol li tippersisti maż-żmien jista' jkollha impatt negattiv fuq il-ġustizzja soċjali.** Għal xi gruppi, speċjalment iż-żgħażagħ u dawk b'livell għoli ta' ħiliet, l-impjiegi mhux permanenti u l-impjieg part-time jistgħu jiffaċilitaw id-dħul fis-suq tax-xogħol u l-iżvilupp tal-ħiliet, kif ukoll jipprovdu flessibbiltà akbar u bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Madankollu, differenzi persistenti fis-sigurtà tal-impjiegi u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol bejn il-ħaddiema (spiss b'konsegwenzi f'termini ta' aċċess għall-protezzjoni soċjali) joħolqu distakki li ma jitqisux ġusti soċjalment u li għandhom it-tendenza li jżidu l-inugwaljanzi[186]. B'mod partikolari, l-impjieg temporanju huwa assoċjat ma' nuqqas ogħla ta' sigurtà tal-impjiegi meta ma jaġixxix bħala pass 'il quddiem lejn kuntratti aktar permanenti. Il-prekarjetà li tirriżulta minn dan tikkontribwixxi wkoll għal kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli f'ċerti setturi u okkupazzjonijiet bi skarsezzi kbar u persistenti tal-ħaddiema[187]. Is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol tista' tiġi indirizzata, fost l-oħrajn, permezz ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol imfassla apposta li jinkoraġġixxu t-tranżizzjonijiet 'il fuq fl-impjiegi, kif ukoll inċentivi għall-impjegaturi biex jimpjegaw fuq bażi permanenti full-time u jżommu l-ħaddiema.

**Fl-isfond ta' rati għolja ta' impjieg fl-UE, is-sehem tal-ħaddiema temporanji kompla juri xejra moderatament 'l isfel[188].** Fost l-impjegati kollha ta' 20-64 sena, is-sehem naqas minn 12.9 % fl-2022 għal 12.3 % fl-2023, jiġifieri 2 pp inqas mil-livell ta' qabel il-pandemija. Iżda l-varjazzjoni fost l-Istati Membri għadha sostanzjali, b'distakk ta' 21.7 pp bejn l-ogħla ishma u dawk l-aktar baxxi. Filwaqt li n-Netherlands, il-Portugall, Spanja u l-Italja rreġistraw ishma ta' impjieg temporanju li jaqbżu l-15 % fl-2023, iċ-ċifri huma inqas minn 3 % fil-Bulgarija, fl-Estonja, fil-Latvja, fir-Rumanija u fil-Litwanja - ara l-Grafika 2.3.1.

---

186 Il-Eurofound, Labour market segmentation, Dizzjunarju tar-Relazzjonijiet Industrijali Ewropej, 2019.

187 Ara l-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social developments in Europe 2024, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

188 L-impjegati b'kuntratti temporanji huma definiti bħala impjegati b'kuntratt ta' żmien limitat, li l-impjieg ewlieni tagħhom se jintemm wara perjodu stabbilit minn qabel jew wara perjodu mhux magħruf minn qabel, iżda xorta definit bi kriterji oġġettivi, fosthom it-tlestija ta' kompitu jew il-perjodu meta impjegat ikun assenti u sostitwit temporanjament [lfsi_pt_a]).

**Illustrazzjoni 2.3.1: Is-sehem tal-impjiegi temporanji qed jonqos, filwaqt li għadu qed juri varjazzjoni sostanzjali bejn l-Istati Membri**

Is-sehem tal-impjegati temporanji fost l-impjegati kollha (20-64, %, data annwali)




*Nota*: Id-definizzjoni tvarja għal ES u FR fl-2022 u fl-2023 (ara l-metadata). Interruzzjoni fis-serje għal DE fl-2020, IE fl-2021, kif ukoll CY u DK fl-2023.
*Sors*: Eurostat, [lfsi_pt_a], l-LFS tal-UE.

**Xi Stati Membri għadhom jesperjenzaw ishma għoljin ta' kuntratti temporanji u rati baxxi ta' tranżizzjoni lejn impjiegi permanenti.** Fl-2023, l-Italja u Spanja rreġistraw rati għoljin ta' kuntratti temporanji (aktar minn 15 %) flimkien ma' rati baxxi ta' tranżizzjoni (madwar jew inqas minn 30 %), rispettivament – ara l-Grafika 2.3.2. Il-Finlandja, il-Polonja, in-Netherlands, il-Portugall u Ċipru kellhom rati ta' impjieg temporanju ogħla mill-medja tal-UE, iżda r-rati tat-tranżizzjoni tagħhom lejn kuntratti permanenti kienu relattivament għoljin (bejn 40 % u 51 %), li jindikaw swieq tax-xogħol flessibbli iżda relattivament dinamiċi. Min-naħa l-oħra, il-Latvja, ir-Rumanija u l-Litwanja wrew kombinament ta' ishma baxxi ta' kuntratti temporanji (inqas minn 3 %) u rati tat-tranżizzjoni għoljin (bejn 50 % u 64 %), li jissuġġerixxu grad għoli ta' stabbiltà tal-impjiegi.

## Illustrazzjoni 2.3.2: Teżisti eteroġeneità fost l-Istati Membri fir-rigward tas-sehem ta' kuntratti temporanji u r-rati ta' tranżizzjoni tagħhom għal impjiegi permanenti

Is-sehem tal-impjegati temporanji fost l-impjegati kollha (20-64) fl-2023 u r-rata ta' tranżizzjoni għal impjiegi permanenti (15-64) (valur medju għall-2021, l-2022 u l-2023).




*Nota*: Il-koorti usa' ta' età ta' 15-64 sena huwa kkunsidrat għar-rati ta' tranżizzjoni bejn kuntratti temporanji għal dawk permanenti. Ir-rata ta' tranżizzjoni tax-xogħol għal DE, FR, LV tirreferi għall-2023 u l-valur għal LU jirreferi għall-2022. Il-koorti ta' età ta' 20-64 sena jintuża għall-impjiegi temporanji, f'konformità mal-indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali dwar l-impjiegi u analiżi relatata fit-taqsima. Id-definizzjoni tvarja għal ES u FR. Interruzzjoni fis-serje għal CY, DK u FR.
*Sors*: il-Eurostat, [lfsi_pt_a], l-LFS tal-UE u [ilc_lvhl32], EU-SILC.

## Illustrazzjoni 2.3.3: Hemm ix-xejra li l-impjieg temporanju involontarju huwa aktar mifrux fost in-nisa

Is-sehem tal-ħaddiema temporanji involontarji fost l-impjegati kollha (20-64) fl-2023




*Nota*: Id-definizzjoni tvarja għal ES u FR. Data b'affidabbiltà baxxa għal BG, EE, HR, LV, LT, LU, MT, AT, SI, SK. Data għal Total "Impjieg disponibbli biss b'kuntratt temporanju" għal EE, LV biss. Data għan-Nisa u l-Irġiel biss għal "Impjieg disponibbli biss b'kuntratt temporanju" għal LU, AT. Data għan-Nisa u l-Irġiel biss għal "Ma nstab l-ebda impjieg permanenti" għal SK. Data għan-Nisa biss għal "Ma nstab l-ebda impjieg permanenti" għal RO. Data għan-Nisa u l-Irġiel biss għal "Impjieg disponibbli biss b'kuntratt temporanju" MT.
*Sors*: [lfsa_etgar] u[lfsa_etgar]

**L-impjieg temporanju involontarju juri wkoll varjazzjonijiet sinifikanti fl-Istati Membri tal-UE u għandu t-tendenza li jaffettwa relattivament aktar nisa.** Fost il-ħaddiema temporanji kollha, il-proporzjon ta' dawk li huma involontarjament f'sitwazzjoni bħal din huwa indikazzjoni importanti tad-diffikultajiet tal-impjegati biex isibu impjieg permanenti[189]. Il-perċentwal ta' dawk l-impjegati (ta' bejn l-20 u l-64 sena) kien ta' 6.7 % fl-2023 fl-UE, li huwa 0.7 pp inqas mis-sena ta' qabel. Madankollu, għad hemm differenzi sinifikanti fl-Istati Membri, b'ċifri li jvarjaw minn aktar minn 10 % fil-Portugall, fi Spanja, f'Ċipru, fl-Italja u fil-Greċja għal inqas minn 2 % fl-Ungerija, fir-Rumanija, fil-Latvja, fil-Litwanja u fl-Estonja. Is-sehem ta' impjieg temporanju involontarju huwa ġeneralment ogħla fost in-nisa impjegati (b'xi eċċezzjonijiet bħar-Rumanija, Malta, il-Bulgarija, u l-Ungerija) – ara l-Grafika 2.3.3, għalkemm id-diskrepanza hija relattivament ristretta b'mod kumplessiv (1.2 pp), ħlief għall-Greċja, Ċipru, Spanja, il-Finlandja u l-Kroazja (fejn hija akbar minn 3 pp).

**Il-kuntratti temporanji għadhom aktar mifruxa fost iż-żgħażagħ u n-nisa.** Is-sehem tal-impjiegi temporanji fost iż-żgħażagħ (ta' bejn il-15 u l-24 sena) fl-UE naqas b'1.5 pp mill-2022 biex laħaq 48.1 % fl-2023. Madankollu, din iċ-ċifra hija 37.1 pp ogħla minn dik għall-impjegati ta' bejn il-25 u l-54 sena. Fl-2023, l-ogħla ishma ta' żgħażagħ b'kuntratti temporanji ġew irrapportati għan-Netherlands, għall-Polonja, għall-Italja, għall-Portugall, u għas-Slovenja (ivarjaw minn 55 % għal 60 %), filwaqt li l-aktar ishma baxxi ġew irreġistrati fir-Rumanija, fil-Bulgarija, fil-Litwanja u fil-Latvja (taħt l-10 %) – ara l-Grafika 2.3.4. Is-sehem tan-nisa impjegati (fl-età ta' bejn 20 u 64 sena) b'kuntratti temporanji fl-UE naqas ftit minn 13.9 % fl-2022 għal 13.2 % fl-2023. L-akbar ishma ġew irreġistrati fin-Netherlands, fi Spanja, fil-Portugall u fl-Italja (aktar minn 17 %), filwaqt li l-aktar ishma baxxi ġew osservati fir-Rumanija, fil-Litwanja, fil-Latvja, fl-Estonja u fil-Bulgarija (inqas minn 3 %). B'mod kumplessiv, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi temporanji baqgħet stabbli għal madwar 2 pp fl-UE. Fl-2023 (abbażi tal-introjti tal-2022), il-ħaddiema f'impjieg temporanju kienu f'riskju ferm ogħla ta' faqar fost dawk li jaħdmu (12.6 %) meta mqabbla ma' dawk b'kuntratti permanenti (5.2 %)[190].

[189] L-impjieg temporanju involontarju huwa definit bħala impjieg li jseħħ fiż-żewġ sitwazzjonijiet li ġejjin: ma nstab l-ebda impjieg permanenti [lfsa_etgar] u l-impjieg kien disponibbli biss b'kuntratt temporanju [lfsa_etgar].

[190] Il-Eurostat [ilc_iw05], EU-SILC.

**Illustrazzjoni 2.3.4: Is-sehem ta' impjieg temporanju għaż-żgħażagħ u għan-nisa jvarja b'mod sinifikanti fl-Istati Membri**

Is-sehem ta' impjegati temporanji fost l-impjegati żgħażagħ kollha (15-24 sena) (%, 2023) u s-sehem ta' impjegati temporanji fost in-nisa impjegati kollha (%, 2023).




*Nota*: Id-definizzjoni tvarja għal ES u FR (ara l-metadata).
*Sors*: il-Eurostat [lfsi_pt_a] – young people and [lfsi_pt_a] - women, l-LFS tal-UE.

**Is-sehem tal-impjiegi part-time żdied bi ftit, wara tnaqqis bil-mod iżda kostanti f'dawn l-aħħar 8 snin u għadu juri komponent involontarju sinifikanti f'diversi Stati Membri.** Fuq sfond ta' rata għolja rekord ta' impjieg, is-sehem ta' persuni impjegati (20-64 sena) li jaħdmu part-time fl-UE żdied minn 16.9 % fl-2022 għal 17.1 % fl-2023. Ħames Stati Membri (in-Netherlands, l-Awstrija, il-Ġermanja, il-Belġju, u d-Danimarka) baqgħu jirreġistraw ċifri ta' aktar minn 20 %, filwaqt li f'ħamsa oħra (il-Bulgarija, is-Slovakkja, ir-Rumanija, il-Kroazja u l-Ungerija) baqa' anqas minn 5 % (Grafika 2.3.5). Is-sehem mit-total ta' impjiegi part-time involontarji kompla jonqos b'1.6 pp għal 20 % fl-2023 fl-UE, u b'hekk baqa' f'livell relattivament għoli. Ir-Rumanija, l-Italja u Spanja rreġistraw l-ogħla ishma, ogħla minn 50 %, filwaqt li l-ishma fin-Netherlands, f'Malta u fil-Ġermanja kienu madwar 5 % jew inqas.

**Illustrazzjoni 2.3.5: Is-sehem tal-impjiegi part-time żdied bi ftit, filwaqt li d-differenzi fil-komponent involontarju tiegħu għadhom b'saħħithom fl-Istati Membri**

Is-sehem tal-impjiegi part-time mill-impjiegi totali (20-64) u tal-impjiegi part-time involontarji bħala perċentwal mill-impjiegi part-time totali (20-64) (%, data annwali).




*Nota:* Id-definizzjoni tvarja għal ES u FR (ara l-metadata). Affidabbiltà baxxa fis-serje kronoloġika involontarja għal MT u SI.
*Sors:* il-Eurostat, [lfsi_pt_a] u[lfsa_eppgai], l-LFS tal-UE.

**Is-sehem ta' ħaddiema b'impjieg indipendenti mingħajr impjegati baqa' relattivament stabbli fl-UE, b'differenzi sinifikanti fl-Istati Membri.** Fl-2023, kien hemm madwar 17.8 miljun ħaddiem b'impjieg indipendenti mingħajr impjegati fl-Unjoni, li jammontaw għal 9.1 % tal-impjiegi totali għall-grupp ta' età ta' bejn l-20 u l-64 sena[191]. Għalkemm li wieħed b'impjieg indipendenti mingħajr impjegati jista' jindika inizjattiva intraprenditorjali, dan jista' jintuża wkoll bħala indikatur ta' wieħed b'impjieg indipendenti "fittizju", li jaħbi relazzjonijiet ta' impjieg dipendenti[192]. Fl-2023, l-ogħla ishma ta' ħaddiema b'impjieg indipendenti mingħajr impjegati (aktar minn 13 %) ġew irreġistrati fil-Greċja, fil-Polonja, fiċ-Ċekja u fl-Italja u l-aktar ishma baxxi (inqas minn 6 %) fil-Ġermanja, fil-Lussemburgu, fid-Danimarka u fl-Iżvezja.

[191] il-Eurostat [lfsa_egaps] and [lfsi_emp_a], l-LFS tal-UE. Id-definizzjoni tvarja għal ES u FR (ara l-metadata).

[192] Ara l-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social developments in Europe 2023, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

**Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali jirrappreżentaw parti dejjem aktar importanti mill-ekonomija tal-UE, u jipprovdu opportunitajiet ta' impjieg iżda joħolqu wkoll sfidi speċifiċi, b'mod partikolari relatati mal-istatus fl-impjieg tal-ħaddiema.** Bejn l-2016 u l-2020, id-dħul mill-Ekonomija tal-Pjattaformi tal-UE kiber kważi b'ħames darbiet minn bejn wieħed u ieħor EUR 3 biljun għal madwar EUR 14-il biljun. Fil-2021 ġew identifikati aktar minn 500 pjattaforma tax-xogħol diġitali li joperaw fl-UE. Skont studju tal-Kummissjoni[193], ġie stmat li aktar minn 28 miljun persuna fl-UE kienu qed jaħdmu permezz ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali fl-2020, u dan in-numru jitqies li qed jikber b'mod kostanti. Filwaqt li l-maġġoranza ta' dawn il-persuni ġenwinament huma b'impjieg indipendenti, ġie stmat li 5.5 miljuni kienu kklassifikati b'mod żbaljat bħala persuni b'impjieg indipendenti. Aktar minn nofs il-persuni li jaħdmu permezz tal-pjattaformi jaqilgħu inqas mill-paga minima[194]. F'dan il-kuntest, id-Direttiva tal-UE dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet fix-xogħol fuq il-pjattaformi[195] għandha l-għan, fost l-oħrajn, li tindirizza l-kwistjoni tal-impjieg indipendenti fittizju fuq il-pjattaformi tax-xogħol diġitali billi tiffaċilita d-determinazzjoni korretta tal-istatus fl-impjieg permezz ta' preżunzjoni legali ta' impjieg. Barra minn hekk, tipprovdi drittijiet ġodda li jiżguraw aktar trasparenza, ġustizzja u obbligu ta' rendikont dwar il-ġestjoni algoritmika, kemm lill-ħaddiema tal-pjattaformi li huma impjegati kif ukoll lil dawk b'impjieg indipendenti. Toħloq ukoll il-qafas għall-awtoritajiet nazzjonali u r-rappreżentanti tal-ħaddiema biex ikollhom aċċess aħjar għall-informazzjoni mill-pjattaformi tax-xogħol diġitali u ssaħħaħ id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv.

---

[193] Il-Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal – Sommarju eżekuttiv tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021.

[194] Il-Kummissjoni Ewropea, Study to gather evidence on the working conditions of platform workers, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2020.

[195] Id-Direttiva (UE) 2024/2831 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi, ĠU L, 2024/2831, 11.11.2024.

**B'mod kumplessiv, l-avvanzi rapidi fl-intelliġenza artifiċjali (IA) u f'teknoloġiji diġitali oħra jistgħu jkunu mistennija li jixprunaw trasformazzjonijiet profondi fis-suq tax-xogħol.** Jista' jkun mistenni li dan ser ikollu impatt fuq it-tqabbil tal-impjiegi u s-sistemi tat-taħriġ, il-kwantità u l-kwalità tal-impjiegi, u fuq il-kwalità tal-ħajja tal-ħaddiema. L-FMI jistma li l-introduzzjoni tal-applikazzjonijiet tal-IA tista' taffettwa sa 60 % tal-impjegati fl-ekonomiji avvanzati, b'nofshom li jistgħu jiġu affettwati ħażin minnha[196]. Aktar minn 75 % tal-kumpaniji madwar id-dinja qed jipprevedu li jadottaw applikazzjonijiet li jaħdmu bl-IA bejn l-2023 u l-2027, u madwar 70 % minnhom iqisu l-litteriżmu teknoloġiku bħala dejjem aktar importanti f'dan il-perjodu ta' żmien[197]. Madankollu, l-impjegaturi qed jiffaċċjaw ostakli biex jimpjegaw persuni bil-ħiliet meħtieġa. Abbażi tal-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali, 3 minn 4 kumpaniji tal-UE (b'mod partikolari l-SMEs) jirrapportaw diffikultajiet biex isibu ħaddiema bil-ħiliet meħtieġa[198]. Filwaqt li studji reċenti[199] jikkonfermaw li fuq perjodu qasir, l-impatt nett ewlieni fuq l-impjiegi tal-adozzjoni tal-IA jista' jkun pożittiv, filwaqt li tiżdied id-domanda għall-ħiliet meħtieġa għall-iżvilupp u l-adozzjoni tagħha, il-kisbiet fl-impjiegi għandhom jiġu bbilanċjati b'kawtela kontra l-potenzjal tal-IA li tissostitwixxi l-impjiegi ta' rutina[200]. Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' mewġiet preċedenti tal-awtomatizzazzjoni, l-IA ġenerattiva jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet. Skont l-ILO, aktar minn 5 % tal-impjiegi f'pajjiżi b'introjtu għoli huma potenzjalment esposti għall-effetti ta' awtomatizzazzjoni tal-IA ġenerattiva[201]. Barra minn hekk, l-awtomatizzazzjoni permezz ta' teknoloġiji robotiċi avvanzati li jaħdmu bl-IA jista' jkollha impatt qawwi fuq il-proċessi tal-produzzjoni u t-twassil tas-servizzi, filwaqt li tbiddel il-profili tal-impjiegi u żżid il-ħtieġa għal ħiliet diġitali, analitiċi u personali[202].

[196] Il-Fond Monetarju Internazzjonali (2024), *World Economic Outlook*.
[197] Il-Forum Ekonomiku Dinji, Future of Jobs Report 2023, 2023.
[198] L-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI) tal-Kummissjoni Ewropea huwa disponibbli hawnhekk.
[199] Ara Albanesi, S., Da Silva, A., Jimeno, J., Lamo, A., u Wabitsch, A. (2023), *New technologies and jobs in Europe*, Dokument ta' Ħidma tal-BĊE Nru 2023/2831 u Hayton, J., Rohenkohl, B., Christopher, P., Liu, HY (2024). *What drives UK firms to adopt AI and robotics, and what are the consequences for jobs?,* l-Università ta' Sussex. Rapport.
[200] Il-Kummissjoni Ewropea, Artificial Intelligence:Economic Impact, Opportunities, Challenges, Implications for Policy, (Discussion Paper 210), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.
[201] L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, Generative AI and jobs: A global analysis of potential effects on job quantity and quality, 2023.
[202] Il-Eurofound, Human–robot interaction:What changes in the workplace?, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

F'dan il-kuntest, l-Att tal-UE dwar l-IA (li daħal fis-seħħ minn Awwissu 2024) għandu l-għan li jiżgura li l-IA tkun affidabbli, sikura u f'konformità mad-drittijiet fundamentali tal-UE. Filwaqt li l-Att jipprovdi qafas regolatorju ġenerali, fih ukoll xi referenzi għall-użu tal-IA fuq il-post tax-xogħol (bħall-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq jew tat-tqegħid fis-servizz tal-użu ta' sistemi tal-IA biex jiddeduċu l-emozzjonijiet ta' persuna fuq il-post tax-xogħol)[203].

**Kaxxa 4 tal-Pilastru: Metodi ta' ħidma ġodda u d-dritt ta' skonnessjoni**

**It-telexogħol iġib ħafna opportunitajiet għad-dinja tax-xogħol.** Il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt importanti fuq ix-xejriet tax-xogħol. Msaħħa biż-żieda fid-diġitalizzazzjoni, il-prevalenza tax-xogħol mid-dar fl-UE żdiedet minn 11.1 % fl-2019 għal 19.8 % fl-2023[204]. Ir-riżultati minn stħarriġ tal-Eurofound juru li t-telexogħol fl-Ewropa s'issa huwa karatteristika permanenti tal-prattiki tax-xogħol tagħna, b'aktar minn 60 % tal-ħaddiema jindikaw li jippreferu jaħdmu mid-dar mill-inqas diversi drabi fix-xahar. It-telexogħol joffri opportunitajiet f'termini ta' awtonomija, flessibbiltà, inklużività, kif ukoll iffrankar potenzjali tal-kostijiet kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi. Dawk li għadhom jistgħu, jagħmlu użu mill-uffiċċji tagħhom ukoll. B'riżultat ta' dan, l-arranġamenti ta' xogħol ibridu li jikkombinaw ix-xogħol mill-bini tal-impjegatur u t-telexogħol f'modi differenti joħorġu bħala mudell prominenti tal-organizzazzjoni tax-xogħol[205]. Madankollu, il-possibbiltà li wieħed jaħdem fi kwalunkwe ħin tista' twassal ukoll għal disponibbiltà estiża tal-ħaddiema, u b'hekk titrawwem kultura "dejjem disponibbli".

203 Ir-Regolament 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali), ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024.

204 Il-Eurostat [lfsa_ehomp], is-sehem tal-impjegati ta' bejn il-15 u l-74 sena li jirrapportaw li jaħdmu mid-dar xi drabi u normalment.

205 Il-Eurofound, Fifth round of the Living, working and COVID-19 e-survey:Living in a new era of uncertainty, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

**Il-kultura "always-on", li spiss tirriżulta f'sigħat tax-xogħol addizzjonali u imprevedibbli, tista' tkun ta' detriment għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, is-saħħa u l-benesseri tal-ħaddiema.** Abbażi ta' stħarriġ fil-livell tal-kumpaniji tal-2022 imwettaq mill-Eurofound f'erba' pajjiżi (il-Belġju, Franza, l-Italja u Spanja), aktar minn 80 % tar-rispondenti rrapportaw li ġew ikkuntattjati għal skopijiet relatati max-xogħol barra mill-ħinijiet tax-xogħol kuntrattwali tagħhom, b'disgħa minn kull għaxra jwieġbu għal tali kuntatti. Ir-raġunijiet ewlenin irrapportati għal dan kienu: li wieħed iħossu responsabbli għall-inkarigi tiegħu (82 %), li wieħed jixtieq jibqa' "f'kontroll tal-affarijiet" (75 %), minħabba li kien mistenni minnu (75 %), il-biża' ta' impatt negattiv jekk ma jingħata l-ebda rispons (61 %) u l-aspettattiva ta' progressjoni aħjar tal-karriera (50 %)[206]. Il-konnessjoni żejda, iffaċilitata mid-diġitalizzazzjoni tad-dinja tax-xogħol, spiss titqies mill-ħaddiema bħala li għandha impatt negattiv fuq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, is-saħħa u l-benesseri (ara l-Grafika hawn taħt). L-evidenza tissuġġerixxi li, filwaqt li l-fatturi ta' stress bħall-intensità tax-xogħol, l-interferenza bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u x-xogħol fil-ħin liberu (bħala aspett ta' ħinijiet tax-xogħol mhux soċjali) jaffettwaw lill-ħaddiema kollha, l-effett tagħhom huwa aktar b'saħħtu għall-impjegati li jaħdmu bit-telexogħol milli għal dawk li jaħdmu fil-bini tal-impjegatur tagħhom. L-ansjetà, l-għeja emozzjonali, l-eżawriment minħabba sigħat twal ta' laqgħat virtwali, u l-iżolament, jirrappreżentaw uħud mill-aktar kwistjonijiet ta' saħħa mentali rrapportati fost it-teleħaddiema[207]. Sabiex jittaffew ir-riskji u l-fatturi ta' stress ta' kultura ta' "dejjem disponibbli", id-"dritt ta' skonnessjoni" jista' jgħin biex jiġu stabbiliti limiti aktar ċari bejn il-ħajja professjonali u dik privata, u b'hekk jikkontribwixxi għas-saħħa, is-sikurezza u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-ħaddiema. Id-data tindika li, fil-livell tal-kumpaniji, hemm assoċjazzjoni pożittiva bejn l-implimentazzjoni tad-dritt ta' skonnessjoni u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, is-saħħa, il-benesseri, kif ukoll is-sodisfazzjon kumplessiv tal-impjegati b'rabta mal-impjieg[208].

206 Il-Eurofound, Right to disconnect: Implementation and impact at company level, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

207 Il-Kummissjoni Ewropea, Study exploring the social, economic and legal context and trend of telework and the right to disconnect, in the context of digitalisation and the future of work, during and beyond the COVID-19 pandemic, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

208 Eurofound, Right to disconnect: Implementation and impact at company level, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

**Il-konnessjoni żejda spiss titqies li għandha impatt negattiv fuq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, fuq is-saħħa u fuq il-benesseri**

Impatt perċepit ta' konnessjoni żejda fuq is-saħħa u l-benesseri (%)




*Sors*: il-kalkoli tal-Eurofound, ibbażati fuq l-istħarriġ dwar id-Dritt ta' skonnessjoni tal-2022.

F'dan l-isfond, fl-2021 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni li titlob lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva dwar id-dritt ta' skonnessjoni u qafas leġiżlattiv tal-UE għat-telexogħol[209]. Bħala parti mis-segwitu għar-riżoluzzjoni, il-Kummissjoni ppubblikat studju li jesplora l-kuntest soċjali, ekonomiku u legali u x-xejriet tat-telexogħol u d-dritt ta' skonnessjoni[210]. Filwaqt li ma ntlaħaq l-ebda ftehim mis-sħab soċjali dwar ir-rieżami tal-Ftehim Qafas dwar it-telexogħol, il-Kummissjoni bdiet konsultazzjoni formali f'żewġ stadji dwar inizjattiva potenzjali tal-UE dwar it-telexogħol u d-dritt ta'skonnessjoni. L-ewwel stadju ta' din il-konsultazzjoni[211] sar bejn it-30 ta' April u l-25 ta' Lulju 2024. Barra minn hekk, f'Lulju 2024, il-Kummissjoni nediet studju biex tiġbor evidenza u tanalizza l-valur miżjud u l-impatti ta' għażliet ta' politika potenzjali ta' inizjattiva fuq it-telexogħol u d-dritt ta' skonnessjoni. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' dritt ta'

209 P9_TA (2021)0021 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2021 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-dritt ta' skonnessjoni (2019/2181 (INL)).

210 Il-Kummissjoni Ewropea, Study exploring the social, economic and legal context and trend of telework and the right to disconnect, in the context of digitalisation and the future of work, during and beyond the COVID-19 pandemic, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

211 Il-Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' konsultazzjoni:First-phase consultation of social partners under Article 154 TFEU on possible EU action in the area of telework and workers' right to disconnect, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

skonnessjoni tissemma fl-ittra ta' missjoni tal-Viċi President Eżekuttiv għad-Drittijiet Soċjali, il-Ħiliet, l-Impjiegi ta' Kwalità u l-Preparatezza, Roxana Mînzatu[212].

**Diversi Stati Membri diġà implimentaw miżuri mmirati lejn it-telexogħol u d-dritt ta' skonnessjoni.** Mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 'l hawn, xi Stati Membri adottaw jew emendaw il-leġiżlazzjoni dwar id-definizzjoni statutorja tat-telexogħol. Bħalissa, il-leġiżlazzjoni rilevanti dwar id-dritt ta' skonnessjoni teżisti fi 13-il Stat Membru iżda b'varjazzjonijiet f'termini tal-kamp ta' applikazzjoni, tad-definizzjoni, tal-implimentazzjoni u tal-infurzar. **Franza, Spanja, il-Belġju u l-Italja** kienu l-ewwel erba' pajjiżi b'leġiżlazzjoni nazzjonali dwar id-dritt ta' skonnessjoni filwaqt li disgħa oħra, jiġifieri l-**Bulgarija, Ċipru, il-Greċja, il-Kroazja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, il-Portugall, is-Slovenja u s-Slovakkja** introduċew leġiżlazzjoni ġdida, emenda tal-liġijiet nazzjonali eżistenti jew gwida nazzjonali biex dan id-dritt jiġi stabbilit.

[212] Ittra ta' missjoni tal-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea għad-Drittijiet Soċjali, il-Ħiliet, l-Impjiegi ta' Kwalità u l-Preparatezza, Roxana Mînzatu.

**L-ispettorati tax-xogħol għandhom rwol ewlieni fl-identifikazzjoni u fil-prevenzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena u fil-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat.** Iż-żieda fl-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT, information and communication technologies) u l-iżvilupp tal-ekonomija tal-pjattaformi ġabu sfidi ġodda għall-ispettorati tax-xogħol fit-twettiq tal-kompiti tagħhom. L-għodod tal-IA jistgħu jtejbu b'mod sinifikanti d-detezzjoni tal-frodi u l-valutazzjoni tar-riskju, filwaqt li jibqa' importanti li tiġi żgurata t-trasparenza, u li l-għodod jiġu żviluppati bil-garanziji kollha meħtieġa għan-negozji u għaċ-ċittadini. Il-konformità mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u t-trasparenza hija kruċjali f'dan ir-rigward. Fl-istess ħin, l-ispettorati tax-xogħol jeħtieġ li jkunu mogħnija b'riżorsi xierqa biex iwettqu l-kompiti tagħhom[213]. L-indikaturi tal-ILO dwar l-ispettorati tax-xogħol juru li l-kapaċità u r-riżorsi huma differenti ħafna f'dan ir-rigward fil-pajjiżi tal-UE. L-indikatur tal-ILO dwar l-għadd ta' spetturi għal kull 10 000 persuna impjegata jvarja minn 0.23 fl-Irlanda għal 3.08 fil-Lussemburgu fl-2023[214]. Bejn l-2009 u l-2021, l-għadd ta' spetturi żdied b'mod sinifikanti fiċ-Ċekja (+58.1 %) u fil-Portugall (+36.8 %), filwaqt li naqas fil-Litwanja (-38 %), fir-Rumanija (-28.8 %), fl-Irlanda (-25.4 %) u fil-Kroazja (-22.6 %). B'mod kumplessiv, hemm xejra ta' tnaqqis fl-għadd ta' spezzjonijiet tax-xogħol[215]. Il-Pjattaforma Ewropea li tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat, ikkoordinata mill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA, European Labour Authority), tkompli tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jiżviluppaw approċċi komprensivi fl-indirizzar tal-isfida.

---

213 Għad-dettalji, ara s-sit web tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol: www.ela.europa.eu; L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, The rise of teleworking: improvements in legislation and challenges for tackling undeclared work, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023; L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, Methods and instruments to gather evidence of undeclared work, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

214 ILOSTAT data explorer

215 Il-Eurofound, Minimum wages:Non-compliance and enforcement across EU Member States – Comparative report, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

**Il-qgħad fit-tul kompla jonqos fl-UE, b'mod partikolari fl-Istati Membri bl-ogħla livelli.** Ir-rata tal-qgħad fit-tul kienet ta' 2.1 % fl-UE fl-2023, li hija 0.3 pp taħt il-livell tal-2022. Id-differenza bejn l-ogħla u l-inqas rati fost l-Istati Membri kompliet tonqos minn 7.2 pp fl-2022 għal 5.7 pp fl-2023 (Grafika 2.3.6). Ġie rreġistrat tnaqqis sinifikanti fil-Greċja (-1.5 pp għal 6.2 %) u fi Spanja (-0.8 pp għal 4.3 %). Bit-tielet l-akbar rata fl-UE (4.2 %), l-Italja tinsab f'"sitwazzjoni kritika", flimkien mas-Slovakkja. Wara li esperjenzaw rati dejjem jiżdiedu, l-Ungerija u l-Lussemburgu issa "għandhom jiġu osservati", filwaqt li ċ-Ċekja hija "tajba iżda għandha tiġi mmonitorjata". Min-naħa l-oħra, id-Danimarka u n-Netherlands għandhom "l-aħjar prestazzjoni", b'rati kumplessivament baxxi ħafna fl-2023. Id-differenza bejn il-ġeneri fir-rati tal-qgħad fit-tul kienet baxxa (inqas minn 0.5 pp) fl-2023 fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, bl-eċċezzjoni tal-Greċja, Spanja u l-Italja (4.5 pp, 1.5 pp u 1 pp, rispettivament). Jistgħu jiġu osservati differenzi reġjonali kbar f'diversi Stati Membri, inklużi r-Rumanija, il-Bulgarija, l-Ungerija, is-Slovakkja u Franza (ara l-Grafika 7 fl-Anness 5), inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi.

**Illustrazzjoni 2.3.6: Ir-rati tal-qgħad fit-tul komplew jonqsu fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri**

Ir-rata tal-qgħad fit-tul, il-livelli tal-2023 u l-bidliet mill-2022 (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-definizzjoni hija differenti għal ES u FR. Interruzzjoni fis-serje għal CY u DK.
*Sors*: il-Eurostat [tesem130], l-LFS tal-UE.

**Fl-isfond ta' suq tax-xogħol strett, ir-rati ta' parteċipazzjoni fil-politiki attivi tas-suq tax-xogħol ikomplu jvarjaw b'mod sinifikanti fl-Istati Membri.** Fl-2022, is-sehem ta' persuni qiegħda li lesti jaħdmu, li pparteċipaw f'miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol baqa' relattivament stabbli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri meta mqabbel mal-2021, filwaqt li f'xi każijiet ġie rreġistrat tnaqqis qawwi (Grafika 2.3.7). Skont id-data disponibbli l-aktar reċenti, l-aktar rati baxxi ta' parteċipazzjoni (inqas minn 10 %) ġew osservati fir-Rumanija, fil-Latvja, fil-Greċja, fil-Kroazja u f'Ċipru. Min-naħa l-oħra, id-Danimarka, in-Netherlands, Spanja u l-Irlanda rreġistraw ċifri ogħla minn 70 %. Meta mqabbla mal-2021, ir-rata ta' parteċipazzjoni naqset kważi bin-nofs fl-Ungerija (minn 72.5 % għal 37.3 %) u fil-Bulgarija (minn 51.9 % għal 27.3 %), filwaqt li r-rata tal-Portugall naqset ukoll b'mod sinifikanti, minn 62.0 % għal 42.5 %. Fl-Italja ġiet irreġistrata żieda notevoli ta' 16.7 pp. Fl-Italja ġiet irreġistrata żieda notevoli ta' 16.7 pp. Minn perspettiva aktar fit-tul, is-sehem tal-persuni qiegħda li jipparteċipaw fil-politiki attivi tas-suq tax-xogħol ilu jiżdied b'mod kostanti fl-UE b'aktar minn 50 % mill-2013.

**Illustrazzjoni 2.3.7: Ir-rati ta' parteċipazzjoni fil-politiki attivi tas-suq tax-xogħol kienu staġnati jew naqsu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri**

Parteċipanti f'interventi regolari tal-politika tas-suq tax-xogħol (LMP, labour market policy) (il-kategoriji 2-7) għal kull 100 persuna qiegħda li jixtiequ jaħdmu, klassi totali ta' età




*Nota*: Is-serje kronoloġika ma hijiex disponibbli għal CZ. L-aħħar data disponibbli għal UE u għal RO (2020) u CY, EL, HR, IE (2021). Is-serje kronoloġika hija stmata għal DK, NL u SE. Id-data għal EL u LT hija ta' affidabbiltà baxxa. Ebda data disponibbli għal PL (2021). Ċifri ogħla minn 100 % jindikaw li n-nies jirreġistraw aktar minn darba fis-sett ta' data tal-Politika Attiva tas-Suq tax-Xogħol bħala parti mill-parteċipazzjoni tagħhom f'kategoriji differenti ta' miżuri jew minħabba parteċipanti li ma humiex irreġistrati bħala persuni li qed ifittxu impjieg.
*Sors*: il-Eurostat [lmp_ind_actsup].

**Għad hemm eteroġeneità fl-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet favur il-persuni qiegħda fit-tul.** Il-ġbir tad-data tal-2022 fil-kuntest tal-monitoraġġ tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-qgħad fit-tul[216] juri li ftit aktar minn nofs l-Istati Membri (15) kisbu kopertura ta' mill-inqas 90 % fit-twassil tal-Ftehimiet ta' Integrazzjoni tal-Impjiegi (JIA, Job Integration Agreements) lill-persuni kollha qiegħda fit-tul irreġistrati għal mill-inqas 18-il xahar. F'sitt Stati Membri, mill-inqas wieħed minn kull tlieta minnhom ma kellux JIA. Għall-kuntrarju, fi 13-il Stat Membru ieħor, aktar minn 95 % tal-persuni kollha qiegħda fit-tul irċevew JIA jew ekwivalenti, u s-sehem kumplessiv żdied meta mqabbel mal-2021. Il-prospetti tal-utenti tal-JIA li jsibu impjieg iddeterjoraw ftit fl-2022. Id-data disponibbli għal 23 Stat Membru turi li total ta' ftit inqas minn 3.7 miljun utent tal-JIA temmew il-perjodu ta' qgħad tagħhom, li minnhom 1.7 miljun (jew 47.6 %) kienu magħrufa li bdew jaħdmu (vs 49.1 % fl-2021). Aktar importanti minn hekk, iċ-ċifri juru b'mod konsistenti li l-grupp ta' Stati Membri li jipprovdu Pjanijiet ta' Azzjoni Individwali b'evalwazzjoni fil-fond jirreġistraw riżultati aħjar b'mod sinifikanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-persuni qiegħda fit-tul[217].

[216] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol

[217] Il-Kummissjoni Ewropea, Data collection for monitoring of the LTU Recommendation:riżultati tal-2022, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

**Politiki attivi tas-suq tax-xogħol effettivi u effiċjenti huma importanti biex jiġu appoġġati eżiti tajbin tas-suq tax-xogħol.** L-infiq tal-Istati Membri fuq politiki attivi tas-suq tax-xogħol juri differenzi notevoli. Fl-2022, il-Greċja, l-Italja, is-Slovakkja u l-Portugall irreġistraw rati tal-qgħad fit-tul ogħla mill-medja tal-UE ta' 2.4 %, filwaqt li nefqu inqas fuq interventi attivi fis-suq tax-xogħol mill-medja tal-UE ta' 0.6 % tal-PDG (Grafika 2.3.8). Min-naħa l-oħra, l-Irlanda, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Iżvezja u l-Awstrija, li għandhom rati ta' qgħad fit-tul taħt it-2 %, allokaw l-ogħla ishma tal-PDG għall-politiki attivi tas-suq tax-xogħol (li jvarjaw minn madwar 0.5 % għal 1.2 %). Spanja kompliet tonfoq aktar, meta mqabbel mal-PDG, f'miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, filwaqt li esperjenzat qgħad fit-tul għoli (wara tnaqqis minn 6.2 % għal 5.1 %). Fl-aħħar nett, il-Kroazja, il-Belġju u Franza wrew valuri relattivament qrib il-medja tal-UE fir-rigward kemm tal-infiq tal-ALMP kif ukoll tal-qgħad fit-tul.

**Illustrazzjoni 2.3.8: L-infiq fuq miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol ivarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri**

L-infiq fuq interventi ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol (il-kategoriji 2-7, f'perċentwal tal-PDG, 2022) u r-rata tal-qgħad fit-tul (fl-età ta' bejn 15 u 74 sena) (%, 2022)




*Nota:* l-aħħar data disponibbli dwar in-nefqa tal-politika tas-suq tax-xogħol (LMP, labour market policy) għall-UE, IT, CY u RO (2020), u HR u IE (2021). Data dwar in-nefqa fuq l-LMP hija stmata għal DE, NL, u SE. Data tal-LMP proviżorja għal FR. Id-definizzjoni ta' qgħad fit-tul tvarja għal ES u FR.
*Sors*: il-Eurostat [lmp_expsumm], il-bażi tad-data tal-politika tas-suq tax-xogħol (LMP) u [tesem130], l-LFS tal-UE.

**Fl-2023, is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) operaw f'ambjent ta' nuqqas ta' ħaddiema akkumpanjat minn livelli baxxi ta' qgħad u, b'hekk, minn tnaqqis fl-għadd ta' persuni qiegħda rreġistrati fil-maġġoranza tal-Istati Membri.** Biex iwieġeb għan-nuqqas ta' ħaddiema, in-Network tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi[218] adatta l-qafas ta' referenza għall-eċċellenza istituzzjonali tal-PES, filwaqt li poġġa aktar enfasi fuq l-attivazzjoni u s-sħubijiet pluriatturi[219]. Il-PES fi 26 Stat Membru stabbilew strateġiji u miri biex jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq tax-xogħol għall-gruppi l-aktar vulnerabbli. Barra minn hekk, fl-2023 il-PES ħadmu fuq it-trawwim ta' tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti, b'enfasi qawwija fuq il-ħiliet u fuq l-appoġġ għall-ħaddiema li qed jiffaċċjaw tranżizzjonijiet bejn impjiegi. B'mod aktar speċifiku, il-PES minn 18-il Stat Membru kkooperaw ma' għadd ta' impjegaturi biex jidentifikaw il-ħtiġijiet ta' ħiliet għal impjiegi ekoloġiċi, biex jappoġġaw ir-ristrutturar industrijali, u biex jgħinu fl-implimentazzjoni ta' sussidji għall-impjiegi għal impjiegi ekoloġiċi. Il-PES minn 17-il Stat Membru pprovdew titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid għall-ħaddiema. Sabiex l-SMEs jiġu appoġġati jsibu ħaddiema bil-ħiliet it-tajba, il-PES ħadu passi biex jaqilbu minn approċċi bbażati fuq ix-xogħol għal approċċi bbażati fuq il-ħiliet fl-attivitajiet tagħhom ta' tfassil ta' profili u tqabbil. Il-kooperazzjoni bejn is-servizzi pubbliċi u privati tal-impjiegi kienet qed tevolvi wkoll matul dawn l-aħħar snin, u diversi PES wessgħu u saħħew il-kooperazzjonijiet tagħhom ma' portali privati tal-impjiegi u ma' aġenziji privati tal-impjiegi, jew qed jippjanaw li jagħmlu dan[220].

---

218 Ara: In-Network Ewropew ta' Servizzi Pubbliċi għall-Impjieg (PES)

219 Il-Kummissjoni Ewropea, PES Network Benchlearning manual, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

220 Il-Kummissjoni Ewropea, Xejriet fil-PES:Il-Kummissjoni Ewropea, Trends in PES:Assessment report on PES capacity, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023, id-data ġiet aġġustata biex tirrappreżenta lill-UE biss.

**L-għadd ta' persuni qiegħda fuq żmien qasir koperti mill-benefiċċji tal-qgħad żdied bi ftit fl-UE u kważi fl-Istati Membri kollha fl-2023, għalkemm b'varjazzjonijiet fl-Istati Membri.** Dan żdied minn 35.8 % fl-2022 għal 36.6 % fl-2023 (Grafika 2.3.9)[221]. Filwaqt li s-Slovenja (-5.9 pp), l-Irlanda (-5 pp) u l-Belġju (-4 pp) esperjenzaw l-akbar tnaqqis, ġew osservati żidiet għoljin fil-kopertura fl-Estonja (5.9 pp) u fil-Bulgarija (5.3 pp). Fl-2023, l-ogħla rati ta' kopertura ġew irreġistrati fil-Ġermanja, fil-Finlandja u fl-Awstrija (aktar minn 50 %), segwiti mill-Estonja, minn Franza u mil-Litwanja (aktar minn 40 %). Bil-kontra ta' dan, l-inqas kopertura ġiet osservata fir-Rumanija u fil-Polonja (inqas minn 15 %). Meta mqabbel mal-2022, is-sehem tal-persuni qiegħda rreġistrati għal inqas minn sena li rċevew benefiċċji jew assistenza baqa' relattivament stabbli fl-UE fl-2023, f'madwar 35 %. Is-sehem ta' persuni qiegħda fuq żmien qasir koperti mill-benefiċċji tal-qgħad huwa kkorrelatat b'mod pożittiv ma' tranżizzjonijiet ogħla minn qgħad fuq żmien qasir għal impjieg u każijiet aktar baxxi ta' qgħad fit-tul. B'mod kumplessiv, ir-regoli dwar il-perjodu ta' kwalifika baqgħu stabbli fi kważi l-Istati Membri kollha, b'varjazzjoni kbira bejniethom, li tvarja minn 13-il ġimgħa ta' kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni fl-Italja, 51 ġimgħa fl-Ungerija, fil-Portugall jew fi Spanja, għal 104 ġimgħat fis-Slovakkja[222]. Id-durata massima tal-benefiċċji tal-qgħad għal dawk b'rekord ta' sena xogħol baqgħet l-istess ukoll fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. B'mod kumplessiv, f'16-il pajjiż tal-UE, il-persuni qiegħda bi storja ta' impjieg ta' sena huma eliġibbli għal benefiċċji għal mhux aktar minn 6 xhur. Is-sostituzzjoni tal-introjtu hija wkoll marbuta mill-qrib mad-durata tal-perjodu tal-qgħad. Ir-rati netti ta' sostituzzjoni għal dawk li jaqilgħu paga baxxa b'rekord qasir ta' xogħol ivarjaw b'mod sinifikanti fl-Istati Membri. Fit-tieni xahar, ir-rati netti ta' sostituzzjoni jvarjaw minn 6.9 % tal-qligħ (nett) preċedenti fl-Ungerija għal 90 % fil-Belġju (Grafika 2.3.10). Fil-Lussemburgu, fid-Danimarka, fi Franza u fil-Finlandja, ir-rata ta' sostituzzjoni (ogħla minn 60 % għalihom kollha, u f'xi każijiet ogħla b'mod sinifikanti) hija l-istess fit-tieni xahar bħal fit-tnax-il xahar tal-perjodu tal-qgħad.

[221] Persuni qiegħda fuq żmien qasir huma dawk il-persuni qiegħda għal inqas minn 12-il xahar.
[222] L-analiżi tirreferi għall-benefiċċji tal-qgħad li ġeneralment jingħataw lil dawk li jirreġistraw wara li jisfaw qiegħda mingħajr l-ebda ħtija tagħhom, mingħajr ma jiġu inklużi skemi ta' natura temporanja.

**Illustrazzjoni 2.3.9: Kien hemm bidliet limitati fil-kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad għal persuni li qed ifittxu impjieg għal żmien qasir, b'differenzi persistenti fl-Istati Membri**

Rati ta' kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad għall-persuni qiegħda fuq żmien qasir (inqas minn 12-il xahar, tal-età ta' bejn 15 u 64 sena, %)




*Nota*: Id-data ma hijiex disponibbli għal MT. Id-definizzjoni tvarja għal ES u FR (ara l-metadata). Interruzzjoni fis-serje għal DK u CY. Affidabbiltà baxxa għal LU u SI.
*Sors*: il-Eurostat [lfsa_ugadra], l-LFS tal-UE.

**Illustrazzjoni 2.3.10: Jeżistu differenzi sinifikanti fir-rati ta' sostituzzjoni fl-Istati Membri kemm għall-qgħad fuq żmien qasir kif ukoll fit-tul**

Ir-rata netta ta' sostituzzjoni tal-benefiċċji tal-qgħad ta' 67 % tal-paga medja, fit-tieni u t-12-il xahar tal-qgħad (2023 u 2022)




*Nota*: l-indikatur jiġi kkalkolat għall-każ ta' persuna mhux miżżewġa mingħajr tfal b'rekord qasir ta' xogħol (sena) u li jkollha 20 sena. Komponenti ta' introjtu differenti, benefiċċji tal-qgħad u benefiċċji oħrajn (bħall-assistenza soċjali u l-benefiċċji għall-akkomodazzjoni) huma inklużi. Id-data kollha hija għall-2023, ħlief għal BE, CY, DK, FI, u PT, li għalihom id-data hija għall-2022.
*Sors*: il-kalkoli tal-Kummissjoni Ewropea, abbażi tal-Mudell tat-Taxxi u tal-Benefiċċji tal-OECD.

L-eżiti tas-suq tax-xogħol għal dawk li jiċċaqilqu fl-UE[223] qed ikomplu jitjiebu. L-għadd totali u r-rata ta' impjieg ta' dawk li huma fl-età tax-xogħol li jiċċaqilqu fl-UE baqgħu fuq xejra ta' żieda, u laħqu 10.1 miljun u rata ta' impjieg ta' 78 % (vs 76 % għaċ-ċittadini) fl-2023. Fl-istess sena, l-għadd totali ta' ħaddiema transfruntiera fl-UE kien ta' 1.8 miljun (żieda ta' 3 % meta mqabbel mal-2022) u 1.5 miljun ċittadin tal-UE biddlu l-pajjiż li ħadmu fih. Il-biċċa l-kbira tal-ħaddiema mobbli jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, b'żieda fin-numru tagħhom ta' 6 % għall-UE fl-2023, u b'varjazzjoni sinifikanti bejn l-Istati Membri[224]. Fl-2024, il-Kummissjoni ppubblikat rieżami tal-prattiki ta' kooperazzjoni u l-isfidi li jikkonċernaw il-ħaddiema stazzjonati fl-UE, b'enfasi fuq id-drittijiet tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-akkomodazzjoni u l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg[225].

223 Dawk li jiċċaqilqu mill-UE u mill-EFTA huma ċittadini li jirrisjedu f'pajjiż tal-UE jew tal-EFTA li mhuwiex il-pajjiż taċ-ċittadinanza tagħhom (Ara r-Rapporti annwali dwar il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol intra-UE).

224 Il-Kummissjoni Ewropea (għad mhux ippubblikat), *Annual report on intra EU-labour mobility 2024.*

225 Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni disponibbli hawn.

**Djalogu soċjali u negozjar kollettiv li jiffunzjonaw tajjeb huma kruċjali għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u għall-mitigazzjoni tan-nuqqas ta' ħaddiema, iżda l-involviment tas-sħab soċjali jvarja fl-oqsma ta' politika.** Bejn April 2020 u Lulju 2024, ġie rrapportat l-ogħla livell ta' involviment tas-sħab soċjali fir-rigward tal-politiki relatati mal-COVID-19, bi kważi 37 % ta' dawn li ġew miftiehma jew ikkonsultati mas-sħab soċjali. Dan kien segwit minn miżuri biex jittaffa l-impatt tal-kost elevat tal-għoli tal-ħajja (31 %), dawk relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika (27 %), l-istrumenti ta' appoġġ għar-ristrutturar (26 %) u miżuri relatati mal-gwerra fl-Ukrajna (25 %). L-aktar livell baxx ta' involviment ġie rreġistrat għall-miżuri ta' politika fil-kuntest tat-trasformazzjoni diġitali (22 %) jew b'rabta ma' avvenimenti estremi tat-temp (13 %). Dan jirrifletti l-fatt li s-sħab soċjali għandhom it-tendenza li jkunu involuti l-aktar f'oqsma ta' politika li jikkonċernaw il-post tax-xogħol (li jaffettwaw lin-negozji u lill-ħaddiema) (Grafika 2.3.11). Ir-rieżami annwali ta' sorveljanza multilaterali tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) dwar id-djalogu soċjali ta' Novembru 2023 enfasizza li kien sar progress limitat fil-kisba ta' djalogu soċjali aktar effettiv u fl-involviment tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tas-sħab soċjali nazzjonali tal-kwalità tal-involviment tagħhom fl-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-2023 ma kinitx uniformi. Għall-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP, Recovery and Resilience Plan) tagħhom, kull Stat Membru għażel struttura ta' governanza adattata għall-oqfsa ta' djalogu soċjali nazzjonali rispettivi tiegħu. Għalhekk, l-oqfsa istituzzjonali għall-involviment tas-sħab soċjali huma varjati, peress li xi Stati Membri stabbilew ambjenti u proċeduri speċifiċi, u oħrajn użaw kanali ta' djalogu soċjali eżistenti. Fi ftit pajjiżi, is-sħab soċjali ġew involuti permezz ta' korpi ġodda jew ta' gruppi ta' ħidma speċifiċi maħluqa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew jew biex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-RRPs[226].

226 Il-Eurofound, *Social governance of the Recovery and Resilience Facility: Involvement of the national social partners,* l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

**Illustrazzjoni 2.3.11: Il-grad ta' involviment tas-sħab soċjali jvarja skont il-kuntest tal-politika**

L-involviment tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politiki nazzjonali skont il-kuntest tal-politika




*Nota:* iċ-ċifra tinkludi 2 290 politika ttaggjati bil-kuntest rispettiv (xi għadd doppju minħabba l-possibbiltà li politika waħda tista' tkun relatata ma' aktar minn kuntest wieħed), miġbura bejn April 2020 u Lulju 2024. Il-politiki jinkludu biss leġiżlazzjoni jew regolamenti statutorji oħra u ftehimiet tripartitiċi. L-involviment tas-sħab soċjali ppreżentat bħala medja tal-involviment tal-impjegaturi u tat-trade unions f'kull kategorija skont il-kuntest. Id-differenzi fil-grad ta' involviment tal-impjegaturi meta mqabbla mal-unions huma minuri.
*Sors:* EU PolicyWatch Database tal-Eurofound.

**Fis-Summit tas-Sħab Soċjali ta' Val Duchesse tal-31 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni, il-Presidenza Belġjana, u s-sħab soċjali transindustrijali ffirmaw "Tripartite Declaration for a Thriving Social Dialogue".** Dan jirrappreżenta impenn imġedded biex jissaħħaħ id-djalogu soċjali fil-livell tal-UE u biex ningħaqdu flimkien fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin li qed jiffaċċjaw l-ekonomiji u s-swieq tax-xogħol tagħna[227]. Id-dikjarazzjoni ħabbret il-ħatra mill-Kummissjoni ta' Mibgħut ġdid għad-Djalogu Soċjali Ewropew u t-tnedija ta' proċess lejn Patt għad-Djalogu Soċjali li għandu jiġi konkluż fil-bidu tal-2025. Il-Mibgħut se jappoġġa u jikkoordina l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-2023 dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-UE, kif ukoll ir-rispons tal-Kummissjoni għar-rapporti konġunti tas-sħab soċjali Ewropej dwar id-djalogu soċjali fil-livell tal-UE. Fir-rigward tal-Patt għad-Djalogu Soċjali Ewropew, se jsiru sensiela ta' laqgħat tripartitiċi u bipartitiċi mal-imsieħba soċjali Ewropej biex jiġu identifikati proposti ġodda biex jissaħħaħ id-djalogu soċjali Ewropew. Dawn il-laqgħat se jindirizzaw, fost l-oħrajn, l-appoġġ istituzzjonali u finanzjarju tal-UE għad-djalogu soċjali Ewropew fil-livelli kollha, il-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali (inkluż permezz tal-FSE+), approċċ bipartitiku maqbul dwar in-negozjar, il-promozzjoni u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet tas-sħab soċjali.

[227] Dikjarazzjoni Tripartitika għal Djalogu Soċjali Ewropew Prosperu.

**Id-djalogu u l-konsultazzjoni regolari mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma strumentali għat-twassil ta' politiki inklużivi u li jħallu impatt.** Kif rikonoxxut mid-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe tal-2024 dwar il-Futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, is-soċjetà ċivili għandha rwol ewlieni fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanzi, u fir-rigward tal-politiki li jikkonċernaw gruppi sottorappreżentati u vulnerabbli. Fil-livell tal-UE, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma involuti b'mod attiv fis-Semestru Ewropew, bi skambji regolari ta' fehmiet u diskussjonijiet tematiċi dwar oqsma ta' rilevanza partikolari. Riċerka reċenti tal-Eurofound teżamina l-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni bikrija tal-Pjanijiet Territorjali għal Tranżizzjoni Ġusta (TJTPs, Territorial Just Transition Plans) f'xi Stati Membri. L-ewwel riċerka empirika tissuġġerixxi li djalogu sinifikanti mas-soċjetà ċivili dwar il-miżuri ta' politika u l-appoġġ għall-ħaddiema, il-komunitajiet u l-industriji vulnerabbli għadu jirrikjedi t-tnaqqis tal-ostakli għall-parteċipazzjoni, il-ħolqien ta' opportunitajiet għal valutazzjoni konġunta tal-ħtiġijiet, l-appoġġ għall-bini tal-kapaċità u l-iffaċilitar tal-kondiviżjoni tal-għarfien[228].

[228] Il-Eurofound, Creating a new social contract for the just transition: Is partnership working?, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

### 2.3.2 Miżuri meħuda mill-Istati Membri

**L-isforzi biex jiġu indirizzati l-kawżi tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol jitkomplew f'xi Stati Membri.** Wara konsultazzjoni pubblika mnedija f'Lulju 2023, **in-Netherlands** qed iħejju abbozz ta' liġi ffukat fuq iż-żieda tas-sigurtà tal-ħaddiema b'kuntratti ta' impjieg flessibbli billi jabolixxi l-kuntratti ta' żero sigħat, jissostitwixxi l-kuntratti on-call b'tip ġdid ta' kuntratt li jipprovdi aktar sigurtà tal-introjtu għall-ħaddiema, u jtejjeb is-sigurtà tal-impjiegi tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija. Barra minn hekk, **in-Netherlands** nedew konsultazzjoni pubblika f'Ottubru 2023 dwar abbozz ta' liġi li jiċċara l-kunċett ta' relazzjoni ta' impjieg u li jintroduċi preżunzjoni legali ta' impjieg għal persuni b'impjieg indipendenti mingħajr impjegati (li jaħdmu għal tariffa ta' inqas minn EUR 36). Fiċ-**Ċekja**, f'Jannar 2024 daħlet fis-seħħ emenda tal-Att dwar l-Impjiegi, li għandha l-għan li tiċċara u tissimplifika l-kundizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi mill-aġenziji tal-impjiegi. Il-leġiżlazzjoni saret aktar stretta fl-oqsma tal-impjiegi illegali u moħbija u issa tinkludi multi. Fil-programm tal-gvern tagħha tal-2023, il-**Finlandja** ħabbret riforma tal-kuntratti ta' impjieg għal terminu fiss. Filwaqt li l-kuntratti ta' impjieg jistgħu jiġu konklużi għal terminu fiss ta' sena mingħajr raġuni speċjali, il-leġiżlazzjoni tiżgura li dawn ma jwasslux għal użu mhux ġustifikat ta' kuntratti għal terminu fiss konsekuttivi. **Spanja** qed tħejji emenda għall-iżvilupp regolatorju tal-kuntratti ta' taħriġ, filwaqt li tiżviluppa l-proċedura biex tqabbad l-istudenti mal-kumpaniji. Din l-emenda tiffoka fuq l-aspetti ta' taħriġ tal-kuntratt ta' taħriġ alternat, fejn l-għan huwa li x-xogħol imħallas isir kompatibbli mal-proċessi ta' taħriġ fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Katalogu tal-Ispeċjalitajiet tat-Taħriġ tas-Sistema Nazzjonali tal-Impjiegi. Bħala parti mill-RRP tagħha, is-**Slovenja** qed tħejji att li jistabbilixxi skema permanenti ta' xogħol b'ħinijiet iqsar inkluż ukoll għal tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku, li jibni fuq l-esperjenza miksuba matul il-kriżi tal-COVID-19. L-att irid jipprevedi wkoll obbligi ta' taħriġ u edukazzjoni matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-miżura ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.

**Diversi Stati Membri adottaw miżuri bl-għan li jsaħħu l-oqfsa tagħhom għall-protezzjoni tal-impjiegi.** F'April 2024, is-**Slovenja** introduċiet miżuri regolatorji li jsaħħu d-drittijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-ħaddiema, kif ukoll il-kodeterminazzjoni fil-korpi maniġerjali jew superviżorji tal-kumpanija f'każ ta' merger, diviżjoni jew konverżjoni transfruntiera tal-kumpanija. F'Mejju 2024, fl-**Estonja** daħlet fis-seħħ il-leġiżlazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-kapaċità għax-xogħol, li tippermetti li persuna b'liv tal-mard fit-tul taħdem f'kundizzjonijiet adattati għall-istatus tas-saħħa tagħha, wara xahrejn matul il-liv tal-mard. Din ir-riforma għandha tappoġġa l-proċess ta' fejqan tal-impjegati b'mard kroniku matul il-liv tal-mard fit-tul tagħhom, filwaqt li tnaqqas id-dipendenza u r-riskji ta' telf ta' impjiegi u/jew ta' inkapaċità permanenti. F'Lulju 2023, fi **Spanja** daħlu fis-seħħ bidliet relatati mal-leġiżlazzjoni dwar is-sensji kollettivi. L-impriżi li biħsiebhom jagħlqu post tax-xogħol wieħed jew aktar bir-riżultat li jkun hemm waqfien għalkollox u li jitkeċċew 50 ħaddiem jew aktar għandhom obbligu ta' notifika minn qabel ta' 6 xhur. F'Settembru 2024, il-**Greċja** nediet l-implimentazzjoni pilota tal-karta tax-xogħol diġitali fis-setturi tal-catering u tat-turiżmu, bl-għan li tiġġieled is-sahra mhux iddikjarata u l-ħin tax-xogħol żejjed. Il-proġett pilota diġà huwa applikat għall-impjegati fil-banek, fis-supermarkets kbar, fil-kumpaniji tal-assigurazzjoni, fil-kumpaniji tas-sigurtà u fl-intrapriżi pubbliċi.

**Xi Stati Membri ħadu passi ulterjuri biex itejbu l-oqfsa tagħhom tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali.** F'Ġunju 2023, il-liġi dwar miżuri urġenti għall-protezzjoni tal-ħaddiema f'każ ta' emerġenza klimatika daħlet fis-seħħ fl-**Italja**. Waħda mid-dispożizzjonijiet tagħha tirreferi għar-rwol tal-Ministeru tax-Xogħol fil-promozzjoni tad-djalogu soċjali biex jintlaħqu ftehimiet settorjali li jiżguraw is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali f'każ ta' emerġenzi klimatiċi, inklużi mewġiet ta' sħana. Barra minn hekk, f'Ottubru 2023, l-**Italja** rratifikat il-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO C155 (il-Konvenzjoni dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali) u C187 (il-Qafas Promozzjonali għall-Konvenzjoni dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali). F'Diċembru 2023, il-gvern **Żvediż** inkariga lill-Aġenzija għall-Ambjent tax-Xogħol biex tippreżenta proposti għal inizjattivi li jistgħu jwasslu biex aktar ħaddiema jesprimu interess fir-rwol ta' rappreżentant tas-sikurezza. L-Aġenzija ppreżentat rapport lill-Ministeru tax-Xogħol f'April 2024. F'Diċembru 2023, id-**Danimarka** emendat l-Att dwar il-Kumpens għall-Ħaddiema biex issaħħaħ is-sistema ta' kumpens għax-xogħol (eż., permezz ta' allowance ġdida għat-taħriġ, rieżami tal-ħinijiet tal-ipproċessar tal-każijiet, żieda fil-livell ta' kumpens li jintroduċi skema ta' assigurazzjoni kontra l-korrimenti fuq il-post tax-xogħol f'każijiet ta' vjolenza għall-indokraturi). Barra minn hekk, il-liġi introduċiet kumpens għat-telf tad-dipendenza għat-tfal u għaż-żgħażagħ. F'Settembru 2024, **Spanja** għaddiet regolament dwar is-sikurezza u l-protezzjoni tas-saħħa fil-kuntest tax-xogħol domestiku. Ir-regolament jispeċifika u jestendi l-lista tad-drittijiet tal-ħaddiema domestiċi u d-dmirijiet tal-impjegaturi, filwaqt li jipprovdi ċ-ċertezza legali meħtieġa għall-effettività tagħhom. F'April 2024, il-**Bulgarija** rratifikat il-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO C155 u C187 u, f'Ottubru 2024, **in-Netherlands** irratifikaw C187 dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali. Fil-**Greċja**, jinħarġu ċirkulari annwali biex jiġu ddeterminati l-miżuri xierqa għall-protezzjoni tal-ħaddiema kontra l-istress mis-sħana, filwaqt li jiġi pprojbit b'mod espliċitu x-xogħol fuq barra li jaqbeż ċerta temperatura jew il-valur tat-Temperatura tal-Globu b'Bozza Mxarrba (WBGT).

**Arranġamenti ġodda tax-xogħol, bħal xogħol flessibbli, telexogħol u xogħol mill-bogħod, jinsabu fuq l-aġenda ta' diversi Stati Membri.** L-emendi tal-Kodiċi tax-Xogħol **Ċek** daħlu fis-seħħ f'Settembru 2023, u waħda mill-bidliet ewlenin hija r-regolamentazzjoni tax-xogħol mill-bogħod. Barra minn hekk, il-ġenituri ta' tfal żgħar u l-indokraturi għandhom appoġġ imsaħħaħ biex jikkombinaw il-ħajja tal-familja max-xogħol. Novità oħra hija l-possibbiltà li l-ħaddiema remoti jingħataw kumpens għall-aktar kostijiet komuni relatati mal-uffiċċju tad-dar tagħhom fil-forma ta' rata fissa. Fl-**Irlanda**, l-Abbozz ta' Liġi dwar id-Dritt biex Jintalab Xogħol mill-Bogħod ġie integrat fl-Att dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata u Dispożizzjonijiet Mixxellanji, u l-bidliet daħlu fis-seħħ f'Marzu 2024. L-Att jinkludi d-dritt tal-ħaddiema li jitolbu xogħol mill-bogħod u d-dritt tal-indokraturi li jitolbu xogħol flessibbli, inkluż id-dritt għal sigħat ikkumpressati jew imnaqqsa għall-ommijiet li jreddgħu. Bħala parti mill-RRP tiegħu, f'Marzu 2024 **Ċipru** introduċa skema biex jipprovdi inċentivi għall-impjieg ta' persuni li huma qiegħda billi ngħataw forom flessibbli ta' xogħol permezz tat-telexogħol. F'Marzu 2024, il-**Bulgarija** implimentat riforma inkluża fl-RRP tagħha li permezz tagħha r-regoli dwar ix-xogħol mill-bogħod stabbiliti bil-Kodiċi tax-Xogħol ġew emendati biex jiffaċilitaw l-aċċess għax-xogħol mill-bogħod billi jipprovdu ċertezza legali kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi, filwaqt li jiċċaraw ir-regoli dwar is-saħħa u s-sikurezza u dwar il-monitoraġġ u r-rapportar tal-ħin tax-xogħol.

**Xi Stati Membri ħadu azzjoni leġiżlattiva biex itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi u biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mill-użu tal-ġestjoni algoritmika fl-ispazju tax-xogħol.** Il-bidliet fl-Att **Kroat** dwar ix-Xogħol, li saru effettivi fl-1 ta' Jannar 2024 u li huma parti mill-RRP, jispeċifikaw li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali u l-aggregaturi (l-intermedjarji li jgħaqqdu tali pjattaformi mal-ħaddiema) huma responsabbli b'mod konġunt għall-pagament tas-salarju lill-ħaddiema tal-pjattaformi. Dawn iridu jinfurmaw lill-ħaddiema tal-pjattaformi dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol u dwar il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet filwaqt li jiżguraw it-trasparenza tad-data. Bħala parti mill-RRP tiegħu, **Ċipru** qed jirriforma l-assigurazzjoni soċjali tiegħu biex ikopri lil persuni b'impjieg indipendenti, u lil dawk b'impjiegi mhux standard, bħall-ħaddiema tal-pjattaformi. Il-**Portugall** reċentement introduċa regolament dwar il-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol skont l-aġenda tax-xogħol deċenti tal-2023. Il-liġi tistipula, fost l-oħrajn, li l-ftehimiet ta' negozjar kollettiv jistgħu jirregolaw l-użu tal-algoritmi u tal-intelliġenza artifiċjali.

**Xi Stati Membri bdew jieħdu miżuri biex inaqqsu l-inċidenza tax-xogħol mhux iddikjarat.** Bħala parti mill-RRP tagħha, il-**Greċja** qed tħejji l-implimentazzjoni ta' sistema tal-IT għall-monitoraġġ tas-suq tax-xogħol (ARIADNE), li se tiżgura r-reġistrazzjoni diġitali tal-ħin tax-xogħol u taġixxi bħala gateway unika għad-data amministrattiva dwar l-impjiegi u l-assigurazzjoni soċjali. Minn Diċembru 2023, l-Aġenzija **Taljana** tad-Dħul u l-Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali Taljan huma mistennija li jiksbu interoperabbiltà sħiħa tal-bażijiet tad-data rispettivi tagħhom sabiex jindirizzaw l-evażjoni tat-taxxa fis-settur tax-xogħol domestiku. Minn April 2024, bħala parti mill-RRP tagħha, l-**Italja** saħħet l-attivitajiet tal-ispezzjoni tax-xogħol u introduċiet miżura deterrenti u ta' inċentiv biex tnaqqas l-inċidenza tax-xogħol mhux iddikjarat. Fl-2024, fil-Litwanja, daħlu fis-seħħ bidliet fir-regoli dwar il-ġbir obbligatorju tad-dejn, bl-għan li jiġu inċentivati aktar persuni qiegħda biex jirritornaw fis-suq tax-xogħol u b'hekk titnaqqas l-ekonomija sewda. Malli jirreġistraw mas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi, il-persuni qiegħda midjuna jistgħu jibbenefikaw minn perjodu ta' 6 xhur (disponibbli mhux aktar minn darbtejn f'perjodu ta' 5 snin) li matulu ma tittieħed l-ebda azzjoni obbligatorja ta' ġbir tad-dejn kontrihom. Barra minn hekk, il-Litwanja ħadet miżuri oħra biex tiġġieled ix-xogħol mhux iddikjarat, inkluż żied sinifikanti fil-multi għal xogħol mhux iddikjarat u ksur ieħor tal-liġi tax-xogħol, kif ukoll fl-għadd ta' spezzjonijiet u spetturi.

**L-Istati Membri jkomplu jindirizzaw il-qgħad fit-tul permezz ta' diversi miżuri mmirati.** Fl-**Awstrija**, il-programm Springboard (imniedi fl-2021 bl-għan li jiġġieled il-qgħad fit-tul permezz ta' impjiegi sussidjati jew f'intrapriżi soċjali jew permezz ta' kundizzjonijiet partikolarment favorevoli għall-assistenza għall-integrazzjoni) sar parti mill-baġit regolari tas-servizz pubbliku tal-impjiegi mill-2023. Fl-istess sena, il-**Portugall** ħoloq miżura eċċezzjonali li tippermetti l-akkumulazzjoni parzjali tal-benefiċċji tal-qgħad b'introjtu mix-xogħol, bl-għan li tħeġġeġ lill-persuni qiegħda fit-tul jirritornaw fis-suq tax-xogħol. F'April 2024, is-**Slovakkja** nediet il-proġett nazzjonali Inċentivi Finanzjarji għall-Impjiegi sabiex tappoġġa lill-persuni qiegħda f'pożizzjoni żvantaġġata minħabba l-età, sitwazzjonijiet tal-familja kkumplikati, livell baxx ta' edukazzjoni, telf tad-drawwiet tax-xogħol, diżabbiltà u minħabba raġunijiet oħra. Bejn April u Settembru 2024, l-**Ungerija** nediet sejħa għall-Programm Pilota għall-Provi tal-Impjiegi li għandu l-għan li jindirizza l-ħtiġijiet tax-xogħol tal-intrapriżi billi jżid il-provvista domestika tax-xogħol u jippromwovi l-impjieg ta' persuni qiegħda fit-tul. L-SMEs parteċipanti jirċievu appoġġ mhux biss għall-pagi (sa 9 xhur) iżda wkoll biex jipprovdu żvilupp personalizzat u mentoraġġ lill-persuni qiegħda fit-tul abbażi tal-valutazzjoni tal-kompetenzi tagħhom. Il-persuni qiegħda fit-tul jirċievu allowance addizzjonali (minbarra l-pagi tagħhom) bħala inċentiv biex jibqgħu fl-impjieg, sa 9 xhur. Fl-2023, il-**Kroazja** nediet programm ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol immirat ("Job plus") għall-persuni qiegħda fit-tul u għall-gruppi vulnerabbli. Skont id-distanza mis-suq tax-xogħol, dan joffri lill-persuni qiegħda fit-tul sett ta' 2-3 miżuri (programm ta' attivazzjoni, integrazzjoni fix-xogħol jew/u titjib tal-ħiliet/taħriġ) biex tiġi appoġġata l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

**Diversi Stati Membri ħadu passi biex isaħħu l-politiki attivi tagħhom dwar is-suq tax-xogħol u l-assistenza pprovduta lil gruppi differenti.** Il-**Finlandja** qed tħejji riforma tas-servizzi tal-impjiegi u tal-iżvilupp ekonomiku. Ir-responsabbiltà għall-organizzazzjoni ta' dawn is-servizzi se tiġi ttrasferita lill-muniċipalitajiet jew liż-żoni muniċipali ta' ġestjoni konġunta, li għandhom jiġu stabbiliti fl-1 ta' Jannar 2025. Se jinħoloq mudell ta' finanzjament għall-muniċipalitajiet biex dawn jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom ta' promozzjoni tal-impjiegi. Il-Ministeru **Sloven** għax-Xogħol, il-Familja, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaqs qed jevalwa l-effettività tal-miżuri tal-ALMP skont l-għanijiet stabbiliti fid-dokument ta' infurzar tal-Linji Gwida għall-implimentazzjoni tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol 2021–2025, inkluż f'termini tal-attivazzjoni tal-persuni qiegħda vulnerabbli u t-tranżizzjoni tagħhom għas-suq tax-xogħol. Fil-**Belġju**, il-gvern federali adotta pakkett ta' miżuri biex jappoġġa r-ritorn progressiv tal-ħaddiema wara liv minħabba mard fit-tul. F'Novembru 2023, tnediet kampanja ta' komunikazzjoni biex tinforma lil dawn il-ħaddiema dwar il-perkorsi kollha disponibbli għad-dħul mill-ġdid fix-xogħol. Digriet Irjali ta' Marzu 2024 introduċa tliet laqgħat ta' gwida obbligatorji għal attivazzjoni mtejba. Minn April 2025, se jkunu disponibbli vawċers ta' EUR 1800 għal gwida għall-karriera mfassla apposta għall-ħaddiema li jkunu ilhom fuq liv minħabba mard għal mill-inqas sena. Sabiex persuni qiegħda li għandhom aktar minn 50 sena jiġu integrati mill-ġdid fis-suq tax-xogħol, l-**Awstrija** qed tagħmel użu minn firxa ta' servizzi u strumenti ta' finanzjament, inkluż is-sussidju tal-pagi kkombinat (fl-2023, ġew allokati madwar EUR 286.3 miljun f'nefqa ta' sussidju). F'**Malta**, l-iskema tal-Aċċess għall-Impjiegi, li topera bejn l-2023 u l-2029 u li hija kofinanzjata mill-FSE+, tipprovdi assistenza finanzjarja lill-impjegaturi u opportunitajiet ta' xogħol għal individwi li jkunu tbiegħdu mix-xogħol imħallas. Fil-**Portugall**, il-programm "Qualifica On", stabbilit fl-2024, għandu l-għan li jappoġġa l-kwalifika (mill-ġdid) tal-ħaddiema minn kumpaniji li jinsabu wieqfa fil-produzzjoni minħabba r-ristrutturar. Fil-pjan ta' azzjoni nazzjonali annwali tagħha dwar l-impjiegi għall-2024, il-**Bulgarija** għandha l-għan li ttejjeb il-ħiliet/tagħti taħriġ mill-ġdid lil 9 000 persuna u li tipprovdi appoġġ għall-impjiegi lil kważi 10 000. Barra minn hekk, bejn l-2023 u l-2026, il-**Bulgarija** qed tinvesti EUR 153 miljun, b'appoġġ mill-FSE+, f'approċċ olistiku biex il-persuni inattivi jiġu integrati fis-suq tax-xogħol permezz ta' attivazzjoni, taħriġ u sensibilizzazzjoni msaħħa. Fis-**Slovakkja**, il-proġett nazzjonali l-ġdid "Ħiliet għas-Suq tax-Xogħol", kofinanzjat mill-FSE+ sal-2026, għandu l-għan li jappoġġa, fost oħrajn, lil dawk li qed ifittxu impjieg fl-isforzi tagħhom biex isibu impjieg permezz ta' taħriġ mill-ġdid. Il-grupp fil-mira huma żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), persuni interessati f'impjieg (eż. impjegati) u persuni żvantaġġati li qed ifittxu impjieg skont l-Att dwar is-Servizz tal-Impjiegi (eż. gradwati żgħażagħ taħt is-26 sena; ċittadini li għandhom 'il fuq minn 50 sena; persuni qiegħda fit-tul; persuni b'livell baxx ta' ħiliet).

**Diversi Stati Membri qed jieħdu miżuri bl-għan li jsaħħu l-kapaċità u l-prestazzjoni tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) tagħhom, fid-dawl tan-nuqqas eżistenti ta' ħaddiema u tal-ħtiġijiet ta' ħiliet.** Bejn l-2021 u l-2023, l-RRF appoġġat sett ta' azzjonijiet ta' taħriġ kontinwu għall-impjegati tal-PES fi **Spanja**. Bħala parti mill-RRP tagħha, fl-2023 **Spanja** lestiet investiment bl-għan li ġġedded il-PES billi ttejjeb is-sistemi ta' ġestjoni interna, timmodernizza l-impjiegi u tiddiġitalizza s-Servizz ta' Appoġġ għaċ-Ċittadini. Fl-2023, il-Kroazja pproċediet bid-diġitalizzazzjoni tas-Servizzi Kroati tal-Impjiegi. Dan l-investiment stabbilixxa sistema ta' ġestjoni tal-identità diġitali u sistema ta' ġestjoni tar-riżorsi umani. Mill-2024, Ċipru introduċa unitajiet mobbli tal-PES, li se jagħmlu żjarat fid-distretti kollha fiż-żoni rurali u urbani sa tmiem l-2027. L-unitajiet mobbli huma kofinanzjati mill-FSE+ sa tmiem l-2027. F'Jannar 2024, bħala parti mill-Att dwar Okkupazzjoni Sħiħa ta' Diċembru 2023, is-sistema **Franċiża** tal-PES "Pôle Emploi" ġiet sostitwita progressivament bi "France Travail". Din is-sistema l-ġdida hija mistennija li ttejjeb il-koordinazzjoni tal-atturi tal-PES u r-riorganizzazzjoni tal-appoġġ u l-monitoraġġ tal-persuni qiegħda, u li ssaħħaħ il-miżuri għall-integrazzjoni tal-ħaddiema b'diżabbiltà.

**Xi Stati Membri saħħew il-kooperazzjoni bejn l-impjiegi pubbliċi u s-servizzi soċjali biex iżidu l-impatt tal-politiki attivi tagħhom tas-suq tax-xogħol.** F'April 2024, bħala parti mill-RRP tagħha, ir-**Rumanija** inawgurat pjattaforma diġitali għall-ġestjoni tal-vawċers għall-ħaddiema domestiċi. Fost l-oħrajn, il-pjattaforma hija mistennija li tkun interoperabbli ma' bażijiet tad-data rilevanti oħra, bħal dawk tal-PES, tal-Ministeru għax-Xogħol u l-Protezzjoni Soċjali, u tal-Ministeru għall-Finanzi. F'Mejju 2024, fl-**Italja** daħlu fis-seħħ regoli ġodda bl-għan li tissaħħaħ il-pjattaforma diġitali li tiġbor informazzjoni mis-servizzi soċjali u mis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi. L-objettiv kumplessiv huwa li jkun hemm korrispondenza aħjar bejn id-domanda u l-provvista tax-xogħol.

**F'diversi Stati Membri ġew segwiti miżuri li jattiraw it-talent barrani u jirrilassaw is-suq tax-xogħol strett.** F'Novembru 2024, **Spanja** introduċiet riforma komprensiva bl-għan li timmodernizza l-politiki dwar il-migrazzjoni biex tindirizza l-isfidi demografiċi u tas-suq tax-xogħol. Ir-riforma tiffoka fuq is-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi u t-tisħiħ tal-integrazzjoni billi tippromwovi l-aċċess għall-impjiegi, għat-taħriġ u għar-riunifikazzjoni tal-familja bħala pilastri ewlenin, filwaqt li tipprevjeni wkoll sitwazzjonijiet ta' status irregolari. **Franza** adottat liġi f'Jannar 2024 biex tikkontrolla aħjar l-immigrazzjoni, inkluż miżura li tiffaċilita l-aċċess għall-permessi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaħdmu f'okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema jew f'żoni ġeografiċi li qed jitħabtu biex jirreklutaw ħaddiema. F'Marzu 2024, l-**Iżvezja** tejbet il-kooperazzjoni bejn is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi u 10 korpi governattivi oħra (eż. l-Aġenzija tal-Assigurazzjoni Soċjali, l-Aġenzija tat-Taxxa, l-Aġenzija tal-Migrazzjoni) biex tikkoordina aħjar il-miżuri li jattiraw u jżommu forza tax-xogħol internazzjonali bi kwalifiki għoljin. Barra minn hekk, minn Diċembru 2023, parteċipanti (inkluż persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni) fil-garanzija tal-impjiegi u l-iżvilupp fl-**Iżvezja** għandhom aċċess aktar faċli għall-apprendiment tal-lingwi u għall-apprendiment ulterjuri għall-adulti. F'Lulju 2024, iċ-**Ċekja** introduċiet eżenzjoni mill-permess tax-xogħol għal ħaddiema bi kwalifiki għoljin minn 10 pajjiżi mhux tal-UE. F'Novembru 2023, **Malta** aġġornat ir-Regolament dwar l-Aġenziji tal-Impjiegi u għalhekk ħadet passi importanti biex tirregola l-operazzjonijiet ta' reklutaġġ, ta' xogħol temporanju, u ta' aġenziji ta' esternalizzazzjoni bl-għan li tipproteġi liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi mill-isfruttament.

**Diversi Stati Membri implimentaw riformi biex jallinjaw is-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad tagħhom mal-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi prevalenti.** Fl-1 ta' Jannar 2023, il-**Ġermanja** implimentat l-Att dwar il-Benefiċċju taċ-Ċittadini, inkluż mekkaniżmu ġdid għall-kalkolu tad-dispożizzjonijiet, li jżid l-appoġġ finanzjarju għall-persuni eliġibbli għall-benefiċċji b'mod sostanzjali. L-opportunitajiet ta' taħriġ tjiebu u ġew introdotti inċentivi ġodda għat-taħriġ. L-**Iżvezja** qed tirriforma l-iskema tal-assigurazzjoni tal-qgħad biex, fost l-oħrajn, ittejjeb il-kopertura għall-persuni qiegħda li jinsabu fi tranżizzjoni bejn l-impjiegi, tissimplifika l-amministrazzjoni għall-persuni qiegħda, l-impjegaturi u l-fondi tal-assigurazzjoni tal-qgħad, kif ukoll tipprevjeni b'mod aktar effiċjenti l-pagamenti skorretti tal-benefiċċji tal-qgħad. Att ġdid dwar l-assigurazzjoni tal-qgħad u bidliet leġiżlattivi konsegwenzjali ser jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2025. Fil-**Finlandja**, riforma tal-allowance għall-akkomodazzjoni, adottata f'April 2024, neħħiet it-tnaqqis għall-introjtu ġenerali gwadanjat b'valur ta' EUR 300. Madankollu, din il-bidla hija parzjalment ikkumpensata minn żidiet oħra fl-allowance. F'Jannar 2024, **Malta** rriformat is-sistema tagħha tal-benefiċċji tal-qgħad biex tallinja aħjar ir-rati tal-benefiċċji mal-aħħar salarju tal-benefiċjarju, filwaqt li tqieset il-paga minima nazzjonali. Għall-ewwel sitt ġimgħat, il-benefiċċji se jikkostitwixxu 60 % tas-salarju preċedenti, biex imbagħad jonqos għal 55 % għall-10 ġimgħat ta' wara u għal 50 % għall-aħħar 10 ġimgħat. Barra minn hekk, fil-qafas tal-RRP, **Malta** qed twettaq proċess ta' monitoraġġ dwar miżuri ta' politika relatati mal-benefiċċji tal-qgħad. L-iskadenza tentattiva għall-ewwel rapport hija tmiem l-2024, u dan ir-rapport se jiġi segwit b'ieħor ġdid fi żmien 5 snin. Bħala parti mill-RRP tagħha, **Spanja** rriformat is-sistema ta' benefiċċji tal-qgħad mhux kontributorji. Il-liġi testendi dawn il-benefiċċji għal individwi taħt l-età ta' 45 sena mingħajr responsabbiltajiet tal-familja u għal ħaddiema agrikoli, taġġusta l-iskala ta' progressività u tagħmel il-benefiċċji kompatibbli mal-impjieg. F'Novembru 2023, il-**Portugall** espanda l-benefiċċji tal-qgħad biex jinkludi l-vittmi tal-vjolenza domestika, u dan jallinja mal-Aġenda tax-Xogħol Deċenti u mal-emendi reċenti tal-Kodiċi tax-Xogħol. Programm pilota għal grupp ta' persuni rreġistrati ġodda bħala qiegħda se jiġi implimentat fil-Greċja fl-ewwel xhur tal-2025, li skontu l-benefiċċju tal-qgħad il-ġdid ser jikkonsisti fi tliet partijiet: parti fissa tas-sussidju, parti tas-sussidju varjabbli u żidiet addizzjonali.

**Xi Stati Membri ħadu miżuri biex itejbu r-rappreżentattività tal-organizzazzjonijiet tal-impjegati u jappoġġaw il-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali.** F'Lulju 2023, il-**Lussemburgu** adatta r-regoli dwar is-sħubija u l-listi elettorali tal-kmamar professjonali sabiex jinkludi apprendisti, persuni li qed ifittxu impjieg f'relazzjoni ta' impjieg speċjali, kif ukoll impjegati u apprendisti li jkunu bil-liv tal-ġenituri. F'Mejju 2024, **Spanja** adottat riforma, bħala parti mill-RRP tagħha, li permezz tagħha naqqset l-anzjanità meħtieġa biex wieħed jivvota u joħroġ fl-elezzjonijiet għall-korpi ta' rappreżentanza tal-impjegati f'kumpaniji għall-ħaddiema fis-setturi kulturali u kreattivi. F'April 2024, l-**Ungerija** nediet miżura kofinanzjata mill-FSE+ li tappoġġa l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali, billi toffri opportunitajiet ta' finanzjament għall-pagi ta' impjegati ġodda, taħriġ, organizzazzjoni ta' avvenimenti, żjarat ta' studju jew parteċipazzjoni f'avvenimenti internazzjonali.

## 2.4 Linja Gwida 8: Nippromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inrawmu l-inklużjoni soċjali u niġġieldu l-faqar

Din it-taqsima tħares lejn l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru 8 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda li l-Istati Membri jippromwovu opportunitajiet indaqs għal kulħadd, irawmu l-inklużjoni soċjali u jiġġieldu l-faqar, f'konformità mal-prinċipji 2 (dwar ugwaljanza bejn is-sessi), 3 (dwar opportunitajiet indaqs), 11 (dwar indukrar tat-tfal u appoġġ għat-tfal), 12 (dwar il-protezzjoni soċjali), 14 (dwar l-introjtu minimu), 15 (dwar l-introjtu u l-pensjoni tax-xjuħija), 16 (dwar il-kura tas-saħħa), 17 (dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà), 18 (dwar il-kura fit-tul), 19 (dwar l-akkomodazzjoni u l-għajnuna għall-persuni mingħajr dar) u 20 (dwar l-aċċess għal servizzi essenzjali) tal-Pilastru. It-taqsima 2.4.1 tipprovdi analiżi tal-indikaturi ewlenin, filwaqt li t-taqsima 2.4.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika mwettqa mill-Istati Membri.

### 2.4.1 Indikaturi ewlenin

**It-tkabbir fl-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI) per capita żdied bi ftit fil-livell tal-UE fl-2023.** Kien ta' 111.1 (livell fl-2008=100) fl-2023, 0.6 punti ogħla milli fl-2022. L-akbar żieda ġiet osservata f'Malta, filwaqt li ġew irrapportati żidiet iżgħar iżda xorta waħda sostanzjali fil-Kroazja, fi Spanja u fil-Greċja (ara l-Illustrazzjoni 2.4.1). Ir-Rumanija, l-Ungerija, Malta, il-Polonja u l-Litwanja kienu "bl-aħjar prestazzjoni" fl-2023, minħabba livelli għoljin (aktar minn 140 % meta mqabbla mal-2008). L-Estonja, għall-kuntrarju, rat l-akbar tnaqqis, segwita mis-Slovakkja u miċ-Ċekja, li baqgħu b'livelli relattivament għoljin. Fid-dawl tal-prestazzjoni tagħhom fl-2023, l-Italja u l-Awstrija nstabu li kienu f'"sitwazzjonijiet kritiċi" minħabba livelli baxxi, anki wara deterjorament. Is-sitwazzjoni kienet "li trid tiġi osservata" fit-2023 fl-Estonja, fis-Slovakkja, fiċ-Ċekja u fl-Iżvezja (fejn il-livelli kienu qrib il-medja tal-UE iżda wara deterjoramenti mis-sena preċedenti), kif ukoll fil-Finlandja, fin-Netherlands, fi Franza u fil-Belġju (fejn il-livelli kienu taħt il-medja tal-UE minkejja stabbiltà ġenerali jew titjib żgħir mis-sena ta' qabel).

**Grafika 2.4.1: It-tkabbir fl-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) per capita kien ġeneralment stabbli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-2023**

It-tkabbir tal-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI) per capita, il-livelli tal-2023 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (2008=100, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Ma hemmx data disponibbli għal BG.
*Sors*: il-Eurostat [tepsr_wc310], kontijiet tas-settur Ewropew.

**Fl-UE, is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) naqas bi ftit fl-2023, anki bis-saħħa ta' azzjoni politika deċiżiva biex jittaffew l-effetti soċjali tal-kost elevat tal-għoli tal-ħajja.** Madankollu, is-sitwazzjoni fl-2023 kienet "kritika" fi Spanja, fil-Greċja u fil-Latvja, li għalihom il-livelli relattivament għoljin (ta' 26.5 %, 26.1 % u 25.6 %, rispettivament) ma tjibux b'mod sinifikanti, jew saħansitra żdiedu bi ftit (b' 0.5 pp fi Spanja) – ara l-Figura 2.4.2. L-Ungerija, il-Lussemburgu, l-Estonja u l-Litwanja kellhom "jiġu osservati", jew minħabba l-livell relattivament għoli (24.3 % u 24.2 % għal-Litwanja u l-Estonja, rispettivament) jew minħabba ż-żieda sinifikanti (+2 u +1.3 pp għal-Lussemburgu u l-Ungerija, rispettivament). Fl-istess ħin, ir-Rumanija u l-Bulgarija esperjenzaw sitwazzjonijiet "dgħajfa iżda li qed jitjiebu", u rreġistraw l-ogħla livelli fl-UE (32.0 % u 30.0 %, rispettivament) iżda wkoll l-akbar tnaqqis (-2.4 pp u -2.2 pp, rispettivament). Min-naħa l-oħra tal-ispettru, iċ-Ċekja, is-Slovenja, in-Netherlands u l-Finlandja kellhom "l-aqwa prestazzjoni" (b'rati AROPE ta' 12.0 %, 13.7 %, u 15.8 % għall-aħħar tnejn, rispettivament). Xi sinjali ta' konverġenza kienu evidenti madwar l-Istati Membri tal-UE. Madankollu, il-varjazzjoni kienet kbira wkoll fir-reġjuni tal-UE, inkluż fi ħdan l-Istati Membri, speċjalment fl-Italja, fi Franza, fil-Polonja, fil-Ġermanja, fil-Portugall, fi Spanja u fil-Belġju (ara l-Illustrazzjoni 8 fl-Anness 5), inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi. F'dan ir-rigward, il-valutazzjoni tal-impatt distributtiv tar-riformi u l-investimenti tibqa' partikolarment importanti biex jiġi żgurat il-kontribut tagħhom għall-mira ewlenija tal-UE li sal-2030 mill-inqas 15-il miljun persuna jinħarġu mill-faqar[229].

[229] Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Valutazzjoni aħjar tal-impatt distributtiv tal-politiki tal-Istati Membri (COM(2022) 494 final).

**Grafika 2.4.2: Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali naqset bi ftit fl-2023 fl-UE, b'xi konverġenza fl-Istati Membri**

Is-sehem tal-popolazzjoni f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, il-livelli tal-2023 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għal HR. Bidliet statistikament sinifikanti huma mmarkati bi stilla (*).
*Sors*: l-Eurostat [ilc_peps01n], l-UE-SILC.

**Il-faqar monetarju u s-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg naqsu bi ftit, filwaqt li l-privazzjoni materjali u soċjali severa baqgħet stabbli.** Minkejja l-kost aktar elevat tal-għoli tal-ħajja, din l-istabbiltà ġenerali tirrifletti l-effetti ta' mitigazzjoni tar-reazzjonijiet ta' politika meħuda fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri. Fl-2023 (b'referenza għall-introjti tal-2022), iċ-Ċekja, segwita mid-Danimarka, mill-Irlanda, mill-Finlandja u mill-Belġju, kellhom l-aktar rati baxxi ta' riskju ta' faqar (AROP) fl-UE (9.8 %, 11.8 %, 12.0 %, 12.2 % u 12.3 %, rispettivament), wara li esperjenzaw tnaqqis – ara l-pannell ta' fuq tal-Illustrazzjoni 2.4.3. Bil-kontra, il-Latvja, l-Estonja, ir-Rumanija, il-Litwanja, il-Bulgarija u Spanja kellhom l-ogħla ishma (22.5 %, 22.5 %, 21.1 %, 20.6 %, 20.2 % u 20.6 %, rispettivament), minkejja l-fatt li ġie rreġistrat tnaqqis (ħlief għal-Latvja, li baqgħet stabbli). L-istimi Flash tal-Eurostat li jirreferu għall-introjti tal-2023 jindikaw li r-rati tal-AROP kienu stabbli fl-UE bħala medja u fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, filwaqt li żdiedu fil-Lussemburgu, fil-Greċja, fl-Awstrija u fi Franza, u naqsu fil-Portugall, fi Spanja, fil-Ġermanja, fil-Finlandja, fl-Estonja u fin-Netherlands[230]. Is-sehem ta' persuni fi privazzjoni materjali u soċjali severa wkoll baqa' ġeneralment stabbli fl-UE, iżda varja b'mod konsiderevoli fl-Istati Membri, b'varjazzjoni minn 2 % fis-Slovenja għal 19.8 % fir-Rumanija – ara l-pannell tan-nofs tal-Illustrazzjoni 2.4.3. Madankollu, dan żdied f'diversi Stati Membri (fl-Awstrija, fid-Danimarka, fl-Ungerija u fi Spanja, b'żidiet ta' aktar minn 1 pp), filwaqt li naqas fir-Rumanija, fil-Latvja, fil-Kroazja u fi Franza. Filwaqt li jirrifletti l-kontinwazzjoni tal-iżviluppi pożittivi fis-suq tax-xogħol bis-saħħa tat-tkabbir ekonomiku sostnut fl-2022, is-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg naqas fl-2023 (abbażi tal-attività tal-2022). Dan kien il-każ fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, bl-aktar livelli baxxi f'Malta, fis-Slovenja, fil-Lussemburgu u fil-Polonja, u bl-ogħla livelli fil-Belġju, fil-Ġermanja, fid-Danimarka, fi Franza u fl-Irlanda – ara l-pannell tan-nofs tal-Illustrazzjoni 2.4.3. Żidiet kbar fil-prezzijiet f'dawn l-aħħar snin, speċjalment dawk tal-ikel u l-enerġija, kif ukoll l-effett sproporzjonat tagħhom fuq introjti aktar baxxi, ikkontribwew għal żieda fir-rati tal-AROP ankrati fl-2019[231]. Bejn l-2022 u l-2023, din iċ-ċifra żdiedet b'1.3 pp fl-UE, għal 15.1 %. Minkejja din l-ewwel żieda wara ftit snin ta' tnaqqis, ir-rata tibqa' taħt il-valur tal-2019 (ta' 16.5 %). Ir-rati ankrati tal-AROP żdiedu wkoll fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri, bl-eċċezzjoni tal-Bulgarija, tal-Awstrija, ta' Spanja u tal-Polonja. L-akbar

230 Ara l-Inugwaljanzi fl-introjtu u l-indikaturi tal-faqar 2023 stimi rapidi - Riżultati sperimentali fil-paġna web tal-Eurostat relatata.

231 Persuni f'riskju ta' faqar ankrati fl-2019 huma dawk b'introjtu disponibbli ekwivalizzat taħt il-livell limitu tar-riskju ta' faqar *ikkalkolat fl-2019*, aġġustat bl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP) bejn l-2019 u l-2023. Data disponibbli fuq [ilc_li22].

fosthom ġew irreġistrati fl-Estonja (+6.2 pp, għal 20.5 %), segwiti min-Netherlands u minn Malta (+3.3 u +3.1 pp, rispettivament, għal 13 % għat-tnejn li huma).

**Grafika 2.4.3: Ir-rata ta' riskju tal-faqar u s-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg naqsu, filwaqt li l-privazzjoni materjali u soċjali severa baqgħet stabbli**

Komponenti tal-indikatur ewlieni tar-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (%, 2015, 2022, 2023)




*Nota*: l-indikaturi huma kklassifikati skont ir-rati tal-AROPE fl-2023. Interruzzjoni fis-serje għall-Kroazja għar-rata ta' riskju tal-faqar u għal Franza għar-rata tal-privazzjoni materjali u soċjali severa.
*Sors*: il-Eurostat [tessi010], [tepsr_lm420], [tepsr_lm430], l-UE-SILC.

**Il-faqar fost it-tfal fl-UE baqa' ġeneralment stabbli, anki jekk l-għadd ta' tfal affettwati naqas marġinalment fl-2023.** F'din is-sena, għall-ewwel darba mill-pandemija tal-COVID-19, l-għadd ta' tfal AROPE naqas bi ftit fl-UE (19.9 miljun imqabbla ma' madwar 20 miljun fl-2022). Madankollu, dan it-tnaqqis fl-għadd ta' impjegati ma ssarrafx f'rata aktar baxxa, minħabba t-tnaqqis fl-għadd totali ta' tfal. Għalhekk, ir-rata kienet stabbli għal 24.8 % meta mqabbla ma' 24.7 % fl-2022, u baqgħet 3.5 pp ogħla milli għall-popolazzjoni kumplessiva. Is-Slovenja, il-Finlandja, iċ-Ċekja, id-Danimarka u n-Netherlands kienu fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni", b'rati ta' AROPE għat-tfal taħt is-16 %. Min-naħa l-oħra, Spanja u l-Bulgarija kienu f'"sitwazzjonijiet kritiċi", b'żieda (b'aktar minn 2 pp, għal 34.5 %) għal tal-ewwel u rati ogħla minn 33 % mingħajr ebda titjib sinifikanti għal dawn tal-aħħar meta mqabbla mas-sena preċedenti. L-Ungerija, fejn seħħet l-akbar żieda (+6.3 pp) kienet "li trid tiġi osservata" fl-2023, flimkien mal-Lussemburgu, il-Greċja u Franza, kollha b'rati relattivament għoljin. L-akbar tnaqqis ġie rreġistrat fir-Rumanija u fl-Italja (b'aktar minn 1 pp), it-tnejn li huma f'sitwazzjonijiet "dgħajfa iżda li qed jitjiebu", u b'tal-ewwel li rreġistrat wieħed mill-ogħla valuri (39 %). B'mod kumplessiv, kemm l-għadd kif ukoll is-sehem tat-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali żdiedu fi 15-il Stat Membru.

**Illustrazzjoni 2.4.4: Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għat-tfal baqgħet ġeneralment stabbli, f'livell ogħla milli għall-popolazzjoni kumplessiva fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri**

Is-sehem tat-tfal f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, il-livelli tal-2023 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għall-Kroazja. Bidliet statistikament sinifikanti huma mmarkati bi stilla (*).
*Sors*: il-Eurostat [tepsr_lm412], l-UE-SILC.

**Il-komponenti tar-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għat-tfal baqgħu stabbli fil-livell tal-UE, iżda b'bidliet sinifikanti rreġistrati f'xi Stati Membri.** Ir-rata tar-riskju tal-faqar (AROP) baqgħet ġeneralment stabbli għat-tfal b'19.4 % fl-2023 (minn 19.3 % fl-2022, b'referenza għall-introjti tal-2022 u tal-2021, rispettivament). L-akbar żieda ġiet irreġistrata fl-Ungerija (+7.1 pp), filwaqt li l-akbar tnaqqis seħħ fil-Ġermanja (-1 pp). Bħal fl-2022, ir-rati tal-AROP kienu l-ogħla għar-Rumanija, għal Spanja u għall-Bulgarija, u l-aktar baxxi għall-Finlandja, għad-Danimarka u għas-Slovenja. L-istimi rapidi tal-Eurostat għall-introjti tal-2023 jindikaw stabbiltà kumplessiva fil-faqar fost it-tfal fl-UE kollha kemm hi u fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, bi tnaqqis fil-Ġermanja, fl-Estonja, fi Spanja, fil-Finlandja, fil-Portugall, fis-Slovenja u fis-Slovakkja u żidiet fiċ-Ċekja, fil-Greċja, fil-Latvja, fil-Polonja u fl-Iżvezja[232]. L-inċidenza ta' privazzjoni materjali u soċjali severa fost it-tfal ukoll baqgħet ġeneralment l-istess, bi 8.4 % fl-UE fl-2023, iżda bi tnaqqis imdaqqas fir-Rumanija (-8.2 pp). Fl-aħħar nett, is-sehem ta' tfal li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg baqa' stabbli għal 7.5 % fit-2023 fl-UE u fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Il-ħruġ tat-tfal mill-faqar u l-esklużjoni soċjali huwa strumentali biex jgħinhom jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom u biex jitkisser iċ-ċiklu tal-faqar interġenerazzjonali. L-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal fl-Istati Membri kollha hija kruċjali f'dan ir-rigward[233].

---

232 Ara l-Inugwaljanzi fl-introjtu u l-indikaturi tal-faqar 2023 stimi rapidi - Riżultati sperimentali u t-tabella bl-indikaturi kollha fil-paġna web tal-Eurostat relatata.

233 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14–23).

**Kaxxa 5 tal-Pilastru: L-indukrar tat-tfal fil-pajjiżi tal-UE**

**Intwera li l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC) ta' kwalità għandhom impatt pożittiv fuq il-prospetti tat-tfal u permezz tagħhom fuq l-iżviluppi ekonomiċi u soċjetali.** Il-parteċipazzjoni f'età bikrija fl-ECEC ta' kwalità ssaħħaħ l-iżvilupp soċjali u konjittiv, speċjalment għat-tfal ġejjin minn kuntesti żvantaġġati. Dan jikkontribwixxi għal eżiti edukattivi u tal-impjiegi aħjar aktar tard fil-ħajja u jtaffi t-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar. Barra minn hekk, billi tippermetti lill-ġenituri jibbilanċjaw il-ħajja tal-familja mal-aspirazzjonijiet tax-xogħol, ECEC ta' kwalità tikkontribwixxi wkoll għal ugwaljanza akbar bejn il-ġeneri, għal parteċipazzjoni aktar b'saħħitha fis-suq tax-xogħol u għat-tkabbir ekonomiku, kif ukoll għat-tnaqqis tal-faqar[234]. Ir-*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: il-miri ta' Barċellona għall-2030* tgħolli l-mira ta' parteċipazzjoni fl-ECEC għall-2030 għal mill-inqas 45 % għat-tfal taħt l-età ta' 3 snin (b'eċċezzjonijiet għall-Istati Membri li għadhom lura)[235]. Tappella wkoll lill-Istati Membri biex jagħlqu d-distakk fil-parteċipazzjoni fl-ECEC bejn it-tfal f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) u l-popolazzjoni kumplessiva. F'konformità mar-*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Garanzija Ewropea għat-Tfal (ECG, European Child Guarantee)*[236], l-aċċess għal ECEC ta' kwalità għolja jeħtieġ li jkun effettiv u mingħajr ħlas għat-tfal li jesperjenzaw riskji ta' faqar.

---

[234] Ara, fost l-oħrajn, Darvas, Z. M., Welslau, L., & Zettelmeyer, J., *Incorporating the impact of social investments and reforms in the European Union's new fiscal framework*, Bruegel Working Paper, 2024, u Rossin-Slater, M., & Wüst, M., *What is the added value of preschool for poor children? Long-term and intergenerational impacts and interactions with an infant health intervention*, American Economic Journal: Applied Economics, 12(3), 2020.

[235] Ara 2022/C 484/01. L-eċċezzjonijiet mill-mira ta' "mill-inqas 45 %" huma stipulati fil-paragrafu 3(a).

[236] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal.

**Bħala medja, fl-UE, il-parteċipazzjoni fl-ECEC tat-tfal f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali kibret ħafna inqas matul l-aħħar għaxar snin meta mqabbla ma' dik ta' tfal oħra.** Wara 4 snin ta' żieda gradwali fil-parteċipazzjoni għal tfal li ma esperjenzawx riskji ta' faqar matul l-2015-18 u żieda f'daqqa għal dawk li esperjenzaw il-faqar fl-2019, id-distakk bejn ir-rati ta' parteċipazzjoni għaż-żewġ gruppi kien ġeneralment fil-livell tal-2015 f'madwar 12 pp fl-2019. Id-distakk laħaq l-akbar livell tiegħu fl-2021 minħabba ż-żieda qawwija fil-parteċipazzjoni tat-tfal li ma esperjenzawx il-faqar u l-parteċipazzjoni ġeneralment stagħnata ta' dawk li esperjenzawh. Fl-2023, id-distakk ta' 15.8 pp bejn iż-żewġ gruppi kien ferm usa' milli fl-2015 (25.2 % biss tat-tfal f'riskju ta' faqar ipparteċipaw imqabbel ma' 41.0 % ta' dawk li mhumiex f'riskju).

**Il-progress fil-parteċipazzjoni fl-ECEC kien ħafna aktar kajman fost it-tfal żvantaġġati**

It-tfal fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal skont ir-riskju tal-faqar (għal siegħa 1 jew aktar fil-ġimgħa, % tat-tfal -3)




*Nota*: iċ-ċifri tal-2020 huma stimi.
*Sors:* il-Eurostat [ilc_caindform25b].

**L-affordabbiltà u d-disponibbiltà baxxi tal-ECEC jikkostitwixxu ostakli għall-aċċess, b'mod partikolari għat-tfal li jesperjenzaw riskji ta' faqar, li l-Istati Membri jindirizzaw fil-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom tal-ECG**, b'appoġġ mill-finanzjament tal-UE. Pereżempju, filwaqt li l-ECEC diġà hija mingħajr ħlas għat-tfal mill-familji l-inqas għonja f'xi Stati Membri (eż. id-**Danimarka** u s-**Slovenja**), il-**Portugall** qed jimplimenta riforma biex jagħmel l-aċċess għall-ECEC bla ħlas għat-tfal kollha. **Spanja** qed taħdem bħala parti mill-RRP tagħha biex iżżid l-għadd ta' postijiet tal-ECEC bla ħlas għal dawk ta' età bejn żero u tliet snin, filwaqt li tagħti prijorità lit-tfal f'żoni ta' riskju ogħla ta' faqar jew esklużjoni soċjali u żoni rurali, u l-**Polonja**, bħala parti mill-RRP tagħha, introduċiet benefiċċji għall-ġenituri ta' tfal taħt it-tliet snin li jirċievu kura formali biex tkopri jew tnaqqas il-kostijiet assoċjati mat-tariffi tas-servizzi tal-indukrar tat-tfal. F'ħafna pajjiżi, is-settur tal-ECEC ibati wkoll minn nuqqas ta' faċilitajiet u minn nuqqas ta' persunal. Filwaqt li l-**Bulgarija** twiegħed li tespandi n-network ta' servizzi għall-ECEC, il-**Ġermanja** impenjat ruħha, bħala parti mill-RRP tagħha, li toħloq 90 elf post addizzjonali għall-indukrar tat-tfal billi tibni faċilitajiet ġodda fil-pjan ta' azzjoni tagħha. L-investimenti fl-ECEC huma appoġġati mill-FSE+. Fl-2022, iż-żieda fil-kapaċitajiet tal-indukrar tat-tfal kienet parti minn 22 Programm Operazzjonali tal-FSE+ f'6 Stati Membri, li ammontaw għal EUR 60.7 miljun. Barra minn hekk, fl-RRPs tagħhom, il-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE inkludew miżuri li jespandu l-kapaċitajiet, l-inklużività, u/jew il-kwalità tal-ECEC. L-investimenti rispettivi jammontaw għal aktar minn EUR 8 biljun.

**Il-profondità tal-faqar għall-popolazzjoni kumplessiva kif ukoll għat-tfal baqgħet stabbli fl-UE iżda żdiedet b'mod konsiderevoli f'xi Stati Membri.** Il-profondità tal-faqar titkejjel bħala d-distakk bejn il-livell tal-introjtu ta' dawk f'riskju ta' faqar u s-soll tal-faqar[237]. Dan naqas bi ftit għal 23.0 % fit-2023 fl-UE (b'referenza għall-introjti tal-2022) – ara l-Illustrazzjoni 2.4.5. Id-distakk kien l-akbar fir-Rumanija (37.4 %), segwit mis-Slovakkja u mill-Ungerija (29.9 % u 29.5 % rispettivament), wara żidiet sostanzjali (b'5.4, 11.5 u 10.1 pp rispettivament). L-akbar tnaqqis ġie rreġistrat fil-Belġju (-4.2 pp), u laħaq l-aktar livell baxx fl-UE (14.0 %). Il-faqar huwa aktar profond fost in-nies li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg, madwar 63.0 % fl-UE fl-2023 (b'referenza għall-introjti tal-2022)[238]. Għat-tfal, il-profondità tal-faqar baqgħet l-istess bħala medja fl-UE u tinsab f'livell ogħla milli għall-popolazzjoni kumplessiva (24.4 %). F'dan ir-rigward, ir-rati kienu l-ogħla fl-Ungerija (64.3 %), wara żieda sostanzjali ħafna (b'49.8 pp, aktar mit-tripplu minn waħda mill-aktar rati baxxi fl-2022), segwita mir-Rumanija (39.4 %) u mis-Slovakkja (37.7 %), li esperjenzaw żidiet ta' 6.3 u 12.7 pp rispettivament. L-akbar tnaqqis ġie rreġistrat fil-Bulgarija (-10.9 pp), u madankollu baqa' f'livell għoli (31.9 %), u fl-Italja (-8 pp), u laħaq livell taħt il-medja tal-UE (19.9 %). Il-Finlandja u l-Belġju rrapportaw l-aktar rati baxxi (15.4 % u 15.2 % rispettivament).

---

237 Dan l-indikatur, magħruf ukoll bħala l-ispariġġ medjan relattiv tar-riskju ta' faqar, huwa kkalkolat bħala d-differenza bejn l-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan tal-persuni li jinsabu taħt il-limitu tar-riskju ta' faqar u fil-limitu tar-riskju ta' faqar, espressa bħala perċentwal tal-limitu tar-riskju ta' faqar. Dan il-livell limitu huwa stabbilit għal 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali tal-persuni kollha f'pajjiż u mhux għall-UE kollha kemm hi.

238 Il-Eurostat [ilc_li06].

### Illustrazzjoni 2.4.5: Il-profondità tal-faqar kienet ġeneralment stabbli fl-UE iżda spiss kienet akbar għat-tfal

L-ispariġġ relattiv fir-riskju ta' faqar skont il-limitu ta' faqar, il-popolazzjoni totali u t-tfal (0-17, %)




*Nota*: interruzzjoni fis-serje għal Franza u għal-Lussemburgu fl-2022 u għall-Kroazja fl-2023.
*Sors*: il-Eurostat [ilc_li11], l-UE-SILC.

### Illustrazzjoni 2.4.6: Ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għadu ogħla għall-persuni b'diżabbiltà fl-Istati Membri kollha

L-ishma ta' persuni b'diżabbiltà u mingħajr diżabbiltà f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (ta' 16-il sena u 'l fuq, %)




*Nota*: interruzzjoni fis-serje kronoloġika għall-Kroazja u data stmata għall-Ġermanja fl-2023.
*Sors:* il-Eurostat [hlth_dpe010], l-UE-SILC.

**Ir-riskji tal-faqar jew ta' esklużjoni soċjali għadhom għoljin għall-persuni b'diżabbiltà.** Ir-rata tal-AROPE tagħhom kienet ta' 28.8 % fl-UE fl-2023, 10 pp ogħla milli għall-bqija tal-popolazzjoni. Ir-rata tal-AROPE varjat b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri – ara l-Illustrazzjoni 2.4.6. Minkejja li naqsu ftit meta mqabbla mas-sena l-oħra, l-ogħla rati ġew osservati fil-Litwanja, fil-Bulgarija u fl-Estonja (42.7 %, 42.4 % u 41 % rispettivament), filwaqt li l-aktar waħda baxxa kienet fis-Slovakkja (18.6 %). Ir-Rumanija u l-Bulgarija kellhom l-ogħla livelli ta' privazzjoni materjali u soċjali fost il-persuni b'diżabbiltà (28.4 % u 28.1 %, rispettivament). B'mod kumplessiv, il-persuni b'diżabbiltà fl-età tax-xogħol kienu fl-ogħla riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, segwiti minn żgħażagħ b'diżabbiltà (33.6 % u 33.5 % rispettivament). Barra minn hekk, in-nisa b'diżabbiltà kienu f'riskju ogħla mill-irġiel b'diżabbiltà (29.8 % meta mqabbla ma' 27.6 %).

**Ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għall-persuni li twieldu barra mill-UE naqas bi ftit iżda baqa' ħafna ogħla minn dak għan-nattivi tal-UE.** Ir-rata tal-AROPE għall-persuni li twieldu barra mill-UE kienet aktar mid-doppju ta' dik għall-persuni indiġeni fl-UE, b'39.2 % u 18.4 %, rispettivament. Id-distakk bejn iż-żewġ gruppi kien l-akbar fl-Awstrija (42.7 % vs 11.4 %), fil-Belġju (42.1 % vs 14.6 %) u fi Spanja (46.7 % vs 21.1 %). Fil-Greċja, dan id-distakk naqas b'mod pjuttost konsiderevoli fl-2023 (b'5.1 pp għal 23 pp), għalkemm ir-rata tal-AROPE għal dawk li twieldu barra mill-UE kienet waħda mill-ogħla fost l-Istati Membri kollha fl-2023 (47.1 %). Id-distakk naqas b'mod konsiderevoli fi Spanja (-4.7 pp) u fil-Bulgarija (-11.9 pp), filwaqt li żdied l-aktar f'Malta (+8.7 pp)[239].

239 Kif juri l-indikatur tal-Eurostat [ilc_peps06n], li jqabbel dawk imwielda f'pajjiżi mhux tal-UE ma' dawk imwielda fil-pajjiż rapportatur; persuni li għandhom 18-il sena jew aktar. Data għal tal-ewwel mhijiex disponibbli għar-Rumanija.

**Għadd sinifikanti ta' Rom fl-UE għadhom jiffaċċjaw riskji ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali.** Skont l-aħħar data minn stħarriġiet, bħala medja, 80 % tar-Rom fil-pajjiżi fejn saru stħarriġiet kienu f'riskju ta' faqar (AROP)[240], mingħajr ma ġie rreġistrat progress bejn l-2016 u l-2021. Bħala medja, sa 83 % tat-tfal Rom (taħt it-18-il sena) kienu jgħixu f'unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar. Barra minn hekk, sehem akbar ta' Rom (48 %) iffaċċjaw privazzjoni materjali severa meta mqabbel mal-popolazzjoni ġenerali, speċjalment il-koorti iżgħar u dawk akbar fl-età. Il-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom 2020-30 għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni jistieden lill-Istati Membri jnaqqsu l-ispariġġ tal-faqar bejn ir-Rom u l-popolazzjoni ġenerali, inkluż it-tfal, mill-inqas bin-nofs u jiżguraw li sal-2030 il-maġġoranza tar-Rom joħorġu mill-faqar[241]. Bir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jiġġieldu r-rata estremament għolja ta' riskju ta' faqar u l-privazzjoni materjali u soċjali fost ir-Rom, sabiex jipprovdu appoġġ effettiv għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom[242]. Il-valutazzjoni tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali mġedda dwar ir-Rom tistieden lill-Istati Membri jindirizzaw l-oqsma għal titjib identifikati, kif ukoll iġeddu u jemendaw l-oqfsa tagħhom, inkluż biex jagħmluhom aktar ambizzjużi[243]. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' aċċess ugwali għar-Rom għal akkomodazzjoni adegwata u desegregata, u biex jiġu indirizzati l-insedjamenti segregati,[244] jistiednu lill-Istati Membri jidentifikaw u jużaw il-finanzjament kollu disponibbli għal dan il-għan.

---

240 Stħarriġ tal-FRA tal-UE dwar ir-Rom 2021.. Il-pajjiżi tal-istħarriġ kienu: BG, CZ, EL, ES, HR, HU, PT, RO, SK.

241 Ara: Il-qafas strateġiku ġdid tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni (il-pakkett sħiħ).

242 Ara: ĠU C 93, 19.3.2021, p. 1–14.

243 Għall-valutazzjoni ara: COM/2023/7 final fil-pakkett sħiħ.

244 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Miżuri biex jiġi żgurat aċċess ugwali għar-Rom għal akkomodazzjoni adegwata u mhux segregata, u biex jiġu indirizzati l-insedjamenti segregati.

**Il-faqar enerġetiku żdied fl-2023 fl-UE għat-tieni sena konsekuttiva, u dan jirrifletti l-impatt tal-kostijiet għoljin tal-enerġija, b'differenzi sinifikanti fost l-Istati Membri.** Il-faqar enerġetiku, kif imkejjel mis-sehem ta' persuni li ma jistgħux iżommu darhom sħuna b'mod adegwat, żdied b'1.3 persuni fl-UE, u laħaq 10.6 % fl-2023[245]. Din hija t-tieni sena konsekuttiva ta' żieda, wara tnaqqis kostanti matul il-perjodu 2015-21 (minn 9.6 % għal 6.9 %) – ara l-Illustrazzjoni 2.4.7. Dan jirrifletti l-impatt taż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija li bdiet fit-tieni nofs tal-2021 u aggravat fl-2022. Il-fatt li ż-żieda fil-faqar enerġetiku hija aktar baxxa fl-2023 milli fl-2022, filwaqt li x-xokk fil-prezzijiet kien ogħla b'mod sinifikanti fix-xitwa tal-2022 meta mqabbel max-xitwa tal-2021, jissuġġerixxi li l-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ adottati mill-UE u mill-Istati Membri tagħha taffew l-impatt b'mod effettiv[246]. Il-faqar enerġetiku varja ħafna fost l-Istati Membri fl-2023, u jvarja minn 2.1 % fil-Lussemburgu għal 20.8 % fi Spanja u l-Portugall. Spanja, il-Portugall, iċ-Ċekja, l-Iżvezja, il-Litwanja, l-Ungerija, id-Danimarka u n-Netherlands esperjenzaw l-akbar żidiet, filwaqt li l-Latvja, Malta, il-Kroazja, il-Bulgarija, Ċipru u r-Rumanija rreġistraw tnaqqis. Iż-żieda kienet aktar sinifikanti għall-persuni f'riskju ta' faqar milli għall-popolazzjoni ġenerali fl-2023 (+2.1 pp). Għal dawn, il-faqar enerġetiku kien aktar mid-doppju tal-medja (22.2 % fl-2023), u varjat minn 3.8 % fil-Finlandja għal 43.6 % f'Ċipru. L-Ungerija, iċ-Ċekja, in-Netherlands, is-Slovenja, il-Litwanja, id-Danimarka, is-Slovakkja, l-Awstrija, Spanja u l-Italja kellhom l-akbar żidiet fost il-persuni f'riskju ta' faqar, filwaqt li l-Bulgarija, il-Latvja, il-Kroazja, ir-Rumanija u Ċipru raw l-akbar tnaqqis fil-faqar enerġetiku fosthom.

---

245 Is-sehem ta' persuni li ma jistgħux iżommu darhom sħuna b'mod adegwat huwa wieħed mill-indikaturi ewlenin użati għall-monitoraġġ tal-faqar enerġetiku fl-UE. Ara l-Fiche tal-KPS-ISG għal aktar informazzjoni dwar l-indikaturi tal-faqar enerġetiku fil-livell tal-UE.

246 L-aktar data reċenti disponibbli dwar il-faqar enerġetiku hija mill-UE-SILC 2023. L-istħarriġiet għal dawn il-kwistjonijiet ġeneralment isiru fl-ewwel nofs tas-sena, fil-perjodu minn Jannar sa Ġunju tas-sena rilevanti u, għalhekk, id-data mill-2023 tirrifletti l-impatt taż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija fix-xitwa tal-2022.

**Illustrazzjoni 2.4.7: Il-faqar enerġetiku qed jiżdied fl-UE, b'varjazzjoni sinifikanti bejn l-Istati Membri**

Persuni li ma jistgħux iżommu d-dar tagħhom sħuna biżżejjed, il-popolazzjoni totali u dik f'riskju ta' faqar, 2022 u 2023 (%)




*Nota*: interruzzjoni fis-serje kronoloġika għal LT fl-2023.
*Sors:* il-Eurostat [ilc_mdes01], l-UE-SILC.

**L-inugwaljanza fl-introjtu baqgħet stabbli b'mod ġenerali bħala medja fl-UE fl-2023, b'xi konverġenza fost l-Istati Membri.** Il-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu (S80/S20) baqa' fil-biċċa l-kbira stabbli fl-2023 f'4.72 (vs 4.73 fl-2022, b'referenza għall-introjti fl-2022 u fl-2021, rispettivament)[247]. Fil-Litwanja, fil-Latvja u fir-Rumanija ġew irreġistrati "Sitwazzjonijiet kritiċi", b'livelli ta' inugwaljanza fl-introjtu li kienu fost l-ogħla fl-Unjoni, minkejja tnaqqis relattivament żgħir fl-2023 – ara l-Illustrazzjoni 2.4.8. Ġew irreġistrati wkoll livelli għoljin ta' inugwaljanza fi Spanja, fl-Estonja u fil-Greċja, kif ukoll fil-Portugall u f'Malta (l-aħħar tnejn wara żidiet relattivament kbar). Bl-istess mod, żidiet kbar wasslu għal livelli madwar il-medja tal-UE fl-Ungerija, fl-Iżvezja u fil-Kroazja. Is-sitwazzjoni f'dawn it-tmien Stati Membri "għandha tiġi osservata" fl-2023. Mill-banda l-oħra, it-tnaqqis fl-inugwaljanza fl-introjtu kien l-akbar fil-Bulgarija (-0.69), li madankollu xorta kellha wieħed mill-ogħla livelli fl-2023 (6.61) f'sitwazzjoni "dgħajfa iżda li qed titjieb", bħall-Italja, li wriet tnaqqis iżgħar (-0.35) iżda minn livell aktar baxx, li t-tnejn ikkontribwew għal konverġenza 'l fuq. Il-Belġju, iċ-Ċekja, is-Slovenja u l-Finlandja kienu "bl-aħjar prestazzjoni" fl-2023. F'xi Stati Membri, pereżempju l-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, il-Portugall u l-Iżvezja, il-livell ta' inugwaljanza fl-introjtu varja wkoll b'mod sinifikanti skont ir-reġjuni (ara l-Illustrazzjoni 4 fl-Anness 5), inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi. Skont l-istimi rapidi tal-Eurostat għas-sena tal-introjtu 2023, ix-xejra fl-inugwaljanzi fl-introjtu, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, kienet pjuttost stabbli fil-pajjiżi kollha ħlief għal-Latvja, fejn ġiet stmata żieda sinifikanti[248]. Il-valutazzjonijiet tal-impatt distributtiv tar-riformi u l-investimenti huma partikolarment importanti biex jitqiesu l-impatti fuq l-inugwaljanza fl-introjtu u biex jiġi infurmat it-tfassil tal-politika *ex ante*.

---

247 L-indikatur huwa definit bħala l-proporzjon tal-introjtu totali (disponibbli ekwivalizzat) riċevut mill-20 % tal-popolazzjoni bl-ogħla introjtu għal dak riċevut mill-20 % bl-inqas introjtu.

248 Ara r-riżultati sperimentali tal-istimi Flash 2023, p. 13.

**Grafika 2.4.8: L-inugwaljanza fl-introjtu baqgħet stabbli b'mod ġenerali bħala medja fl-UE fl-2023, b'xi konverġenza fost l-Istati Membri**

Il-proporzjon tas-sehem kwintili tal-introjtu (S80/S20), il-livelli tal-2023 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għall-Kroazja. Bidliet statistikament sinifikanti huma mmarkati bi stilla (*).
*Sors*: il-Eurostat [tessi180], l-UE-SILC.

**F'perspettiva aktar fit-tul, l-inugwaljanza fl-introjtu naqset wara l-eqqel livell tagħha tal-2014-15, bi fluttwazzjonijiet u xi differenzi bejn l-Istati Membri.** L-inugwaljanzi fl-introjtu (kif imkejla mill-indikatur S80/S20) żdiedu drastikament matul ir-riċessjoni doppja fl-EU-27, u mbagħad naqsu għal livelli magħrufa qabel il-kriżi finanzjarja, bi tnaqqis żgħir ieħor fl-aktar snin reċenti – ara l-Illustrazzjoni 2.4.9. L-inugwaljanza fl-introjtu fil-qiegħ tad-distribuzzjoni tal-introjtu (jiġifieri mkejla mill-indikatur S50/S20) b'mod ġenerali marret lura għal-livell tagħha fl-2010 sal-2023, filwaqt li naqset ftit taħt dik fil-quċċata tad-distribuzzjoni (jiġifieri S80/S50). Dan jenfasizza l-impatt ta' reazzjonijiet ta' politika rapidi u effettivi fl-UE f'dawn l-aħħar snin, speċjalment fir-rigward tal-kriżi tal-COVID-19 u l-kost elevat tal-għoli tal-ħajja. Fl-istess ħin, dan jindika n-nuqqas ta' titjib sinifikanti fit-tul bħala medja fit-tarf l-aktar baxx tad-distribuzzjoni tal-introjtu. Filwaqt li f'ħafna Stati Membri, l-ishma tal-introjtu tjiebu għal kwintili aktar baxxi bejn l-2007 u l-2022, kien hemm evidenza ta' polarizzazzjoni fi Stati Membri oħra (jiġifieri l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, id-Danimarka u l-Iżvezja)[249]. B'mod kumplessiv, it-tieni, it-tielet u r-raba' kwintili tal-introjtu (bħala indikatur possibbli tal-klassi medja) żiedu bi ftit is-sehem tal-introjtu tagħhom matul il-perjodu f'diversi Stati Membri bi ftit eċċezzjonijiet importanti (jiġifieri l-Bulgarija, Ċipru u l-Finlandja).

---

[249] Fuq il-bażi ta' data newtralizzata bl-interruzzjonijiet. L-analiżi sħiħa hija disponibbli fl-Economic inequalities in the EU – key trends and policies.

**Illustrazzjoni 2.4.9: L-inugwaljanzi fl-introjtu fl-EU-27 varjaw matul l-aħħar ħmistax-il sena, filwaqt li naqsu l-aktar dan l-aħħar**

Proporzjonijiet tad-distribuzzjoni kwintili S80/S20, S80/S50 u S50/S20, 2010-2022




*Nota:* għal interruzzjonijiet fis-serje ara t-tabelli tad-data.
*Sors:* il-Eurostat [tessi180], [ilc_di11d], [ilc_di11e], l-UE-SILC.

**In-nefqa fuq il-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali żdiedet f'termini nominali iżda naqset f'termini reali fl-2023, b'varjazzjoni kbira bejn l-Istati Membri u bejn il-fergħat**[250]. Is-sehem relattiv għall-PDG kien ta' 26.8 % fl-UE fl-2023 (vs 26.9 % fl-2022), li huwa 3.2 pp inqas mill-quċċata matul il-kriżi tal-COVID-19 fl-2020 (30 %, minħabba r-rispons ta' politika eċċezzjonali għaliha). Minkejja xi konverġenza f'dan ir-rigward mill-2018 (b'mod partikolari fl-2020-21), il-varjazzjoni fost l-Istati Membri baqgħet kbira, b'sitt Stati Membri li kellhom ishma ta' aktar minn 28 % u sitta oħra inqas minn 17 %[251]. Filwaqt li f'termini nominali n-nefqa fuq il-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali fl-UE żdiedet b'6.1 % fl-2023, f'termini reali naqset bi ftit (-0.2 %)[252], u dan jirrifletti l-kuntest tal-inflazzjoni li għadha għolja. Il-bidliet f'termini reali jvarjaw minn żidiet ta' aktar minn 5 % f'seba' Stati Membri għal tnaqqis ta' aktar minn 2 % f'erba' Stati Membri oħra[253]. Fil-livell tal-UE, it-tnaqqis żgħir f'termini reali fl-2023 kien xprunat minn tnaqqis ta' kważi 8 % tal-benefiċċji tal-esklużjoni soċjali u ta' kważi 5 % għall-benefiċċji tal-qgħad, u tnaqqis ta' madwar 1 % fl-infiq fil-benefiċċji tal-mard u għall-kura tas-saħħa. Min-naħa l-oħra, in-nefqa relatata mal-benefiċċji tax-xjuħija u tas-superstiti żdiedet f'termini reali b'0.7 %.

250 L-Eurostat, protezzjoni soċjali (spr_exp_func, estratt fis-07/11/2024). Id-data tal-2023 hija magħmula minn stimi li jkopru l-Istati Membri kollha minbarra l-Greċja.
251 Dawn huma FR, FI, AT, DE, BE u IT u IE, MT, EE, RO, LT u HU, rispettivament.
252 Il-bidliet f'termini reali huma stmati bid-deflazzjoni tan-nefqiet f'termini nominali f'EUR [spr_exp_func] bl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP) – ara aktar dettalji hawnhekk.
253 Dawn huma SK, PL, CY, BE, BG, LU u NL u EE, LV, IT u LT, rispettivament.

**L-infiq fuq il-benefiċċji tax-xjuħija u tas-superstiti għadu jagħmel tajjeb għal kważi nofs in-nefqa sħiħa fuq il-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali fl-UE.** Dan is-sehem kien ta' 46.7 % fl-2023 (vs 46.2 % fl-2022). Il-kura tas-saħħa u l-benefiċċji tal-mard kienu għadhom jirrappreżentaw it-tieni l-akbar sehem (29.9 % vs 30.2 % fl-2022), filwaqt li l-benefiċċji tal-familja kienu ta' 8.6 % (bħal fl-2022), u l-benefiċċji tad-diżabbiltà kienu jammontaw għal 7.1 % (vs 7 % fl-2022). Is-sehem tal-benefiċċji tal-qgħad kompla jonqos, flimkien mal-qgħad, għal 3.9 % fl-2023 (livell baxx rekord, mill-2008, l-ewwel sena tas-serje kronoloġika), meta mqabbel ma' 4.1 % fl-2022, wara li naqas mil-livell għoli rekord milħuq fl-2020 (7.4 %). B'mod parallel, is-sehem tal-infiq fil-benefiċċji tal-esklużjoni soċjali naqas minn 2.6 % fl-2022 għal 2.4 % fl-2023. Għall-kuntrarju, is-sehem tan-nefqa fuq il-benefiċċji għall-akkomodazzjoni (1.4 %) żdied bi ftit meta mqabbel mal-2022 (1.3 %). Is-sehem tal-benefiċċji tax-xjuħija u tas-superstiti żdied sena wara sena fil-maġġoranza tal-Istati Membri (16 minn 26), filwaqt li dak tal-kategoriji bħall-kura tas-saħħa u l-benefiċċji tal-mard, tal-qgħad jew tal-esklużjoni soċjali naqas fil-maġġoranza tagħhom.

**Grafika 2.4.10: L-impatt tat-trasferimenti soċjali (esklużi l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas bi ftit fl-2023, b'xi sinjali ta' diverġenza**

L-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar, il-livelli tal-2023 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota:* L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għall-Kroazja.
*Sors:* il-Eurostat [tespm050], l-UE-SILC.

**L-impatt tat-trasferimenti soċjali (esklużi l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas bi ftit fl-2023, b'xi sinjali ta' diverġenza fl-Istati Membri kollha.** Dan it-tnaqqis japplika kemm għall-UE bħala medja (-0.3 pp, li għadhom ogħla minn qabel il-pandemija tal-COVID-19) kif ukoll għall-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri – ara l-Illustrazzjoni 2.4.10. Madankollu, id-differenzi baqgħu kbar bejn il-pajjiżi. Fl-2023 (b'referenza għall-introjti tal-2022), ġew irreġistrati "sitwazzjonijiet kritiċi" fir-Rumanija, fil-Greċja, fil-Portugall, fil-Kroazja u fi Spanja, li kollha kellhom impatti baxxi ħafna tat-trasferimenti soċjali (bejn 15.6 % u 22.9 %), u dawn kollha rreġistraw tnaqqis ħlief il-Kroazja. Erba' Stati Membri kienu "għandhom jiġu osservati". Fosthom, il-Lussemburgu rreġistra l-akbar tnaqqis fl-impatt, filwaqt li l-Estonja, Malta u l-Latvja kellhom oħrajn iżgħar, kollha taħt il-livelli medji tal-UE. Min-naħa l-oħra, l-Irlanda, id-Danimarka, il-Belġju u l-Finlandja kellhom "l-aħjar prestazzjoni" (b'ċifri ta' bejn 48.7 % u 57.7 %). L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq ir-riskju tal-faqar monetarju naqas ħarira fl-2023 bħala medja fl-UE wkoll għat-tfal (-0.3 pp[254]), li jirrifletti tnaqqis f'20 Stat Membru (sa -18.6 pp fl-Ungerija, -8.8 pp fil-Lussemburgu u -7.3 pp fl-Iżvezja), mhux megħluba minn żidiet f'minoranza ta' Stati Membri (sa +8.2 pp fl-Italja, +3.2 pp fis-Slovakkja, u +2.5 pp fil-Kroazja). Id-differenzi fl-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar għall-popolazzjoni kumplessiva kienu kbar ukoll fir-reġjuni tal-UE, speċjalment fil-Belġju, fil-Ġermanja, fl-Italja, fl-Ungerija, fil-Polonja, fil-Portugall u fi Spanja (ara l-Illustrazzjoni 9 fl-Anness 5), inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi.

[254] Dan huwa bbażat fuq il-qafas ta' parametru referenzjarju dwar l-indukrar tat-tfal u l-appoġġ għat-tfal stabbilit mis-Sottogrupp tal-Indikaturi tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali. L-indikatur jista' jiġi kkalkulat mir-rata tal-AROP għat-tfal wara u qabel it-trasferimenti (esklużi l-pensjonijiet). It-trasferimenti soċjali in natura, inklużi, fost l-oħrajn, l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal mingħajr ħlas, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa, ma humiex ikkunsidrati f'din l-analiżi.

**Filwaqt li sar xi titjib f'dawn l-aħħar snin, prattikament fl-Istati Membri kollha, l-appoġġ għall-introjtu minimu ġeneralment mhuwiex biżżejjed biex in-nies joħorġu mill-faqar.** L-iskemi ta' introjtu minimu jaġixxu bħala xibka ta' sikurezza soċjali tal-aħħar istanza[255]. L-adegwatezza tal-appoġġ tista' tiġi vvalutata billi l-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi li jiddependu fuq l-introjtu minimu biss (u li ma għandhom l-ebda introjtu mix-xogħol) jitqabbel mal-livell limitu tar-riskju ta' faqar (AROP) - ara l-Illustrazzjoni 2.4.11[256]. Għal unità domestika adulta waħda, il-livell ta' appoġġ huwa l-aktar ġeneruż fin-Netherlands, fejn kważi jilħaq il-limitu tar-riskju ta' faqar (ta' 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan), filwaqt li huwa ta' 50 % jew aktar tal-introjtu medjan fl-Irlanda, fil-Belġju u fil-Lussemburgu, u bejn 30 % u 50 % tal-introjtu medjan fil-maġġoranza tal-pajjiżi l-oħra. L-appoġġ huwa l-aktar baxx għal unità domestika b'adult wieħed fir-Rumanija, fl-Ungerija u fil-Bulgarija, fejn huwa madwar jew inqas minn 10 % tal-introjtu medjan. Meta mqabbla mal-2022, l-adegwatezza tal-appoġġ tjiebet fl-Estonja (+4 pp), fin-Netherlands u fil-Lussemburgu (+3 pp), fl-Irlanda, fil-Belġju, fi Spanja, fil-Litwanja u fiċ-Ċekja (+2 pp), filwaqt li naqset fl-Italja, fl-Awstrija, f'Ċipru, fil-Polonja (-3 pp), fil-Greċja u fl-Ungerija (-2 pp). Meta titqies is-sitwazzjoni ta' unità domestika magħmula minn żewġ adulti u żewġt itfal, fil-maġġoranza tal-Istati Membri l-adegwatezza tal-appoġġ hija simili jew ogħla, prinċipalment minħabba r-rwol akbar tal-benefiċċji tal-familja. Madankollu, huwa fil-Litwanja biss li l-livell ta' appoġġ għal dan it-tip ta' unità domestika huwa biżżejjed biex dawn joħorġu mill-faqar. Meta mqabbel mal-2022, għal dan it-tip ta' unità domestika, ġie osservat titjib qawwi fl-adegwatezza (ta' aktar minn +5 pp) fl-Estonja, fi Spanja, fiċ-Ċekja u fis-Slovakkja, filwaqt li ġie rreġistrat tnaqqis qawwi (-6 pp) fil-Polonja. Fl-aħħar nett, fl-Istati Membri kollha, l-introjtu nett li taqla' persuna li taħdem full-time bil-paga minima (jew b'paga baxxa korrispondenti f'dawk il-pajjiżi li ma għandhomx pagi minimi statutorji) huwa sistematikament ogħla mill-appoġġ għall-introjtu riċevut permezz tal-assistenza soċjali meta ma taħdimx.

---

255 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva (2023/C 41/01).

256 Minbarra l-benefiċċji tal-introjtu minimu, l-unitajiet domestiċi għandhom mnejn ikunu intitolati li jirċievu benefiċċji tal-akkomodazzjoni u tal-familja.

**Illustrazzjoni 2.4.11: L-adegwatezza tal-assistenza soċjali għall-unitajiet domestiċi mingħajr impjieg għadha relattivament baxxa**

Introjtu disponibbli ekwivalizzat nett tal-unitajiet domestiċi (persuna mhux miżżewġa, u żewġ adulti b'żewġt itfal taħt l-14-il sena) li jirċievu assistenza soċjali, bħala perċentwal tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan, 2023 (%)




*Nota*: membri adulti tal-unità domestika mhux impjegati u li ma jirċevux benefiċċji tal-qgħad. L-introjti netti inklużi l-assistenza soċjali, il-benefiċċji tal-familja u għall-akkomodazzjoni, wara t-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. żL-introjtu nett ta' persuna mhux miżżewġa li taħdem full-time bil-paga minima statutorja (jew b'45 % tal-paga medja għall-pajjiżi li ma għandhomx paga minima statutorja: Id-Danimarka, l-Italja, l-Awstrija, il-Finlandja u l-Iżvezja).
*Sors*: kalkoli proprji bbażati fuq l-output mill-mudell tal-benefiċċji tat-taxxa tal-OECD, il-verżjoni tal-mudell 2.6.3, u l-Eurostat [ilc_di03], l-UE-SILC.

**In-nuqqas ta' impjiegi għadu fattur ewlieni ta' riskju tal-faqar, filwaqt li l-benefiċċji soċjali bħala medja ma jaslux fl-unitajiet domestiċi kollha fil-bżonn.** Fl-UE, 60.7 % tal-unitajiet domestiċi li fihom l-individwi fl-età tax-xogħol jew ma kinux jaħdmu jew kienu jaħdmu ftit ħafna (jiġifieri ħadmu għal 20 % jew inqas mill-ħin tax-xogħol potenzjali totali tagħhom) kienu f'riskju ta' faqar fl-2023[257] – ara l-Illustrazzjoni 2.4.12. Dan is-sehem huwa stabbli meta mqabbel mas-sena ta' qabel, iżda jistgħu jiġu osservati differenzi importanti fost l-Istati Membri. Ir-rata ta' riskju ta' faqar ta' unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg (jiġifieri b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna) kienet tvarja minn 80 % fir-Rumanija (-9 pps vs 2022) għal inqas minn 40 % fl-Irlanda (-6 pps). Ġew osservati żidiet qawwija ħafna fl-Awstrija (+14 pp), f'Ċipru (+10 pp) u fil-Portugall (+9 pp) – għalkemm minn livelli tal-bidu ħafna aktar baxxi – kif ukoll fis-Slovenja u fl-Iżvezja (+7 pp). Ġie rreġistrat tnaqqis imdaqqas fl-Ungerija (-14 pp), fil-Belġju (-9 pp) u fid-Danimarka (-8 pp). Fl-istess ħin, is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar u li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg li jirċievu benefiċċji soċjali kien ta' 83.5 % fl-UE fl-2023, żieda minn 81.1 % fis-sena ta' qabel – ara l-Illustrazzjoni 2.4.13[258]. Hemm differenzi importanti bejn l-Istati Membri, u din ir-rata tvarja minn (kważi) 100 % fid-Danimarka, fl-Awstrija u fi Franza għal inqas minn 60 % fil-Kroazja. Il-kopertura żdiedet jew baqgħet stabbli b'mod ġenerali (b'bidliet ta' inqas minn 2 pp) fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri bejn l-2022 u l-2023 (is-snin tal-introjtu 2021 u 2022, rispettivament). Ġew osservati żidiet sinifikanti fl-Awstrija (+15.8 pp), fl-Ungerija (+12.8 pp), fl-Italja (+12.2 pp) u fil-Latvja (+8.3 pp), filwaqt li ġie rreġistrat tnaqqis ġmielu f'Malta (-23.7 pp). F'madwar żewġ terzi tal-Istati Membri, il-benefiċċji tal-introjtu minimu jistgħu jiġu kkombinati (għall-inqas parzjalment) mal-introjtu mix-xogħol, u b'hekk jinħolqu inċentivi pożittivi għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol.

---

[257] Barra minn hekk, bħala medja fl-UE, ir-rata ta' riskju ta' faqar għall-persuni qiegħda kienet ta' 47.5 % fl-2023, b'rati ogħla minn 50 % fi tmien pajjiżi, u kienet madwar 60 % jew aktar fil-Litwanja, fin-Netherlands u fir-Rumanija. Ir-riskji tal-faqar fost il-persuni qiegħda kienu ogħla llum milli fil-perjodu ta' qabel il-COVID (b'referenza għall-introjti tal-2019) fi 12-il Stat Membru.

[258] Dan jinkludi kwalunkwe tip ta' benefiċċji soċjali, u mhux biss skemi ta' introjtu minimu.

## Illustrazzjoni 2.4.12: Ir-rati tal-faqar għadhom għoljin fost l-unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg

Ir-rata tar-riskju ta' faqar tal-persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg (%)




*Nota*: interruzzjoni fis-serje fl-2023 għall-Kroazja. L-unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg [b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna] huma unitajiet domestiċi fejn il-membri tal-età tax-xogħol ħadmu ħin tax-xogħol daqs jew inqas minn 20 % tal-potenzjal totali tal-ħin tax-xogħol tagħhom matul is-sena preċedenti.
*Sors*: il-Eurostat [ilc_li06], l-UE SILC.

## Illustrazzjoni 2.4.13: Is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar li huma koperti minn benefiċċji soċjali juri varjazzjoni importanti bejn l-Istati Membri

Ir-rata tar-riċevituri tal-benefiċċji għal persuni f'riskju ta' faqar ta' bejn it-18 u l-64 sena u li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg (%)




*Nota*: interruzzjoni fis-serje fl-2023 għal Franza.
*Sors*: il-Eurostat [ilc_li70], l-UE SILC.

**Il-faqar monetarju fost dawk li jaħdmu baqa' ogħla għall-persuni f'impjiegi mhux standard milli għal ħaddiema oħra, għalkemm il-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali għandhom rwol relattivament aktar importanti fit-tnaqqis tar-riskji tal-faqar tagħhom.** Filwaqt li l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar fl-2023 (b'referenza għall-introjti tal-2022) fl-UE kien ogħla b'mod sinifikanti għall-ħaddiema f'impjiegi mhux standard, bħall-impjegati b'kuntratti temporanji (22.2 %), u l-ħaddiema part-time (24.2 %), kif ukoll dawk li jaħdmu għal rashom (26.2 %), meta mqabbel mal-impjegat medju (12.0 %)[259], il-faqar monetarju kien akbar fost dawn il-gruppi fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Fil-livell tal-UE, ir-rata ta' riskju ta' faqar kienet ta' 12.8 % fost il-ħaddiema b'kuntratt temporanju (meta mqabbla ma' 5.3 % fost il-ħaddiema b'kuntratt permanenti), 14.3 % fost il-ħaddiema part-time (meta mqabbla ma' 7.1 % fost il-ħaddiema full-time) u 20.7 % fost dawk li jaħdmu għal rashom, meta mqabbla ma' 6.4 % fost l-impjegati kollha bħala medja[260]. Il-faqar monetarju għall-ħaddiema b'kuntratti temporanji kien ogħla minn 15 % fi tmien Stati Membri[261], u saħansitra aktar minn 20 % fi tlieta minnhom (il-Bulgarija, Ċipru u l-Iżvezja). Barra minn hekk, żdied f'għaxar Stati Membri meta mqabbel mal-perjodu ta' qabel il-COVID (abbażi tas-sena ta' referenza 2019). Fost dawk li jaħdmu għal rashom, ir-rata tal-faqar kienet ogħla mill-medja tal-UE fi tmien Stati Membri[262], qrib it-30 % fil-Polonja u fl-Estonja, u sa 68 % fir-Rumanija. Barra minn hekk, kienet ogħla milli kienet fl-2019 f'15-il Stat Membru.

---

259 Estrazzjoni speċjali tal-Eurostat mill-UE-SILC ibbażata fuq it-tqassim ewlieni tal-indikatur ewlieni dwar l-adegwatezza fil-qafas ta' monitoraġġ dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali. Ara: Access to social protection for workers and the self-employed. (Partial) Update of the monitoring framework – 2023.

260 Madankollu, il-valutazzjoni tal-introjtu għal dawk li jaħdmu għal rashom hija diffiċli u l-indikatur tar-rata tal-privazzjoni materjali u soċjali jindika livell ħarira aktar baxx għal dawk li jaħdmu għal rashom meta mqabbel mal-impjegati (8.0 % u 8.9 % rispettivament fl-UE fl-2023).

261 Dawn huma BG, CY, SE, LU, HU, PT, IT u AT.

262 Dawn huma FR, SI, LV, PT, ES, PL, EE u RO. Ara l-Eurostat [ilc_li04], l-UE-SILC.

**Il-kopertura tal-benefiċċji soċjali tvarja ħafna bejn l-Istati Membri u għal kategoriji differenti ta' ħaddiema, kif ukoll skont l-istatus tal-impjieg.** Bħala medja fl-UE fl-2023 (b'referenza għall-introjtu tal-2022), is-sehem ta' persuni fl-età tax-xogħol (bejn 16 u 64 sena) f'riskju ta' faqar qabel it-trasferimenti soċjali u li jirċievu benefiċċji soċjali[263] kien ogħla fost dawk b'kuntratti temporanji (39.2 %) milli fost dawk b'kuntratti permanenti (27.3 %), u ogħla fost il-ħaddiema part-time (33.3 %) milli fost l-impjegati full-time (25.7 %). Madankollu, kien hemm sitt Stati Membri (l-Iżvezja, is-Slovenja, l-Estonja, il-Bulgarija, id-Danimarka u Ċipru) fejn l-impjegati b'kuntratti temporanji kienu inqas probabbli li jirċievu benefiċċji minn dawk b'kuntratti permanenti, u f'sitt Stati Membri (l-Estonja, l-Italja, il-Portugall, il-Latvja, il-Bulgarija u s-Slovenja) il-ħaddiema part-time kienu inqas probabbli li jirċievu benefiċċji minn dawk full-time. B'mod simili għall-2022, f'ħames pajjiżi (il-Kroazja, il-Greċja, il-Lussemburgu, il-Polonja u r-Rumanija), inqas minn 10 % ta' dawk f'impjieg u f'riskju ta' faqar (qabel it-trasferimenti soċjali) kienu qed jirċievu benefiċċji soċjali fl-2023. Il-persuni li jaħdmu għal rashom f'riskju ta' faqar (qabel it-trasferimenti soċjali) kienu l-inqas probabbli li jirċievu benefiċċji soċjali, b'kopertura ta' 12.7 % fl-2023 fl-EU-27, aktar qrib tal-livell tal-perjodu ta' qabel il-COVID (10.8 % fl-2019), tnaqqis minn 29.0 % fl-2021, li tirrifletti t-tneħħija gradwali ta' miżuri ta' appoġġ eċċezzjonali b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19. Fl-2023, dan is-sehem baqa' taħt il-5 % f'seba' Stati Membri (il-Portugall, is-Slovakkja, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Kroazja, il-Greċja u r-Rumanija). Kien biss ftit aktar minn nofs (52.4 %) il-persuni qiegħda fir-riskju tal-faqar li kienu qed jirċievu benefiċċji soċjali bħala medja fl-UE fl-2023. Dan is-sehem kien ħafna aktar baxx, madwar 15 % jew inqas, f'sitt Stati Membri (il-Greċja, ir-Rumanija, il-Polonja, il-Kroazja, is-Slovakkja u n-Netherlands).

---

263 Estrazzjoni speċjali mill-Eurostat tal-indikatur tar-rata tar-riċevitur għal "aċċess effettiv" fil-qafas ta' monitoraġġ dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali: Access to social protection for workers and the self-employed. (Partial) Update of the monitoring framework – 2023. Il-popolazzjoni fil-mira hija dik f'riskju ta' faqar qabel it-trasferimenti soċjali. Il-benefiċċji soċjali koperti fl-indikatur huma dawk riċevuti fil-livell individwali, minbarra l-pensjonijiet tax-xjuħija u tas-superstiti.

**B'mod kumplessiv, l-aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata għadu varjat fl-Istati Membri, minkejja xi titjib matul dawn l-aħħar ftit snin[264].** Fir-rigward tal-kopertura formali[265], fir-rebbiegħa tal-2023 kien għad hemm differenzi fi 15-il Stat Membru għal mill-inqas grupp wieħed ta' ħaddiema mhux standard f'mill-inqas fergħa waħda tal-protezzjoni soċjali, li ħafna drabi kienet il-benefiċċji tal-qgħad, tal-mard u/jew tal-maternità. Barra minn hekk, fi tlettax-il Stat Membru, l-aċċess għal mill-inqas fergħa waħda tal-protezzjoni soċjali kien volontarju għal mill-inqas grupp wieħed ta' ħaddiema mhux standard, l-aktar ta' spiss b'rabta mal-benefiċċji tax-xjuħija u tal-qgħad, segwiti minn benefiċċji tal-invalidità, tal-mard u tal-maternità. Fir-rigward ta' dawk li jaħdmu għal rashom, dawn iffaċċjaw lakuni fil-kopertura formali f'fergħa waħda tal-protezzjoni soċjali jew aktar fi tmintax-il Stat Membru, l-aktar ta' spiss b'rabta mal-benefiċċji tal-qgħad u l-benefiċċji għall-aċċidenti fuq ix-xogħol u l-mard okkupazzjonali. Barra minn hekk, fi tmintax-il Stat Membru, il-kopertura tagħhom kienet volontarja, l-aktar ta' spiss fir-rigward tal-mard, tax-xjuħija u tal-maternità. L-istimi disponibbli fil-livell nazzjonali jindikaw rati baxxi ta' użu mill-biċċa l-kbira tal-iskemi volontarji minn dawk li jaħdmu għal rashom.

---

264 Ara r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom, COM/2023/43 final u l-Qafas ta' monitoraġġ approvat fl-2020 u aġġornament (2023) ippubblikat f'Mejju 2023.

265 Il-kopertura formali ta' grupp tfisser li f'fergħa speċifika tal-protezzjoni soċjali (eż. ix-xjuħija, il-mard, il-qgħad, il-maternità) il-leġiżlazzjoni eżistenti jew il-ftehim kollettiv jiddikjaraw li l-individwi fil-grupp huma intitolati li jipparteċipaw fi skema ta' protezzjoni soċjali li tkopri fergħa speċifika.

**Illustrazzjoni 2.4.14: Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni baqgħet stabbli b'mod ġenerali fil-livell tal-UE b'xi sinjali ta' diverġenza fl-Istati Membri**

Is-sehem tal-persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni, il-livelli tal-2023 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għall-Ġermanja u għal Malta. Bidliet statistikament sinifikanti huma mmarkati bi stilla (*).
*Sors*: il-Eurostat [tespm140], l-UE-SILC.

**L-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni hija sfida dejjem akbar fl-UE.** Fl-2023, is-sehem tal-popolazzjoni tal-UE li qed tiffaċċa rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni baqa' stabbli b'mod ġenerali (8.8 %, minn 8.7 % fl-2021-22), li juri sinjali ta' diverġenza – ara l-Illustrazzjoni 2.4.14. Fl-2023, il-Greċja u l-Lussemburgu kienu f'"sitwazzjonijiet kritiċi", flimkien mad-Danimarka. Il-Greċja rreġistrat l-ogħla rata fost l-Istati Membri (28.5 %) b'żieda ta' 1.8 pp, filwaqt li l-Lussemburgu bi 22.7 %, kellu t-tieni l-ogħla rata, b'żieda ta' 7.5 pp. Id-Danimarka segwiet bi 15.4 %, b'żieda ta' 0.7 pp meta mqabbla mal-2022. Kemm il-Ġermanja kif ukoll Malta "għandhom jiġu osservati", minħabba valur tal-indikatur relattivament għoli għall-ewwel wieħed (13.0 %) u żieda għolja għat-tieni wieħed (bi 3.1 pp għal 6,0 %). Ċipru (2.6 %) kien l-uniku Stat Membru "bl-aħjar prestazzjoni" fl-2023. Fost il-persuni f'riskju ta' faqar, ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni kienet ogħla b'mod sinifikanti milli għall-bqija tal-popolazzjoni fl-UE, bi 33.5 % meta mqabbla ma' 4.1 %. L-ogħla rati ta' piż eċċessiv tal-kostijiet għall-popolazzjoni f'riskju ta' faqar fl-2023 kienu fil-Greċja (86.3 %, żieda ta' 1.8 pp), fid-Danimarka (72.3 %, żieda ta' 1.6 pp) u fil-Lussemburgu (62.2 %, żieda ta' 26.5 pp), filwaqt li l-aktar rata baxxa (inqas minn 20 %) kienet f'Ċipru (8.9 %). Jista' jkun li l-varjabbiltà bejn il-pajjiżi hija dovuta għal livelli differenti tal-prezzijiet tal-akkomodazzjoni, politiki nazzjonali għall-akkomodazzjoni soċjali u/jew sussidji u benefiċċji pubbliċi pprovduti mill-gvernijiet għall-akkomodazzjoni – ara t-Taqsima 2.4.2. B'mod kumplessiv, madwar l-Istati Membri, il-kerrejja fis-suq tal-kiri privat kellhom it-tendenza li jkunu ħafna aktar affettwati mill-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni (20.3 %) mill-kerrejja bi prezz imnaqqas jew b'kirjiet mingħajr ħlas (11.3 %), u s-sidien b'ipoteki jew b'self pendenti (5.3 %).

**Kaxxa 6 tal-Pilastru: Aċċess għall-akkomodazzjoni u għall-akkomodazzjoni soċjali fl-UE – sfidi u żviluppi**

**L-aċċess għall-akkomodazzjoni soċjali jew għall-assistenza għall-akkomodazzjoni ta' kwalità tajba għal dawk fil-bżonn huwa prijorità ewlenija għall-UE**, f'konformità mal-prinċipju 19 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. L-aċċess għall-akkomodazzjoni huwa fundamentali fil-protezzjoni tal-individwi kontra r-riskji tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali u jikkontribwixxi għal kwalità ta' ħajja deċenti. Jiddetermina l-aċċess għall-edukazzjoni u l-opportunitajiet ta' impjieg u għandu impatt fuq il-mobbiltà relatata max-xogħol fl-Istati Membri u fis-Suq Uniku tal-UE. F'dan l-isfond, l-akkomodazzjoni soċjali tista' sservi bħala l-aħħar għażla għal dawk fil-bżonn meta l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fis-suq toħloq sfidi. F'dan ir-rigward, id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Liège appellat għal Patt Ġdid Ewropew dwar l-akkomodazzjoni affordabbli u soċjali[266]. L-iżvilupp tal-ewwel Pjan Ewropew għall-Akkomodazzjoni Affordabbli tħabbar bħala parti mil-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni l-ġdida[267].

**Il-kostijiet tal-akkomodazzjoni huma ta' piż fuq il-baġits tal-unitajiet domestiċi tal-UE, b'mod partikolari għal dawk li diġà jesperjenzaw riskji ta' faqar.** Skont l-aħħar data disponibbli tal-Eurostat għall-2023, 46.2 % u 31.8 % tal-unitajiet domestiċi Ewropej, rispettivament, iqisu l-kostijiet totali tal-akkomodazzjoni bħala piż finanzjarju u bħala piż finanzjarju kbir[268]. Fl-UE, fl-2023, 8.8 % tal-popolazzjoni kienet tgħix f'unità domestika fejn il-kostijiet totali tal-akkomodazzjoni (netti mill-allowances għall-akkomodazzjoni) kienu jirrappreżentaw aktar minn 40 % tal-introjtu disponibbli totali tal-unitajiet domestiċi. Din l-hekk imsejħa "rata tal-piż eċċessiv" kienet għolja daqs 33.5 % għall-persuni li diġà qed jesperjenzaw riskji ta' faqar. B'mod kumplessiv, is-sehem tal-kostijiet totali tal-akkomodazzjoni fl-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi laħaq medja ta' 19.7 % iżda kien ta' 38.2 % għall-persuni f'riskju ta' faqar (AROP) – ara l-Illustrazzjoni. Il-kostijiet tal-akkomodazzjoni bħala sehem mill-introjtu disponibbli bħala medja varjaw bil-kbir ukoll bejn l-Istati Membri, u jammontaw għal aktar minn nofs il-baġit tal-unitajiet domestiċi fil-Greċja u fid-Danimarka għal kemxejn inqas minn terz fl-Italja, fil-Portugall, f'Malta u f'Ċipru.

266 Ara Liège Declaration: Towards affordable, decent, and sustainable housing for all.
267 Ara: Europe's Choice: Political Guidelines for the next European Commission.
268 Ara l-Eurostat [ilc_mded04].

Barra minn hekk, fir-rebbiegħa tal-2022, 28 % tal-popolazzjoni tal-UE u 33 % mill-kerrejja soċjali antiċipaw diffikultajiet probabbli fil-ħlas tal-kontijiet tal-utilitajiet, li fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jwasslu għal żgumbramenti. Iż-żidiet fil-kirjiet u l-prezzijiet tal-proprjetà li jaqbżu t-tkabbir tal-introjtu ddeterjoraw l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, speċjalment fil-bliet ewlenin tal-UE. Fl-istess ħin, il-listi ta' stennija għall-akkomodazzjoni soċjali jistgħu jkunu twal (aktar minn 7 snin f'25 % tal-muniċipalitajiet tan-Netherlands, u għexieren ta' snin fid-Danimarka)[269], u l-għadd ta' persuni li qed jistennew jista' jkun kbir (pereżempju, 136 156 unità domestika fil-Polonja, 61 880 fl-Irlanda u 257 271 fil-Belġju). In-nies fuq il-listi ta' stennija huma ta'età iżgħar, u spiss huma migranti mhux mill-UE (37 %). L-applikazzjonijiet huma aktar frekwenti minn unitajiet domestiċi b'persuna waħda (50-65 % fil-Finlandja u f'Malta, pereżempju).

**Is-sehem tal-akkomodazzjoni soċjali tal-UE fl-istokk totali tal-akkomodazzjoni ilu jonqos mis-snin 90.** 12 % biss tal-istokk totali ta' akkomodazzjoni fl-UE bħalissa huwa ddedikat għal skopijiet soċjali u l-volum tal-istokk ta' akkomodazzjoni soċjali għall-kiri jvarja b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri[270]. Il-proporzjon ta' akkomodazzjoni soċjali huwa l-akbar fl-Awstrija, fid-Danimarka u fin-Netherlands, u jilħaq unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju[271]. Fl-2018, ir-rapport tat-Task Force ta' Livell Għoli dwar l-Investiment fl-Infrastruttura Soċjali fl-Ewropa stima diskrepanza totali fl-investiment ta' mill-inqas EUR 1.5 triljun fl-infrastruttura soċjali għall-perjodu bejn l-2018 u l-2030 u ta' EUR 57 biljun b'rabta ma' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali[272]. Biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku għall-2030, hu meqjus li jeħtieġu EUR 275 biljun għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika, il-biċċa l-kbira minnhom għall-bini residenzjali, inkluż l-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli[273]. L-integrazzjoni ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika u tas-sostenibbiltà fil-politiki tal-akkomodazzjoni soċjali tista' tkun ta' għajnuna biex jiġi żgurat li l-gruppi vulnerabbli jibbenefikaw mill-opportunitajiet tat-tranżizzjoni ekoloġika. L-aktar ostakli importanti għall-investimenti fl-akkomodazzjoni soċjali huma relatati ma':
i) l-ostakli kumplessivi fis-settur tal-kostruzzjoni, bħad-disponibbiltà tal-forza tax-xogħol; ii) il-proċeduri għall-għoti ta' permessi u l-użu tal-art; iii) restrizzjonijiet baġitarji u aċċess għall-finanzi.

---

269 Ara l-Eurofund, Unaffordable and inadequate housing in Europe, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023. Huwa diffiċli li ċ-ċifri tal-listi ta' stennija jitqabblu b'mod tranżnazzjonali u maż-żmien, u għalhekk jeħtieġ li jiġu interpretati b'attenzjoni.

270 Housing Europe, The State of Housing in the EU, 2020.Housing Europe

271 L-OECD, Social housing: A key part of past and future housing policy, Employment,2020.

272 Fransen, L., del Bufalo, G. u Reviglio, E., *Boosting Investment in Social Infrastructure in Europe – Report of the High-Level Task Force on Investing in Social Infrastructure in Europe*, 2018.

273 Ara A Renovation Wave for Europe - greening our buildings, creating jobs, improving lives, COM/2020/662 final.

**Madwar 40 % tal-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar huwa ddedikat għall-ispejjeż tal-akkomodazzjoni, b'varjazzjoni kbira bejn l-Istati Membri**

Is-sehem tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni fl-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi (%, 2023)




*Sors*: il-Eurostat [ilc_mdes01], l-UE-SILC

**L-Istati Membri diġà stabbilew varjetà ta' riformi regolatorji u mhux regolatorji u programmi ta' investiment biex iżidu l-istokk ta' akkomodazzjoni soċjali tagħhom u jappoġġaw l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni.** Fiċ-**Ċekja**, bħala parti mill-RRP tiegħu, il-gvern ippropona leġiżlazzjoni ġdida dwar l-akkomodazzjoni affordabbli, kif ukoll programmi ta' self sussidjat. L-**Irlanda** introduċiet Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-Imgħax Ipotekarju u t-Taxxa fuq id-Djar Vakanti. L-RRP tal-**Greċja** jinkludi programm ta' rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali biex jappoġġa l-gruppi l-aktar vulnerabbli mhedda mill-problema ta' persuni mingħajr dar, jew li qed jiffaċċjawha direttament. Fi **Spanja**, ġiet stabbilita faċilità ta' self biex tappoġġa l-provvista ta' 20 000 abitazzjoni soċjali u affordabbli ġodda minn kumpaniji pubbliċi u privati. Fi **Franza**, il-Parlament qed jeżamina qafas legali ġdid biex jissaħħaħ ir-rwol tas-sindki fl-allokazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali u biex jiġu ssimplifikati l-għodod ta' regolamentazzjoni tal-kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir. Ġiet adottata liġi ġdida biex tissimplifika r-rinnovazzjoni u l-provvista tad-djar. Il-**Latvja** żviluppat strateġija biex tippromwovi l-aċċess għall-akkomodazzjoni għall-unitajiet domestiċi b'livelli ta' introjtu differenti. Il-**Lussemburgu** adotta liġi dwar l-akkomodazzjoni affordabbli, inkluż għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx. Sett ta' miżuri fiskali u mhux fiskali huma disponibbli biex jappoġġaw l-aċċess għal sjieda u kera affordabbli. Barra minn hekk, l-RRP tal-Lussemburgu introduċa r-riforma tal- "Patt dwar l-Akkomodazzjoni 2.0" li tistabbilixxi qafas ta' referenza ġdid għall-appoġġ governattiv lill-muniċipalitajiet għall-ħolqien ta' proġetti ġodda ta' akkomodazzjoni, permezz tal-kostruzzjoni ta' bini ġdid jew ir-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini eżistenti. Il-**Portugall** żviluppa sett ta' miżuri biex jippromwovi provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali b'VAT imnaqqsa u proċeduri simplifikati biex tingħata spinta lill-kostruzzjoni, filwaqt li implimenta inċentivi tat-taxxa b'rabta mal-akkomodazzjoni għaż-żgħażagħ. Il-fondi tal-UE jistgħu joffru appoġġ importanti għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi u l-investimenti. Is-sett ta' għodod operazzjonali dwar l-użu tal-fondi tal-UE għall-investimenti fl-akkomodazzjoni soċjali u s-servizzi assoċjati jipprovdi informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament u eżempji ta' operazzjonijiet li jistgħu jitwettqu b'għotjiet u b'finanzjament ripagabbli[274].

[274] Ara Social Housing and Beyond.

**Il-faċilitajiet ħżiena tal-akkomodazzjoni u l-affollament eċċessiv jaffettwaw sehem konsiderevoli ta' unitajiet domestiċi fl-UE.** Fl-2023, 14.5 % tal-popolazzjoni tal-UE esperjenzat xi forma ta' privazzjoni ta' akkomodazzjoni[275], li rrapportat mill-inqas oġġett wieħed ta' privazzjoni, jiġifieri saqaf li jnixxi, nuqqas ta' banju/doċċa, nuqqas ta' tojlit fuq ġewwa, jew abitazzjoni meqjusa mudlama wisq. Aktar minn hekk, 16.8 % għexu f'unità domestika ffullata żżejjed, mingħajr l-għadd minimu ta' kmamar skont il-kompożizzjoni tal-unità domestika. Il-privazzjoni tal-akkomodazzjoni għandha t-tendenza li tkun marbuta mat-tip ta' unità domestika, mal-introjtu u mal-istatus ta' pussess. Fl-2023, fl-UE, 20.6 % tal-unitajiet domestiċi b'persuna mhux miżżewġa bi tfal dipendenti u 19 % tal-unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar iffaċċjaw privazzjoni ta' akkomodazzjoni, filwaqt li 29.6 % ta' dawn tal-aħħar kienu qed jgħixu f'akkomodazzjoni ffullati żżejjed.

**Illustrazzjoni 2.4.15: Huma osservati varjazzjonijiet kbar fl-użu ta' skemi ta' allowances għall-akkomodazzjoni biex jappoġġaw lill-unitajiet domestiċi sabiex jlaħħqu mal-kostijiet tal-akkomodazzjoni fl-Istati Membri kollha**

L-infiq pubbliku fuq l-allowances għall-akkomodazzjoni fi Stati Membri magħżula tal-UE fl-2022 jew fl-aħħar sena disponibbli (% tal-PDG)




*Nota*: id-data tirreferi għat-tweġibiet għall-Kwestjonarju tal-OECD tal-2023 dwar l-Akkomodazzjoni Affordabbli u Soċjali ħlief għal Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, Franza, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, is-Slovenja
*Sors*: OECD Affordable Housing Database [PH3.1]

275 Dan il-paragrafu jiddependi fuq l-indikaturi tal-Eurostat [ilc_mddd04a], [ilc_lvho05a] u [ilc_mddd04a].

**L-allowances għall-akkomodazzjoni spiss jintużaw bħala strument ta' appoġġ għall-akkomodazzjoni, li jvarja ħafna bejn l-Istati Membri fit-tfassil u fid-daqs.** L-allowances għall-akkomodazzjoni huma trasferimenti ttestjati skont il-mezzi u/jew l-introjtu ġeneralment ipprovduti lil unitajiet domestiċi b'introjtu baxx li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà rilevanti sabiex jgħinuhom ilaħħqu mal-kera u ma' kostijiet oħra tal-akkomodazzjoni, b'mod temporanju jew fit-tul. Skont id-data ppubblikata tal-OECD Affordable Housing Database (il-Bażi tad-Data tal-Akkomodazzjoni Affordabbli tal-OECD), l-infiq totali tal-gvern fuq l-allowances għall-akkomodazzjoni (espress bħala perċentwal tal-PDG), immirat kemm lejn il-kerrejja kif ukoll lejn is-sidien tad-djar, huwa l-aktar baxx fil-Polonja u fil-Lussemburgu (0.2 %), filwaqt li huwa l-ogħla fil-Finlandja (0.9 %), fid-Danimarka (0.7 %) u fi Franza (0.7 %) fost l-Istati Membri tal-UE – ara l-Illustrazzjoni 2.4.15.

**Id-diffikultajiet fl-akkomodazzjoni u l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar ġew aggravati minħabba l-ispejjeż ogħla tal-akkomodazzjoni u tal-għajxien.** Għall-ewwel darba fl-2023, inġabret data għall-UE fil-kuntest tal-modulu ad hoc tal-UE-SILC dwar diffikultajiet ta' akkomodazzjoni[276]. Mill-popolazzjoni mistħarrġa, 4.9 % irrappurtaw li esperjenzaw diffikultajiet fl-akkomodazzjoni f'ħajjithom, u li kellhom joqogħdu għand qraba jew ħbieb (76.2 %), f'akkomodazzjoni ta' emerġenza (13 %), f'post mhux maħsub bħala akkomodazzjoni permanenti (6.6 %) jew fi spazji pubbliċi (4.2 %). L-evidenza disponibbli tissuġġerixxi li l-kawżi primarji tad-diffikultajiet fl-akkomodazzjoni huma ta' natura familjari u personali (30 %), u marbuta mar-riżorsi finanzjarji (25.9 %). Il-pajjiżi tal-UE li rrapportaw l-ogħla rati ta' diffikultajiet ta' akkomodazzjoni esperjenzati fil-passat fost persuni li bħalissa jinsabu f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali kienu d-Danimarka (18.4 %), il-Finlandja (17.5 %) u Franza (17.1 %). B'kuntrast ma' dan, l-aktar rati baxxi ġew osservati fil-Polonja (1.9 %), fl-Italja (2.0 %) u fl-Ungerija (2.1 %). Din ix-xejra tinbidel ukoll skont l-età[277]. Fost il-persuni li qed jesperjenzaw il-faqar jew l-esklużjoni soċjali, diffikultajiet ta' kiri matul l-aħħar 12-il xahar ġew irrapportati minn 27. % ta' dawk li għandhom bejn it-30 u l-54 sena, minn 24.0 % mill-grupp ta' età bejn il-55 u l-64 sena, u minn 22.1 % ta' persuni bejn is-16 u d-29 sena. Fil-grupp tal-età ta' 65+ sena, 12.9 % biss tal-persuni f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali rrapportaw diffikultajiet ta' kiri. Il-kwantifikazzjoni tal-problema ta' persuni mingħajr dar fil-livell tal-UE hija diffiċli, minħabba differenzi sinifikanti fid-definizzjonijiet statistiċi u fl-approċċi ta' kejl li jfixklu l-produzzjoni ta' data robusta u komparabbli bejn l-Istati Membri.

276 Dan il-paragrafu, fost l-oħrajn, jiddependi fuq l-indikaturi tal-Eurostat [ilc_lvhd02] u[ilc_lvhd01].

277 Il-Eurostat [ilc_lvhd08].

Stimi reċenti fid-9 Ħarsa Ġenerali Annwali dwar il-Kundizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar u l-Esklużjoni tal-Akkomodazzjoni fl-UE minn FEANTSA u FAP jindikaw li fl-UE hemm madwar 1.3 miljun persuna li jorqdu barra, jiġifieri f'postijiet ta' kenn ta' billejl jew akkomodazzjoni temporanja, li 400 000 minnhom huma tfal[278]. Skont data tal-OECD li ġiet ippubblikata dan l-aħħar[279], huwa stmat li hemm madwar miljun persuna mingħajr dar fl-UE. Mill-2022, wara l-pandemija tal-COVID-19, il-problema ta' persuni mingħajr dar żdiedet f'diversi Stati Membri tal-UE b'data disponibbli, b'mod partikolari l-Irlanda u n-Netherlands[280].

**Is-sehem ta' persuni akbar fl-età (65+) fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali naqas bi ftit fil-livell tal-UE fl-2023.** Dan it-tnaqqis, għal 19.8 %, kien xprunat minn titjib fir-rata tal-AROPE għan-nisa, għalkemm din tal-aħħar baqgħet sostanzjalment ogħla milli għall-irġiel fl-istess grupp ta' età (22.2 % u 16.7 %, rispettivament). Is-sitwazzjoni kienet ukoll diversa ħafna fost l-Istati Membri, b'rati ta' AROPE għall-persuni akbar fl-età li jvarjaw minn 11 % fil-Lussemburgu għal 47 % fl-Estonja. Madankollu, f'termini assoluti, l-għadd ta' persuni akbar fl-età f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali kompla jiżdied, b'rabta mat-tixjiħ tal-popolazzjoni, b'madwar 18.6 miljun. Fl-istess ħin, fl-2023, l-inugwaljanza fl-introjtu (kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, S80/S20) żdiedet bi ftit fil-grupp ta' età ta' 65+ sena, u laħqet l-4.12 meta mqabbla max-xejra ta' tnaqqis għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol. Madankollu, baqa' aktar baxx milli għall-popolazzjoni totali (4.72), li jirrifletti wkoll l-impatt ridistributtiv tas-sistemi tal-pensjonijiet u tat-taxxa.

278 9th Overview of Housing Exclusion in Europe, FAP/FEANTSA, 2024.
279 Bħala parti mill-OECD Affordable Housing Database.
280 Indikatur HC3.1. Population experiencing homelessness in the OECD Affordable Housing Database.

**Il-faqar monetarju tal-persuni akbar fl-età naqas fl-UE, filwaqt li r-rata ta' privazzjoni materjali jew soċjali severa tagħhom kienet stabbli.** Ir-rata ta' riskju ta' faqar għall-65+ naqset għal 16.8 % fit-2023 fl-UE (b'referenza għall-introjti tal-2022), u affermat mill-ġdid ix-xejra li l-introjtu relattiv tal-persuni akbar fl-età għandu t-tendenza li jżomm tajjeb f'kuntest ekonomiku negattiv. Madankollu, ir-rata tal-AROP għall-persuni akbar fl-età baqgħet kemxejn ogħla milli għall-popolazzjoni żagħżugħa bħala medja fl-UE (16.8 % għall-65+ vs 16.1 % għall-etajiet 0-65). Fl-Istati Membri differenti, is-sitwazzjoni kienet diversa. Filwaqt li f'diversi pajjiżi l-persuni ta' 65 sena u aktar kienu inqas esposti għall-faqar monetarju mill-koorti iżgħar, f'oħrajn ir-riskju tal-faqar fix-xjuħija kien saħansitra tliet darbiet ogħla. Ir-rata ta' privazzjoni materjali u soċjali severa għall-persuni akbar fl-età kienet ta' 5.5 % fl-UE fl-2023, wara li baqgħet staġnata mill-2020, wara għaxar snin ta' titjib. Ir-rata varjat minn inqas minn 1 % sa aktar minn 20 % fl-Istati Membri kollha.

**Il-proporzjon aggregat ta' sostituzzjoni għall-pensjonijiet baqa' stabbli fil-livell tal-UE.** Din il-miżura, li tqabbel il-benefiċċji tal-pensjoni tal-persuni ta' bejn il-65 u l-74 sena mal-introjtu mix-xogħol ta' dawk ta' bejn il-50 u d-59 sena, kienet ta' 0.58 fl-2023 fl-UE. Din kienet tvarja minn 0.35 fil-Kroazja għal 0.78 fil-Greċja[281]. Il-proporzjon kien kemxejn aktar baxx għan-nisa milli għall-irġiel, b'0.57 u 0.60, rispettivament fl-UE. Dan jimplika li n-nisa, li l-introjti tagħhom mix-xogħol huma diġà aktar baxxi bħala medja, iġarrbu deterjorament ulterjuri fis-sitwazzjoni tal-introjtu tagħhom meta mqabbla mal-irġiel meta jirtiraw (ara wkoll it-taqsima 2.2.1). Bħala medja, in-nies fl-UE jistgħu jistennew 21 sena ħajja wara li jirtiraw. Filwaqt li t-tul tal-ħajja tax-xogħol huwa ta' 41.3 sena, u dak tal-irtirar huwa ta' 21 sena fl-UE bħala medja, ir-relazzjoni bejn it-tnejn turi differenzi bejn l-Istati Membri – ara l-Illustrazzjoni 2.4.16[282]. It-tul medju tal-pagamenti tal-pensjoni, li jista' jvarja minn dak tal-irtirar, huwa wkoll ta' madwar 21 sena, u jvarja minn 15 sa 25 sena bejn il-pajjiżi[283].

---

281 Il-Lussemburgu kellu l-ogħla proporzjon aggregat ta' sostituzzjoni fl-2022 (0.97); il-valur għall-2023 għadu mhux disponibbli.

282 It-tul medju tal-irtirar mit-tmiem tal-aħħar impjieg, 2022. Il-kalkoli tar-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet tal-2024 ibbażati fuq is-suppożizzjonijiet tal-Eurostat (demo_mlexpec) u tar-Rapport dwar it-Tixjiħ.

283 L-istennija tal-għomor fl-età medja li fiha n-nies jirċievu l-ewwel pensjoni tax-xjuħija tagħhom, 2022. Il-kalkoli tar-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet tal-2024 ibbażati fuq is-suppożizzjonijiet tal-Eurostat (ddemo_mlexpec) u d-data nazzjonali tal-ewwel riċevuta tal-pensjoni. It-tul ta' żmien tal-ħlas tal-pensjoni u tal-irtirar jista' jvarja peress li xi persuni jibdew jirċievu pagamenti tal-pensjoni qabel ma jitilqu bis-sħiħ mis-suq tax-xogħol; jew viċe versa.

**Illustrazzjoni 2.4.16: It-tul tal-irtirar meta mqabbel mal-ħajja tax-xogħol ivarja b'mod sostanzjali bejn l-Istati Membri**

Tul medju tal-irtirar u tal-ħajja tax-xogħol, 2022 (snin)




Noti: Il-ħajja tax-xogħol taqbad tingħadd mill-ewwel impjieg u tintemm meta jintemm l-aħħar impjieg.
Sors: id-Data mir-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet tal-2024

**Kaxxa 7 tal-Pilastru: Rispons politiku integrat għal-lonġevità – l-iżgurar tal-adegwatezza u s-sostenibbiltà fiskali tal-pensjonijiet u l-kura fit-tul**

**Filwaqt li l-lonġevità qed tiżdied fl-UE, l-appoġġ għall-istandards tal-għajxien fix-xjuħija huwa kruċjali għall-benesseri tal-popolazzjoni tal-Ewropa.** Sal-2070, il-popolazzjoni tal-UE hija mistennija kemm tonqos (b'4 %) kif ukoll tara żieda kbira fis-sehem ta' koorti akbar fl-età, b'mill-inqas 30 % għal dawk ta' età ta' aktar minn 80 sena[284]. F'soċjetà li qed tixjieħ, l-iżgurar tal-adegwatezza u s-sostenibbiltà fiskali tal-pensjonijiet u l-kura fit-tul (LTC, long term-care) jeħtieġ taħlita wiesgħa ta' politiki, li tinkludi l-investiment f'tixjiħ attiv u san, it-titwil tal-ħajja tax-xogħol, u l-appoġġ ta' arranġamenti tax-xogħol adattati u flessibbli, flimkien ma' sistemi effettivi u effiċjenti tal-pensjonijiet u tal-kura fit-tul. L-inugwaljanzi soċjoekonomiċi, kif ukoll iż-żieda f'forom ta' xogħol mhux standard, joħolqu wkoll sfidi dejjem akbar biż-żieda fil-lonġevità u jista' jkollhom effetti differenti fuq ċerti gruppi demografiċi. F'dan il-kuntest, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għal kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja[285] titlob lill-Istati Membri jiżguraw servizzi adegwati ta' kura fit-tul, kif ukoll impjieg ta' kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fis-settur tal-kura, filwaqt li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet tal-ħaddiema, filwaqt li jappoġġjaw ukoll lill-persuni li jindukraw b'mod informali. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2024 dwar l-adegwatezza tal-pensjonijiet[286] jaffermaw mill-ġdid il-ħtieġa li jiġu segwiti aktar riformi inkluż billi jittejbu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, l-aċċess u l-kontribuzzjonijiet għal skemi ta' protezzjoni soċjali għal kulħadd, u billi jissaħħaħ l-aċċess għal kura tas-saħħa u kura fit-tul ta' kwalità għolja u affordabbli. L-istrateġija Ewropea għall-Kura[287] tinkludi firxa wiesgħa ta' azzjonijiet fil-livell tal-UE biex tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri.

---

284 Ara l-Kummissjoni Ewropea, 2024 ageing report – Economic & budgetary projections for the EU Member States (2022-2070), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

285 Ara Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja 2022/C 476/01.

286 Ara Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-adegwatezza tal-pensjonijiet tal-20 ta' Ġunju 2024, 10550/24.

287 Ara l-Istrateġija Ewropea għall-Kura, *Communication on the European Care strategy*, SWD(2022) 440 final.

**Fis-soċjetà li qed tixjieħ tal-UE, ir-rati ta' sostituzzjoni tal-pensjonijiet huma mbassra li se jonqsu matul l-erba' deċennji li ġejjin, filwaqt li l-ħtiġijiet tal-kura fit-tul diġà huma għoljin u qed jiżdiedu.** Filwaqt li r-riskji tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għall-persuni akbar fl-età kienu b'mod ġenerali stabbli f'dawn l-aħħar snin[288], ir-rati ta' sostituzzjoni tal-pensjonijiet[289] għal karriera standard ta' 40 sena huma mistennija li jonqsu, kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE (b'aktar minn 20 pp f'xi każijiet). Meta mqabbla mal-2022, il-valuri tal-2062 huma mistennija li jkunu ogħla biss f'seba' pajjiżi – ara l-Illustrazzjoni. Huwa previst tnaqqis kbir fin-Netherlands u fl-Ungerija (għalkemm minn livelli għoljin), fil-Polonja, fl-Iżvezja, fil-Latvja u, sa ċertu punt, fir-Rumanija u fil-Bulgarija. Huma mbassra żidiet moderati fid-Danimarka, fil-Litwanja, f'Malta u fil-Greċja, u żieda aktar b'saħħitha fl-Estonja (iżda minn livell baxx). Dan jimplika li pensjonijiet adegwati se jiddependu dejjem aktar fuq karrieri aktar fit-tul[290]. Fl-istess ħin, pensjonijiet aktar baxxi wkoll jagħmluha aktar diffiċli li jiġi kopert l-infiq mill-but għall-kura fit-tul. Kif muri fl-Illustrazzjoni, l-ispiża mill-but għal-LTC (kura fid-dar) tista' tkun għolja ħafna għall-persuni bi ħtiġijiet ta' kura severa, u teżisti varjazzjoni kbira fost il-pajjiżi tal-UE. Fi 11-il Stat Membru (il-Kroazja, iċ-Ċekja, Franza, il-Greċja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja) tali kostijiet mill-but huma stmati li jirrappreżentaw aktar minn nofs l-introjtu disponibbli medjan wara l-appoġġ pubbliku. Id-data turi wkoll li l-persuni b'introjtu baxx u bi ħtiġijiet ta' kura moderati jkollhom jonfqu aktar minn nofs l-introjtu tagħhom fuq il-kura fid-dar f'għaxar pajjiżi tal-UE. Għal dawk bi ħtiġijiet severi, l-ispiża medja mill-but tkun ta' madwar 80 % tal-introjtu disponibbli tagħhom[291].

---

288 Ara l-Kapitolu 1 f'PAR 2024, il-Kummissjoni Ewropea, The 2024 pension adequacy report – Current and future income adequacy in old age in the EU.Volume I, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

289 Ir-rati teoretiċi ta' sostituzzjoni (simulati) jkejlu kif l-introjtu tal-pensjoni ta' persuna rtirata ipotetika fl-ewwel sena wara l-irtirar jitqabbel mal-qligħ tagħha eżatt qabel l-irtirar.

290 Ara r-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet 2024, it-taqsima 3.1, "Theoretical replacement rates and pensions in the future".

291 Ara r-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet 2024, it-taqsima 1.5 "Quality of life in the "fourth age": the role of pensions and care services".

**Ir-rati ta' sostituzzjoni tal-pensjonijiet huma projettati li jonqsu filwaqt li l-kostijiet tal-LTC jirrappreżentaw sehem sinifikanti tal-introjtu tal-anzjani, u mistennija li jiżdiedu**

Rati Teoretiċi ta' Sostituzzjoni Netti tal-Pensjoni, karriera ta' 40 sena li tintemm fl-età tal-pensjoni, ħaddiem b'paga medja, 2022 u 2062 (irġiel, pp, EU-27) u spiża tal-kura fit-tul (kura fid-dar) mill-but għal ħtiġijiet severi bħala sehem tal-introjtu disponibbli medjan wara l-appoġġ pubbliku (iż-żewġ ġeneri, l-Istati Membri tal-EU-27 u l-OECD)




*Nota*: medja tas-sehem fost dawk li wieġbu. L-istimi jiġu kkalkolati bl-użu ta' każijiet tipiċi mqabbla mad-data tal-istħarriġ. Ħtiġijiet severi jikkorrispondu għal madwar 41.25 siegħa ta' kura fil-ġimgħa. Il-valuri tal-ispejjeż mill-but fi CZ huma għoljin ħafna (477 %) meta mqabbla ma' stimi oħra, u għalhekk mhux qed jintwerew, sabiex jiġi ffaċilitat it-tqabbil ta' stimi oħra. Id-data li ġejja hija relatata ma' żoni sottonazzjonali: BE (Flanders), EE (Tallinn), IT (Tirol tan-Nofsinhar) u AT (Vjenna). Ma hemmx data disponibbli għal BG, CY u RO (li mhumiex membri tal-OECD).
*Sors*: il-kalkoli proprji tal-Kummissjoni, ibbażati fuq id-data mill-OECD u l-Istati Membri. Ir-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet tal-2024 u l-analiżi tal-OECD ibbażati fuq il-kwestjonarju tal-OECD dwar il-protezzjoni soċjali tal-kura fit-tul, SHARE (mewġa 8, 2019, ħlief PT, li tirreferi għall-mewġa 6, 2015) u TILDA (mewġa 3, 2015).

**L-Istati Membri jkomplu jieħdu passi biex jiżguraw l-adegwatezza u s-sostenibbiltà fiskali tal-pensjonijiet, filwaqt li jirriformaw u jinvestigaw ukoll il-kura fit-tul.** Iċ-**Ċekja** u s-**Slovakkja** llimitaw l-għażliet ta' rtirar bikri u aġġustaw ir-rati tal-pensjonijiet b'tali mod li jżidu l-inċentivi għall-persuni akbar fl-età biex jaħdmu aktar fit-tul. L-**Irlanda** introduċiet inċentivi biex tiddifferixxi l-irtirar. Il-**Kroazja** żiedet l-inċentivi biex tirreġistra fil-pensjonijiet tal-okkupazzjonali. Biex tappoġġa lill-pensjonanti b'introjtu baxx, **Spanja** żiedet il-pensjoni mhux kontributorja b'6.9 %, u l-**Portugall** żied is-suppliment ta' solidarjetà għall-persuni akbar fl-età bi 23.0 %[292]. Ir-riforma **Estonjana** tal-LTC għandha l-għan li tnaqqas il-ħlas mill-but, ittejjeb il-kundizzjonijiet tal-persunal tal-kura, u ttejjeb is-servizzi tal-kura fid-djar, b'appoġġ finanzjarju addizzjonali għall-muniċipalitajiet abbażi tal-popolazzjonijiet tagħhom avvanzati fl-età. Ir-riforma **Slovena** tal-LTC introduċiet firxa komprensiva ta' servizzi, inklużi servizzi ta' kura elettronika u ta' żamma tal-indipendenza, biex tiġi żgurata taħlita bbilanċjata ta' għażliet ta' kura għall-anzjani, kif ukoll kontribuzzjoni ta' 1 % obbligatorja. Il-**Greċja** żviluppat strateġija tal-LTC, inklużi riformi biex jiġi żgurat li s-servizzi jkunu affordabbli, sostenibbli u aċċessibbli. L-istrateġija **Franċiża** "Tixjiħ tajjeb" tinkludi miżuri biex tittardja d-dipendenza, tiġi adattata l-akkomodazzjoni soċjali għall-kerrejja li qed jixjieħu, jiġu appoġġati l-ħaddiema tal-kura fid-djar, u jiġu impjegati professjonisti addizzjonali fil-faċilitajiet tal-kura fit-tul għall-persuni akbar fl-età. Ir-**Rumanija** implimentat riformi tal-pensjonijiet biex ittejjeb is-sostenibbiltà u l-adegwatezza fiskali. Liġi ġdida dwar il-pensjonijiet introduċiet formula ġdida ta' kalkolu, li tneħħi distorsjonijiet bħal indiċijiet ta' korrezzjoni u perjodi ta' kontribuzzjoni mhux ugwali, filwaqt li tippromwovi wkoll ħajja tax-xogħol itwal billi tinċentiva żidiet volontarji fl-età tal-irtirar u tillimita l-irtirar bikri. Biex jitnaqqas il-piż fuq dawk li jeħtieġu kura fit-tul u biex jiġu appoġġati l-indokraturi informali tagħhom, il-**Ġermanja** adottat liġi biex iżżid ir-rati tal-benefiċċji tal-assigurazzjoni statutorja tal-kura fit-tul tagħha f'diversi stadji kif ukoll ir-rata ta' kontribuzzjoni regolari għall-assigurazzjoni tal-kura fit-tul b' 0.35 pp mill-1 ta' Lulju 2023.

[292] L-UE tappoġġa l-isforzi nazzjonali biex jiġu żgurati pensjonijiet u introjtu tax-xjuħija adegwati permezz ta' tagħlim reċiproku u gwida analitika fir-Rapporti triennali dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.

**L-isfidi strutturali attwali tad-disponibbiltà, l-affordabbiltà, u l-kwalità tal-kura fit-tul (LTC) huma mistennija jiżdiedu mat-tixjiħ tal-popolazzjoni.** L-għadd ta' nies potenzjalment fil-bżonn ta' kura fit-tul fl-UE huwa mistenni jiżdied minn 31.2 miljun fl-2022 għal 33.2 miljun fl-2030, u għal 37.8 miljun fl-2050[293]. Skont id-data tal-2019, 26.6 % tal-persuni ta' 65 sena jew aktar li jgħixu f'unitajiet domestiċi privati kienu jeħtieġu LTC fl-UE, b'differenzi notevoli skont il-ġeneru (32.1 % tan-nisa vs 19,2 % tal-irġiel)[294]. Il-persuni li jeħtieġu l-kura fit-tul spiss ikollhom aċċess limitat għal servizzi formali, u dan iwassal għal ħtiġijiet ta' kura mhux issodisfati jew piż eċċessiv fuq il-persuni li jindukraw b'mod informali. Fl-2019, 46.6 % tal-persuni ta' 65 sena jew aktar b'diffikultajiet severi fil-kura personali jew fl-attivitajiet tal-unitajiet domestiċi fl-UE rrapportaw ħtieġa mhux issodisfata għal għajnuna f'attivitajiet bħal dawn. Dan kien ferm aktar evidenti għall-persuni fl-aktar kwintil baxx tal-introjtu (51.2 %) meta mqabbla ma' dawk fl-aktar kwintil għoli (39.9 %).

**Illustrazzjoni 2.4.17: Hemm varjazzjoni wiesgħa fid-disponibbiltà ta' ħaddiema tal-kura fit-tul madwar l-Istati Membri**

Ħaddiema tal-LTC għal kull 100 individwu ta' 65+ sena, 2023




*Nota:* il-ħaddiema tal-LTC jintgħażlu permezz tal-inkroċjar tal-kodiċijiet tas-settur (NACE) 87.3, 87.1, 88.1 u tal-okkupazzjonijiet (ISCO) 2221, 2264, 2266, 2634, 2635, 3221, 3255, 5321, 5322.
*Sors*: il-Eurostat, estrazzjoni speċjali mil-LFS tal-UE.

---

293 Skont il-projezzjonijiet mix-xenarju bażi. Ara l-Kummissjoni Ewropea, 2024 ageing report – Economic & budgetary projections for the EU Member States (2022-2070), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

294 Il-Eurostat [hlth_ehis_tadle], EHIS. Din il-miżura bbażata fuq l-istħarriġ tkopri biss persuni f'unitajiet domestiċi privati iżda mhux dawk f'kura residenzjali.

**L-isfidi fl-aċċess għall-kura fit-tul huma aggravati bin-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet.** Fl-2023, fis-settur tal-kura fit-tul fl-UE kien hemm 3.1 miljun ħaddiem impjegat, jiġifieri madwar 1.5 % tal-forza tax-xogħol kollha. Id-daqs tas-settur tal-kura fit-tul jista', fil-prattika, jkun akbar, peress li n-numri ta' hawn fuq ma jirriflettux bis-sħiħ il-ħaddiema domestiċi attivi fil-kura fit-tul u s-settur għandu wkoll inċidenza sinifikanti ta' xogħol mhux iddikjarat. Filwaqt li l-popolazzjoni ta' 65+ se tikber bi 23 % sal-2035, it-tkabbir projettat fl-impjiegi fis-settur tal-kura huwa biss ta' 7 %. Għalhekk, jistgħu jkunu mistennija nuqqasijiet sinifikanti għall-professjonisti tas-saħħa, għall-professjonisti assoċjati tas-saħħa, u għall-ħaddiema tal-kura personali[295]. Abbażi tal-aħħar data tal-LFS, bħala medja fl-UE kien hemm 3.2 ħaddiem tal-LTC għal kull 100 individwu ta' 65+ sena fl-2023. Madankollu, kien hemm varjabbiltà għolja fost l-Istati Membri, li tvarja minn 0.2 fil-Greċja għal 10.4 fl-Iżvezja – ara l-Illustrazzjoni 2.4.17. Is-settur ibati minn attraenza baxxa, xprunata minn kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli u minn pagi relattivament baxxi, kif ukoll minn sehem ogħla ta' kuntratti temporanji (16.6 % vs 13.5 % għall-ħaddiema kollha)[296]. Il-prevalenza għolja ta' xogħol part-time involontarju qed tikkontribwixxi wkoll għal attraenza relattivament baxxa f'diversi Stati Membri, bħal fil-Kroazja (b'55.8 % għall-ħaddiema tal-LTC vs 22.6 % għall-ħaddiema kollha) u fil-Bulgarija (b'52.4 % għall-ħaddiema tal-LTC vs 38.0 % għall-ħaddiema kollha). Persuni li jindukraw f'unità domestika u indokraturi residenti, li spiss ikunu ħaddiema mobbli mill-UE jew minn pajjiżi terzi, jistgħu jiffaċċjaw kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli u aċċess aktar diffiċli għall-protezzjoni soċjali. Dan huwa partikolarment il-każ għal dawk li jwettqu xogħol ta' kura mhux iddikjarat.

[295] Cedefop, Handling change with care: skills for the EU care sector, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.

[296] Il-Eurostat, LFS tal-UE 2023.

**Illustrazzjoni 2.4.18: Il-prevalenza tal-ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika żdiedet b'mod moderat għal ħafna mill-Istati Membri, u b'mod sinifikanti għal għadd żgħir ta' Stati Membri**

Il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika, il-livelli tal-2023 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%, indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




*Nota*: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Interruzzjoni fis-serje għal HR. Valur stmat għal DE.
*Sors*: Eurostat [tespm110], l-UE-SILC.

**Is-sehem ta' persuni li jirrapportaw ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika żdied bi ftit bħala medja, xprunat l-aktar minn żidiet imdaqqsa fi ftit Stati Membri.** Fl-2023, is-sehem ta' dawk li rrapportaw ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika kien ta' 2.4 % fl-UE, li huwa 0.2 pp aktar milli fl-2022. Filwaqt li ġiet irreġistrata żieda fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-firxa tal-bidla kumplessiva kienet xprunata minn ftit minnhom, li rreġistraw l-akbar ishma u esperjenzaw żidiet qawwija (jiġifieri l-Estonja, il-Greċja, il-Latvja u l-Finlandja) – ara l-Illustrazzjoni 2.4.18. B'żidiet ta' bejn 1.4 pp u 3.8 pp u livelli ta' bejn 7.8 % u 12.9 %, dawn l-erba' pajjiżi lkoll kienu f'"sitwazzjonijiet kritiċi", minħabba kostijiet għoljin fil-Greċja u listi twal ta' stennija fit-tliet pajjiżi l-oħra. Filwaqt li esperjenzat żieda taħt il-medja tal-UE, ir-Rumanija rreġistrat ukoll sehem relattivament għoli ta' 5.2 % (l-aktar minħabba raġunijiet finanzjarji), f'sitwazzjoni li "għandha tiġi osservata" fl-2023. L-aktar ċifri baxxi ġew irreġistrati f'Ċipru, f'Malta, fil-Ġermanja, fin-Netherlands u fiċ-Ċekja, kollha taħt iż-0.5 %. Il-ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika kellhom it-tendenza li jkunu d-doppju fl-ifqar għoxrin fil-mija tal-popolazzjoni milli għall-popolazzjoni ġenerali f'xi pajjiżi (eż., 23.0 % vs 11.6 % fil-Greċja, 13.9 % vs 7.8 % fil-Latvja u 9.3 % vs 5.2 % fir-Rumanija). Barra minn hekk, ġew irreġistrati differenzi reġjonali fl-Istati Membri, bl-aktar differenzi qawwija fl-Italja, fir-Rumanija u fil-Ġermanja (ara l-Illustrazzjoni 10 fl-Anness 5).

### 2.4.2 Miżuri meħuda mill-Istati Membri

**Diversi Stati Membri ħadu miżuri biex itejbu l-adegwatezza tal-appoġġ għall-introjtu minimu.** Filwaqt li fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi l-benefiċċji tal-introjtu minimu jiġu aġġornati kull sena biex jirriflettu l-iżviluppi fl-għoli tal-ħajja, dan mhuwiex il-każ għal xi Stati Membri, fejn iż-żidiet għadhom diskrezzjonali. Pereżempju, fl-2024, il-**Greċja** żiedet il-livell tal-benefiċċju tal-introjtu minimu garantit tagħha (bi 8 %) għall-ewwel darba minn meta l-iskema ġiet introdotta fi Frar 2017. Wara riforma ewlenija fl-2023, il-**Latvja** se tkompli żżid il-livell tal-benefiċċju tal-introjtu minimu garantit tagħha biex tikkonforma ma' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li stabbiliet li l-ammonti preċedenti ma kinux biżżejjed biex tiġi żgurata ħajja dinjituża.

**Xi Stati Membri adottaw riformi usa' tal-iskemi ta' introjtu minimu tagħhom.** Skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tagħha, fl-2024 ir-**Rumanija** ssostitwiet il-benefiċċju tal-introjtu minimu tagħha bi skema (*Venitul minim de incluziune*) b'adegwatezza mtejba, indiċjar regolari tal-benefiċċji u appoġġ imsaħħaħ għall-benefiċjarji biex (jerġgħu) jidħlu fis-suq tax-xogħol. Mill-2024, l-**Italja** wkoll issostitwiet l-iskema ta' introjtu minimu preeżistenti tagħha (*Reddito di Cittadinanza*, introdotta fl-2019) bi skema aktar restrittiva (*Assegno di Inclusione*) li teskludi individwi ta' età tax-xogħol meqjusa bħala impjegabbli. Dawn issa għandhom aċċess għal skema separata ġdida (*Supporto per la Formazione e il Lavoro*) li tipprovdi appoġġ temporanju għall-introjtu (12-il xahar, mhux rinnovabbli fl-2024, imbagħad rinnovabbli għal sena oħra) flimkien ma' appoġġ għat-taħriġ u l-impjiegi. **Franza** wkoll saħħet l-inċentivi għall-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol, u stipulat, skont il-Liġi tagħha għal impjieg sħiħ, li l-benefiċjarji tal-introjtu minimu (*Revenu de solidarité active*) se jkollhom jiġu rreġistrati awtomatikament mas-servizz pubbliku tal-impjiegi (*France Travail*) sal-1 ta' Jannar 2025. Fi **Spanja**, mill-2024, l-Iskema ta' Dħul Minimu (*Ingreso Mínimo Vital*) hija pprovduta lil dawk li jissodisfaw ir-rekwiżiti mingħajr il-ħtieġa li japplikaw formalment għaliha jew jipproduċu dokumenti wara li l-benefiċċju tal-qgħad mhux kontributorju jiġi eżawrit.

**L-Istati Membri komplew bl-isforzi tagħhom biex itejbu l-aċċess għas-servizzi soċjali u l-kwalità tagħhom.** F'Awwissu 2024, bħala parti mill-politika u leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tas-servizzi soċjali u l-RRP, il-**Bulgarija** adottat il-Mappa Nazzjonali tas-Servizzi Soċjali biex tidentifika lakuni fil-forniment u tiddetermina l-ħtiġijiet ta' investiment. Fil-**Latvja**, l-emendi tal-liġi dwar is-servizzi soċjali u l-protezzjoni soċjali biex jiġi stabbilit basket minimu ta' servizzi soċjali li għandhom jiġu pprovduti fil-livell lokali qed jistennew l-adozzjoni. F'April 2024, ir-**Rumanija** adottat liġi ġdida li tirriforma s-sistema tas-servizzi soċjali biex issaħħaħ l-istandards tal-kwalità għall-kura u ssaħħaħ ir-rwol tal-ispetturi. Is-**Slovakkja** introduċiet miżura temporanja, fis-seħħ sal-1 ta' Diċembru 2025, biex iżżid il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-forniment ta' servizzi soċjali biex ittejjeb id-disponibbiltà u l-kundizzjonijiet tal-pagi tagħhom fis-settur.

**L-Istati Membri adottaw miżuri biex jappoġġaw l-aċċess għall-enerġija, u f'ħafna każijiet estendew il-miżuri temporanji eżistenti.** Pereżempju, f'Lulju 2023 il-**Lussemburgu** introduċa pakkett ta' miżuri mfassal, fost affarijiet oħra, biex jistabbilizza l-kontijiet tal-elettriku tal-unitajiet domestiċi privati b'sussidju tal-gvern għall-perjodu Jannar-Diċembru 2023, li aktar tard ġie estiż sal-2024. Ġew adottati liġijiet oħra biex jgħinu jnaqqsu d-dipendenza tal-unitajiet domestiċi fuq il-fjuwils fossili u jippromwovu l-konverżjoni tagħhom għal enerġiji rinnovabbli. Fl-2024, **Spanja** estendiet il-miżuri li jirregolaw is-swieq tal-enerġija u t-tariffi tal-gass u l-garanzija tal-provvista tal-enerġija u tal-ilma għall-konsumaturi vulnerabbli jew esklużi soċjalment. **Malta** estendiet il-pakkett tagħha ta' miżuri u sussidji ta' appoġġ għall-enerġija (adottat fl-2022) sal-2026. Ir-**Rumanija** estendiet sar-rebbiegħa 2024 il-validità tal-vawċer tal-enerġija tagħha mogħti lil persuni vulnerabbli sabiex jiġu rimborżati l-prezzijiet tal-enerġija. Xi Stati Membri introduċew ukoll miżuri strutturali biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku. Pereżempju, f'Novembru 2023, il-**Bulgarija** adottat definizzjoni legali tal-faqar enerġetiku u l-vulnerabbiltà tal-enerġija u introduċiet projbizzjoni fuq il-qtugħ tal-provvista tal-elettriku għal individwi vulnerabbli mil-lat tal-enerġija. F'Jannar 2024, il-**Portugall** adotta l-Istrateġija Nazzjonali fit-Tul tiegħu għall-Ġlieda Kontra l-Faqar Enerġetiku 2023-2050, kif ukoll miżuri biex jiġu indirizzati d-distakk diġitali u l-inugwaljanzi territorjali fl-aċċess għall-komunikazzjonijiet diġitali, bħall-avvanz ta' pjanijiet għal kopertura sħiħa tan-networks tal-fibra ottika. L-**Italja** qed tfassal strument finanzjarju biex ittejjeb l-effiċjenza enerġetika tad-djar pubbliċi, bħala parti mill-kapitolu REPowerEU tal-RRP tagħha.

**Fl-2023-24, il-miżuri meħuda minn xi Stati Membri kellhom l-għan li jsaħħu l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, notevolment il-benefiċċji tal-qgħad, għal gruppi speċifiċi, bħal dawk li jaħdmu għal rashom.** L-**Italja** għamlet permanenti, mill-2024, l-iskema ISCRO (Indennità straordinaria di continuità reddituale e operative) biex il-professjonisti freelance jiġu protetti kontra tnaqqis kbir fl-introjtu mix-xogħol. Din kienet ġiet introdotta fuq bażi temporanja fl-2021-2023. Fil-**Polonja** (minn Awwissu 2023) eżenzjoni (Mały ZUS +) tista' tintuża minn persuni li wettqu attività ta' negozju għal mill-inqas 60 jum fis-sena preċedenti. Jekk l-introjtu annwali tagħhom ma jaqbiżx PLN 120 000, fis-sena kurrenti jħallsu l-kontribuzzjonijiet soċjali skont l-introjtu miksub. L-intraprendituri jistgħu jużaw l-għajnuna għal massimu ta' tliet snin matul l-ħames snin li ġejjin. Fil-**Greċja**, il-benefiċċju addizzjonali għall-protezzjoni tal-maternità ġie estiż biex jinkludi n-nisa li jaħdmu għal rashom, il-freelancers, u l-bdiewa li welldu minn Settembru 2023 'l hawn. Barra minn hekk, il-benefiċċju tal-qgħad soġġett għal test tal-mezzi pprovdut lill-persuni li jaħdmu għal rashom u lill-freelancers żdied. Fl-2023, il-**Litwanja** ressqet proposta biex temenda l-liġi dwar l-assigurazzjoni tal-qgħad sabiex tnaqqas it-tul tal-kontribuzzjonijiet minimi meħtieġa (minn 12-il xahar għal 9 xhur fl-aħħar 30 xahar), kif ukoll biex testendi l-assigurazzjoni għall-gruppi kollha ta' persuni li jaħdmu għal rashom. F'**Ċipru**, l-RRP jinkludi liġi riveduta dwar l-assigurazzjoni soċjali ppreżentata lill-Parlament bil-għan li testendi s-sigurtà soċjali għal dawk li jaħdmu għal rashom, b'mod partikolari fir-rigward ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, mard okkupazzjonali u liv tal-ġenituri. Fl-**Estonja**, ġiet proposta liġi sabiex is-sistema attwali b'żewġ livelli ta' benefiċċju tal-qgħad u assigurazzjoni tal-qgħad tiġi sostitwita bi skema unika ta' assigurazzjoni tal-qgħad mill-2026, u biex din tal-aħħar issir aċċessibbli għall-ħaddiema bi storja ta' impjieg limitata. Sa Ġunju 2025, l-Estonja biħsiebha wkoll tipproponi għażliet biex tespandi l-kopertura tal-assigurazzjoni tal-qgħad għal dawk li jaħdmu għal rashom. Fl-2023, il-**Belġju** rriforma l-iskema speċjali tiegħu ta' "dritt ta' tranżizzjoni" li tipprovdi sostituzzjoni temporanja tal-introjtu (b'rata fissa) lil dawk li jaħdmu għal rashom imġiegħla jwaqqfu jew jissospendu l-attivitajiet kollha ta' persuni li jaħdmu għal rashom minħabba avvenimenti esterni. L-iskema saret aktar aċċessibbli u aktar rapida biex tiġi attivata f'qafas ġdid ta' kriżi.

**Il-persuni f'impjieg mhux standard kienu wkoll fil-mira ta' miżuri ta' politika biex jissaħħaħ l-aċċess tagħhom għall-protezzjoni soċjali.** Fir-**Rumanija**, il-liġi li tifformalizza l-impjieg tal-ħaddiema domestiċi u tagħti aċċess għall-pensjonijiet u l-assigurazzjoni tas-saħħa daħlet fis-seħħ f'Jannar 2024. Dan ifisser li l-ħaddiema domestiċi jirċievu pagament fil-forma ta' vawċers, iħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u jingħataw kopertura tal-assigurazzjoni tas-saħħa (jiġifieri aċċess mingħajr ħlas għal pakkett bażiku ta' servizzi tas-saħħa). F'Mejju 2024, **Spanja** ssimplifikat u tejbet l-assistenza għall-qgħad biex tagħmilha aċċessibbli għal dawk li eżawrew il-benefiċċji kontributorji tagħhom jew li ma kkontribwewx biżżejjed biex jikkwalifikaw u din ġiet estiża wkoll għall-ħaddiema agrikoli. Il-pajjiż saħħaħ ukoll l-inċentivi għall-ikkuntrattar tax-xogħol u t-titjib tal-protezzjoni soċjali għall-artisti, u minn Jannar 2024 irregola l-kopertura tas-sigurtà soċjali għat-trainees, kemm għal dawk li jitħallsu kif ukoll għal dawk li ma jitħallsux. Fl-aħħar nett, f'Marzu 2023 Spanja ħadet miżuri biex tiggarantixxi l-livell tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-impjegati domestiċi. Fis-**Slovenja** l-emendi tal-2023 għall-Att dwar il-Kura tas-Saħħa u l-Assigurazzjoni tas-Saħħa (1992) irrevokaw l-assigurazzjoni tas-saħħa volontarja għall-kategoriji ta' persuni assigurati li qabel kienu responsabbli għall-kopagamenti, u minflok introduċew Kontribuzzjoni Obbligatorja tas-Saħħa b'rata fissa bl-istess ammont bħal premium preċedenti għall-assigurazzjoni tas-saħħa volontarja, li bdiet fl-2024, minflok. Iċ-**Ċekja** mmodifikat il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-"ftehimiet biex jitwettaq ix-xogħol" billi rrikjediet ir-reġistrazzjoni tagħhom minn Lulju 2024 'il quddiem u estendiet il-kopertura tal-assigurazzjoni soċjali għal dan it-tip ta' kuntratti mill-2025 'il quddiem, bl-istess kundizzjonijiet bħall-impjegati standard. F'**Ċipru**, fl-2023 ġiet adottata liġi biex jittejbu d-drittijiet tal-impjegati, inklużi dawk f'impjiegi mhux standard u ħaddiema on-call.

**L-allowances tat-tfal u tal-familja żdiedu f'diversi Stati Membri, speċjalment għall-familji b'ġenitur wieħed.** Fil-**Bulgarija**, il-benefiċċju għall-ommijiet waħedhom li jrabbu tfal iżgħar minn 3 snin żdied bi 83 % fix-xahar. B'mod parallel, il-limiti tal-introjtu għall-benefiċċji ġenerali tat-tfal żdiedu. Fil-**Portugall**, il-benefiċċju tat-tfal żdied għall-biċċa l-kbira tal-benefiċjarji, iżda żdied b'mod aktar qawwi għall-familji b'ġenitur wieħed u familji kbar. Fl-2024, l-allowance tal-familja Portugiża kienet tvarja bejn EUR 42.91 u 183.03 fix-xahar. Il-benefiċċju addizzjonali tal-"garanzija għat-tfal" immirat lejn it-tfal f'faqar estrem huwa ta' EUR 50 fix-xahar għal kull tifel u tifla, sa EUR 122 fix-xahar (benefiċċju għat-tfal + "garanzija għat-tfal" addizzjonali). Fir-**Rumanija**, l-ammont tal-allowance għat-tfal żdied bir-rata tal-inflazzjoni tas-sena preċedenti mill-1 ta' Jannar 2024. Sadanittant, l-allowance għat-trobbija tat-tfal għall-ġenituri ta' tewmin, triplets u multipli żdiedet b'50 %. Tnejn mill-għotjiet nazzjonali ta' darba għat-twelid żdiedu wkoll. Fil-**Bulgarija**, il-benefiċċju tat-twelid u l-benefiċċju tat-tqala żdiedu b' 50 %. Il-**Greċja** żiedet l-għotja tat-twelid skont l-għadd ta' tfal b'effett retroattiv mill-2023.

**L-appoġġ għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC) wera żieda fl-infiq f'xi Stati Membri, filwaqt li ttieħdu diversi miżuri oħra biex tiġi indirizzata l-isfida tar-riskji tal-faqar għat-tfal.** Fl-**Irlanda**, is-sussidju għad-differiment tal-kostijiet tal-kura tat-tfal żdied b'51 %, filwaqt li fl-**Italja**, żdied għal EUR 3 600 fis-sena għat-tfal li twieldu fl-1 ta' Jannar 2024 jew wara, taħt ċerti kundizzjonijiet. Fil-kuntest tal-RRP, l-Italja qed iżżid ukoll il-postijiet disponibbli fl-istrutturi tal-ECEC u mistennija toħloq aktar minn 150 000 post għal tfal ta' bejn 0 u 6 snin sa nofs l-2026. Fil-**Bulgarija** wkoll, l-ECEC se tibbenefika minn investimenti addizzjonali (l-FSE+ u l-baġit nazzjonali), immirati biex iżidu l-inklużività tagħha. Il-**Kroazja** adottat, skont l-RRP tagħha, mudell ġdid għall-finanzjament tal-faċilitajiet tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, bl-għan li żżid id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tagħhom. **Spanja** qed tippjana li tistabbilixxi mill-inqas 1 000 unità ta' appoġġ għal studenti vulnerabbli fid-distretti tal-iskejjel skont l-RRP tagħha, u programm biex toffri ikel u prodotti bażiċi oħra lill-familji b'minorenni. Ir-**Rumanija** tipprovdi ikla kuljum lil madwar 650 000 tifel u tifla żvantaġġati minn 2,200 skola.

**Xi pajjiżi ffukaw fuq it-titjib tal-politiki kumplessivi dwar id-diżabbiltà, filwaqt li oħrajn saħħew il-benefiċċji tad-diżabbiltà tagħhom.** Pereżempju, il-**Greċja** aġġornat l-Istrateġija Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà b'enfasi fuq is-snin 2024-2030. Il-pajjiż lesta wkoll il-programm pilota dwar l-assistenza personali u l-proċess ta' valutazzjoni tad-diżabbiltà li għandu jiġi implimentat fl-2025. Mill-2024, dawk li jixtiequ jintegraw mill-ġdid fis-suq tax-xogħol jistgħu jagħmlu dan, filwaqt li jibqgħu jirċievu l-ħlas tal-pensjoni. Il-**Bulgarija** tejbet l-adegwatezza tal-benefiċċju ta' kull xahar għat-tfal b'diżabbiltà. **Malta** żiedet l-għotja għall-ġenituri li jieħdu ħsieb tfal b'diżabbiltà severa. Fl-**Italja**, fil-qafas tal-RRP, fl-2024 ġiet implimentata bis-sħiħ riforma biex tiġi appoġġata l-awtonomija tal-persuni b'diżabbiltà, li tejbet il-valutazzjoni u l-aċċess għal servizzi ta' appoġġ personalizzati. B'mod konsistenti mar-riforma, investiment fl-RRP jappoġġa proġetti individwalizzati, li jipprovdu lill-persuni b'diżabbiltà b'soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni u tal-ICT.

**L-Istati Membri stabbilew miżuri regolatorji u mhux regolatorji li joffru jew jestendu l-appoġġ għall-kiri sabiex isaħħu l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli,** għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u gruppi vulnerabbli bħaż-żgħażagħ. F'Awwissu 2023, il-**Lussemburgu** introduċa emendi legali dwar il-qafas tal-assistenza għall-akkomodazzjoni biex jipprijoritizza l-appoġġ għal unitajiet domestiċi inqas għonja, wara li diġà introduċa żieda fis-sussidju tal-kera għall-unitajiet domestiċi bit-tfal u bonus tal-kera għall-impjegati żgħażagħ f'Mejju 2023. Fl-2024, **Malta** rriformat l-iskema tagħha ta' benefiċċji għall-kera privata għall-akkomodazzjoni biex tilħaq ammont massimu ta' EUR 6 000 fis-sena, filwaqt li implimentat ukoll pjan ta' kura integrat għall-kerrejja li qed jiffaċċjaw arretrati sinifikanti tal-kera. F'Mejju 2024, il-**Portugall** approva l-pakkett ta' akkomodazzjoni *Construir Portugal*, li jinkludi inċentivi għall-akkomodazzjoni għaż-żgħażagħ bħall-aċċess estiż għas-sussidji tal-kera.

**Fl-isfond tal-kost elevat tal-għoli tal-ħajja, l-Istati Membri komplew jieħdu azzjoni biex jappoġġaw l-istandards tal-għajxien tal-persuni rtirati, speċjalment dawk b'pensjonijiet minimi jew baxxi.** Fil-**Bulgarija**, ittieħdet deċiżjoni biex il-pensjonijiet kollha, inkluż il-pensjoni soċjali, jiżdiedu bi 11 % f'Lulju 2024 minħabba l-inflazzjoni għolja. Bl-istess mod, fis-**Slovakkja**, ġew adottati bidliet fl-indiċjar tal-pensjonijiet, li jindirizzaw l-inflazzjoni għolja u ġie applikat għall-ewwel darba indiċjar straordinarju tal-benefiċċji tal-pensjoni, filwaqt li l-indiċjar tal-pensjonijiet minimi ġie attivat mill-ġdid u dan wassal għal żewġ żidiet fl-2023. Fil-**Portugall**, il-valur ta' referenza tas-suppliment ta' solidarjetà għall-persuni akbar fl-età żdied bi 23 %, u f'Malta l-għotja ta' Ċittadin Anzjan għal dawk li laħqu l-età ta' 80 sena żdiedet minn EUR 50 għal EUR 450 fis-sena. Fir-**Rumanija**, il-Liġi dwar il-Pensjonijiet ta' Diċembru 2023 introduċiet mekkaniżmu ta' indiċjar tal-benefiċċji soċjali għal dawk li jieħdu pensjonijiet tax-xjuħija żgħar. Fl-aħħar nett, il-pensjonijiet kontributorji żdiedu bi 3.8 % fi **Spanja**, b'limitu massimu ta' EUR 3 175, filwaqt li l-pensjonijiet mhux kontributorji u l-introjti minimi żdiedu b'6.9 %. Fil-**Greċja**, l-indiċjar annwali tal-pensjonijiet ġie attivat mill-ġdid għall-ewwel darba mill-2008, li rriżulta f'żieda ta' 7.75 % għas-sena 2023, b'3 % għas-sena 2024 u b'2.4 % għas-sena 2025.

**Biex isaħħu l-adegwatezza u s-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-pensjonijiet, l-Istati Membri komplew jieħdu miżuri biex iżidu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni akbar fl-età, u introduċew ukoll xi riformi parametriċi.** L-**Irlanda** stabbiliet miżuri li jagħtu s-setgħa lill-individwi bl-għażla li jkomplu jaħdmu sal-età tal-pensjoni tal-istat u lil hinn minnha. Il-kundizzjonijiet għall-irtirar kmieni ġew issikkati fis-**Slovakkja** permezz ta' bidliet fil-kalkolu tat-tul meħtieġ tax-xogħol u tat-tnaqqis perċentwali fl-ammont tal-pensjoni. Iċ-**Ċekja** llimitat ukoll l-irtirar bikri. Fil-**Finlandja**, f'Jannar 2024 ġiet ippromulgata riforma tat-taxxa, li pprovdiet inċentivi ogħla għax-xogħol għall-persuni rtirati li għandhom aktar minn 65 sena u qed jirċievu pensjoni. Mill-2024, l-**Italja** żiedet ir-rekwiżit tal-età għall-aċċess għall-iskema tal-irtirar bikri tal-Avvanz tal-Pensjoni Soċjali (*APE Sociale*) minn 63 sena għal 63 sena u 5 xhur, u żiedet ukoll l-età tal-iskema "L-Għażla tan-Nisa" minn 60 sena għal 61 sena. Pereżempju, **Spanja** estendiet temporanjament il-possibbiltà ta' rtirar parzjali b'kuntratt ta' għajnuna (contrato de relevo) fl-industrija tal-manifattura, li jippermetti lin-nies jaċċessaw porzjon tal-pensjoni tagħhom fl-età ta' 61 sena, u jnaqqsu s-sigħat tax-xogħol b'sa 80 %. Iċ-**Ċekja** wkoll qed tippjana riformi komprensivi fl-RRPs tagħha biex tippreserva l-adegwatezza tal-pensjonijiet u s-sostenibbiltà fiskali. Fil-**Greċja**, minn Jannar 2024, it-tnaqqis ta' 30 % tal-pensjoni prinċipali u supplimentari għall-pensjonanti li jaħdmu ġie abolit. Il-pensjoni issa titħallas bis-sħiħ lill-pensjonanti kollha li jagħżlu li jintegraw mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.

**Xi pajjiżi ħadu passi biex itejbu l-użu tal-pensjonijiet supplimentari.** Il-**Kroazja** introduċiet regoli ġodda li jagħtu lill-kumpaniji li jiġġestixxu fondi tal-pensjoni obbligatorji u volontarji u kumpaniji tal-assigurazzjoni tal-pensjoni l-flessibbiltà meħtieġa biex jippreservaw il-valur reali tal-assi tal-persuna assigurata. Issa huwa possibbli li jsir pagament ta' darba sa 20 % tal-fondi kapitalizzati totali fil-fondi ta' pensjoni okkupazzjonali. Fl-**Irlanda**, ġie ppreżentat Abbozz ta' Sistema ta' Tfaddil Awtomatiku għall-Irtirar, bil-possibbiltà ta' esklużjoni fakultattiva wara 6 xhur.

**L-Istati Membri introduċew azzjonijiet differenti biex itejbu l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-kwalità tal-kura.** L-**Irlanda** espandiet l-eliġibbiltà għall-iskema ta' kard taż-żjarat minn GP (General Practitioner, prattikant ġenerali) ittestjata bil-mezzi, u tat kura minn GP b'xejn lil nofs miljun persuna oħra fl-2023 (filwaqt li għadha l-uniku Stat Membru mingħajr kopertura universali tal-kura tas-saħħa primarja). Fil-kuntest tal-RRP tagħha, l-**Italja** qed tinvesti f'faċilitajiet ġodda tal-kura tas-saħħa (bħall-Isptarijiet Komunitarji u d-Djar tas-Saħħa Komunitarji) u fit-telemediċina, bil-għan li s-servizzi tal-kura tas-saħħa jitqarrbu lejn il-pazjenti. Mill-2023 'il quddiem, l-RRP qed jappoġġa wkoll lill-ispiżeriji f'muniċipalitajiet żgħar biex isaħħaħ l-aċċess għall-kura tas-saħħa f'żoni rurali u remoti. Barra minn hekk, l-Italja adottat il-Liġi 107 ta' Lulju 2024, li tintroduċi sistema ta' monitoraġġ u kontroll biex tnaqqas il-listi ta' stennija fis-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa. Kull Reġjun se jaħtar Maniġer Reġjonali tal-Assistenza tas-Saħħa biex jindirizza kwistjonijiet identifikati. F'April 2024, l-Assemblea Nazzjonali tal-**Bulgarija** adottat l-Istrateġija Nazzjonali tas-Saħħa 2030, bħala riforma fl-RRP tagħha, li hija mistennija ttejjeb l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa madwar il-pajjiż.

**Ittieħdu passi wkoll biex jissaħħu l-kura primarja ċċentrata fuq il-pazjent, il-kura integrata u l-kura tas-saħħa diġitali.** Il-**Litwanja**, pereżempju, nediet servizz ta' shuttle pilota ġdid għall-pazjenti li ma jistgħux jużaw it-trasport individwali jew pubbliku għal raġunijiet ta' saħħa, soċjali jew ekonomiċi, biex issaħħaħ l-iċċentrar fuq il-pazjent u iżżid l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa. Sabiex tmexxi 'l quddiem id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tas-saħħa, il-**Ġermanja**, abbażi tal-Istrateġija ta' Diġitalizzazzjoni għas-Saħħa u l-Kura tagħha, għaddiet l-"Att Diġitali", li daħal fis-seħħ f'Marzu 2024, li jistabbilixxi, fost l-oħrajn, rekord elettroniku tal-pazjenti fil-pajjiż kollu ("ePA għal kulħadd"). Permezz ta' miżuri fl-RRP nazzjonali, fl-2023 il-**Portugall** adotta wkoll atti legali li jirrevedu l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-servizzi tal-kura primarja biex isaħħu r-rwol tagħhom fis-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa. Fl-2024, l-Unitajiet Lokali tas-Saħħa ġew implimentati bil-liġi fil-pajjiż kollu, fejn il-kura primarja u l-isptar huma ġestiti minn bord wieħed. F'Awwissu 2023, il-**Latvja** approvat Strateġija dwar is-Saħħa Diġitali, li għandha l-għan li ttejjeb id-disponibbiltà tad-data, l-interoperabbiltà, u s-servizzi diġitali. Fl-**Awstrija**, ir-riforma tal-kura tas-saħħa 2024-2028 tinkludi miżuri biex tissaħħaħ il-kura primarja u jiġu estiżi s-servizzi tas-saħħa diġitali.

**L-Istati Membri ħadu wkoll miżuri biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa u jtejbu ż-żamma tal-persunal.** F'Lulju 2023, fl-**Iżvezja** daħlet fis-seħħ leġiżlazzjoni li tirregola t-titolu professjonali tal-assistenti infermiera, inkluż fl-RRP. Minn Settembru 2023, fi **Franza**, l-istudenti tal-prattika ġenerali jridu jlestu sena addizzjonali ta' taħriġ postgradwatorju fil-kura ambulatorja, preferibbilment f'żoni li mhumiex moqdijin tajjeb. F'Diċembru 2023, bħala parti mill-RRPs tagħha, l-**Estonja** emendat il-leġiżlazzjoni biex tinċentiva lill-infermiera jaħdmu f'żoni remoti, filwaqt li l-**Litwanja** introduċiet emendi f'atti legali mmirati lejn it-titjib tal-iżvilupp tal-karriera tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa. F'Jannar 2024, id-**Danimarka** ppromulgat liġi ġdida dwar it-trasferiment ta' diversi kompiti speċifiċi mit-tobba għall-infermiera. F'Marzu 2024, il-**Belġju** approva żewġ liġijiet li jiddefinixxu r-rwol tal-infermiera ta' prattika avvanzata u li jispeċifikaw l-attivitajiet u l-kundizzjonijiet kliniċi tagħhom. Leġiżlazzjoni ġdida fil-**Greċja** f'Mejju 2024 tippermetti lit-tobba privati jikkollaboraw ma' sptarijiet pubbliċi, iwettqu proċeduri mediċi, u jipparteċipaw fi kliniċi u kirurġiji outpatient barra l-ħinijiet regolari. Fl-**Italja**, matul l-2021-26, l-RRP qed jappoġġa l-għoti ta' 2,700 borża ta' studju addizzjonali fil-mediċina ġenerali biex jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-persunal mediku. Fl-2024, il-Ministeru għas-Saħħa ta' **Ċipru** nieda kampanja ta' komunikazzjoni biex iħeġġeġ lill-istudenti tal-iskola sekondarja jsegwu studji fl-infermerija u l-qwiebel. Għas-sena akkademika 2024–2025, ġew irreġistrati 182 student infermiera, 85 % aktar minn sena qabel.

**Ittieħdu miżuri biex tittejjeb is-saħħa pubblika billi ġew enfasizzati l-prevenzjoni tal-mard u l-promozzjoni tas-saħħa, b'mod partikolari għas-saħħa mentali.** Fil-**Lussemburgu**, il-Pjan Nazzjonali l-ġdid għas-Saħħa Mentali 2024-28 ġie ppubblikat f'Lulju 2023. Fil-**Portugall**, ġiet adottata liġi ġdida dwar is-saħħa mentali, bħala parti mill-RRP, li tirregola d-drittijiet ta' persuni b'mard mentali u li tirregola wkoll l-ammissjoni obbligatorja fl-isptar jew it-trattament obbligatorju. L-**Estonja** qed tiżviluppa pjan ta' prevenzjoni tas-suwiċidju, mistenni sa tmiem l-2024. F'Awwissu 2023, ir-**Rumanija** stabbiliet ir-Reġistru Nazzjonali tal-Kanċer taħt l-amministrazzjoni tal-Istitut Nazzjonali tas-Saħħa Pubblika. F'Ottubru 2023, ir-**Rumanija** adottat ukoll l-Istrateġija Nazzjonali għat-Tilqim 2023–2030. F'April 2024, fi **Spanja**, il-Kunsill Interterritorjali approva l-Pjan 2024–2027 għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tat-Tipjip.

**Għadd ta' Stati Membri kellhom l-għan li jsaħħu l-affordabbiltà, id-disponibbiltà u l-kwalità tas-servizzi tal-kura fit-tul u jindirizzaw l-isfidi li jiffaċċjaw il-persuni li jindukraw b'mod formali u b'mod informali.** F'Diċembru 2023, is-**Slovenja** adottat att ġdid dwar il-kura fit-tul li jiddefinixxi s-sorsi u l-metodi ta' finanzjament pubbliku stabbli tal-kura fit-tul, inkluż kontribuzzjoni obbligatorja ġdida tal-assigurazzjoni soċjali għall-kura fit-tul, b'1 % tad-dħul gross mill-1 ta' Lulju 2025. L-att jistabbilixxi wkoll kundizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi sikuri ta' kura fit-tul ta' kwalità. Fl-**Estonja**, ir-riforma tal-Kura daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2023. Din tiddefinixxi l-mod kif jiġu ffinanzjati s-servizzi tal-kura fit-tul, tnaqqas il-ħlas mill-but, u tiżgura li r-riċevituri tal-kura b'introjtu baxx jiġu megħjuna jkopru l-kostijiet tal-kura tagħhom. Il-pajjiż adotta wkoll rekwiżiti minimi aktar dettaljati u ta' kwalità għall-kura ġenerali u l-kura fid-dar u, bħala parti mill-RRP tiegħu, fi Frar 2024, emenda l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu dwar mudell ta' kura integrata, li jistabbilixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi involuti u jiddefinixxi l-finanzjament futur tas-sistema. Il-**Finlandja** ilha mill-2023 tuża l-Istrument ta' Valutazzjoni Residenti (RAI, Resident Assessment Instrument) biex tivvaluta l-ħtiġijiet ta' servizz u l-kapaċità funzjonali tal-anzjani. Barra minn hekk, il-liġi Finlandiża tirrikjedi li l-ħaddiema tal-assistenza soċjali jivvalutaw il-ħtiġijiet urġenti ta' għajnuna minnufih, fi żmien sebat ijiem tax-xogħol minn meta jagħmel kuntatt il-klijent jew minn meta jagħmlu kuntatt ir-rappreżentanti tiegħu. Fil-qafas tal-RRP tagħha, l-**Italja** implimentat bis-sħiħ riforma biex ittejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-anzjani li mhumiex awtosuffiċjenti billi ssimplifikat l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u soċjali, billi pprovdiet valutazzjoni multidimensjonali, u billi ddefinixxiet proġetti individwalizzati li jippromwovu d-deistituzzjonalizzazzjoni. F'Marzu 2024, il-**Bulgarija** adottat Strateġija għall-iżvilupp tar-riżorsi umani fl-isfera soċjali (sal-2030) biex ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur soċjali, il-ħiliet u l-kompetenzi, tattira aktar ħaddiema, tallinja aħjar il-perkorsi tal-edukazzjoni u tipprovdi aktar motivazzjoni u appoġġ. F'**Lulju** 2023, l-Iżvezja introduċiet Titolu Professjonali Protett għall-Assistenti tal-Infermerija biex tiżgura l-kwalità u s-sikurezza tal-kura, u s'issa ħarġet 73 196 ċertifikat. B'effett minn April 2024, **Franza** introduċiet diversi miżuri għall-professjonisti tal-kura fid-dar, inklużi kard professjonali, għajnuna annwali ta' appoġġ għall-mobbiltà, u allowance ta' somma f'daqqa għall-ħin tal-ivvjaġġar. Fl-2023, il-**Portugall** emenda l-kodiċi tax-xogħol tiegħu biex jipproteġi aħjar lill-ħaddiema domestiċi, u fl-2023 u fl-2024 emenda l-leġiżlazzjoni tiegħu dwar l-indokraturi informali, inklużi l-għajnuna finanzjarja u l-konnessjoni ma' persuni li jindukraw b'mod formali, kif ukoll l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet għall-mistrieħ tal-indokraturi.

**Malta** ilha mill-2024 tespandi l-Iskema tagħha Carer at Home, li tipprovdi appoġġ finanzjarju lil ċittadini akbar fl-età b'dipendenza baxxa li jimpjegaw persuna li tindokra bi kwalifika rikonoxxuta biex tgħinhom fil-ħtiġijiet tagħhom ta' kuljum. **Franza** ilha timplimenta l-istrateġija "Tixjiħ tajjeb" mill-2023. Din tinkludi 50 miżura biex tittardja d-dipendenza, tadatta l-akkomodazzjoni soċjali għall-kerrejja li qed jixjieħu, timpjega 50 000 professjonist għall-faċilitajiet ta' kura għall-anzjani, u tipprevjeni l-iżolament soċjali tal-anzjani filwaqt li tippromwovi s-solidarjetà interġenerazzjonali. Il-**Greċja** qed tiżviluppa strateġija tal-kura fit-tul biex tiżgura s-sostenibbiltà tal-istrutturi tal-kura, qafas regolatorju aktar koeżiv, u proċessi operazzjonali standardizzati.

## KAPITOLU 3. ANALIŻI TAL-EWWEL STADJU TAL-PAJJIŻ

**Dan il-kapitolu jippreżenta skedi informattivi tal-pajjiżi bħala parti mill-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż, abbażi ta' karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF) kif deskritt fil-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-SPC relatati u r-Rapport sottostanti tal-Grupp ta' Ħidma konġunt EMCO-SPC[297], filwaqt li jappoġġa wkoll is-sejbiet orizzontali ewlenin ippreżentati fit-taqsima 1.4 tal-Kapitolu 1.** Filwaqt li l-iskedi informattivi kollha jiddependu fuq il-qari tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u fuq il-kategorizzazzjonijiet tal-JER kif deskritti fil-Kaxxa fit-taqsima 1.4 u fl-Anness 6, l-istruttura tagħhom tiddependi fuq is-sitwazzjoni speċifika għall-pajjiż: l-ordni tat-tliet oqsma ta' politika koperti fl-iskedi (l-impjieg; edukazzjoni u ħiliet; il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali) hija ggwidata mill-iżviluppi fil-pajjiż ikkonċernat, kif joħorġu mit-tabelli tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali fl-Anness 9. Bl-istess mod, il-graff għal kull pajjiż turi l-aktar kwistjoni pertinenti jew żvilupp ewlieni għall-pajjiż inkwistjoni.

**L-analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż hija bbażata fuq is-sett sħiħ ta' indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali.** Kull wieħed mill-indikaturi[298] jiġi skrutinizzat abbażi tal-metodoloġija tal-JER, li tiddetermina l-pożizzjoni relattiva tal-Istati Membri. Din il-pożizzjoni relattiva hija espressa f'termini ta' devjazzjonijiet standard mill-medja kemm tal-livell assolut tal-valur indikatur, kif ukoll tal-bidla tiegħu meta mqabbla mas-sena ta' qabel (ara l-Anness 6 għal aktar dettalji tekniċi). Ir-riżultati jinġabru fil-qosor f'waħda mis-seba' kategoriji possibbli għal kull indikatur għall-pajjiż inkwistjoni ("bl-aħjar prestazzjoni", "aħjar mill-medja", "tajjeb iżda għandu jiġi mmonitorjat", "mal-medja", "dgħajjef iżda qed jitjieb", "għandu jiġi osservat", "sitwazzjoni kritika"). Dan jikkorrispondi għall-iskala ta' kuluri, minn aħdar għal aħmar. Ħarsa ġenerali qasira lejn l-indikaturi u l-klassifikazzjoni tagħhom għal kull Stat Membru tista' tinstab fit-tabelli fl-Anness 9.

297 Twaqqaf Grupp ta' Ħidma konġunt iddedikat tal-EMCO-KPS biex jiddiskuti l-inizjattiva u wettaq ħidma minn Ottubru 2022 sa Mejju 2023. Dan wassal biex l-EMCO u l-KPS ippreparaw id-diskussjoni ministerjali fil-laqgħa tal-EPSCO ta' Ġunju 2023. Il-ħidma u l-eżiti tagħha huma dokumentati fil-Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-SPC dwar l-introduzzjoni ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali fis-Semestru Ewropew u r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma konġunt tal-EMCO-SPC relatat.

298 Għad-dettalji tekniċi dwar l-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni, inkluż id-differenza fl-impjiegi b'diżabbiltà abbażi tal-kunċett tal-GALI, ara l-Anness 2.

**Kull indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali jiġi vvalutat bil-metodoloġija spjegata hawn fuq, sabiex jiġi identifikat jekk hijiex meħtieġa analiżi ulterjuri fit-tieni stadju.** Il-kwalifika "sitwazzjoni kritika" tirreferi għall-Istati Membri li jġibu punteġġ ferm agħar mill-medja tal-UE fuq indikatur speċifiku u li fihom is-sitwazzjoni qed tiddeterjora jew mhux qed titjieb biżżejjed meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Sitwazzjoni tiġi mmarkata bħala li "għandha tiġi osservata" f'żewġ każijiet: a) meta l-Istat Membru jkollu punteġġ agħar mill-medja tal-UE fir-rigward ta' indikatur speċifiku u s-sitwazzjoni fil-pajjiż tkun qed tiddeterjora jew ma tkunx qed titjieb malajr biżżejjed, u b) meta l-punteġġ f'termini ta' livelli jkun f'konformità mal-medja tal-UE iżda s-sitwazzjoni tkun qed tiddeterjora ħafna aktar malajr mill-medja tal-UE, jew ma tkunx qed titjieb (malajr biżżejjed), filwaqt li l-medja tal-UE tkun qed titjieb.

**Analiżi ulterjuri fit-tieni stadju titqies ġustifikata għall-Istati Membri li għalihom sitt indikaturi ewlenin jew aktar tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali qegħdin jidhru bħala ħomor ("sitwazzjoni kritika") jew oranġjo ("għandhom jiġu osservati").** Raġuni addizzjonali biex jitqies li s-sitwazzjoni teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju sseħħ meta indikatur li jidher bħala aħmar jew oranġjo jippreżenta żewġ deterjoramenti konsekuttivi fil-kategorizzazzjoni tal-JER tiegħu. Eżempju huwa bidla minn "mal-medja" għal "dgħajjef iżda qed jitjieb" fl-edizzjoni tal-JER tal-2024, segwita minn deterjorament ulterjuri għal "sitwazzjoni kritika" fl-edizzjoni tal-2025). Din titqies bħala "marka" addizzjonali lejn il-livell limitu minimu ta' sitt marki b'mod ġenerali. Pereżempju, jekk f'sena partikolari n pajjiż ikollu ħames indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali mmarkati bħala ħomor jew oranġjo, u wieħed minnhom jippreżenta sentejn konsekuttivi ta' deterjoramenti fis-snin n u n-1, il-pajjiż jitqies bħala li għandu sitt indikaturi b'kollox f'dik is-sena n (ħames sinjali ħomor/oranġjo mill-indikaturi fis-sena partikolari + 1 minnhom b'żewġ deterjoramenti konsekuttivi). B'riżultat ta' dan, tkun meħtieġa wkoll analiżi ulterjuri. Kwalunkwe interruzzjoni fis-serje u kwistjonijiet b'rabta mal-kwalità u l-interpretazzjoni tad-data jitqiesu fl-evalwazzjoni tal-għadd totali ta' indikaturi lejn il-livell limitu.

## Il-Belġju




*Nota*: Interruzzjoni fis-serje kronoloġika ta' BE fl-2017.
*Sors*: il-Eurostat [lfsi_emp_a], l-LFS tal-UE u [tepsr_sp200], l-UE-SILC

**Fl-2023, appoġġat mit-tkabbir ekonomiku, is-suq tax-xogħol kompla x-xejra 'l fuq tiegħu f'kuntest ta' nuqqas imdaqqas ta' ħaddiema.** Minkejja t-titjib matul dan l-aħħar deċennju, ir-rata ta' impjieg, ta' 72.1 % fl-2023, għadha lura meta mqabbla mal-medja tal-UE kemm fir-rigward tal-livell kif ukoll tal-bidla, fejn hija indikata "sitwazzjoni kritika", b'differenzi reġjonali qawwija u fejn xi gruppi, bħal dawk b'livell baxx ta' ħiliet, dawk li twieldu barra mill-UE u l-persuni akbar fl-età, qed ikomplu jaqgħu lura. Dan huwa dovut l-aktar għall-fatt li r-rata ta' attività tal-Belġju hija aktar baxxa mill-medja tal-UE. Ir-rati tal-qgħad u tal-qgħad fit-tul huma "bħala medja", ta' 5.5 % u 2.2 % rispettivament, li huwa wkoll il-każ għad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (7.6 pps). Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà żdiedet b'mod kostanti bejn l-2018 u l-2021 (minn 32 għal 38 pp) u, minkejja li naqset għal 33.6 pp fl-2023, għadha fost l-ogħla fl-UE (fl-isfond ta' medja tal-UE ta' 21.5 pp) u ilha f'"sitwazzjoni kritika" għal 3 snin konsekuttivi. Fl-aħħar nett, minkejja ż-żieda fil-pagi reali fl-2023, l-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi per capita xorta għadu ma laħħaqx mal-medja tal-UE u baqa' mmarkat "għandu jiġi osservat".

**Il-Belġju jmur aħjar mill-medja fil-qasam tal-edukazzjoni u l-ħiliet.** Il-proporzjon ta' adulti li jipparteċipaw fl-apprendiment huwa "mal-medja", b'rata ta' 34.9 % (vs 39.5 % fl-UE), l-istess bħas-sehem ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), b'rata ta' 9.6 %. B'56.3 % tat-tfal kollha ta' inqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal, u b'sehem ta' 6.2 % ta' persuni li jitilqu kmieni mill-iskola, il-Belġju għandu prestazzjoni "aħjar mill-medja" (għalkemm b'varjazzjoni reġjonali importanti). Dan huwa wkoll il-każ għall-proporzjon tal-popolazzjoni adulta b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi (ta' 59.4 %), li jista' jgħin biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Fl-istess ħin, il-profiċjenza fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza naqset matul dawn l-aħħar snin u jeżistu inugwaljanzi sinifikanti minħabba l-kuntest soċjoekonomiku u ta' migrazzjoni.

**Il-politiki soċjali huma ġeneralment effettivi fil-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali, kif ukoll l-inugwaljanzi fl-introjtu.** Fir-rigward tal-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar, li huwa ferm ogħla mill-medja tal-UE (50.8 % vs 34.7 % fl-2023), u l-inugwaljanza fl-introjtu, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu (3.4 vs 4.7 fil-livell tal-UE), il-Belġju huwa "bl-aħjar prestazzjoni". Għalkemm fl-2023 ir-rata kumplessiva tal-AROPE (18.6 % vs 21.3 % fl-UE) għadha rreġistrata bħala "mal-medja", l-ishma tal-popolazzjoni totali u tat-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali ilhom jonqsu mill-2017, u b'hekk is-sitwazzjoni qed titjieb għal "aħjar mill-medja" fil-każ tat-tfal (19.0 % vs 24.8 % fl-UE). B'rata ta' 1.1 % biss fl-2023, il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika huma "aħjar mill-medja", filwaqt li l-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni, li jaffettwa 7.7 % tal-popolazzjoni, huwa rreġistrat bħala "mal-medja" (8.8 % fil-livell tal-UE).

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari t-tliet indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **il-Belġju ma jidhirx li qed jiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u, b'hekk, mhux ser ikun jeħtieġ aktar analiżi fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.4).

## Il-Bulgarija




*Nota*: id-definizzjoni tal-indikatur tal-ħiliet diġitali nbidlet mill-2021 iżda tkopri kunċett li huwa ġeneralment simili għas-snin preċedenti.
*Sors*: il-Eurostat [special extraction from the AES], [tepsr_sp410], [isoc_sk_dskl_i], l-Istħarriġ dwar l-

**Il-Bulgarija qed tiffaċċa sfidi relatati mal-formazzjoni tal-ħiliet, li huma ta' piż fuq l-impjegabbiltà ta' xi gruppi u jfixklu t-tkabbir tal-produttività u l-kompetittività.** Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment naqset bejn l-2016 u l-2022, u b'rata ta' 9.5 % fl-2022 (vs 39.5 % fl-UE) hija fost l-aktar baxxi fl-UE, u tirrappreżenta "sitwazzjoni kritika". Biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni se jkunu meħtieġa aktar sforzi sinifikanti. Minkejja titjib reċenti, is-sehem tal-popolazzjoni adulta b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi jibqa' wkoll fost l-aktar baxxi fl-UE, b'35.5 % vs 55.6 % fil-livell tal-UE fl-2023, li jindika "sitwazzjoni kritika" oħra. It-tisħiħ tal-akkwiżizzjoni tal-ħiliet tal-adulti, inkluż fil-qasam diġitali, huwa kruċjali biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Is-sehem ta' tfal ta' inqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal għadu baxx (17.4 % vs 37.5 % fl-UE fl-2023). Dan "għandu jiġi osservat" peress li jista' jkollu impatt fuq il-prospetti fit-tul tat-tfal fl-apprendiment. Il-livell ta' ħiliet bażiċi u diġitali fost iż-żgħażagħ huwa baxx u hemm inugwaljanzi kbar fl-eżiti edukattivi.

**Il-Bulgarija esperjenzat titjib fir-rigward tal-inklużjoni u l-protezzjoni soċjali iżda għad fadal sfidi importanti.** Għalkemm ir-rata tal-AROPE naqset bi 2.2 pp fl-2023 u ġew irreġistrati żviluppi pożittivi fis-suq tax-xogħol, kif ukoll żieda fil-pagi u fil-pensjonijiet, din għadha fost l-ogħla fl-UE (30.0 % vs 21.3 %, "dgħajfa iżda qed titjieb"). Barra minn hekk, ġie rreġistrat tnaqqis imdaqqas ta' 34 000 (jew 8.3 %) fl-għadd totali ta' tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, meta mqabbel mal-2022. Madankollu, bi 33.9 % fl-2023, ir-rata baqgħet fost l-ogħla fl-UE (24.8 %) u hija "kritika". Minkejja t-titjib, gruppi vulnerabbli bħar-Rom (81 %), il-persuni b'diżabbiltà (42.4 %) u dawk li jgħixu f'żoni rurali (39.3 %) kienu aktar esposti għar-riskji tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali minn oħrajn. B'mod kumplessiv, kemm l-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar kif ukoll l-inugwaljanza fl-introjtu tjiebu fl-2023 (minn 24.4 % għal 27.7 % u minn 7.3 għal 6.6 rispettivament, it-tnejn li huma "dgħajfin iżda qed jitjiebu").

**Is-suq tax-xogħol tal-Bulgarija kompla jkollu prestazzjoni qawwija fl-isfond ta' popolazzjoni li qed tiċkien, għalkemm b'differenzi reġjonali sinifikanti.** Filwaqt li l-pajjiż laħaq rata ta' impjieg storikament għolja (76.2 % fl-2023), li hija "mal-medja" meta mqabbla mal-UE (75.3 %), id-differenzi bejn ir-reġjuni jvarjaw minn 80.5 % għar-reġjun bl-aħjar prestazzjoni għal 67.2 % għal dak bl-agħar prestazzjoni. Hemm ukoll differenzi sostanzjali bejn il-gruppi tal-popolazzjoni. Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà kienet għadha konsiderevolment ogħla mill-medja tal-UE fl-2023 (39.5 vs 21.5 pp), wara żieda rreġistrata ta' 10.0 pp meta mqabbla mal-2022, u marret għall-agħar matul sentejn konsekuttivi, biex waslet għal "sitwazzjoni kritika". Għalkemm kien qed jonqos matul l-aħħar ftit snin, is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs), b'rata ta' 13.8 % fl-2023 xorta kien ogħla mill-medja tal-UE (11.2 %), u issa "għandu jiġi osservat".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari s-sitt indikaturi mmarkati bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", inkluż wieħed li ddeterjora maż-żmien, il-**Bulgarija hija identifikata bħala li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-Taqsima 1.4).

## Iċ-Ċekja

**L-eżiti pożittivi kumplessivi tas-suq tax-xogħol huma akkumpanjati min-nuqqas ta' ħaddiema u kundizzjonijiet relattivament aktar diffiċli għal ċerti gruppi tal-popolazzjoni.** Fl-2023, iċ-Ċekja kienet fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni" fl-UE fir-rigward tar-rati għoljin ta' impjiegi u r-rati tal-qgħad baxxi (81.7 % u 2.6 % rispettivament) minkejja tkabbir ekonomiku kemxejn negattiv. Ir-rata baxxa tal-qgħad fit-tul (0.8 % fl-2023) ukoll kienet "tajba iżda għandha tiġi mmonitorjata", wara żieda ta' 0.2 pp meta mqabbla mal-2022. Madankollu, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi kienet ta' 13.9 pp fl-2023, li hija fost l-akbar fl-UE, u turi "sitwazzjoni kritika". Barra minn hekk, ir-rata tal-parteċipazzjoni tat-tfal ta' inqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal (4.5 % fl-2023) naqset bi 2.3 pp meta mqabbla mal-2022, u tibqa' ferm taħt il-medja tal-UE (37.5 %), li hija wkoll "sitwazzjoni kritika". Dan, flimkien ma' sfidi f'termini tal-kwalità tal-provvista tal-kura tat-tfal, jista' jkollu impatt fuq il-prospetti tal-apprendiment fit-tul tat-tfal u l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Is-sehem ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) naqas b'1.3 pp għal 10.1 % fl-2023, u bħad-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà (bi 22.2 pp fl-2023), qiegħed "mal-medja". It-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tan-nisa, taż-żgħażagħ u tal-gruppi żvantaġġati, bħaċ-ċittadini Ukreni taħt protezzjoni temporanja u r-Rom, fis-suq tax-xogħol, jista' jgħin biex jittaffa n-nuqqas ta' ħaddiema.




*Sors*: il-Eurostat [lfsa_ergan], l-LFS tal-UE.

**Il-prestazzjoni taċ-Ċekja fir-rigward tal-ħiliet qed titjieb, iżda l-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment qed tiffaċċa sfidi.** Din tal-aħħar kienet fost l-aktar baxxi fl-Istati Membri (21.2 % fl-2022 vs 39.5 % fl-UE), u dan jindika "sitwazzjoni kritika". Fl-istess ħin, bejn l-2021 u l-2023, is-sehem tal-adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi żdied minn 59.7 % għal 69.1 %, li issa huwa "aħjar mill-medja". Aktar promozzjoni tal-apprendiment għall-adulti u l-iżvilupp tal-ħiliet tagħhom tista' tgħin biex titrawwem il-kapaċità tal-innovazzjoni u jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

**Iċ-Ċekja għandha sistema ta' protezzjoni soċjali li tiffunzjona tajjeb iżda qed tiffaċċa sfidi fil-qasam tal-akkomodazzjoni soċjali.** Is-sehem tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) kien ta' 12.0 % b'mod kumplessiv u 15.0 % fost it-tfal fl-2023, u b'hekk iċ-Ċekja saret "bl-aħjar prestazzjoni" (vs il-medji tal-UE ta' 21.3 % u 24.8 %, rispettivament). Iż-żewġ indikaturi żdiedu bi ftit mit-2022 f'kuntest ta' inflazzjoni ogħla mill-medja tal-UE. L-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI) per capita naqas minn 123.9 fl-2022 għal 121.6 fl-2023 u "għandu jiġi osservat". L-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fil-bliet Ċeki teħtieġ monitoraġġ mill-qrib b'rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni rreġistrata fl-2023 ogħla b'mod sinifikanti (13.2 %), meta mqabbla maż-żoni rurali (6,0 %) (9.1 % b'mod kumplessiv, "mal-medja"). Fl-aħħar nett, iċ-Ċekja għadha "aħjar mill-medja" fir-rigward tal-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari l-erba' indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **iċ-Ċekja ma tidhirx li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux ser tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.4).

## Id-Danimarka




*Sors*: l-Eurostat [lfsi_emp_a], [une_rt_a], l-LFS tal-UE.

**L-issikkar tas-suq tax-xogħol ta' dawn l-aħħar snin qed tittaffa ftit, filwaqt li l-qgħad żdied.** Wara snin ta' tkabbir rekord fl-impjiegi, fl-2023 kien hemm tnaqqis marġinali fir-rata ta' impjieg, għal 79.8 % (-0.3 pp meta mqabbla mal-2022), li ġġenera bidla minn "aħjar mill-medja" għal "tajjeb iżda għandha tiġi mmonitorjata"[299]. Peress li t-tkabbir ekonomiku wassal għal kemmxejn inqas ħolqien ta' impjiegi milli fil-perjodu ta' wara l-pandemija, ir-rata tal-qgħad żdiedet b'0.6 pp għal 5.1 % diġà fl-2023, u dan irriżulta f'sitwazzjoni li "għandha tiġi osservata". Filwaqt li l-pressjoni fuq is-suq tax-xogħol qed tittaffa[300], il-pajjiż għadu qed jiffaċċa nuqqas ta' ħaddiema f'ċerti setturi, b'mod partikolari dawk relatati mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Jeżistu wkoll differenzi reġjonali fir-rigward tad-diffikultajiet fir-reklutaġġ ta' ħaddiema ġodda[301]. Is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) għadha "aħjar mill-medja", minkejja żieda ta' 0.7 pp għal 8.6 % fl-2023. Bl-istess mod, id-Danimarka wkoll għandha prestazzjoni "aħjar mill-medja" fir-rigward tad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, li issa hija ta' 5.6 pp meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 10.2 pp.

299 Hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika għall-valur tal-2023 tal-impjiegi, il-qgħad, il-qgħad fit-tul, il-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol u r-rati NEET, kif ukoll għad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, riflessa fiċ-ċifra.

300 Il-Kummissjoni Ewropea, Tbassir Ekonomiku Ewropew tal-Ħarifa 2024.

301 L-Aġenzija Daniża għas-Suq tax-Xogħol u r-Reklutaġġ (Marzu 2024), Recruitment Survey Report.

**Is-sehem tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ żdied mill-2020.** L-indikatur żdied minn 10.0 % fl-2022 għal 10.4 % fl-2023 (0.9 pp ogħla mill-medja tal-UE) u "għandu jiġi osservat". Dan jistħoqqlu attenzjoni wkoll fid-dawl tan-nuqqas kumplessiv ta' ħaddiema tas-sengħa li qed jesperjenza l-pajjiż. Ir-rata tal-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment, ta' 47.1 % fl-2022 hija "aħjar mill-medja" (39.5 % fl-UE), anki wara tnaqqis żgħir mill-2016, u s-sehem ta' adulti li għandhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi huwa wkoll "aħjar mill-medja" (69.6 % fl-2023). Id-Danimarka hija fost il-pajjiżi bl-ogħla sehem ta' tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal (69.9 % fl-2023, "tajjeb iżda għandu jiġi mmonitorjat" wara tnaqqis ta' 4.8 pp mill-2022).

**Is-sistema tal-protezzjoni soċjali tiffunzjona tajjeb ħafna, iżda l-kostijiet tal-akkomodazzjoni għadhom ta' piż fuq il-gruppi vulnerabbli.** Is-sitwazzjoni fir-rigward tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali b'mod kumplessiv hija "aħjar mill-medja" u d-Danimarka hija "bl-aħjar prestazzjoni" fir-rigward tal-faqar fost it-tfal u l-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar. Madankollu, bi 15.4 %, is-sehem tal-unitajiet domestiċi li jġarrbu piż eċċessiv minħabba l-kostijiet tal-akkomodazzjoni għadu kbir. Għat-tielet sena konsekuttiva, is-sitwazzjoni titqies bħala "kritika", u dan jirrifletti l-provvista limitata ta' akkomodazzjoni affordabbli fi bliet akbar.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari t-tliet indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **il-Belġju ma jidhirx li qed jiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u, b'hekk, mhux ser ikun jeħtieġ aktar analiżi fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.4).

## Il-Ġermanja

**Fil-qasam tal-edukazzjoni u l-ħiliet, is-sitwazzjoni fir-rigward tal-persuni li jitilqu kmieni mill-iskola hija ta' sfida, filwaqt li l-Ġermanja għandha prestazzjoni tajba fl-apprendiment għall-adulti.** Is-sehem tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ huwa għoli, u żdied għal 12.8 % fl-2023 (vs 9.5 % fl-UE), li jindika "sitwazzjoni kritika". Fl-istess ħin, is-sehem ta' żgħażagħ ta' 15-il sena li ma għandhomx ħiliet bażiċi fil-matematika u x-xjenza (29.5 % u 22.9 % rispettivament fl-2022) kważi rdoppja mill-2012 (PISA, 2022), b'impatt soċjoekonomiku akbar ulterjuri fuq l-eżiti tal-edukazzjoni. Dan jeħtieġ attenzjoni wkoll fid-dawl tal-ħiliet meħtieġa mis-suq tax-xogħol u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Min-naħa l-oħra, is-sehem tal-popolazzjoni adulta b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi żdied bi 3.3 pp għal 52.2 % fl-2023 (vs 55.6 % fl-UE) u issa huwa "mal-medja", filwaqt li l-parteċipazzjoni kumplessiva tal-adulti fl-apprendiment, ta' 53.7 % fl-2022, tagħmel lill-Ġermanja wieħed mill-pajjiżi "bl-aħjar prestazzjoni" fl-UE.

**B'mod kumplessiv, is-suq tax-xogħol Ġermaniż għandu prestazzjoni tajba, iżda hemm nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ħiliet u n-nisa mhumiex integrati biżżejjed fis-suq tax-xogħol.** Minkejja t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, ir-rata tal-impjiegi hija għolja u żdiedet għal 81.1 % fl-2023 ("aħjar mill-medja"), filwaqt li r-rata tal-qgħad u l-komponent fit-tul tagħha baqgħu f'livelli baxxi ħafna (rispettivament 3.1 % ("bl-aħjar prestazzjoni") u 1.0 % ("aħjar mill-medja") f'kuntest ta' nuqqas ta' ħaddiema. Min-naħa l-oħra, filwaqt li d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi huwa "mal-medja" ta' 7.7 pps fl-2023, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi part-time baqgħet waħda mill-ogħla fl-UE, ta' 36.9 pps (vs 20.2 pps fl-UE). Is-sistema attwali ta' qsim tat-taxxa matrimonjali hija stmata li żżomm sa 185 000 ekwivalenti full-time barra mis-suq tax-xogħol. Is-sehem tat-tfal taħt it-3 snin fil-kura formali tat-tfal (23.3 % fl-2023 vs 37.5 % fl-UE) u "għandu jiġi osservat".

**Mil-lat soċjali, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni għadha qed toħloq sfidi sinifikanti minħabba provvista limitata.** Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni żdiedet b'pass ferm aktar mgħaġġel fil-Ġermanja meta mqabbla mal-UE (1.1 pp vs 0.1 pp), u laħqet rata ta' 13.0 % ogħla mill-medja fl-2023, u b'hekk għad "għandha tiġi osservata"[302]. Għalkemm l-inizjattivi ta' politika li għaddejjin u dawk ippjanati għandhom

Piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni skont l-istatus tal-faqar, 2023 (%)




*Sors*: il-Eurostat [tessi163], l-UE-SILC.

302 Hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika għall-indikatur fl-2023.

l-għan li jappoġġaw akkomodazzjoni aktar affordabbli, din is-sitwazzjoni hija partikolarment diffiċli għall-persuni fir-riskju tal-faqar, li għalihom din ir-rata żdiedet għal 43.2 % (vs 33.6 % fl-UE). F'kuntest ta' inflazzjoni għolja fl-2022 u fl-2023, il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi tnaqqset u l-ishma tal-popolazzjoni u tat-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, rispettivament b'rata ta' 21.3 % u 23.9 % fl-2023, żdiedu mill-2020 (rispettivament + 0.9 pp u + 1.6 pp) u hija "mal-medja".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari t-tliet indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **il-Ġermanja ma tidhirx li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u, b'hekk, mhux ser tkun teħtieġ aktar analiżi fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.4).

## L-Estonja

**L-Estonja qed tiffaċċa sfidi fil-qasam tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali.** Is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) naqas b'1.0 pp għal 24.2 %. Madankollu, għadu ogħla mill-medja tal-UE ta' 21.3 %, u "għandu jiġi osservat" fl-2023. Ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fost it-tfal hu "aħjar mill-medja", għalkemm b'żieda ta' 1.7 pp. Għall-persuni akbar fl-età u l-persuni b'diżabbiltà dawn ir-riskji għadhom fost l-ogħla fl-UE (b'rata ta' 47 % u 1 % vs 19.8 % u 28.8 % fl-UE, rispettivament). F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas minn 28.1 % fl-2022 għal 27.7 % fl-2023, u baqa' taħt il-medja tal-UE ta' 34.7 % u għalhekk "għandu jiġi osservat". L-inugwaljanza, imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, żdiedet minn 5.0 fl-2021 għal 5.4 fl-2023 (li wkoll "għandha tiġi osservata") meta mqabbla ma' medja tal-UE ta' 4.7 fl-2023. L-Estonja għandha wieħed mill-ogħla livelli ta' ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika fl-UE (12.9 % vs 4 % fl-2023), li hija "sitwazzjoni kritika". L-aċċess għall-kura tas-saħħa jibqa' sfida f'kuntest ta' nuqqas dejjem akbar ta' persunal tal-kura tas-saħħa, pagamenti għoljin mill-but, u tixjiħ mgħaġġel tal-popolazzjoni.




*Sors*: l-Eurostat [ilc_peps01n], l-UE-SILC.

**L-impjiegi komplew jespandu fl-2023, b'titjib b'mod partikolari fid-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà.** Ir-rata ta' impjieg laħqet it-82.1 %, li hija waħda minn dawk bl-"aħjar prestazzjoni" fl-UE filwaqt li r-rata tal-qgħad fit-tul, ta' 1.3 %, baqgħet "aħjar mill-medja". Madankollu, fil-kuntest ta' tnaqqis fil-PDG reali fl-2023, ir-rata tal-qgħad żdiedet minn 5.6 % fl-2022 għal 6.4 % fl-2023 u għalhekk "għandha tiġi osservata". Id-differenzi reġjonali fil-qgħad huma konsiderevoli, b'ċifri ħafna ogħla fil-parti tal-Grigal tal-Estonja (10.1 % fl-2023)[303], u huma kkaratterizzati mill-prevalenza tas-settur industrijali. L-Estonja għandha waħda mill-iżgħar differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi fl-UE, u kienet fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni" matul l-aħħar 3 snin. Fl-istess ħin, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà naqset b'mod sinifikanti (b'6,0 pp) meta mqabbla mal-2022 (20.2 % vs 21.5 % fl-UE), u għalhekk issa hija "aħjar mill-medja". L-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi naqas għat-tieni sena konsekuttiva (minn 130.5 fl-2022 għal 125.9 fl-2023) u issa "għandu jiġi osservat".

**L-Estonja rreġistrat żviluppi pożittivi fil-qasam tal-edukazzjoni u l-ħiliet.** Għamlet progress sostanzjali fir-rigward tal-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti, li żdied minn 33.9 % fl-2016 għal 41.8 % fl-2022 ("aħjar mill-medja", meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 39.5 % fl-2022). Barra minn hekk, is-sehem tal-popolazzjoni b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi tjieb fl-2023 u issa huwa wkoll "aħjar mill-medja", l-istess bħas-sehem tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, wara waħda mill-akbar rati ta' titjib f'dak li qabel kien indikatur li "għandu jiġi osservat".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari s-sitt indikaturi mmarkati bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", inkluż wieħed li ddeterjora maż-żmien, **l-Estonja hija identifikata bħala li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-Taqsima 1.4).

[303] Statistika Estonja: Unemployment rate | Statistikaamet.

## L-Irlanda

**L-impjiegi komplew jiżdiedu fl-2023 għalkemm il-gruppi żvantaġġati għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti biex jaċċessaw l-impjiegi.** Fl-2023, minkejja t-tnaqqis qawwi fit-tkabbir tal-PDG, ir-rata ta' impjieg, ta' 79.1 %, laħqet rekord għoli ieħor ("mal-medja") kemm minħabba l-immigrazzjoni netta kif ukoll minħabba parteċipazzjoni akbar fil-forza tax-xogħol inkluż f'età akbar. F'livell baxx storiku ta' 4.3 % ("aħjar mill-medja"), ir-rata tal-qgħad tirrifletti suq tax-xogħol li għadu ristrett. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi naqset b'mod sinifikanti, minn 11.4 pp fl-2022 għal 9.9 pp fl-2023, u issa hija "aħjar mill-medja", b'aktar opportunitajiet ta' xogħol flessibbli u żieda fis-sussidji għall-indukrar tat-tfal li kkontribwew għaliha. Fl-istess ħin, minkejja titjib żgħir matul dawn l-aħħar snin, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà għadha ferm usa' mill-medja tal-UE, b'36.7 pp meta mqabbla ma' 21.5 pp, li għadha turi "sitwazzjoni kritika". Għalhekk, it-tisħiħ tal-impjegabbiltà ta' gruppi sottorappreżentati u żvantaġġati, bħall-persuni b'diżabbiltà, il-ġenituri waħedhom, il-minoranzi b'livell baxx ta' ħiliet, ir-Rom u t-Travellers, jista' jgħin biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet kemm bħalissa kif ukoll fil-futur. Miżuri ġodda ta' sensibilizzazzjoni u attivazzjoni, appoġġati wkoll mill-FSE+, għandhom l-għan li jnaqqsu dan id-distakk. Fl-aħħar nett, l-Irlanda kellha tkabbir fl-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi per capita fl-2023 li kien "mal-medja".




*Nota*: interruzzjoni fis-serje kronoloġika ta' IE fl-2019.
*Sors*: l-Eurostat, [tepsr_sp200], l-UE-SILC

**L-Irlanda għandha prestazzjoni tajba fir-rigward tal-edukazzjoni u l-ħiliet.** Il-pajjiż għadu fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni" fir-rigward tar-rata tat-tluq bikri mill-iskola, ta' 4.0 % fl-2023, minkejja li kien hemm żieda (minn 3.7 % fl-2022). Barra minn hekk, huwa aktar probabbli li l-adulti Irlandiżi jipparteċipaw fl-apprendiment mill-medja tal-UE, bi 48.3 % vs 39.5 % fl-UE fl-2022 ("aħjar mill-medja"). Barra minn hekk, is-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi huwa wieħed mill-ogħla fl-UE, bi 72.9 % fl-2023 vs 55.6 % fl-UE, u dan ipoġġi lill-pajjiż għal darba oħra fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni".

**Is-sistema tal-protezzjoni soċjali Irlandiża ttaffi l-faqar b'mod effettiv għalkemm xi gruppi għadhom qed jiffaċċjaw riskji akbar, u għadhom qed jiġu rrapportati sfidi b'rabta mal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal.** Ir-riskji tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali b'mod kumplessiv u għat-tfal huma "mal-medja". Il-ġenituri waħedhom, it-Travellers u l-persuni b'diżabbiltà huma konsiderevolment aktar f'riskju. Fir-rigward tal-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar, l-Irlanda tibqa' fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni" (b'rata ta' 57.8 % vs 34.7 % fl-UE). Għalkemm il-parteċipazzjoni tat-tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal żdiedet minn 18.3 % fl-2022 għal 22.1 % fl-2023, din għad "għandha tiġi osservata" peress li għadha ferm taħt il-medja tal-UE ta' 37.5 %. Minkejja t-titjib, għad hemm xi ostakli finanzjarji u mhux finanzjarji (id-disponibbiltà, il-kumplessità tas-sistema) li qed ikomplu jippersistu. Il-provvista tal-akkomodazzjoni għadha baxxa minkejja d-domanda qawwija b'listi twal ta' stennija għall-akkomodazzjoni soċjali u livell rekord tal-kundizzjoni tal-persuni mingħajr dar, parzjalment minħabba d-drittijiet dgħajfa tal-kerrejja. Il-kundizzjoni tal-persuni mingħajr dar żdiedet l-aktar fost it-tfal u l-familji b'ġenitur wieħed.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari ż-żewġ indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **ma jidhirx li l-Finlandja qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux ser tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.4).

## Il-Greċja

**F'kuntest ta' inflazzjoni għolja u tnaqqis fl-infiq soċjali meta mqabbel mal-PDG, il-Greċja qed tiffaċċa sfidi sinifikanti fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali, bil-biċċa l-kbira tal-indikaturi jindikaw "sitwazzjoni kritika".** B'mod aktar speċifiku, it-tnaqqis tal-faqar permezz ta' trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) naqas bi 2.1 pp għal 18.2 % biss, li huwa 16.5 pp taħt il-medja tal-UE. Għalkemm is-sehem tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) baqa' relattivament stabbli b'rata ta' 26.1 %, wara titjib kajman matul l-aħħar 6 snin, għadu ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 21.3 %. Barra minn hekk, is-sehem tal-unitajiet domestiċi li jġarrbu piż eċċessiv minħabba l-kostijiet tal-akkomodazzjoni żdied għal 28.5 % fl-2023, u huwa wieħed mill-ogħla fl-UE (medja ta' 8.8 %). Fl-istess ħin, il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika komplew jiżdiedu, u laħqu wieħed mill-ogħla livelli (11.6 % fl-2023, minn 9.0 % fl-2022, vs 2.4 % fl-UE). Bir-rata ta' 28.1 %, ir-rata tal-AROPE għat-tfal baqgħet stabbli iżda għadha ogħla mill-medja tal-UE ta' 24.8 %, u dan jindika sitwazzjoni li "għandha tiġi osservata". L-inugwaljanza, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, żdiedet marġinalment għal 5.3 (vs 4.7 fl-UE) u "għandha tiġi osservata" wkoll minħabba l-livell għoli tagħha.




*Sors*: l-Eurostat [ilc_peps01n], [tepsr_lm430], [ilc_li02], [tespm030], l-UE-SILC.

**Is-suq tax-xogħol Grieg jippreżenta sfidi sinifikanti, b'mod partikolari għan-nisa u ż-żgħażagħ.** Fl-2023, ir-rata ta' impjieg żdiedet b'1.1 pp minħabba tkabbir ekonomiku li għadu b'saħħtu. Madankollu, 67.4 % biss tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol kienet impjegata, u r-rata baqgħet ferm taħt il-medja tal-UE ta' 75.3 %. Ir-rati ta' impjieg jippreżentaw "sitwazzjoni kritika" b'mod partikolari fost in-nisa u ż-żgħażagħ. Minkejja ż-żieda limitata tagħha b'1.7 pp għal 57.6 % fl-2023, ir-rata ta' impjieg tan-nisa hija waħda mill-aktar baxxi fl-UE u twassal għal waħda mill-akbar differenzi fl-impjiegi (19.8 pp). Is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ żdied b'0.6 pp biex laħaq il-15.9 % fl-2023, li huwa ogħla b'mod sinifikanti mill-medja tal-UE ta' 11.2 %. Barra minn hekk, l-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi per capita, b'rata ta' 81.6 % fl-2023, jibqa' fost l-aktar baxx, minkejja żieda mill-2022 (vs medja tal-UE ta' 111.1 %), u jgħaddi minn "sitwazzjoni kritika" għal "sitwazzjoni dgħajfa iżda li qed titjieb". Min-naħa l-oħra, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà għall-Greċja hija "mal-medja".

**L-iżvilupp tal-ħiliet huwa prijorità għall-Greċja fid-dawl tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u fl-isfond ta' żieda fin-nuqqas ta' ħaddiema fis-setturi ewlenin.** Is-sehem ta' adulti li pparteċipaw fl-apprendiment matul it-12-il xahar ta' qabel naqas minn 16.0 % fl-2016 għal 15.1 % fl-2022, li huwa fost l-aktar livelli baxxi fl-UE u jirrappreżenta "sitwazzjoni kritika". Fl-istess ħin, fl-2023, 52.4 % tal-adulti (vs 55.6 % fl-UE) kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, li huwa "mal-medja". Il-ħiliet bażiċi huma fost l-aktar baxxi fl-UE, u jsegwu wkoll wieħed mill-aktar tnaqqis qawwi. Min-naħa l-oħra, is-sehem tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ naqas b'0.4 pp mill-2022 sal-2023 u baqa' ferm taħt il-medja tal-UE (3.7 % vs 9.5 % fl-UE), li jpoġġi lill-Greċja fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari l-9-il indikatur li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **ir-Rumanija hija identifikata bħala li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.4).

## Spanja

**Spanja qed tesperjenza sfidi b'rabta mal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali.** Fl-2023, l-ishma tal-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali b'mod kumplessiv u fost it-tfal żdiedu għal 26.5 % u 34.5 %, rispettivament, li huwa ogħla b'mod sinifikanti mill-medji tagħhom tal-UE (ta' 21.3 % u 24.8 %) u jirrappreżenta "sitwazzjonijiet kritiċi". Dan jista' jiġi attribwit parzjalment għall-isfidi tal-adegwatezza u l-kopertura fi ħdan is-sistema tal-protezzjoni soċjali, id-disparitajiet reġjonali fl-aċċess għas-servizzi pubbliċi u l-faqar għoli b'mod persistenti fost dawk li jaħdmu. Minkejja xi titjib, l-inugwaljanza fl-introjtu, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, tibqa' għolja fl-2023 (5.5 vs 4.7 fl-UE) u "għandha tiġi osservata". L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas għal 22.9 % fl-2023 (vs 34.7 % fl-UE), tant li ddeterjora matul sentejn konsekuttivi u għadda għal "sitwazzjoni kritika". L-effettività tat-trasferimenti soċjali hija partikolarment baxxa fit-tnaqqis tar-riskji tal-faqar fost it-tfal (17.0 % vs 41.4 % fl-UE). Min-naħa l-oħra, is-sehem ta' tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal huwa "aħjar mill-medja" fi Spanja.



*Sors*: l-Eurostat [ilc_peps01n], l-UE-SILC.

**Is-suq tax-xogħol Spanjol tjieb b'mod sinifikanti iżda għadu qed jiffaċċa sfidi.** Ir-rata ta' impjieg żdiedet b'mod sostanzjali għal 70.5 % fl-2023 (vs 75.3 % fl-UE), u mxiet minn "sitwazzjoni kritika" għal "dgħajfa iżda qed titjieb"[304]. Dan kien xprunat minn tkabbir ekonomiku b'saħħtu, espansjoni qawwija fl-impjiegi tal-persuni li twieldu barra mill-UE, u żieda fl-impjiegi fil-kummerċ, fl-okkupazzjonijiet tekniċi u xjentifiċi u fil-ħolqien tal-impjiegi fis-settur pubbliku. Ir-rata tal-qgħad (12.2 %) u l-komponent fit-tul tagħha (4.3 %) huma wkoll "dgħajfin iżda qed jitjiebu" fid-dawl ta' livelli li għadhom għoljin ħafna minkejja tnaqqis kbir, speċjalment għall-ħaddiema akbar fl-età qiegħda fit-tul u dawk fil-Gżejjer Kanarji. Filwaqt li s-sehem ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) kompla jonqos (għal 12.3 % fl-2023), għadu kbir u "għandu jiġi osservat". Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà, li hija fost l-aktar baxxi fl-UE u qed tkompli tonqos, tqiegħed lil Spanja fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni". Fl-aħħar nett, l-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi per capita kien "dgħajjef iżda qed jitjieb" fl-2023 minħabba żieda qawwija.

**Spanja qed tiffaċċa sfidi b'rabta mat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li qed ikollha prestazzjoni tajba fir-rigward tal-ħiliet diġitali.** Is-sehem tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ naqas bi ftit fl-2023, għal 13.7 % (vs 9.5 % fl-UE), iżda għadu għoli u f'"sitwazzjoni kritika". Id-disparitajiet reġjonali relatati għadhom sinifikanti minkejja t-tnaqqis fl-2023, b'livelli partikolarment għoljin fin-Nofsinhar u fil-Lvant u xejriet li sejrin għall-agħar fin-Nofsinhar u fil-Gżejjer Kanarji. B'mod kumplessiv, il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment kienet "mal-medja" fl-2022, b'34.1 % (vs 39.5 % fl-UE), wara żieda ta' 3.7 pp meta mqabbla mal-2016. Min-naħa l-oħra, il-prestazzjoni "aħjar mill-medja" ta' Spanja fir-rigward tal-ħiliet diġitali tappoġġa tajjeb it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari s-sitt indikaturi mmarkati bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", inkluż wieħed li ddeterjora maż-żmien, **Spanja hija identifikata bħala li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-Taqsima 1.4).

[304] Id-definizzjoni tal-indikaturi tas-suq tax-xogħol ta' Spanja tvarja minn dawk tas-soltu fl-2022 u fl-2023 (ara l-Metadata tal-Eurostat).

## Franza

**Is-suq tax-xogħol baqa' dinamiku fl-2023 minkejja tnaqqis fir-ritmu tal-ekonomija fit-tieni nofs tas-sena u żieda tal-konġestjonijiet fil-provvista.** Fl-2023, ir-rata ta' impjieg żdiedet għal 74.4 %, u r-rata tal-qgħad baqgħet 7.3 %, l-aktar livell baxx mill-2008, filwaqt li r-reġjuni ultraperiferiċi kisbu punteġġ konsiderevolment agħar. Iż-żewġ indikaturi "għandhom jiġu osservati", peress li l-prestazzjoni relattiva ddeterjorat kemxejn[305]. Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ naqset bi ftit (-0.1 pp għal 17.2 %), iżda s-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) żdied għal 12.3 % u issa "għandu jiġi osservat". L-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' xi gruppi vulnerabbli għadha ta' sfida, b'mod partikolari, għal dawk imwielda barra mill-UE u għall-persuni b'livell edukattiv milħuq baxx. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi hija "aħjar mill-medja" (5.5 pp fl-2023 vs 10.2 pp fl-UE) u qed tkompli tonqos. Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà ilha tonqos mill-2020, u laħqet 19.9 pp fl-2023 (vs 21.5 pp fl-UE), u issa hija wkoll "aħjar mill-medja".



*Sors*: l-Eurostat [ilc_peps01n], l-UE-SILC.

**Minkejja l-investimenti relattivament għoljin fil-protezzjoni soċjali, ir-riskji tal-faqar huma ogħla matul dawn l-aħħar ftit snin, f'kuntest ta' inugwaljanzi li qed jiżdiedu.** B'mod kumplessiv, Franza tikklassifika "aħjar mill-medja" fir-rigward tal-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar (41.9 % fl-2023 vs 34.7 % fl-UE). Wara żieda konsiderevoli fl-2022, fl-2023 is-sehem tal-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) naqas b'0.3 pp, għal 20.4 %, taħt il-medja tal-UE ta' 21.3 % ("mal-medja")[306]. Ir-rata tal-AROPE tat-tfal naqset ukoll (b'0.5 pp) għal 26.6 % fl-2023, iżda għadha ogħla mill-medja tal-UE ta' 24.8 %, u tibqa' li "għandha tiġi osservata". It-tkabbir tal-introjtu domestiku gross tal-unitajiet domestiċi per capita baqa' taħt il-medja tal-UE fl-2023 u "għandu jiġi osservat". L-inugwaljanza, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni

305 Id-definizzjoni tal-indikaturi tas-suq tax-xogħol ta' Franza tvarja minn dawk tas-soltu fl-2022 u fl-2023 (ara l-Metadata tal-Eurostat).

306 Hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2020 u 2022: l-istħarriġ FR-SILC jinkludi fl-2022 għall-ewwel darba erba' dipartimenti ekstra-Ewropej (il-Guyana Franċiża, Réunion, Martinique u Guadeloupe).

kwintili tal-introjtu, għadha "mal-medja", għalkemm ilha tiżdied mill-2018. Ir-reġjuni ultraperiferiċi marru konsiderevolment agħar minn Franza metropolitana fl-oqsma kollha tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali.

**B'mod kumplessiv, Franza għandha prestazzjoni tajba fir-rigward tal-indikaturi dwar l-opportunitajiet indaqs.** Is-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, kif ukoll is-sehem ta' persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ huma "mal-medja" (ta' 59.7 % u 7.6 % fl-2023, rispettivament). Franza hija "bl-aħjar prestazzjoni" fir-rigward tas-sehem ta' tfal taħt it-3 snin f'indukrar formali tat-tfal. Madankollu, is-sistema edukattiva hija kkaratterizzata minn sehem sinifikanti ta' studenti b'kisbiet baxxi u inugwaljanzi għoljin, riflessi wkoll fir-riżultati tal-PISA tal-2022. In-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa huwa wieħed mill-ostakli ewlenin għar-reklutaġġ u jista' jxekkel it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari l-ħames indikaturi mmarkati bħala "għandhom jiġu osservati", **ma jidhirx li Franza qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-Taqsima 1.4).

## Il-Kroazja

**Is-suq tax-xogħol qed ikompli bix-xejra 'l fuq tiegħu, iżda l-gruppi vulnerabbli qed jiffaċċjaw sfidi sostanzjali.** Minkejja titjib kontinwu mill-2021, ir-rata ta' impjieg għadha ferm aktar baxxa mill-medja tal-UE (70.8 % vs 75.3 % fl-2023) u tinsab f'"sitwazzjoni kritika" għat-tielet sena konsekuttiva. Fl-2023, appoġġati minn tkabbir ekonomiku li baqa' relattivament b'saħħtu, ir-rati tal-qgħad u tal-qgħad fit-tul naqsu u laħqu s-6.1 % u t-2.1 % ("aħjar mill-medja" u "mal-medja" rispettivament). Wara titjib sostanzjali, l-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI) per capita kien "aħjar mill-medja" b'130.6 (111.1 fl-UE). Madankollu, xi gruppi vulnerabbli, bħall-ħaddiema akbar fl-età u l-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, għad għandhom diffikultajiet biex isibu impjiegi ta' kwalità tajba. Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà tindika "sitwazzjoni kritika" fl-2023 (ta' 39.2 pp vs il-21.5 pp tal-UE), wara li kibret għat-tieni darba. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, min-naħa l-oħra, kienet "aħjar mill-medja" b'7.7 pp (10.2 pp fl-UE). Is-sehem ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) tjieb u kien "mal-medja" fl-2023 (11.8 % vs il-11.2 % tal-UE), anki jekk aktar minn nofshom huma inattivi.




*Nota:* interruzzjoni fis-serje kronoloġika ta' HR fl-2023.
*Sors*: il-Eurostat [tesp_sp200], l-UE-SILC.

**Il-Kroazja qed tiffaċċa xi sfidi fir-rigward tal-apprendiment tul il-ħajja u l-akkwiżizzjoni tal-ħiliet.** Il-pajjiż jibqa' wieħed minn dawk "bl-aħjar prestazzjoni" fir-rigward tas-sehem tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, li kien ta' 2.0 % fl-2023, meta mqabbel ma' medja tal-UE ta' 9.5 %. Fl-istess ħin, is-sehem ta' tfal ta' inqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal żdied għal 29.6 % fl-2023 (minn 27.5 % fl-2022) u issa għandu prestazzjoni "mal-medja", minkejja li għadu 7.9 pp taħt il-medja tal-UE. Minkejja l-ispariġġi persistenti fil-ħiliet fis-suq tax-xogħol, 23.3 % biss tal-adulti Kroati pparteċipaw fl-apprendiment fit-12-il xahar preċedenti fl-2022, meta mqabbla ma' 39.5 % fl-UE u wara tnaqqis minn 26.9 % fl-2016. Dan qed ipoġġi f'riskju l-potenzjal li tiżdied il-kompetittività futura, inklużi t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u "għandu jiġi osservat". Filwaqt li s-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi kien ta' 59.0 % fl-2023 (55.6 % fl-UE), issa "għandu jiġi osservat" ukoll minħabba d-deterjorament sinifikanti (b'4.4 pp) mill-2021.

**Il-Kroazja qed tiffaċċa sfidi fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali.** Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) tibqa' "mal-medja" għall-popolazzjoni totali (20.7 % vs il-21.3 % tal-UE) u "aħjar mill-medja" għat-tfal (17.3 % vs l-24.8 % tal-UE), iżda hija ogħla mill-medja tal-UE għall-persuni b'diżabbiltà (37.5 % vs 28.8 %). L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fit-tnaqqis tal-faqar ilu "kritiku" mill-2020 u kien ferm aktar baxx mill-medja tal-UE fl-2023 (20.9 % vs 34.7 %). Dan jeħtieġ monitoraġġ mill-qrib anki fir-rigward tal-kost elevat tal-għoli tal-ħajja. Barra minn hekk, l-inugwaljanza (kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu) laħqet l-ogħla livell tagħha mill-2018 b'4.91 fl-2023 (vs 4.7 fl-UE) u issa "għandha tiġi osservata". Is-sitwazzjoni rigward ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni u l-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika hija "aħjar mill-medja".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari l-6-il indikatur li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **il-Kroazja hija identifikata bħala li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.4).

## L-Italja

**Minkejja rkupru sostnut fl-impjiegi, l-Italja qed tiffaċċa sfidi importanti fis-suq tax-xogħol.** Ir-rata ta' impjieg laħqet rekord ta' 66.3 % fl-2023, biex b'hekk taqbeż il-medja tat-tkabbir fl-UE, minkejja tnaqqis fit-tkabbir ekonomiku, iżda din għadha 9.0 pp taħt il-medja tal-UE u "dgħajfa iżda qed titjieb". Din għadha lura fin-Nofsinhar (52.5 %) u fil-gżejjer (51.5 %). Għalkemm ir-rata tal-qgħad (7.7 %) u l-komponent fit-tul tagħha (4.2 %) naqsu fl-2023, anke minħabba forza tax-xogħol li tespandi, dawn għadhom fost l-ogħla fl-UE, f'"sitwazzjoni li għandha tiġi osservata" u "sitwazzjoni kritika", rispettivament. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi tippreżenta "sitwazzjoni kritika", ta' 19.5 pp fl-2023, aktar mid-doppju tal-medja tal-UE, u mingħajr titjib sinifikanti matul l-aħħar deċennju. Parteċipazzjoni baxxa fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari tan-nisa u ż-żgħażagħ, għadha sfida fid-dawl tal-isfida demografika urġenti. Min-naħa l-oħra, l-Italja tibqa' fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni" fir-rigward tad-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà. Fl-aħħar nett, l-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi per capita kompla jonqos għal 94.0 % fl-Italja fl-2023 meta mqabbel mal-2008 (vs il-medja tal-UE 111.1 %), "sitwazzjoni kritika".




*Nota:* Interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2018.
*Sors*: l-Eurostat [lfsi_emp_a], [une_rt_a], l-LFS tal-UE.

**Is-sitwazzjoni għaż-żgħażagħ qed titjieb, iżda l-Italja qed tiffaċċa sfidi fl-apprendiment għall-adulti.** Is-sehem ta' adulti li pparteċipaw fl-apprendiment ta' 29.0 % fl-2022 (vs 39.5 % fl-UE u 33.9 % fl-2016) kien ta' status li "għandu jiġi osservat"[307]. Barra minn hekk, fl-2023, 45.8 % biss tal-adulti Taljani kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, biex jibqa' wkoll "għandu jiġi osservat", b'mod partikolari fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Min-naħa l-oħra, is-sitwazzjonijiet tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) tjiebet b'mod sinifikanti, u naqset b'1.0 pps u 2.9 pps rispettivament, u t-tnejn huma "dgħajfin iżda qed jitjiebu". Madankollu, it-tluq bikri mill-iskola huwa konsiderevolment ogħla fost iċ-ċittadini mhux tal-UE (29.5 %) milli fost iċ-ċittadini tal-UE (9.0 %). B'16.1 %, l-Italja għad għandha waħda mill-ogħla rati ta' NEETs fl-UE (11.2 %) ("dgħajfa iżda qed titjieb") u l-ħiliet bażiċi dgħajfa tal-istudenti jibqgħu ta' sfida.

**Fil-qasam soċjali, ġew irreġistrati avvanzi iżda hemm lok għal aktar titjib.** Fl-2023, is-sehem kemm tal-popolazzjoni ġenerali kif ukoll tat-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) naqas, b'1.6 pp u 1.4 pp rispettivament (prestazzjoni "aħjar mill-medja" u "dgħajfa iżda li qed titjieb" rispettivament), xprunat mit-tnaqqis fl-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar monetarju u ta' dawk li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna. Bi 22.8 % u 27.1 %, iż-żewġ rati għadhom ogħla mill-medji tal-UE. It-trasferimenti soċjali għajr il-pensjonijiet, bħall-benefiċċji universali tat-tfal, naqqsu l-faqar monetarju bi 30.5 % ("aħjar mill-medja"). Madankollu, id-differenzi reġjonali huma kbar u s-sehem ta' persuni affettwati mill-privazzjoni materjali u soċjali estrema żdied, f'konformità mas-sehem għoli u staġnat ta' persuni li jgħixu f'faqar assolut, ta' 9.8 % fl-2023 (il-livell ta' qabel il-pandemija: 7.6 %).

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari t-tmien indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **l-Italja hija identifikata bħala li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.4).

[307] Hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika għall-indikatur fl-2023.

## Ċipru

**L-iżvilupp tal-ħiliet juri deterjorament u jitfaċċaw sfidi ġodda.** Is-sehem tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ żdied b'mod qawwi, minn 8.1 % fl-2022 għal 10.4 % fl-2023, li issa "għandu jiġi osservat". Fl-istess ħin, l-ispariġġ fil-ħiliet huwa b'saħħtu: fl-2022, 31.8 % tal-persuni impjegati kienu sovrakwalifikati għall-impjieg tagħhom, jiġifieri 9.6 pp aktar mill-medja tal-UE. Il-litteriżmu diġitali naqas u huwa partikolarment baxx, b'49.5 % biss tal-adulti li kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi fl-2023 (vs il-55.6 % tal-UE), u s-sitwazzjoni tibqa' bħala "għandha tiġi osservata". Barra minn hekk, aktar minn nofs l-istudenti kollha ma għandhomx ħiliet bażiċi fil-matematika (53.2 %) u fil-qari (60.6 %), fost l-ogħla ishma fl-UE. Fl-2021, 11.2 % biss tal-gradwati kollha kienu studenti STEM, li hija waħda mill-aktar rati baxxi fl-UE (il-medja hija ta' 25.4 %), filwaqt li huwa mbassar li sal-2032, id-domanda għall-impjiegi STEM se tkun 50 % ogħla mill-provvista tal-2021. Is-sehem ta' adulti li pparteċipaw fl-apprendiment fit-12-il xahar preċedenti huwa baxx, b'rata ta' 28.3 % fl-2022 (vs 39.5 % fl-UE), wara tnaqqis kbir minn 44.8 % fl-2016, u din hija sitwazzjoni li "għandha tiġi osservata". Min-naħa l-oħra, is-sehem ta' tfal ta' inqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal kien ta' 36.9 % f'Ċipru fl-2023, (vs is-37.5 % tal-UE), wara żieda sostanzjali mis-sena preċedenti, prestazzjoni kumplessiva "aħjar mill-medja".




*Sors*: il-Eurostat [isoc_dskl_i21], l-Istħarriġ dwar l-

**B'mod kumplessiv, is-suq tax-xogħol Ċiprijott qed ikollu prestazzjoni tajba iżda xi gruppi tal-popolazzjoni għadhom qed jiffaċċjaw sfidi.** Bis-saħħa tat-tkabbir ekonomiku relattivament b'saħħtu fl-2023, ir-rata ta' impjieg żdiedet aktar għal 79.5 % fl-2023 (vs 75.3 % fl-UE), u r-rata tal-qgħad u l-komponent fit-tul tagħha naqsu għal 5.8 % u 1.8 %, rispettivament, ("aħjar mill-medja", "aħjar mill-medja" u "mal-medja", rispettivament). Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi u dik għall-persuni b'diżabbiltà huma "aħjar mill-medja" u "mal-medja", rispettivament. Fl-istess ħin, is-sehem ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) għadu għoli, bi 13.9 % vs 11.2 % fl-UE, anki wara tnaqqis ta' 0.8 pp, f'"sitwazzjoni kritika". Fl-aħħar nett, l-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi per capita baqa' baxx, anki jekk huwa ogħla mil-livell tiegħu tal-2008, wara deterjorament żgħir mill-2021, "mal-medja".

**Is-sistema ta' protezzjoni soċjali tidher effettiva fl-appoġġ għal eżiti soċjali tajbin f'Ċipru.** Ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, b'mod kumplessiv u għat-tfal, kien ta' 16.7 % fl-2023 (vs 21.3 % b'mod kumplessiv u 24.8 % għat-tfal fl-UE), fejn il-pajjiż kellu prestazzjoni "aħjar mill-medja" fil-qafas taż-żewġ dimensjonijiet. Dan huwa relatat mill-qrib ma' livell stabbli u distribuzzjoni tal-introjtu reali fl-2022, li jirrifletti wkoll li ż-żidiet fil-prezzijiet inizjalment kienu baxxi fl-2022. Dan qed jirrifletti wkoll, fost l-oħrajn, l-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar, li huwa "mal-medja" (30.5 %vs 34.7 % fl-UE) u l-piż eċċessiv tal-kost baxx tal-akkomodazzjoni, li għalih Ċipru huwa "bl-aħjar prestazzjoni". Fil-livell ta' 0.1 %, il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika huma fost l-aktar baxxi fl-UE u "aħjar mill-medja".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari ħames indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **Ċipru ma jidhirx li qed jiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u, b'hekk, mhux ser jeħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.4).

## Il-Latvja

**L-isfidi fil-qasam soċjali huma sinifikanti, speċjalment għall-persuni akbar fl-età.** Fil-kuntest ta' ekonomija li ċkienet, is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) baqa' f'"sitwazzjoni kritika" fl-2023, b'25.6 % (vs medja tal-UE ta' 21.3 %), minkejja tnaqqis ta' 0.4 pp mill-2022. Għat-tfal, is-sehem żdied għal 20.3 %, minn 19.8 % fl-2022, u kien "mal-medja". Min-naħa l-oħra, kien partikolarment għoli għall-persuni akbar fl-età, b'41.6 %, li huwa aktar mid-doppju tal-medja tal-UE (19.8 %). Fl-istess ħin, l-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas minn 25.0 % fl-2022 għal 23.5 % fl-2023 (vs 34.7 % fl-UE), u "għandu jiġi osservat". L-inugwaljanza fl-introjtu, kif imkejla skont il-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, kienet "kritika" b'mod persistenti matul l-aħħar 3 snin, b'wieħed mill-ogħla valuri, b'6.2 fl-2023 vs 4.7 fl-UE. Ir-riforma reċenti tal-introjtu minimu u ż-żieda fil-paga minima għal EUR 700 fl-2024 għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi ta' riskji għoljin ta' faqar u inugwaljanza, iżda r-riżultati għad iridu jidhru. Fl-aħħar nett, il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika jkomplu jindikaw "sitwazzjoni kritika", li taffettwa 7.8 % tal-popolazzjoni fl-2023 (vs 2.4 % fl-UE), u r-rata kważi rduppjat mill-2021.




*Sors*: l-Eurostat [ilc_peps01n], l-UE-SILC.

**Il-prestazzjoni fl-edukazzjoni u l-ħiliet tibqa' "mal-medja", iżda b'deterjoramenti.** Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment (matul l-aħħar 12-il xahar) naqset fl-2022 (34.1 % vs 39.5 % fl-UE), l-istess bħas-sehem tal-adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi minn 50.8 % fl-2021 għal 45.3 % fl-2023 (vs il-55.6 % fl-UE). Dan tal-aħħar issa "għandu jiġi osservat", għax jista' jkollu impatt negattiv fuq it-tranżizzjoni diġitali fil-Latvja. Is-sehem tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ naqas bi ftit fl-2023, għal 7.7 % (vs 9.5 % fl-UE), minkejja titjib fis-snin preċedenti. L-impatt tal-miżuri reċenti li jindirizzaw ir-riforma tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali f'dan il-qasam qed jiġi mmonitorjat.

**Is-suq tax-xogħol stabbilizza wara l-irkupru ta' wara l-pandemija.** Fl-2023, ir-rata ta' impjieg kompliet tiżdied għal 77.5 % (minn 77.0 % fl-2022), bi prestazzjoni "mal-medja" għat-tieni sena konsekuttiva. Il-Latvja tibqa' fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni" fir-rigward tad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi u hija "mal-medja" b'rabta maż-żgħażagħ NEETs. Għandha prestazzjoni "aħjar mill-medja" fid-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà, wara titjib għal 18.5 pp fl-2023 (vs 21.5 pp fl-UE), minn 20.8 pp fl-2022.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari ħames indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **Ċipru ma jidhirx li qed jiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u, b'hekk, mhux ser jeħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.4).

## Il-Litwanja



Sors: il-Eurostat [une_rt_a], l-LFS tal-UE.

**Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol fil-Litwanja marret ftit għall-agħar fl-2023, wara t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku.** Ir-rata tal-qgħad żdiedet b'0.9 pp għal 6.9 % fl-2023, u issa hija ogħla mill-medja tal-UE ta' 6.1 %; dan jirrappreżenta prestazzjoni li sejra għall-agħar f'termini relattivi għal sentejn konsekuttivi (minn "aħjar mill-medja" fl-2021 għal "mal-medja" fl-2022, u "li għandha tiġi osservata" fl-2023). Fl-istess ħin, l-influssi ta' persuni li qed jaħarbu l-gwerra fl-Ukrajna, li għalihom id-dinamika tal-impjiegi tvarja, huma riflessi wkoll f'din iż-żieda. Dan jista' jaffettwa temporanjament iċ-ċifri tas-suq tax-xogħol. Madankollu, ir-rata tal-qgħad fit-tul baqgħet "mal-medja". Is-sitwazzjoni "għandha tiġi osservata" fir-rigward tar-rata ta' impjieg; filwaqt li r-rata żdiedet fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE, din naqset għal 78.5 % fil-Litwanja fl-2023 (minn 79.0 % in 2022) minkejja li baqgħet ferm ogħla mill-medja tal-UE (75.3 % fl-2023). Barra minn hekk, ir-rata ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) żdiedet bi 2.8 pp għal 13.5 % fl-2023 (vs 11.2 % fl-UE) u wkoll "għandha tiġi osservata". Is-sitwazzjoni tal-impjieg tal-persuni b'diżabbiltà qed titjieb, kif juri t-tnaqqis fid-differenza minn 35.0 pp fl-2022 għal 32.4 pp fl-2023 (vs 21.5 pp fl-UE) iżda tibqa' "kritika" f'termini relattivi abbażi tal-indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali dwar id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà.

**Filwaqt li l-inflazzjoni rekord tal-2022 naqset fl-2023, il-Litwanja għadha qed tiffaċċa sfidi relatati mal-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni soċjali.** Għalkemm l-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar huwa "mal-medja", l-adegwatezza u l-kopertura tal-benefiċċji soċjali u tal-pensjonijiet għadhom baxxi. Is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) naqas b'0.3 pp għal 24.3 % fl-2023 (ogħla mill-medja tal-UE ta' 21.3 %), u jibqa' li "għandu jiġi osservat". Ir-rata hija fost l-ogħla fl-UE għall-persuni b'diżabbiltà, bi 42.7 %. L-inugwaljanza, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, hija fost l-ogħla fl-UE (6.3 vs 4.7), li tindika "sitwazzjoni kritika" kontinwa għat-tielet sena konsekuttiva. Min-naħa l-oħra, ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni hija "aħjar mill-medja" u s-sehem tat-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali huwa "mal-medja".

**F'kuntest ta' tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali rapidi, għad hemm sfidi fir-rigward tal-iżvilupp tal-ħiliet.** Il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim matul l-aħħar 12-il xahar kienet ferm taħt il-medja tal-UE fl-2022, b'27.4 % vs 39.5 %, u għalhekk "għandha tiġi osservata". Min-naħa l-oħra, is-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi żdied għal 52.9 % fl-2023 (minn 48.8 % fl-2022) vs 55.6 % fl-UE (issa "mal-medja"). Is-sehem ta' tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal naqas għal 19.9 % fl-2023 (minn 22.8 % fl-2022), u b'hekk kiser ix-xejra pożittiva osservata fl-2021-2022, u jibqa' li "għandu jiġi osservat". Fl-istess ħin, minkejja żieda ta' 1.6 pp, is-sehem tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, ta' 6.4 % fl-2023, kien għadu taħt il-medja tal-UE ta' 9.5 %, u għalhekk huwa "tajjeb iżda għandu jiġi mmonitorjat".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari t-tmien indikaturi mmarkati bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", inkluż wieħed li ddeterjora maż-żmien, **il-Litwanja hija identifikata bħala li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-Taqsima 1.4).

## Il-Lussemburgu



*Nota*: interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2020, l-2021, l-2022.

**Is-sitwazzjoni soċjali marret għall-agħar fil-Lussemburgu fl-2023 u għad hemm sfidi relatati mal-kostijiet tal-akkomodazzjoni.** Is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) b'mod kumplessiv (21.4 %, vs 21.3 fl-UE) u speċjalment għat-tfal (26.1 % vs 24.8 % fl-UE) irreġistra deterjorament kbir fl-2023, f'termini assoluti u relattivi. Dan jista' jiġi attribwit għal żieda fl-inflazzjoni li għandha impatt negattiv fuq il-privazzjoni materjali jew soċjali estrema kif ukoll fuq il-faqar għoli b'mod persistenti fost dawk li jaħdmu. Barra minn hekk, l-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas b'aktar minn 6 pp għal 27.4 % (vs 34.7 % fl-UE). It-tliet indikaturi "għandhom jiġu osservati". Il-kostijiet tal-akkomodazzjoni jkomplu jkunu ta' piż fuq il-baġits tal-unitajiet domestiċi: is-sehem għoli u li qed ikompli jiżdied ta' dawk li jġarrbu piż eċċessiv minħabba dawn il-kostijiet, jindika "sitwazzjoni kritika" għat-tieni sena wara waħda mill-aktar żidiet qawwija, b'rata ta' 22.7 % meta mqabbla ma' 8.8 % għall-UE. Dan huwa prinċipalment xprunat mit-tkabbir tal-popolazzjoni, fid-dawl tal-provvista limitata tal-akkomodazzjoni, u d-disparitajiet fl-introjtu għoli fil-belt tal-Lussemburgu li għandhom impatt fuq l-aċċess. Min-naħa l-oħra, il-Lussemburgu għandu wieħed mill-ogħla ishma ta' tfal ta' inqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal, b'żieda minn 54.7 % fl-2022 għal 60.0 % fl-2023 (vs 37.5 % fl-UE). Barra minn hekk, il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika huma "aħjar mill-medja".

**Xejriet reċenti jindikaw tnaqqis fil-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol.** Fl-2023, f'kuntest ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku akkumpanjat minn nuqqas persistenti ta' ħaddiema, ir-rata ta' impjieg staġnat għal 74.8 %, kemxejn taħt il-medja tal-UE. Ir-rata tal-qgħad żdiedet għal 5.2 % u issa "għandha tiġi osservata", wara li marret għall-agħar f'termini relattivi fuq sentejn konsekuttivi (minn "aħjar mill-medja" u "mal-medja" fis-sentejn preċedenti). Barra minn hekk, il-qgħad fit-tul żdied b'mod sinifikanti b'0.4 pp għal 1.7 % fl-2023, wara li qabel kien irkupra għal-livell baxx tiegħu ta' qabel il-pandemija; issa "għandu jiġi osservat" ukoll, l-istess bħad-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà (ta' 23.7 pp vs 21.5 pp fl-UE) wara żieda ta' 15.2 pp fl-2023. Fir-rigward tas-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), ir-rata żdiedet għal 8.5 % fl-2023, u saret "tajba iżda għandha tiġi mmonitorjata".

**Il-Lussemburgu għandu prestazzjoni tajba fl-edukazzjoni u l-ħiliet b'mod kumplessiv iżda qed jiffaċċa sfidi fir-rigward tal-ħiliet diġitali, li huma strumentali għat-tranżizzjoni doppja.** Il-pajjiż huwa fil-biċċa l-kbira "aħjar mill-medja" f'dan il-qasam ta' politika. B'mod partikolari, is-sehem tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ reġa' naqas fl-2023 (u laħaq is-6.8 % vs il-medja tal-UE ta' 9.5 %), u s-sehem ta' adulti li pparteċipaw fl-apprendiment matul it-12-il xahar ta' qabel laħaq il-45.2 % fl-2022 (vs 39.5 % fl-UE). Madankollu, fl-2023, is-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi (60.1 %) esperjenza deterjorament kbir filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE rreġistraw żidiet. Għalhekk, anki jekk din iċ-ċifra għadha ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 55.6 %, l-indikatur issa huwa "għandu jiġi osservat".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari t-tmien indikaturi mmarkati bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", inkluż wieħed li ddeterjora maż-żmien, **il-Lussemburgu huwa identifikat bħala li qed jiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-Taqsima 1.4).

## L-Ungerija




*Nota:* l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal huwa kkalkulat bl-użu tar-rati tal-AROP ta' qabel it-trasferiment u ta' wara t-trasferiment. Interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2022.

**Il-faqar u l-esklużjoni soċjali żdiedu, speċjalment fost it-tfal.** Fl-2023, filwaqt li qrib il-medja tal-UE, iż-żewġ rati marru għall-agħar (b'1.3 pp għal 19.7 % u b'6.3 pp għal 24.4 % rispettivament) biex issa qegħdin li "għandhom jiġu osservati". Il-faqar monetarju (AROP) tat-tfal żdied sostanzjalment u r-rati ta' privazzjoni materjali u soċjali estrema kienu fost l-ogħla fl-UE (10.4 % b'mod kumplessiv, 15.1 % għat-tfal u 17.9 % għall-persuni b'diżabbiltà, vs 6.8 %, 8.4 % u 11.0 % fl-UE). Wara żieda ta' 12 % fl-2023, l-inugwaljanza fl-introjtu wkoll "għandha tiġi osservata", anki jekk xorta għadha kemxejn taħt il-medja tal-UE (4.5 vs 4.7). L-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar tjieb minn "għal osservazzjoni" għal "bħala medja" fl-2023 (34.5 %) minkejja tnaqqis relattivament kbir, bi tnaqqis kbir għat-tfal peress li l-benefiċċji soċjali bħall-introjtu minimu u l-benefiċċji tal-familja ma nbidlux nominalment iżda l-prezzijiet u l-pagi nominali żdiedu b'rata mgħaġġla f'dawn l-aħħar snin.

**L-Ungerija qed tiffaċċa sfidi fil-biċċa l-kbira tas-setturi tal-edukazzjoni filwaqt li għandha prestazzjoni ogħla mill-medja fl-apprendiment għall-adulti.** Ir-rata tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ baqgħet għolja u f'"sitwazzjoni kritika" minkejja tnaqqis minn 12.4 % fl-2022 għal 11.6 % fl-2023. Għar-Rom, din ir-rata kienet sitt darbiet ogħla bħala riżultat ta' kwistjonijiet sistemiċi, li jindikaw sfidi sinifikanti fl-għoti tal-aċċess għal edukazzjoni u ħiliet xierqa għas-suq tax-xogħol. Il-ħiliet bażiċi tal-istudenti għadhom baxxi b'impatt sinifikanti tal-kuntest soċjoekonomiku.[308] Min-naħa l-oħra, wara l-isforzi tas-snin li għaddew biex jiżdiedu l-kapaċitajiet tal-indukrar tat-tfal, il-parteċipazzjoni tat-tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal żdiedet minn 12.9 % fl-2022 għal 20.3 % fl-2023, u issa hija "dgħajfa iżda qed titjieb". L-Ungerija kellha prestazzjoni "aħjar mill-medja" fir-rigward tal-ħiliet diġitali u kienet "bl-aħjar prestazzjoni" fl-apprendiment għall-adulti fl-2023 (58.9 % u 62.2 %, rispettivament, vs 55.6 % u 39.5 % fl-UE). Madankollu, ir-rati għall-persuni b'livell baxx ta' ħiliet, għall-persuni qiegħda u għal dawk li għandhom 'il fuq minn 55 sena huma aktar baxxi mir-rati għall-popolazzjoni totali.

308 FRA, Fundamental Rights Report 2023 u OECD, PISA 2022.

**Is-suq tax-xogħol Ungeriż ikompli sejjer tajjeb b'mod kumplessiv; madankollu, il-qgħad fit-tul żdied ftit u l-eżiti għal xi gruppi vulnerabbli għadhom lura.** Ir-rati ta' impjiegi u tal-qgħad komplew ikunu "aħjar mill-medja" fl-2023 u l-Ungerija tibqa' fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni" għall-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi per capita. Il-qgħad fit-tul għadu aktar baxx mill-medja tal-UE, u żdied bi ftit fl-2023, fl-isfond ta' xejra ta' tnaqqis fl-UE, li "għandha tiġi osservata". Il-gruppi vulnerabbli għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti fis-suq tax-xogħol. Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà naqset bi 2.8 pp fl-2023 u issa "għandha tiġi osservata" minħabba l-livell għoli b'mod persistenti tagħha (29.6 pp vs 21.5 pp fl-UE). Ir-rati ta' impjieg (tal-persuni fl-età ta' bejn 15 u 64 sena) għall-persuni b'livell baxx ta' ħiliet (38.7 %) u r-Rom (47.3 %) kienu ferm taħt il-medja Ungeriża (74.4 %) fl-2022.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari s-sitt indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **l-Ungerija hija identifikata bħala li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.4).

# Malta

**Is-sitwazzjoni soċjali f'Malta qed turi sfidi dejjem akbar.** Fil-kuntest ta' tkabbir ekonomiku sod, ir-riskji tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, kemm b'mod kumplessiv kif ukoll għat-tfal, huma "mal-medja" (19.8 %  u 25.2 %, rispettivament, vs 21.3 % u 24.8 % fl-UE). Madankollu, tliet indikaturi soċjali huma mmarkati bħala li "għandhom jiġu osservati". L-inugwaljanza fl-introjtu, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, żdiedet minn 4.8 fl-2022 għal 5.3 fl-2023 (vs dik tal-UE ta' 4.7). L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar huwa baxx b'mod persistenti, b'25.6 % fl-2023, ferm taħt il-medja tal-UE ta' 34.7 %, u qed jonqos matul is-snin. Fl-aħħar nett, ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni żdiedet sostanzjalment, għal 6,0 % fl-2023 minn 2.9 % fl-2022, filwaqt li baqgħet taħt il-medja tal-UE. Min-naħa l-oħra, il-ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika ġew irrapportati minn 0.1 % biss tal-popolazzjoni (vs 2.4 % fl-UE), li jindika prestazzjoni "aħjar mill-medja".




*Nota*: interruzzjoni fis-serje kronoloġika għall-impatt tat-trasferimenti soċjali fl-2022 (linji mhux konnessi).
*Sors*: il-Eurostat [tespm050], [tessi180], l-UE-SILC.

**It-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ għadu 'il fuq mill-medja tal-UE, filwaqt li l-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment tul il-ħajja żdiedet.** Minkejja tnaqqis żgħir ieħor, is-sehem tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, ta' 10.2 % fl-2023 vs 9.5 % fl-UE, jibqa' li "għandu jiġi osservat". Barra minn hekk, madwar terz tal-istudenti Maltin ma għandhomx ħiliet bażiċi fil-matematika (32.6 %) u fil-qari (36.3 %), rati ferm ogħla mill-medji tal-UE. Madankollu, is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) kien ta' 7.6 % fl-2023 (11.2 % fl-UE). Is-sehem ta' tfal ta' inqas minn 3 snin fl-indukrar formali tat-tfal kien pjuttost għoli b'51.0 % fl-2023 (37.5 % fl-UE). Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment f'dawn l-aħħar 12-il xahar żdiedet minn 32.8 % fl-2016 għal 39.9 % fl-2022. F'dawn it-tliet aspetti, Malta għandha prestazzjoni "aħjar mill-medja". Fost l-adulti, 63.0 % kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi (vs 55.6 % fl-UE, "mal-medja"), għalkemm għad hemm differenzi kbar bejn il-livelli tal-ħiliet.

**Is-suq tax-xogħol għandu prestazzjoni kumplessiva qawwija, iżda għad hemm sfidi fir-rigward tad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi.** Ir-rata ta' impjieg f'Malta kienet fost l-ogħla fl-UE fl-2023, b'81.3 %, u r-rata tal-qgħad kienet f'livell storikament baxx ta' 3.5 % ("aħjar mill-medja" u "bl-aħjar prestazzjoni" rispettivament). Barra minn hekk, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà ċkienet minn 30.1 pp fl-2022 għal 25.8 pp fl-2023 (vs 21.5 pp fl-UE), u issa hija "aħjar mill-medja". Filwaqt li r-rati ta' impjieg żdiedu kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi kibret għal 14.1 pp fl-2023, u dan jindika "sitwazzjoni kritika". Dan jaqbeż b'mod sinifikanti l-medja tal-UE (10.2 pp) u jirrappreżenta wieħed mill-akbar deterjoramenti mill-2022.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari t-tliet indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **Malta ma tidhirx li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux ser tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.4).

## In-Netherlands




*Sors*: l-Eurostat [lfsi_emp_a], [une_rt_a], l-LFS tal-UE.

**L-ekonomija Netherlandiża qed ikompli jkollha prestazzjoni relattivament tajba fir-rigward tal-indikaturi kollha tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali relatati mas-suq tax-xogħol.** Minkejja tnaqqis sinifikanti fir-ritmu ekonomiku fl-2023, is-suq tax-xogħol baqa' ristrett. Ir-rata ta' impjieg fin-Netherlands żdiedet għal 83.5 % fl-2023 ("bl-aħjar prestazzjoni"), ferm ogħla mill-medja tal-UE (75.3 %), u l-qgħad għadu baxx minkejja żieda żgħira fl-2023 (għal 3.6 %, "aħjar mill-medja"). Is-sehem ta' żgħażagħ barra mill-impjieg, edukazzjoni u taħriġ jibqa' fost l-aktar ishma baxxi fl-UE, minkejja li żdied aktar fl-2023 (b'0.5 pp għal 4.7 %), u b'hekk il-pajjiż sar wieħed "bl-aħjar prestazzjoni". Madankollu, ir-riskju ta' suq tax-xogħol segmentat ħafna jibqa' wieħed mill-akbar sfidi strutturali fin-Netherlands. Filwaqt li d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi hija "mal-medja" (7.8 pp vs 10.2 pp fl-UE fl-2023), l-impjieg part-time huwa komuni ħafna, b'mod partikolari għan-nisa. Dan jirriżulta f'waħda mill-akbar differenzi bejn il-ġeneri fl-impjieg part-time fl-UE (41.8 pp fl-isfond ta' medja tal-UE ta' 20.2 pp fl-2023) u differenza sostanzjali bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet (39.9 % vs 25.3 % fl-UE fl-2023). Fl-aħħar nett, it-tkabbir tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi per capita ma laħħaqx mal-medja tal-UE (109.4 u 111.1 rispettivament) u jibqa' bl-istatus ta' "għandu jiġi osservat".

**B'mod kumplessiv, in-Netherlands ikomplu juru prestazzjoni b'saħħitha fir-rigward tal-formazzjoni tal-ħiliet.** Minkejja żieda żgħira meta mqabbla mas-sena preċedenti (0.6 pp), ir-rata tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għadha "aħjar mill-medja" (6.2 % fl-2023). Fl-2023, 82.7 % tal-popolazzjoni adulta kellha mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, li hija fost l-ogħla ishma fl-UE ("bl-aħjar prestazzjoni"). Madankollu, skont ir-riżultati tal-PISA tal-2022, il-ħiliet bażiċi ġenerali tal-istudenti ddeterjoraw, u dan joħloq riskju għall-iżvilupp tal-ħiliet u għall-kompetittività. Filwaqt li fl-2012 is-sehem ta' studenti bi progress insuffiċjenti kien ferm taħt il-medja tal-UE fl-oqsma kollha, sal-2022 kien kważi rdoppja fil-matematika u x-xjenza, u kien 2.5 darbiet ogħla fil-qari. Mill-2018, il-progress insuffiċjenti żdied, speċjalment fost l-istudenti żvantaġġati. Is-sensibilizzazzjoni effettiva għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ta' dawk f'sitwazzjoni mhux favorevoli tas-suq tax-xogħol (bħall-persuni b'livell baxx ta' ħiliet, il-persuni b'kuntratti flessibbli jew temporanji, il-persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni u l-persuni b'diżabbiltà) għadu importanti. B'mod partikolari, bħala konsegwenza tal-implimentazzjoni deċentralizzata tagħha, il-gruppi vulnerabbli mhux dejjem ikunu jistgħu jiġu appoġġati b'mod ugwali jew adegwat.

**Is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fin-Netherlands għadu relattivament stabbli u ferm taħt il-medja tal-UE.** L-isfidi għadhom jippersistu għal gruppi speċifiċi, bħall-persuni b'diżabbiltà jew il-persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni, speċjalment it-tfal. Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni żdiedet minn 8.3 % fl-2020 għal 9.3 % fl-2023 (vs 8.8 % fl-UE, "mal-medja"). Il-persuni fir-riskju tal-faqar huma affettwati b'mod partikolari, b'rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni ta' 34.5 % (vs 33.5 % fl-UE).

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari indikatur wieħed immarkat bħal "kritiku", **ma jidhirx li n-Netherlands qed jiffaċċjaw riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se jkunu jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-Taqsima 1.4).

## L-Awstrija

**Fl-2023, l-irkupru tas-suq tax-xogħol wera xi sinjali ta' tnaqqis fir-ritmu.** Wara żieda sinifikanti fis-sena preċedenti, ir-rata ta' impjieg naqset bi ftit għal 77.2 % fl-2023, fil-kuntest ta' ekonomija li qed tiċkien akkumpanjata minn nuqqas mifrux ta' ħaddiema kif ukoll spariġġi, u issa "għandha tiġi osservata". Ir-rata tal-qgħad żdiedet b'mod moderat għal 5.1 % fl-2023 u għandha prestazzjoni "mal-medja" (minn "aħjar mill-medja" fis-sena ta' qabel). Min-naħa l-oħra, ir-rata tal-qgħad fit-tul kompliet tonqos u tibqa' "aħjar mill-medja". Barra minn hekk, minkejja li d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi baqgħet "mal-medja" (7.8 pp fl-2023), l-Awstrija rreġistrat waħda mill-ogħla rati ta' impjieg part-time għan-nisa (61.4 %) u l-aktar differenza wiesgħa bejn il-ġeneri (38.6 pp) f'dan ir-rigward. Meta jitqies l-impjieg ekwivalenti għal full-time, dan iwassal għal differenza konsiderevolment usa' bejn il-ġeneri fl-impjiegi ta' 19 pps. Is-sehem tat-tfal taħt it-tliet snin fil-kura formali tat-tfal tjieb biss bi ftit naqas b'1.1 pps f'sena, livell xorta waħda baxx ta' 24.1 % fl-2023 (vs 37.5 % fl-UE) u għalhekk jibqa' "għandu jiġi osservat". Din ir-rata baxxa u l-provvista limitata ta' kura tat-tfal affordabbli u ta' kwalità għolja jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għar-rata għolja ta' xogħol part-time għan-nisa. Fl-aħħar nett, l-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI) per capita kien taħt il-livell tiegħu tal-2008 (98.5 % fl-2023), minkejja li ilu jirkupra b'mod kostanti mill-kriżi tal-COVID, u jirrappreżenta "sitwazzjoni kritika".




*Nota:* interruzzjoni fis-serje kronoloġika għar-rata tan-NEET fl-2021.
*Sors*: l-Eurostat, [fsi_emp_a], [une_rt_a], [une_ltu_a], [edat_lfse_20], l-LFS tal-UE.

**Fil-qasam tal-ħiliet, l-Awstrija qed tkompli turi prestazzjoni tajba, iżda għad hemm xi sfidi.** Is-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi huwa għoli (64.7 % fl-2023) u "aħjar mill-medja". Għalkemm naqas bi 3.1 pp mill-2016, is-sehem ta' dawk li jipparteċipaw fl-apprendiment kien ferm ogħla mill-medja tal-UE fl-2022 (52.2 % vs 39.5 %, "aħjar mill-medja"). It-tisħiħ tal-akkwiżizzjoni tal-ħiliet tal-adulti, inkluż fil-qasam diġitali u ekoloġiku, jidher li hu importanti biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u jiġu indirizzati n-nuqqasijiet. Is-sehem ta' persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ kien "mal-medja" bi 8.6 % fl-2023. Fl-istess ħin, 30.5 % biss tal-persuni qiegħda (fl-età ta' bejn 15 u 64 sena) kellhom biss edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell, u dan jagħmilhom partikolarment vulnerabbli. It-titjib tal-ħiliet bażiċi għal kulħadd jista' jisfrutta l-potenzjal tagħhom u jtejjeb l-eżiti tal-impjiegi.

**L-Awstrija għandha prestazzjoni relattivament tajba fil-qasam tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali.** Filwaqt li s-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) huwa "aħjar mill-medja", b'rata ta' 17.7 % fl-2023, ir-rata tal-AROPE għat-tfal naqset għal 22.7 % ("mal-medja"). B'mod partikolari, il-privazzjoni materjali u soċjali estrema żdiedet (b'1.2 pp) fl-2023, għalkemm baqgħet ferm taħt il-medja tal-UE. Min-naħa tagħha, ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni naqset u issa hija "aħjar mill-medja". Barra minn hekk, l-impatt qawwi tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar (39.2 % fl-2023 vs 34.7 % fl-UE) u l-livell baxx ta' ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika jkomplu juru sitwazzjoni li hija "aħjar mill-medja".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari indikatur wieħed li jidher bħala "kritiku" jew li "għandu jiġi osservat", l-Awstrija **ma tidhirx li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux ser tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.4).

## Il-Polonja

**Is-suq tax-xogħol huwa b'saħħtu, iżda n-nisa u l-persuni b'diżabbiltà għadhom qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti.** Fl-2023, ir-rata ta' impjieg kienet l-ogħla fi tliet deċennji (77.9 % vs 75.3 % fl-UE, "aħjar mill-medja"). Barra minn hekk, il-Polonja għandha waħda mill-aktar rati baxxi tal-qgħad, bi 2.8 %, li jagħmilha fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni" fl-UE. Madankollu, in-nuqqas ta' ħaddiema għadu prominenti, anki minħabba t-tnaqqis fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u l-parteċipazzjoni aktar baxxa tal-forza tax-xogħol fost ċerti gruppi tal-popolazzjoni. Fl-2023, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi rreġistrat tnaqqis ogħla mill-medja iżda għad "trid tiġi osservata", bi 11.8 pp vs 10.2 pp fl-UE. Ir-rata tal-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol hija relattivament baxxa peress li n-nisa għandhom it-tendenza li jkollhom aktar responsabbiltajiet ta' kura għat-tfal u għall-persuni li jeħtieġu kura fit-tul. Is-sehem ta' tfal ta' inqas minn 3 snin li jipparteċipaw fl-indukrar formali tat-tfal iddeterjora b'mod sinifikanti fl-2023, għal 12.6 % (minn 15.9 % fl-2022) u jibqa' ferm taħt il-medja tal-UE (37.5 %), li jirrappreżenta wkoll "sitwazzjoni kritika". Din ir-rata baxxa flimkien mal-isfidi ta' kwalità tista' tħalli impatt fuq il-prospetti tal-apprendiment fit-tul tat-tfal u l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. B'żieda ta' 2.6 pp għal 33.9 pp fl-2023, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà kienet fost l-aktar wiesgħa fl-UE (UE 21.5 pp) u tindika "sitwazzjoni kritika"[309].

[309] Affidabbiltà baxxa hija mmarkata għall-indikatur tad-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà fl-2023.

**Il-Polonja turi xi żviluppi tajbin fir-rigward taż-żgħażagħ, iżda l-ħiliet bażiċi, il-livelli tal-ħiliet diġitali u l-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment għadhom baxxi ħafna.** F'livell ta' 20.3 % fl-2022, is-sehem tal-adulti li pparteċipaw fl-apprendiment (matul it-12-il xahar ta' qabel) kien ferm taħt il-medja tal-UE ta' 39.5 %, u jirrappreżenta "sitwazzjoni kritika". Dan jirriżulta prinċipalment minn parteċipazzjoni baxxa fl-edukazzjoni mhux formali. Barra minn hekk, minkejja żieda ta' 1.4 pp, is-sehem ta' dawk b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi (44.3 %) baqa' ferm taħt il-medja tal-UE fl-2023 (55.6 %) u huwa wkoll "sitwazzjoni kritika". It-tisħiħ tal-akkwist tal-ħiliet diġitali jista' jappoġġa t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Fl-istħarriġ tal-PISA tal-OECD tal-2022, is-sehem ta' studenti ta' 15-il sena li ma laħqux livelli minimi fil-ħiliet bażiċi żdied għal 23 % fil-matematika, 22.2 % fil-qari u 18.6 % fix-xjenza, fost l-ogħla żidiet fl-UE meta mqabbla mal-2018. Min-naħa l-oħra, il-Polonja hija "bl-aħjar prestazzjoni" fir-rigward tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ (3.7 % vs 9.5 % fl-UE fl-2023).



*Sors*: il-Eurostat [eq_dskl07], l-Istħarriġ dwar l-ICT tal-ESS.

**Is-sitwazzjoni soċjali hija relattivament stabbli fil-Polonja.** Fl-2023, ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (16.3 % b'mod kumplessiv, u 16.9 % għat-tfal) u l-inugwaljanza fl-introjtu (proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu ta' 4.1) baqgħu "aħjar mill-medja" (meta mqabbla ma' 21.3 %, 24.8 % u 4.7, rispettivament, fl-UE). B'mod partikolari, is-sehem ta' tfal li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg huwa notevolment aktar baxx mill-medja tal-UE (3.1 % vs 7.5 %).

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari ħames indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **Ċipru ma jidhirx li qed jiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u, b'hekk, mhux ser jeħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.4).

## Il-Portugall




*Nota:* Interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2022.
*Sors*: il-Eurostat [tespm050], l-UE-SILC.

**L-effettività tas-sistema Portugiża tal-protezzjoni soċjali biex jittaffew ir-riskji tal-faqar u jitnaqqsu l-inugwaljanzi fl-introjtu ddeterjorat.** Fl-2023, l-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas bi 3.9 pp u b'rata ta' 19.8 % (vs 34.7 % fl-UE), jindika "sitwazzjoni kritika". It-tnaqqis fl-effettività tal-benefiċċji soċjali jirrifletti l-fatt li filwaqt li l-prezzijiet u l-pagi nominali żdiedu b'mod mgħaġġel f'dawn l-aħħar snin, il-benefiċċji soċjali ma żdidux bl-istess pass. Barra minn hekk, anki l-inugwaljanza, kif imkejla skont il-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, iddeterjorat fl-2023, għal 5.6 (vs 4.7 fl-UE, "għandha tiġi osservata"). Fl-istess ħin, is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) baqa' stabbli fl-2023, b'20.1 %, u huwa "mal-medja". Madankollu, mill-2022 ir-rata tal-AROPE żdiedet b'1.9 pp (għal 22.6 %) għat-tfal ("mal-medja"), u din hija waħda mill-aktar deterjoramenti severi fl-UE. Is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali huwa wkoll partikolarment għoli fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Azores u Madeira (31.4 % u 28.1 % rispettivament). Il-valuri tal-indikaturi marru għall-agħar fiż-Żona Metropolitana ta' Liżbona u fir-reġjun Awtonomu tal-Azores (bi 3.8 pp u 1.1 pp rispettivament), li jindikaw sfidi persistenti fil-koeżjoni reġjonali.

**Filwaqt li l-Portugall għandu prestazzjoni medja fil-qasam tal-ħiliet, iż-żieda fit-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ toħloq sfidi.** Is-sehem tal-persuni li jitilqu kmieni żdied minn 6.3 % fl-2022 għal 8.1 % fl-2023, u issa "għandu jiġi osservat", wara li ddeterjora minn "aħjar mill-medja" fis-sentejn preċedenti, u b'hekk reġġa' lura t-titjib tal-passat. Madankollu, hemm disparitajiet reġjonali sinifikanti, b'rati ħafna ogħla pereżempju għar-reġjun ta' Algarve (16 %) u b'mod partikolari r-reġjun Awtonomu tal-Azores (21.7 %). Il-ħiliet bażiċi tal-istudenti ddeterjoraw b'mod sinifikanti mill-2018 'l hawn. Il-pajjiż għandu prestazzjoni "mal-medja" għas-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi u għal dak ta' adulti li jipparteċipaw fl-apprendiment (fit-12-il xahar preċedenti). Madankollu, dan tal-aħħar naqas minn 38.0 % fl-2016 għal 33.4 % fl-2022, minkejja l-ħtieġa għal titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid anki fid-dawl tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.

**Is-suq tax-xogħol Portugiż għadu reżiljenti.** F'kuntest tat-tkabbir ekonomiku ogħla mill-medja tal-UE, ir-rata ta' impjieg tjiebet minn 77.1 % fl-2022 għal 78.0 % fl-2023, bl-appoġġ ta' migrazzjoni netta, u tibqa' "mal-medja". Għall-kuntrarju, ir-rata tal-qgħad żdiedet b'0.3 pp fl-2023, għal 6.5 % ("mal-medja"). Ir-rata tal-qgħad fit-tul ilha titjieb mill-2021, għalkemm għadha ogħla mill-medja tal-UE fl-2023 (2.5 % vs 2.1 %). Barra minn hekk, il-Portugall ikompli jkollu prestazzjoni "aħjar mill-medja" fir-rigward tas-sehem ta' żgħażagħ barra mill-impjieg, edukazzjoni u taħriġ (NEET), ħlief fir-reġjun Awtonomu tal-Azores, anki fejn tidħol id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, u huwa fost dawk "bl-aħjar prestazzjoni" fir-rigward tad-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà. Min-naħa l-oħra, is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, kif riflessa minn ishma għoljin ta' żgħażagħ b'kuntratti temporanji (42.9 % vs 34.3 % fl-UE fl-2023), għadha tippersisti.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari t-tliet indikaturi li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **il-Portugall ma jidhirx li qed jiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u, b'hekk, mhux ser ikun jeħtieġ aktar analiżi fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.4).

## Ir-Rumanija

**Minkejja xi progress, ir-riskji tal-faqar fir-Rumanija għadhom għoljin, speċjalment għall-gruppi vulnerabbli u fiż-żoni rurali.** Is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) naqas b'mod kostanti mill-2016, minn 46,0 % għal 34.4 % fl-2022 u 32.0 % fl-2023 (vs 21.3 % fl-UE), li huwa sinjal ta' "rkupru", minkejja li l-inflazzjoni baqgħet għolja f'dawn l-aħħar snin. Ir-rata tal-AROPE għat-tfal, ta' 39.0 %, naqset ukoll fl-2023 (minn 41.5 % fl-2022), filwaqt li baqgħet waħda mill-ogħla (24.8 % fl-UE). Dan jindika sitwazzjoni "dgħajfa iżda li qed titjieb" għaż-żewġ indikaturi din is-sena meta mqabbla ma' "sitwazzjoni kritika" s-sena l-oħra. Is-sistema tal-protezzjoni soċjali tkompli turi effettività baxxa fit-tnaqqis tal-faqar, peress li t-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) inaqqsuh biss bi 15.6 % (vs 34.7 % fl-UE), li huwa "kritiku". Filwaqt li l-inugwaljanza fl-introjtu (kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu) naqset bi ftit fl-2023 (minn 6,0 għal 5.8), din għadha fost l-ogħla fl-UE u tikkostitwixxi wkoll "sitwazzjoni kritika". Il-ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika żdiedu (5.2 % fl-2023 vs 4.9 % fl-2022) f'konformità max-xejra osservata fl-UE u jibqgħu li "għandhom jiġu osservati". Il-gruppi vulnerabbli, il-persuni li jgħixu f'żoni rurali, u l-komunitajiet emarġinati bħar-Rom jiffaċċjaw diffikultajiet akbar biex jaċċessaw servizzi essenzjali u soċjali.

Persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ skont il-grad tal-urbanizzazzjoni (%)




**Is-suq tax-xogħol qed jitjieb, iżda għadu qed jiffaċċa sfidi sostanzjali.** Fl-2023, ir-rata ta' impjieg kienet għadha ferm taħt il-medja tal-UE (68.7 % vs 75.3 %) u tjiebet biss marġinalment mill-2022 (68.5 %) minkejja t-tkabbir ekonomiku ogħla mill-medja tal-UE. Din hija "sitwazzjoni kritika", li parzjalment tirrifletti s-sottorappreżentanza ta' xi gruppi tal-popolazzjoni, inklużi n-nisa u r-Rom. Ir-rata tal-qgħad fit-tul kienet stabbli ("mal-medja" ta' 2.2 %), meta mqabbla ma' xejra tal-UE li qed titjieb. Fl-istess ħin, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi żdiedet b'0.5 pp għal 19.1 pp fl-2023, li hija waħda mill-akbar fl-UE, u f'"sitwazzjoni kritika" wkoll. Dan kien ukoll il-każ għas-sehem ta' żgħażagħ barra mill-impjieg, edukazzjoni u taħriġ (NEET), li naqas b'0.5 pp għal 19.3 % fl-2023, iżda xorta għadu wieħed mill-ogħla fl-UE. Filwaqt li d-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà naqset bi 2.8 pp fl-2023, għadha kbira u "għandha tiġi osservata".

*Nota:* interruzzjoni fis-serje kronoloġika ta' RO fl-2021.

**L-isfidi persistenti fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet ipoġġu f'riskju l-konverġenza soċjoekonomika sostenibbli.** Il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim hija "dgħajfa iżda qed titjieb" (bi 19.1 % vs 39.5 % fl-UE fl-2022). Madankollu, oqsma oħra ta' żvilupp tal-ħiliet juru "sitwazzjonijiet kritiċi" b'mod persistenti. Dan jgħodd għas-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi (b'27.7 % fl-2023 vs 55.6 % fl-UE). Barra minn hekk, is-sehem tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ huwa wkoll wieħed mill-ogħla (16.6 % vs 9.5 % fl-UE fl-2023), wara li kompla jmur għall-agħar fl-isfond ta' xejra tal-UE li qed tonqos, u għalhekk jinsab f'"sitwazzjoni kritika", kif inhu wkoll il-każ għas-sehem ta' tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal, li għadu baxx ħafna (12.3 % vs 37.5 % fl-UE). Dawn ix-xejriet, flimkien mal-livelli baxxi ta' ħiliet bażiċi mir-riżultati tal-PISA tal-2022, jenfasizzaw li hemm lok għat-tisħiħ tal-edukazzjoni u t-taħriġ f'termini tal-kwalità, l-aċċessibbiltà u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol.

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari l-10-il indikatur li jidhru bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **ir-Rumanija hija identifikata bħala li qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jeħtieġu analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-taqsima 1.4).

## Is-Slovenja

**Is-Slovenja tesperjenza sfidi relatati mas-sistema tagħha tal-edukazzjoni u t-taħriġ.** Fl-2022, 26.5 % biss tal-adulti kollha pparteċipaw fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Dan huwa ferm taħt il-medja tal-UE ta' 39.5 % u jirrappreżenta tnaqqis ta' 13.8 pp meta mqabbel mal-2016, u għalhekk "għandu jiġi osservat". Barra minn hekk, 46.7 % biss tal-adulti kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi fl-2023, ferm taħt il-medja tal-UE (55.6 %), u dan jirrifletti tnaqqis ta' 3.0 pp meta mqabbel mal-2021. Din is-sitwazzjoni "għandha tiġi osservata", speċjalment fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Is-sehem tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ kompla jiżdied b'1.4 pp għal 5.4 % fl-2023, u jibqa' "tajjeb iżda għandu jiġi mmonitorjat", għalkemm is-Slovenja għad għandha wieħed mill-aktar ishma baxxi fl-UE[310]. Min-naħa tiegħu, is-sehem taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) naqas b'0.6 pp għal 7.8 % fl-2023, li huwa "aħjar mill-medja".




*Sors*: il-Eurostat [isoc_sk_dskl_i21], l-Istħarriġ dwar l-ICT tal-ESS.

**F'kuntest ta' tkabbir ekonomiku kontinwu, is-suq tax-xogħol tas-Slovenja għandu prestazzjoni tajba b'mod kumplessiv, għalkemm ir-rata ta' impjieg naqset fl-2023.** Ir-rati tal-qgħad u tal-qgħad fit-tul komplew ix-xejra' l isfel tagħhom fl-2023 u kienu ta' 3.7 % ("aħjar mill-medja") u 1.4 % ("mal-medja") rispettivament. Ir-rata ta' impjieg, ta' 77.5 %, hija ogħla mill-medja tal-UE ta' 75.3 % iżda rreġistrat tnaqqis żgħir (0.4 pp) minkejja żieda fl-impjiegi totali ta' 1.6 % fl-istess ħin. Fil-kuntest ta' żidiet fir-rati ta' impjieg fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, dan jindika sitwazzjoni li "għandha tiġi osservata". Madankollu, hemm ir-riskju li fatturi strutturali bħat-tixjiħ mgħaġġel tal-popolazzjoni u l-ispariġġi fil-ħiliet jaggravaw in-nuqqas ta' ħaddiema diġà eżistenti.

310 Hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2023 għall-indikatur tal-persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ.

**B'mod ġenerali, is-Slovenja għandha sistema ta' protezzjoni soċjali li tiffunzjona tajjeb.** Bħal fis-snin preċedenti, l-ishma tal-popolazzjoni u b'mod partikolari tat-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali kienu wħud mill-aktar baxxi fl-2023, bi 13.7 % u 10.7 % rispettivament (it-tnejn "bl-aħjar prestazzjoni"), anki fid-dawl ta' miżuri ta' appoġġ immirati sew li jgħinu lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli jtaffu l-impatti tal-inflazzjoni tal-prezzijiet tal-enerġija. Madankollu, xi gruppi vulnerabbli, speċjalment dawk b'livell baxx ta' edukazzjoni, il-persuni qiegħda u n-nisa anzjani, għadhom jesperjenzaw riskji ta' faqar ħafna ogħla, u dan jiġġustifika sforzi ta' politika ulterjuri mmirati lejn dawn il-gruppi. L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar issa huwa "mal-medja" ta' 35.5 %, iżda xorta hu inqas effettiv għall-anzjani (minn 65 sena 'l fuq). L-inugwaljanza fl-introjtu, ta' 3.3, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, baqgħet waħda mill-aktar baxxi fl-UE fl-2023 ("bl-aħjar prestazzjoni").

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari t-tliet indikaturi mmarkati bħala "kritiċi", **ma jidhirx li s-Slovenja qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u, b'hekk, mhux se tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-Taqsima 1.4).

## Is-Slovakkja

**Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal hija baxxa ħafna u jista' jiġi osservat deterjorament fil-ħiliet diġitali, filwaqt li b'mod kumplessiv il-pajjiż għandu prestazzjoni tajba fl-apprendiment għall-adulti.** Fl-2023, is-Slovakkja kellha waħda mill-aktar rati baxxi ta' parteċipazzjoni ta' tfal taħt it-3 snin fl-indukrar formali tat-tfal (b'1.0 %, u distakk relattiv għar-rata ta' parteċipazzjoni tal-UE ta' 37.5 %), u għalhekk din tibqa' "sitwazzjoni kritika". Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal ta' aktar minn 3 snin tibqa' wkoll waħda mill-aktar baxxi (78.6 % vs 93.1 % fl-UE fl-2022), b'sehem ta' 33 % biss fost it-tfal Rom fl-2021 (għalkemm tjiebet minn 27 % fl-2016). Barra minn hekk, terz tal-persuni ta' 15-il sena ma għandhomx ħiliet bażiċi fil-matematika u l-qari. Is-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi naqas minn 55.2 % fl-2021 għal 51.3 % fl-2023, u "għandu jiġi mmonitorjat". Madankollu, it-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ u l-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti (matul it-12-il xahar preċedenti) fis-Slovakkja huwa "aħjar mill-medja".

**Is-suq tax-xogħol fis-Slovakkja għandu prestazzjoni tajba b'mod ġenerali, iżda l-qgħad fit-tul huwa sfida persistenti.** Fl-2023, ir-rata ta' impjieg laħqet livell rekord ta' 77.5 %, u r-rata tal-qgħad kienet f'livell rekord baxx ta' 5.8 % (il-medji tal-UE huma 75.3 % u 6.1 % rispettivament). Is-sehem ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) kompla jitjieb ukoll, fejn naqas minn 12.3 % fl-2022 għal 11.2 % fl-2023 ("mal-medja"). Madankollu, ir-rata tal-qgħad fit-tul għadha f'"sitwazzjoni kritika", peress li ftit li xejn kien hemm titjib fl-2023, għal 3.8 % minn 4.1 % fl-2022, u għadha fost l-ogħla fl-UE. Id-disparitajiet reġjonali jibqgħu kbar ukoll. L-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi naqas minn 126.4 fl-2022 għal 123.2 fl-2023 u issa "għandu jiġi mmonitorjat".




*Sors*: l-Eurostat [une_ltu_a], l-LFS tal-UE.

**Is-Slovakkja għandha riskji kumplessivi baxxi ta' faqar, iżda għad hemm sfidi għal xi reġjuni u gruppi tal-popolazzjoni.** Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) hija "tajba iżda għandha tiġi mmonitorjata" bi 17.6 % (vs 21.3 % fl-UE), wara li żdiedet b'1.1 pp fl-2023, fl-isfond ta' tnaqqis f'ħafna Stati Membri oħra. Anki l-inugwaljanza fl-introjtu, kif imkejla mill-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, hi "tajba iżda għandha tiġi mmonitorjata". Ir-rata tal-AROPE għat-tfal żdiedet għal 25.3 % fl-2023 (minn 24.7 % fl-2022), u kienet "mal-medja". Fl-istess ħin, l-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar tjieb b'mod sinifikanti minn 33.8 % fl-2022 għal 36.4 % fl-2023 u issa hu "aħjar mill-medja". Madankollu, is-Slovakkja qed tiffaċċa disparitajiet reġjonali kbar, bil-parti tal-Lvant tal-pajjiż qed tesperjenza livelli aktar profondi ta' faqar u esklużjoni soċjali. Il-pajjiż għandu wkoll waħda mill-akbar popolazzjonijiet tar-Rom fl-UE, b'eluf ta' persuni jgħixu f'żoni iżolati mingħajr aċċess għas-servizzi essenzjali. Wara żieda sinifikanti minn 2.5 % għal 5.9 % fl-2023, is-sehem tal-unitajiet domestiċi li jġarrbu piż eċċessiv minħabba l-kostijiet tal-akkomodazzjoni issa huwa "tajjeb iżda għandu jiġi mmonitorjat".

Fid-dawl tas-sejbiet mill-analiżi tal-ewwel stadju ta' hawn fuq, u b'mod partikolari l-erba' indikaturi mmarkati bħala "kritiċi" jew li "għandhom jiġu osservati", **ma jidhirx li s-Slovakkja qed tiffaċċa riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq u b'hekk mhux se tkun teħtieġ analiżi ulterjuri fit-tieni stadju** (ara l-kaxxa fit-Taqsima 1.4).

## Il-Finlandja




*Sors*: l-Eurostat [lfsi_emp_a], [une_rt_a], l-LFS tal-UE

